# Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2023–2025

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Il-Qalb Diġitali ta' Schengen

**Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2023–2025**

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fil-21 ta' Diċembru 2022

**Dokument 2022–414 REV. 1**

| Agencyeulisa | @EULISAagency | euLISAagency | eu-lisa | eulisa.europa.eu |
| --- | --- | --- | --- | --- |

# Werrej


**Werrej** ...3
**Lista ta' Illustrazzjonijiet u Tabelli** ...4
**Lista ta' Akronimi** ...5
**Lista ta' Bażijiet Legali** ...7
**Daħla** ...8
**Daħla mid-Direttur Eżekuttiv Interim** ...10
**Stqarrija tal-Missjoni** ...11
**Introduzzjoni** ...14

I. kuntest ġenerali

**Kuntest ta' Politika** ...16

II. programmazzjoni pluriennali 2023–2025

**Programmazzjoni Pluriennali għall-2023–2025** ..23
**1. Programm ta' Ħidma Pluriennali** ...23
1.1. Strateġija fit-tul ...23
1.2. Objettivi, attivitajiet, proġetti/kompiti u riżorsi għall-2023–2025 ...24
1.3. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin ...34
1.4. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni ..36
**2. Riżorsi umani u finanzjarji — prospetti għas-snin 2023–2025** ...39
2.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali ...39
2.1.1. Riżorsi Umani ...39
2.1.2. Nefqa totali tal-baġit għall-2021 ...40
2.2. Prospetti għas-snin 2023–2025 ...42
2.2.1. Riżorsi Umani ...42
2.2.2. Kompiti ġodda ...44
2.2.3. Żvilupp tal-kompiti eżistenti ...44
2.3. Ipprogrammar tar-riżorsi għas-snin 2023-2025 46
2.3.1. Ippjanar tar-Riżorsi finanzjarji ...46
2.3.2. Ippjanar tar-riżorsi umani ...46
2.4. Strateġija għall-kisba ta' titjib fl-effiċjenza ...48
2.5. Prijoritajiet negattivi/tnaqqis tal-kompiti eżistenti ...49

III. Programmazzjoni annwali2023

**Programm ta' Ħidma Annwali għall-2023** ...51
**1. Sommarju Eżekuttiv** ...51
**2. Attivitajiet** ...53
2.1. Sistemi Ġodda u Innovazzjoni ...53
2.1.1. Sistemi Ġodda ...53
2.1.2. Interoperabbiltà ...56
2.2. Ġestjoni operazzjonali u Regolamenti Riformulati ...60
2.2.1. Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti ...60
2.3. Infrastruttura ...69
2.3.1. Infrastruttura tas-sistemi ewlenin tan-negozju ...69
2.4. Attivitajiet Korporattivi ...74
2.4.1. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet ...74
2.4.2. Governanza ...81
2.4.3. Appoġġ korporattiv ...86

Annessi

**Anness I. Organigramma** ...95
**Anness II. Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività għall-2023–2025** ...97
**Anness III. Riżorsi Finanzjarji għall-2023–2025** 111
**Anness IV. Riżorsi Umani – Analiżi Kwantitattiva** ...114
**Anness V. Riżorsi Umani — Analiżi Kwalitattiva** ...120
**Anness VI. Ġestjoni Ambjentali** ...129
**Anness VII. Politika dwar il-Bini** ...131
**Anness VIII. Privileġġi u Immunitajiet** ...133
**Anness IX. Evalwazzjonijiet** ...134
**Anness X. Strateġija għall-Ġestjoni Organizzazzjonali u s-Sistemi ta' Kontroll Intern** ...136
**Anness XI. Pjan għal Għotjiet, Kontribuzzjonijiet jew SLAs** ...141
**Anness XII. Strateġija għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali** ...142
**Anness XIII. Rekwiżit Addizzjonali tal-Persunal** ...143
**Anness XIV. Lista ta' Studji u Valutazzjonijiet tal-Impatt relatati mal-SPD 2023–2025** ...144

# Lista ta’ Illustrazzjonijiet u Tabelli

## Illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1. l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA (f’Diċembru 2021) ....95
Illustrazzjoni 2. Skeda ġenerali għall-implimentazzjoni tal-EMAS .... 130

## Tabelli

Tabella 1. Għanijiet strateġiċi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ....36
Tabella 2. Ħarsa ġenerali lejn il-persunal fl-2021, għal kull proposta leġiżlattiva ....39
Tabella 3. Tqassim tal-baġit emendatorju tal-2021 ....42
Tabella 4. Stimi tal-persunal għall-perjodu 2023–2025 ....47
Tabella 5. Għadd ta’ persunal skont l-unità (għal kull kategorija ta’ persunal) fil-31.12.2021 ....96
Tabella 6. Dħul .... 111
Tabella 7. Infiq .... 112
Tabella 8. Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni ta’ approprjazzjonijiet .... 113
Tabella 9. Il-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA u l-evoluzzjoni tagħha (ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal) .... 114
Tabella 10. Pjan pluriennali tal-politika tal-persunal 2023–2025 .... 117
Tabella 11. Regoli ta’ implimentazzjoni fis-seħħ .... 120
Tabella 12. Ħarsa ġenerali lejn il-miri u l-progress tar-reklutaġġ sal-31.12.2021 .... 122
Tabella 13. Regoli ta’ implimentazzjoni fis-seħħ .... 124
Tabella 14. Riklassifikazzjoni ta’ persunal temporanju/promozzjoni ta’ uffiċjali .... 124
Tabella 15. Riklassifikazzjoni tal-persunal kuntrattwali .... 125
Tabella 16. Rappreżentanza tal-ġeneri għal kull kategorija ta’ persunal (fil-31.12.2021) .... 126
Tabella 17. L-evoluzzjoni tal-ġeneru fil-livell tal-maniġment medju u superjuri (mill-2017 sal-2021; f’Lulju 2021) .... 126
Tabella 18. Bilanċ ġeografiku (fil-31.12.2021) .... 127
Tabella 19. Evoluzzjoni tan-nazzjonalità l-aktar rappreżentata fl-Aġenzija (mill-2017 sal-2021) .... 128
Tabella 20. Lista tal-proġetti tal-2023 fil-Kamp ta’ applikazzjoni għall-valutazzjoni tal-Opportunitajiet Ex Ante .... 134
Tabella 21. Riskji Korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti b’impatt possibbli fuq l-objettivi tal-2023–2025.. 137
Tabella 22. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti u l-pjanijiet ta’ mitigazzjoni korrispondenti .... 138
Tabella 23. Pożizzjonijiet addizzjonali mogħtija fl-2023 .... 143

# Lista ta’ Akronimi

| | |
|---|---|
| **AK** | aġent kuntrattwali |
| **ALM** | Ġestjoni tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjoni |
| **AT** | aġent temporanju |
| **BaaS** | Bijometrika bħala Servizz |
| **BCMS** | Strateġija għall-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju |
| **BCU** | unità ċentrali ta’ backup (ċentru ta’ backup f’St Johann im Pongau) |
| **BMS** | Sistema ta’ Tqabbil Bijometriku |
| **CAC** | Ċentru tal-Assistenti tat-Trasportaturi |
| **CBS** | sistemi ewlenin tan-negozju |
| **CEOS** | Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea |
| **CIR** | repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità |
| **CMMI** | Integrazzjoni tal-Mudell ta’ Maturità tal-Kapaċità |
| **CRRS** | repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika |
| **CSI** | infrastruttura kondiviża komuni |
| **e-CODEX** | Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta’ *Data* Online |
| **ECRIS** | Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali |
| **ECRIS RI** | Implimentazzjoni ta’ Referenza tas-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali |
| **ECRIS-TCN** | Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali — ċittadini ta’ pajjiżi terzi |
| **EDPS** | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* |
| **EES** | Sistema ta’ Dħul/Ħruġ |
| **EMAS** | Skema ta’ Ġestjoni u Verifika Ambjentali |
| **ENS** | espert nazzjonali sekondat |
| **EOPM** | manwal għall-operatur elettroniku |
| **EPMO** | Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta’ Intrapriża |
| **ESP** | Portal Ewropew tat-tfittxija |
| **ETIAS** | Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| **EUAN** | Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea |
| **eu-LISA** | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| **Eurodac** | Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta’ *Data* Dattiloskopika ta’ Persuni li Jfittxu l-Ażil |
| **Europol** | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi |
| **FG** | Grupp ta’ Funzjonijiet |
| **FLS** | ftehim dwar il-livell ta’ servizz |
| **Frontex** | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |
| **FSA** | Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema |
| **FTE** | ekwivalenti ta’ ingaġġ full-time |
| **FwC** | kuntratt qafas |
| **ĠAI** | Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| **ĠU** | Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea |
| **HR** | Riżorsi Umani |
| **HRM** | Ġestjoni tar-Riżorsi Umani |
| **IA** | intelliġenza artifiċjali |
| **ICF** | Qafas ta’ Kontroll Intern |
| **ICT** | teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni |
| **Interpol** | Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali |
| **IO** | Interoperabbiltà |
| **ISO SC37** | ISO/IEC JTC 1/SC 37, Sottokumitat |

| | |
|---|---|
| | għall-istandardizzazzjoni tal-bijometrika[1] |
| **IT** | teknoloġija tal-informazzjoni |
| **ITIL** | Librerija ta' Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| **ITSM** | Ġestjoni tas-servizzi tal-IT |
| **JHAAN** | Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni |
| **KE** | Kummissjoni Ewropea |
| **KPI** | indikatur ewlieni tal-prestazzjoni |
| **LFS** | dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi |
| **MID** | detettur ta' identitajiet multipli |
| **OLA** | Ftehim dwar il-Livell Operazzjonali |
| **OLAF** | Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi |
| **PoC** | prova tal-kunċett |
| **PPM** | Ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti |
| **QEA** | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| **QFP** | qafas finanzjarju pluriennali |
| **QMS** | Sistema tal-Ġestjoni tal-Kwalità |
| **sBMS** | servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku |
| **SEMM** | Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen |
| **SIK** | Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta |
| **SIRENE** | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali |
| **SIS** | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| **SIS AFIS** | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| **SM9** | HP Maniġer tas-Servizz verżjoni 9 — għodda għar-reġistrazzjoni ta' talbiet u inċidenti tal-utenti |
| **SMAX** | Servizz Management Automation X (il-ġenerazzjoni l-ġdida tal-għodda Micro Focus ITSM) |
| **SPD** | Dokument Uniku ta' Programmazzjoni |
| **TCN** | ċittadini ta' pajjiżi terzi |
| **TEF** | Qafas tal-Inġinerija Trasversali |
| **TESTA** | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet |
| **TESTA-ng** | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida |
| **TOF** | Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **UPD** | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* |
| **VDI** | infrastruttura ta' desktop virtwali |
| **VIS** | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |
| **WGAI** | Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-Intelliġenza Artifiċjali |

[1] ISO/IEC JTC 1/SC 37, Il-bijometrika hija sottokumitat ta' standardizzazzjoni taħt il-Kumitat Tekniku Konġunt ISO/IEC JTC 1 issorveljat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-Kummissjoni ElettroTeknika Internazzjonali (IEC), bil-kompitu li jiżviluppa u jiffaċilita standards fil-qasam tal-bijometrika.

# Lista ta' Bażijiet Legali

| | |
|---|---|
| **Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA** | Ir-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99-137 |
| **Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)** | Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4–23<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63<br>Ir-Regolament (UE) 2018/1860, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-13.<br>Ir-Regolament (UE) 2018/1861, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14-55.<br>Ir-Regolament (UE) 2018/1862, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56-106.<br>Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1–3<br>Ir-Regolament (UE) 2022/1190, ĠU L 185, 12.7.2022, p. 1-9. |
| **Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)** | Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5–7<br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2008/602/KE, ĠU L 194, 23.7.2008, p. 3–8<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ĠU L 218, 13.08.2008, p. 129-136<br>Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81<br>Ir-Regolament (UE) 2021/1133, ĠU L 248, 13.7.2021, p. 1-10.<br>Ir-Regolament (UE) 2021/1134, ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11-87 |
| **Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil (Eurodac)** | Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1-30<br>Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31-59<br>Ir-Regolament (KE) Nru 1560/2003, ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3–23 |
| **Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)** | Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20-82 |
| **Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)** | Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71<br>Ir-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 72-73 |
| **Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)** | Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26 |
| **Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online (e-CODEX)** | Ir-Regolament (UE) 2022/850, ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1-19 |
| **Interoperabbiltà** | Ir-Regolament (UE) 2019/817, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84<br>Ir-Regolament (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135 |
| **Protezzjoni u pproċessar tad-*data*** | Ir-Regolament (UE) 2018/1725, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98 |

# Daħla



**Dan id-dokument ta' programmazzjoni ġie ffinalizzat fi żmien meta l-eu-LISA kienet qed tiċċelebra l-10 anniversarju tagħha. Matul l-ewwel deċennju tagħha, l-Aġenzija saret element kostitwenti indispensabbli tal-arkitettura ta' Schengen fl-UE, u l-ixprunatur ewlieni wara t-trasformazzjoni diġitali tad-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE. Il-ħidma tal-Aġenzija tissalvagwardja wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE — il-moviment liberu fiż-Żona Schengen. Mill-bidu umli tagħha fl-2012, l-eu-LISA għaddiet minn evoluzzjoni sinifikanti minn aġenzija teknika żgħira biex saret il-"qalba diġitali" ta' Schengen, impenjata li tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex l-Ewropa tinżamm miftuħa, b'saħħitha u sigura.**

Din is-sena timmarka wkoll it-tmiem tal-mandat tiegħi bħala Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. Jiena kburi li nħalli lill-Aġenzija fuq bażi soda biex issostni u żżid l-isforzi tagħha sabiex iżżomm lill-Ewropa miftuħa filwaqt li tiżgura l-protezzjoni kontra t-theddid globali tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, u l-migrazzjoni irregolari.

Madankollu, l-għadd kbir ta' sistemi ta' informazzjoni fdati lill-Aġenzija, flimkien mal-qafas regolatorju li qed jevolvi kontinwament, jinkwadra ambjent mimli b'ħafna sfidi għad-deċennju li ġej tal-eu-LISA, speċjalment meta titqies il-pressjoni dejjem akbar biex jinkisbu riżultati b'riżorsi limitati kontra l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tagħna. Dan id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni għall-perjodu 2023–2025 jirrifletti l-impenn sod u l-isforzi sostnuti tal-eu-LISA biex iżżomm u ssaħħaħ l-effiċjenza operazzjonali u l-aġilità tal-Aġenzija biex tindirizza dawn l-isfidi.

Hekk kif l-eu-LISA tidħol fit-tieni deċennju tagħha, se timmarka t-tlestija ta' wieħed mill-programmi ta' trasformazzjoni l-aktar kumplessi u ta' sfida mnedi f'dan l-aħħar deċennju fi kwalunkwe post fid-dinja. Fl-2024, l-Aġenzija se tipprovdi l-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u s-sigurtà interna tal-UE, filwaqt li ttejjeb b'mod sinifikanti l-iskambju sigur ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji. Se sservi wkoll bħala l-pedament għall-istadju li jmiss tal-iżvilupp tal-eu-LISA bħala l-ixprunatur tal-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni li għaddejjin bħalissa fid-dominju tal-ĠAI tal-UE.

Nibqa' fiduċjuż li fil-futur, l-eu-LISA se tkompli tikkonsolida r-rwol tagħha bħala sieħeb siewi u affidabbli għall-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra fid-dominju tal-ĠAI. Għal dak l-għan, l-Aġenzija se tkompli tmexxi d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, is-sigurtà interna u l-kooperazzjoni fil-ġustizzja tal-UE billi żżomm għajnejha fuq ir-riċerka l-aktar reċenti u tieħu vantaġġ mit-teknoloġiji li qed jevolvu u mis-soluzzjonijiet innovattivi.

F’dan ir-rigward, l-eu-LISA se ssegwi l-prijoritajiet strateġiċi li ġejjin fl-2023:

- is-salvagwardja tad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi kollha ta’ informazzjoni tal-ĠAI fdati lill-Aġenzija,
- l-iżgurar ta’ evoluzzjoni kontinwa tas-sistema f’konformità mal-iżviluppi ta’ politika rilevanti fid-dominju tal-ĠAI,
- it-twettiq b’suċċess ta’ sistemi ġodda ta’ informazzjoni tal-ĠAI — l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN, u t-teħid tal-ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-CODEX, filwaqt li jiġi żgurat ukoll l-iżvilupp kontinwu tal-komponenti tal-interoperabbiltà,
- it-tisħiħ tal-kontribut tal-Aġenzija għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE, u
- fl-2023, l-Aġenzija se tgħaddi minn evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 39 tar-Regolament ta’ stabbiliment tal-eu-LISA.

L-attivitajiet inklużi f’dan id-Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni għall-perjodu 2023–2025 jirriflettu wkoll l-isforzi u l-impenn kontinwi tal-eu-LISA biex tkompli l-iżvilupp tal-organizzazzjoni tagħha, bil-ħsieb li jittejbu l-effiċjenza u l-aġilità tal-Aġenzija, filwaqt li jinżamm ukoll livell għoli ta’ żamma, involviment u motivazzjoni fost il-persunal tagħha. Matul l-2023, l-eu-LISA se tkompli l-approċċ sistematiku u konsistenti tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni b’suċċess tal-attivitajiet deskritti f’dan il-programm u twettaq l-objettivi tagħha f’kollaborazzjoni mill-qrib u trasparenti mal-għadd kbir ta’ partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija.

Hekk kif il-mandat tiegħi wasal biex jintemm, nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Istati Membri, lill-gvernijiet tal-pajjiżi li qed jospitaw is-siti tal-Aġenzija, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-UE u l-Presidenzi tiegħu, u lill-Aġenziji kollha tal-UE sħab tagħna, għall-appoġġ bla waqfien u l-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom matul dawn is-snin.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nestendi l-gratitudni sinċiera tiegħi lill-kollegi kollha tiegħi fl-eu-LISA għar-reżiljenza kontinwa tagħhom u l-impenn sod tagħhom għall-missjoni tal-Aġenzija. Kien l-unur u l-privileġġ kbir tiegħi li mmexxi din l-Aġenzija sa mill-bidu tagħha. Flimkien, bnejna u espandejna l-organizzazzjoni tagħna minn aġenzija teknika żgħira għall- “qalba diġitali” tal-arkitettura ta’ Schengen

Ninsab ħerqan li nara l-evoluzzjoni ulterjuri tagħha hekk kif il-volum u l-kumplessità tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA qed ikomplu jikbru.

Flimkien bħala tim wieħed!

**Krum Garkov**

Direttur Eżekuttiv mill-2012 sal-2022

**Il-ħidma tal-Aġenzija tissalvagwardja wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE — il-moviment liberu fiż-Żona Schengen.**

# Daħla mid-Direttur Eżekuttiv Interim



**Novembru 2022 immarka t-tmiem tal-mandat għal Krum Garkov li mexxa l-eu-LISA sa mill-istabbiliment tagħha fl-2012. Taħt it-tmexxija tiegħu, l-Aġenzija kibret minn aġenzija teknika żgħira għal faċilitatur ewlieni tal-politiki tal-UE dwar l-ażil, il-viża u l-ġestjoni tal-fruntieri. Matul il-mandat tiegħu, Krum Garkov kien impenjat li jiżgura s-suċċess tal-Aġenzija u li jagħmel l-eu-LISA x'inhi llum. Il-valuri tat-trasparenza, tal-eċċellenza u tal-impenn se jkomplu jiggwidaw lill-Aġenzija fil-futur.**

Hekk kif l-eu-LISA tidħol f'deċennju ġdid, il-prijoritajiet tagħha se jibqgħu l-istess. Bħala prijorità ewlenija, l-Aġenzija se tkompli tiżgura ġestjoni operazzjonali stabbli tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, flimkien mal-utilizzazzjoni ta' diversi sistemi ġodda u l-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tinvolvi ruħha wkoll b'mod aktar attiv fir-riċerka u fl-innovazzjoni biex tkompli tappoġġa d-diġitalizzazzjoni li għaddejja tad-dominju tal-ĠAI, bl-għarfien espert u l-għarfien prattiku fl-iżvilupp u fl-adozzjoni ta' għodod u teknoloġiji moderni.

Ix-xhur li ġejjin se jkunu kruċjali għall-Aġenzija u se jwittu t-triq għall-ħidma futura. Anke qabel il-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv ġdid, l-Aġenzija se tibqa' impenjata li twettaq prijoritajiet importanti tal-UE — kollha biex tkompli r-rwol fundamentali tal-Aġenzija li tiżgura s-sigurtà u l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini Ewropej.

L-Aġenzija stabbiliet għanijiet ambizzjużi għad-deċennju li jmiss tagħha, filwaqt li tkompli taħdem bl-istess passjoni, impenn, u kooperazzjoni li saru parti mid-DNA tal-eu-LISA. Flimkien mal-partijiet ikkonċernati tagħna, l-Aġenzija se tkompli ttejjeb il-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen.

**Luca Tagliaretti**

Direttur Eżekuttiv Interim

# Stqarrija tal-Missjoni

**L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) tissorvelja l-operazzjonijiet u l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). Stabbilita f'Ottubru 2011[2] u operazzjonali minn Diċembru 2012, l-Aġenzija evolviet bħala l-"Qalba Diġitali taż-Żona Schengen". Bħala tali, l-eu-LISA hija responsabbli mill-ġestjoni effiċjenti, intelliġenti u xprunata mill-informazzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u tikkontribwixxi għall-politiki tas-sigurtà interna, tal-viża, tal-ażil u tal-ġustizzja kriminali.**

Bl-iffaċilitar tal-libertà tal-moviment fl-Ewropa — wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE — l-operazzjonijiet tal-Aġenzija jikkostitwixxu l-**pedament tal-arkitettura ta' Schengen tal-UE**. Għal dak l-għan, l-eu-LISA tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja lill-utenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, filwaqt li tiżgura wkoll livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u d-dispożizzjonijiet rispettivi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Biex tiżgura appoġġ espert avvanzat għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-Aġenzija timmonitorja l-iżviluppi l-aktar reċenti fir-riċerka u fl-innovazzjoni, tittestja teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda, u tappoġġa lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lil aġenziji oħra tal-UE fl-oqsma ta' kompetenza tagħha.

L-Aġenzija hija responsabbli mill-ġestjoni operazzjonali, mill-evoluzzjonijiet u mill-iżvilupp futur tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE li ġejjin u mill-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom:

- Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),
- Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS),
- Is-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil (Eurodac)

Sa tmiem l-2023, l-Aġenzija se tkun lestiet l-iżvilupp u assumiet ir-responsabbiltà għall-ġestjoni operazzjonali tat-tliet sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġodda:

- Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES),
- Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS),
- Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN).

Barra minn hekk, fl-2023, l-Aġenzija għandha tassumi r-responsabbiltà għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistema **e-CODEX** (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online).

Barra minn hekk, matul l-2023, l-eu-LISA se tkompli bl-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida ta' informazzjoni tal-UE għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Frontex, mal-Europol u mal-Kummissjoni Ewropea. Din l-arkitettura l-ġdida ta' informazzjoni se tiżgura **l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fuq skala kbira tal-UE** filwaqt li ttejjeb l-aċċess għall-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE rilevanti. Bħala tali, dan se jikkostitwixxi parti essenzjali mir-rispons tal-UE għad-domanda pubblika u l-aspettattivi politiċi ta' livell għoli għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-Unjoni għal sigurtà interna msaħħa.

L-Aġenzija hija impenjata wkoll li tibqa' trasparenti u responsabbli lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha u ċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li tiddefendi r-reputazzjoni soda u l-viżibbiltà tagħha permezz ta' diversi attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

### BAŻIJIET LEGALI

Ir-Regolament dwar l-Istabbiliment tal-Aġenzija u l-qafas regolatorju ġenerali għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-mandat tagħha huma deskritti fit-taqsima **Lista ta' bażijiet legali**.

### SKOPRI IŻJED

Għal ħarsa aktar fil-fond lejn l-attivitajiet ewlenin tal-eu-LISA għal Ewropa aktar sikura, żur il-**portal Skopri l-eu-LISA**.

[2] Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

## MISSJONI

Il-missjoni tagħna hija li nappoġġaw lill-UE u lill-Istati Membri fl-isforz tagħhom biex iżommu lill-Ewropa miftuħa u sigura permezz ta' teknoloġija avvanzata.

## VIŻJONI

Aħna nistinkaw biex nipprovdu servizzi u soluzzjonijiet effiċjenti u ta' kwalità għolja, nallinjaw it-teknoloġiji li qed javvanzaw mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-UE u tal-Istati Membri, u nixprunaw it-trasformazzjoni diġitali fil-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

## VALURI EWLENIN

Il-viżjoni u l-missjoni tagħna jissarrfu f'attivitajiet operazzjonali billi jiġu applikati l-valuri ewlenin tar-responsabbiltà, it-trasparenza, l-eċċellenza, il-kontinwità, il-ħidma f'tim u s-servizz tal-

### RESPONSABBILTÀ

L-utilizzazzjoni ta' qafas ta' governanza sod, operazzjonijiet kostefiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba.

### TRASPARENZA

L-iżgurar ta' komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment fi djalogu kontinwu għad-definizzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija.

### EĊĊELLENZA

It-tħaddim tal-istruttura organizzazzjonali, tan-nies u tal-proċessi t-tajba, filwaqt li jiġu żgurati l-kontinwità tas-servizz u l-komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri.

### KONTINWITÀ

Jiġi żgurat li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, mill-għarfien u mill-investimenti li jagħmlu l-Istati Membri u tkompli tiżviluppahom.

### ĦIDMA F'TIM

Nagħmlu ħilitna biex kull membru tat-tim individwali jingħata s-setgħa sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għal suċċess kondiviż.

### FOKUS FUQ IL-KONSUMATUR

L-iżgurar li l-Aġenzija tkun allinjata mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha f'kull ħin.

### KWARTIERI ĠENERALI

Talinn, l-Estonja

### SIT TEKNIKU

Strasburgu, Franza

### SIT TA' BACKUP TEKNIKU

St Johann im Pongau, l-Awstrija

### UFFIĊĊJU TA' KOLLEGAMENT

Brussell, il-Belġju

## PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Fit-twettiq tal-missjoni, tal-prijoritajiet, tal-objettivi u tal-attivitajiet ta' kuljum tagħha, l-Aġenzija hija impenjata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-*data*, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tagħha, kif previst fl-Artikolu 2(f) tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA.

L-ipproċessar tad-*data* personali mill-eu-LISA josserva d-drittijiet fundamentali, inkluż **ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja** u **l-protezzjoni tad-*data* personali** kif mniżżla fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-Aġenzija tirrispetta l-prinċipji kollha relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725[3], jiġifieri l-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-preċiżjoni, ir-responsabbiltà, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità. Fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, u l-interoperabbiltà tagħhom, l-eu-LISA tagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-**protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'mod awtomatiku**, kif stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679[4] u l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE)

[3]Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.
[4]Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

2016/680.[5]

[5]Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

# Introduzzjoni

**Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni[6] (SPD) għall-perjodu 2023–2025 jippreżenta ħarsa ġenerali strutturata lejn l-objettivi u l-attivitajiet ippjanati tal-Aġenzija biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-użu effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati lill-eu-LISA.**

Dan l-SPD iservi bħala **gwida dwar il-prijoritajiet tal-eu-LISA** kif ukoll l-attivitajiet tagħha abbażi tal-objettivi operazzjonali tal-Aġenzija u l-prijoritajiet politiċi tal-UE. Bħala tali, dan jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija b'**ċarezza u aċċertament** li l-eu-LISA qed tieħu approċċ sistematiku u konsistenti lejn it-twettiq tal-mandat tagħha billi tuża b'mod effiċjenti r-riżorsi umani u finanzjarji allokati.

Barra minn hekk l-SPD **iservi wkoll bħala deċiżjoni ta' finanzjament li tiddeskrivi l-allokazzjonijiet tar-riżorsi tal-eu-LISA fl-attivitajiet kollha ppjanati għall-2023**. Id-dokument huwa konformi mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-2021–2027, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2021, u użat bħala l-linja bażi għall-istabbiliment tal-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi tal-eu-LISA.

- It-Taqsima 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-**kuntest ekonomiku, ta' politika u regolatorju** ġenerali tal-ħidma tal-Aġenzija.
- It-Taqsima 2 tiddeskrivi l-**pjan pluriennali ta' tliet snin** (2023–2025), l-attivitajiet u r-riżorsi, filwaqt li tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-fokus fit-tul tal-Aġenzija u l-pjanijiet biex jintlaħqu l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi.
- It-Taqsima 3 telabora aktar dwar kif l-Aġenzija tippjana li teżegwixxi **l-prijoritajiet pluriennali tagħha fl-2023**, inkluż tqassim tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- L-**annessi** għal dan id-dokument jipprovdu ħarsa komprensiva lejn l-utilizzazzjoni tar-riżorsi, filwaqt li jipprovdu wkoll trasparenza addizzjonali dwar il-ħidma u l-operazzjonijiet tal-Aġenzija.

### Struttura ta' dan id-dokument ta' programmazzjoni

L-Aġenzija strutturat dan id-dokument ta' programmazzjoni f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni7. Il-preżentazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija hija mibnija madwar **portafolli definiti** biex jirriflettu l-mudell operattiv tal-eu-LISA u d-dipendenzi bejn proġetti u attivitajiet individwali. F'dan il-kuntest, "**portafoll**" jirreferi għal ġabra ta' attivitajiet, proġetti individwali u kompiti mhux ta' proġett ġestiti bħala grupp.

Dan l-approċċ jiżgura koordinazzjoni aħjar bejn il-proġetti u l-attivitajiet mhux ta' proġett filwaqt li jiffaċilita l-kisba tal-objettivi strateġiċi u operazzjonali tal-eu-LISA. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, dan jippermetti ċerti sinerġiji u ekonomiji ta' skala, speċjalment bl-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

Fil-preżent, l-Aġenzija ddelineat il-ħames portafolli li ġejjin[8]:

- **Sistemi ġodda u Innovazzjoni:** l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġodda (jiġifieri l-EES, l-ETIAS u l-CRIS-TCN) u komponenti tal-interoperabbiltà (jiġifieri, l-ESP, is-CIR, il-MID, u s-CRRS).
- **Ġestjoni Operazzjonali u Regolamenti Riformulati:** il-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-ĠAI (jiġifieri, is-SIS, il-VIS, l-Eurodac).
- **Infrastruttura:** il-manutenzjoni operazzjonali u l-evoluzzjoni tan-network kollu, taċ-ċentru tad-*data* u tal-infrastruttura komuni kondiviża (CSI).
- **Attivitajiet trasversali:** l-attivitajiet li jappoġġaw direttament l-operazzjonijiet ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA, bħas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju, il-ġestjoni tar-rilaxx, l-ittestjar u t-tranżizzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-iżvilupp tal-kapaċità.
- **Attivitajiet korporattivi:** il-funzjoni ta' amministrazzjoni u governanza tal-eu-LISA.

---

[6]Artikolu 24(3)(d) tar-Regolament ta' Stabbiliment (UE) 2018/1726 jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv iħejji u jissottometti l-abbozz tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija lill-Bord tat-Tmexxija, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Gruppi Konsultattivi. L-Artikolu 19(1)(q) u (r) tal-istess Regolament jagħtu l-mandat lill-Bord tat-Tmexxija biex jadotta d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija.

[7]Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2020 dwar it-tisħiħ tal-governanza tal-Korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju 2018/1046 u dwar il-linji gwida għad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni u r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività, COM (2020) 2297 final.

[8] L-għadd ta' portafolli mhuwiex fiss u huwa soġġett għal bidla maż-żmien skont l-evoluzzjoni tal-kompiti assenjati lill-Aġenzija.

# I.
# KUNTEST ĠENERALI

# Kuntest ta’ Politika

**Fis-snin li ġejjin, l-Unjoni Ewropea se tkompli tiffaċċja l-ambizzjoni doppja li, minn naħa waħda, tibqa’ miftuħa bħala parti integrali minn dinja globalizzata u interkonnessa, u min-naħa l-oħra, iżżomm is-sigurtà interna għaċ-ċittadini, ir-residenti, il-viżitaturi, it-territorju u l-infrastruttura tagħha.**

Biex tiġi indirizzata din l-ambizzjoni doppja, il-mandat u l-attivitajiet operazzjonali ewlenin tal-eu-LISA jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-**linji gwida politiċi stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu 2019–2024**[9]. B’mod partikolari, il-ħidma tal-Aġenzija tallinja sew mal-prijorità tal-Kummissjoni li **tappoġġa l-istil ta’ ħajja Ewropew** billi tiddefendi Żona Schengen li tiffunzjona b’mod sħiħ. Għal dak l-għan, l-Aġenzija taħdem biex issaħħaħ il-fruntieri esterni tal-UE billi tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-inizjattivi ta’ sigurtà interna u tappoġġa r-riforma tas-sistema Ewropea tal-ażil. Fir-rigward tal-prijorità tal-Kummissjoni li tiffoka fuq it-**trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa**, l-eu-LISA tikkonċentra l-kontribut tagħha fuq il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-applikazzjoni gradwali futura tagħha għas-sistemi tal-IT li jaqgħu taħt il-mandat tagħha, f’konformità mar-regolamenti rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà. Barra minn hekk, l-Aġenzija qed iżżid l-isforzi tagħha biex tixpruna d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, filwaqt li tkompli d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-UE dwar il-migrazzjoni, l-ażil u l-viża li jaqgħu taħt il-mandat tagħha.

Fl-2023, l-Unjoni Ewropea se tkompli tappoġġa lill-Ukrajna, lill-popolazzjoni tagħha, u lill-Ewropej li qed jiffaċċjaw diffikultajiet bħala konsegwenza tal-gwerra, b’kull mod possibbli.[10] Hekk kif tkompli l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-eu-LISA hija impenjata li tkompli bl-assistenza tagħha lill-Istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri bl-għodod kollha disponibbli taħt il-mandat tagħha. L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna permezz tal-ħidma konġunta mwettqa fi ħdan in-Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u tinsab lesta li tipprovdi pariri jew appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet tekniċi relatati ma’ sistemi eżistenti jew ġodda. B’mod partikolari, peress li l-gwerra sawret mill-ġdid ix-xenarju tat-theddid taċ-ċibersigurtà,[11] l-eu-LISA se ssegwi l-kollaborazzjoni tagħha mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà.

L-effiċjenza u l-effettività tal-**politiki tal-UE dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri esterni**, u l-kapaċità ta’ rispons għal **theddid għas-sigurtà li qed jevolvi kontinwament** (jiġifieri t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità), jiddependu mill-iskambju f’waqtu u komprensiv ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej rilevanti, iffaċilitat l-aħjar minn sistemi ta’ informazzjoni moderni. Sistemi ġodda li mistennija jibdew joperaw sal-2023–2024 (jiġifieri, l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN) se jappoġġaw dawn il-ħtiġijiet operazzjonali u kummerċjali u d-domandi ta’ politika kollha. Flimkien mal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà li għandha titwettaq fl-2024, dawn se jipprovdu approċċ intelliġenti integrat biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-Ewropa. Bir-responsabbiltà għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta’ informazzjoni eżistenti u ġodda u l-komponenti tal-interoperabbiltà tagħhom, l-eu-LISA se tkompli tkun waħda mill-**partijiet ikkonċernati ewlenin fil-qasam tal-ĠAI tal-UE**.

F’dan il-kuntest, l-Aġenzija tibqa’ impenjata li timplimenta l-objettivi tal-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà**[12], b’mod partikolari r-raba’ prijorità strateġika tal-bini ta’ ekosistema tas-sigurtà Ewropea b’saħħitha. Wara l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti tas-SIS Riformulati f’Marzu 2023, l-eu-LISA se tkompli tappoġġa l-evoluzzjoni tas-SIS biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fl-Ewropa kollha. Permezz tal-iżvilupp tas-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ, is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar u s-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża aġġornata, l-eu-LISA se tiżgura ġestjoni moderna u effiċjenti tal-fruntieri esterni li sservi l-benefiċċju doppju taż-żamma tas-sigurtà interna taż-Żona Schengen, filwaqt li tiffaċilita wkoll l-ivvjaġġar internazzjonali u l-libertà tal-moviment. F’dan ir-rigward, l-Aġenzija hija involuta wkoll u tikkontribwixxi għad-diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni futura tad-Direttiva dwar l-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API) li għandha l-għan li tissimplifika l-identifikazzjoni tal-vjaġġaturi u tissimplifika aktar il-ġestjoni tal-fruntieri.

F’qasir żmien, żewġ proposti leġiżlattivi — Prüm II u d-diġitalizzazzjoni tal-viża — huma mistennija li jiżdiedu mal-portafoll tal-Aġenzija. L-ewwel, ir-**Regolament Prüm II**[13] propost (dwar l-iskambju awtomatizzat ta’ *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija) se jinkariga lill-eu-LISA bl-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali sussegwenti

[9] Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2019–2024: https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019–2024_en

[10] L-Istat tal-Unjoni 2022, Ittra ta’ Intenzjoni lill-President Roberta Metsola u lill-Prim Ministru Petr Fiala, 14 ta’ Settembru 2022

[11] Xenarju ta’ Theddid tal-ENISA 2022, Ottubru 2022, https://europa.eu/!4qBKPv

[12] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM (2020) 605 final.

[13] Proposta għal Regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta’ *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija (“Prüm II”), li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, 2019/817 u 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM (2021) 784 final.

tar-router Prüm II li se jissostitwixxi s-sistema attwali ta' konnessjonijiet individwali bejn il-bażijiet tad-*data* nazzjonali f'kull Stat Membru. Ladarba jkun operazzjonali, dan se jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, bl-użu tal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà. Għalkemm id-dettalji regolatorji għadhom qed jiġu nnegozjati, il-proposta tiskeda l-attivazzjoni (go-live) tar-router fl-2027. It-tieni, dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża, il-Kummissjoni ressqet proposta għal regolament li jinkariga lill-eu-LISA bl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' **pjattaforma online ta' applikazzjoni għal viża ta' Schengen**,[14] bid-dħul fis-seħħ stmat sal-2026.

Barra minn hekk, il-ħidma tal-eu-LISA tieħu gwida mill-**Istrateġija ta' Schengen**[15] tal-Kummissjoni u l-**Mekkaniżmu rivedut ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen** (SEMM)[16]. L-Istrateġija ta' Schengen għandha l-għan li ssaħħaħ u ttejjeb ir-reżiljenza taż-żona Schengen – l-akbar żona ta' moviment liberu tad-dinja. Is-SEMM rivedut jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw l-*acquis* ta' Schengen billi jsaħħaħ diversi elementi tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, inkluż ir-rwol tal-Aġenziji tal-ĠAI tal-UE. F'dan ir-rigward, l-eu-LISA se tkompli tipparteċipa b'mod attiv u tikkontribwixxi għas-SEMM kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea. Fil-prinċipju, is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI operati mill-eu-LISA jservu bħala miżuri kumpensatorji biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu fiż-Żona Schengen. Għalhekk, l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom hija ta' importanza kbira għall-UE u għall-eu-LISA.

Fl-implimentazzjoni tal-**Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** propost mill-Kummissjoni Ewropea,[17] l-eu-LISA se tkompli taqdi rwol importanti fl-iżvilupp ulterjuri tas-sistema ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil tal-UE, l-Eurodac. Skont ir-Regolament Eurodac Riformulat,[18] parti integrali mill-Patt propost, l-Aġenzija se tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tagħha, li, min-naħa tagħha, se tikkostitwixxi element essenzjali fil-bini mill-ġdid tal-fiduċja bejn l-Istati Membri u l-fiduċja ġenerali fil-kapaċità tal-UE li tiġġestixxi l-migrazzjoni. Ladarba tkun operazzjonali, l-Eurodac il-ġdida se ssir il-pjattaforma ċentrali għall-iskambju ta' informazzjoni komprensiva dwar l-ażil u l-migrazzjoni irregolari, filwaqt li tiffaċilita l-ġestjoni aktar effiċjenti tal-migrazzjoni u tal-ażil fl-UE kollha.

Fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, l-eu-LISA hija waħda mill-partijiet ikkonċernati ewlenin li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' **approċċ Ewropew għall-intelliġenza artifiċjali**[19] integrat u koerenti. Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, l-ambizzjoni tal-eu-LISA hija li ssir iċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-UE fl-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tas-sigurtà interna, il-migrazzjoni u l-ġustizzja. Għal dak l-għan, l-Aġenzija tkompli tibni kapaċitajiet interni u tespandi l-għarfien espert tagħha dwar is-suġġett, f'konformità mad-dokument intern "Pjan Direzzjonali għal inizjattivi tal-IA fl-eu-LISA". **Il-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-Intelliġenza Artifiċjali** (WGAI), li jinkludi esperti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Aġenziji tal-UE u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan direzzjonali. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tesplora wkoll il-possibbiltajiet, il-benefiċċji u l-limitazzjonijiet tal-użu tal-IA fis-sistemi tan-negozju ewlenin tagħha, pereżempju, fis-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) jew fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS), kif ukoll fl-appoġġ tal-applikazzjonijiet, bħall-monitoraġġ tal-applikazzjonijiet u tal-infrastruttura tal-eu-LISA. L-Aġenzija qed tħares ukoll b'mod attiv lejn l-użu tal-IA fiċ-ċibersigurtà.

L-eu-LISA se tibqa' fuq quddiem nett tal-**innovazzjoni diġitali fil-komunità tal-ĠAI tal-UE**. L-istat tat-tħejjija biex jintużaw sistemi u għodod tal-IT aktar sofistikati, flessibbli u integrati hija integrali għar-rispons tal-Unjoni għat-theddid għas-sigurtà li dejjem jevolvi. L-oqsma ta' prijorità kollha tal-eu-LISA — il-kontroll tal-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà interna, u d-dominju tal-ġustizzja — għaddejjin minn trasformazzjoni fundamentali permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni, li jissostitwixxu l-attivitajiet imwettqa manwalment, eż. l-ittimbrar tal-passaporti. Din it-tranżizzjoni tirrikjedi li l-eu-LISA, bħala l-fornitur tas-servizzi ewlenin, tiffoka aktar attenzjoni fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid fid-dominju ċibernetiku. L-Aġenzija tirrikonoxxi l-isfidi li jirriżultaw mill-era diġitali u hija impenjata li tiżgura li l-attivitajiet kollha tagħha jikkonformaw

---

[14] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009 u (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95, (KE) Nru 333/2002, (KE) Nru 693/2003 u (KE) Nru 694/2003 u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża, COM (2022) 658 final.

[15] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Strateġija lejn Żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ", COM (2021) 277 final.

[16] Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013.

[17] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, COM (2020) 609 final.

[18] Proposta emendata għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac", għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818, COM(2020) 614 final

[19] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni, COM(2021) 2026 final.

mal-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-Unjoni kollha, jiġifieri d-**Direttiva Riveduta dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi ta' Informazzjoni** (id-Direttiva NIS2)[20]. Id-direttiva tipprovdi firxa wiesgħa ta' miżuri biex jiġi żgurat skambju sigur ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, u s-sigurtà ġenerali tas-sistemi tal-IT tal-ĠAI.

Biex tiżgura t-twettiq ta' servizz stabbli lill-partijiet ikkonċernati kollha, l-eu-LISA se tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza organizzazzjonali tagħha. Qed tagħmel dan billi timplimenta approċċ komuni għall-kontinwità tan-negozju u l-irkupru minn diżastri għas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI taħt ir-responsabbiltà tagħha. Mill-2023, l-Aġenzija se tkun obbligata timplimenta r-rekwiżiti tas-sigurtà li jirriżultaw minn żewġ proposti leġiżlattivi mressqa fl-2022 — waħda għal regolament tal-UE dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, u l-oħra dwar iċ-ċibersigurtà.[21] Ladarba jiġu adottati, iż-żewġ regolamenti se japplikaw għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE, u l-eu-LISA se jkollha tadatta l-qafas ta' politika attwali tagħha għas-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju għar-reġim il-ġdid.

### Prijoritajiet għall-2023

Abbażi tal-ħarsa ġenerali pprovduta hawn fuq, l-eu-LISA stabbiliet is-sitt prijoritajiet li ġejjin biex tirfed il-programm ta' ħidma tagħha għall-2023:

- **Prijorità 1**: l-iżgurar tat-tħaddim u l-implimentazzjoni stabbli u mingħajr interruzzjoni tal-evoluzzjonijiet tas-sistemi ġestiti u tas-servizzi mogħtija mill-eu-LISA (jiġifieri, is-SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-ECRIS RI),
- **Prijorità 2**: il-proċediment bl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' informazzjoni tal-ĠAI fdati lil eu-LISA (jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-e-CODEX), u l-arkitettura tal-interoperabbiltà,
- **Prijorità 3**: l-għoti ta' appoġġ u għarfien espert dwar is-suġġett lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri,
- **Prijorità 4**: it-tisħiħ tal-kontribut tal-Aġenzija għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE,
- **Prijorità 5**: il-progress bit-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu,
- **Prijorità 6**: it-tħejjija għall-evalwazzjoni regolari tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA.

## ↘ PRIJORITÀ 1

### L-IŻGURAR TAT-TĦADDIM U L-IMPLIMENTAZZJONI STABBLI U MINGĦAJR INTERRUZZJONI TAL-EVOLUZZJONIJIET TAS-SISTEMI ĠESTITI U TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MILL-EU-LISA

L-eu-LISA se tkompli tissorvelja l-**ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjonijiet** tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fuq skala kbira tal-UE u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi tagħhom fuq bażi 24/7. Dan jinkludi d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi f'konformità mal-ftehimiet rispettivi dwar il-livell ta' servizz (SLAs) u l-appoġġ proattiv lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-aġenziji tal-UE li jużaw is-sistemi filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-istandards applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tal-informazzjoni u l-istrumenti legali.

Fl-2023, l-Aġenzija se tkompli timplimenta s-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) riveduta**[22] biex ittejjeb is-sigurtà interna taż-Żona Schengen b'funzjonalitajiet ġodda miżjuda, b'mod partikolari, l-integrazzjoni ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza fis-sistema biex tippermetti kontroll tal-isfond aktar bir-reqqa tal-applikanti għal viża. Din is-soluzzjoni se tagħlaq lakuna kritika fl-informazzjoni għall-kontroll tal-fruntieri u s-sigurtà billi tippermetti verifiki awtomatiċi tal-applikazzjonijiet ġodda kollha tal-viża mdaħħla fil-VIS mad-*data* maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI l-oħra kollha tal-UE għas-sigurtà interna u l-migrazzjoni.

Għalkemm l-iżvilupp tal-Eurodac jiddependi mill-progress li sar fl-abbozzar u l-adozzjoni sussegwenti tar-**Regolament Eurodac riformulat**, l-eu-LISA hija lesta li tagħmel progress bl-implimentazzjoni tal-ħidma ta' żvilupp meħtieġa u l-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà.

---

[20] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Miżuri għal Livell Għoli Komuni ta' Ċibersigurtà fl-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, COM (2020) 823 final.

[21] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, COM (2022) 119 final, u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, COM (2022) 122 final.

[22] Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament dwar l-Interoperabbiltà], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, COM (2018), 302 final.

Matul l-2023, l-Aġenzija trid tiżgura wkoll il-bidu effettiv u effiċjenti tal-ġestjoni operazzjonali tas-**sistemi l-ġodda** li se jsiru kompletament operazzjonali f'nofs u fi tmiem l-2023, jiġifieri, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN).

Barra minn hekk, l-iżgurar tal-akkwist b'suċċess tal-ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-CODEX se jservi wkoll bħala wieħed mill-istadji importanti ewlenin għall-eu-LISA, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribut tal-Aġenzija għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE.

Barra minn hekk, biex tiġi żgurata aktar id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA u d-disponibbiltà tas-servizzi għall-Istati Membri, wieħed mill-iżviluppi kritiċi fis-snin li ġejjin huwa l-implimentazzjoni tas-**soluzzjoni attiva-attiva**[23] li tippermetti l-ibbilanċjar tat-tagħbija.

## ↘ PRIJORITÀ 2

### IL-PROĊEDIMENT BL-IMPLIMENTAZZJONI U L-IŻVILUPP TA' SISTEMI ĠODDA FDATI LIL EU-LISA, U L-ARKITETTURA TAL-INTEROPERABBILTÀ

Minbarra l-ġestjoni operazzjonali u l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-ĠAI, l-Aġenzija teħtieġ tiżviluppa u tniedi diversi sistemi ġodda li huma kollha mistennija li jkunu kompletament funzjonali sa tmiem l-2023. Bħala parti minn approċċ iterattiv, l-iżvilupp ta' dawn is-sistemi ġodda mexa 'l quddiem b'mod parallel mal-iżvilupp ta' komponenti tal-interoperabbiltà, li se jiffurmaw l-**arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà** għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI sa nofs l-2024.

Mill-2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli mill-**iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema e-CODEX**. Sabiex jiġi żgurat l-akkwist b'suċċess tal-ġestjoni operazzjonali tal-e-CODEX, l-Aġenzija se tiddedika l-ewwel parti tas-sena għall-finalizzazzjoni tal-proċess ta' trasferiment li nbeda fl-2022. Għal dak l-għan, l-eu-LISA se tappoġġa l-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-istrumenti legali rispettivi filwaqt li tiżgura r-riżorsi u l-persunal meħtieġa għall-ġestjoni ta' din is-sistema partikolari.

Prijorità importanti oħra għall-eu-LISA hija l-kisba tal-**interoperabbiltà** bejn is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI fdati lill-Aġenzija, li tippermetti lil dawn is-sistemi jiskambjaw id-*data* u jikkondividu l-informazzjoni. Fl-2023, l-eu-LISA se tiffoka fuq l-integrazzjoni ġenerali tas-sistemi, b'mod partikolari l-migrazzjoni ta' *data* bijometrika minn sistemi differenti għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS). L-Aġenzija se taħdem ukoll biex tiżgura li l-komponenti tal-interoperabbiltà jkunu lesti biex jgħaddu minn tranżizzjoni b'suċċess għat-tħaddim fl-2023–2024. Fl-aħħar nett, biex tkompli l-iżvilupp ta' servizzi u sistemi bijometriċi, l-eu-LISA beħsiebha żżid b'mod sinifikanti l-investimenti tagħha fi proġetti ta' riċerka rilevanti filwaqt li ttejjeb ukoll il-livell ta' appoġġ ta' kwalità għolja lill-partijiet ikkonċernati tagħha.

## ↘ PRIJORITÀ 3

### L-GĦOTI TA' APPOĠĠ U GĦARFIEN ESPERT LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI

L-Aġenzija se tkompli l-implimentazzjoni tal-mandat estiż tagħha fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni billi tiffoka fuq il-monitoraġġ tar-riċerka rilevanti, timplimenta proġetti pilota u provi tal-kunċett, twettaq attivitajiet ta' ttestjar, kif ukoll tipprovdi appoġġ espert ibbażat fuq il-proġetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri. Ħlief għall-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka u ta' innovazzjoni li jiffukaw fuq il-proċessi interni tal-eu-LISA, l-involviment f'dawn l-attivitajiet se jiddependi minn talbiet speċifiċi mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Istandardizzazzjoni għal Skopijiet ta' Kwalità tad-*Data*.[24]. F'dan il-kuntest, waħda mill-inizjattivi ewlenin hija l-istabbiliment ta' **laboratorju tal-ittestjar għal tagħmir tekniku u soluzzjonijiet użati** għas-sistemi tal-ĠAI tal-UE ssorveljati mill-eu-LISA. L-Aġenzija se tistabbilixxi l-laboratorju tal-ittestjar f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Frontex u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

---

[23] **Soluzzjoni attiva-attiva** hija struttura teknoloġika ta' disponibbiltà għolja li tippermetti t-tħaddim mingħajr interruzzjoni ta' sistemi kbar tal-IT bl-użu ta' mill-inqas żewġ ċentri tad-*data* li t-tnejn iservu l-applikazzjoni fi kwalunkwe ħin. Din is-soluzzjoni tipprovdi aktar assigurazzjoni għall-manutenzjoni tas-sistema bi kważi l-ebda waqfien matul inċidenti u manutenzjoni ppjanata. Barra minn hekk, l-ibbilanċjar tat-tagħbija jipprovdi prestazzjoni aħjar f'każ ta' użu għoli. F'każijiet estremi fejn wieħed mis-siti (eż., iċ-ċentru ta' backup f'St Johann im Pongau) ma jkun qed jaħdem xejn, dan itaffi r-riskju ta' nuqqas totali ta' disponibbiltà f'każ li l-unità ċentrali wkoll ma tibqax taħdem. Mingħajr l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni attiva-attiva, l-Aġenzija mhux se tkun tista' tiżgura li ma jkun hemm l-ebda waqfien matul inċidenti u manutenzjoni ppjanata.

[24] Nota mill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM)/Kumitat Imħallat: Pjan direzzjonali għall-istandardizzazzjoni għall-finijiet tal-kwalità tad-*data*, 11824/2/20, 11 ta' Novembru 2020.

L-Aġenzija se tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp kontinwu tal-kapaċitajiet interni fil-qasam tal-**intelliġenza artifiċjali** biex tistabbilixxi u tmexxi ċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-UE fl-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tas-sigurtà interna, il-migrazzjoni u l-ġustizzja, filwaqt li tkompli tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-IA fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

Barra minn hekk, l-eu-LISA hija impenjata b'mod attiv fil-proġetti taċ- **Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna** u tikkontribwixxi għalihom — b'mod partikolari dwar is-suġġetti msemmija hawn fuq — biex tiżgura li ċ-Ċentru jimmatura bħala l-punt ċentrali ta' referenza għall-inizjattivi Ewropej ta' innovazzjoni fid-dominju tal-ĠAI, jiġifieri, fost l-aġenziji tal-ĠAI, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili.

Fl-aħħar nett, minbarra l-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi l-ġodda fdati lil eu-LISA, il-mandat tal-Aġenzija jinkludi wkoll taħriġ għall-utenti finali għall-Istati Membri u aġenziji oħra.

## ↘ PRIJORITÀ 4

### IT-TISĦIĦ TAL-KONTRIBUT TAL-AĠENZIJA GĦAD-DOMINJU TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE

Wara li tassumi l-ġestjoni operazzjonali tal-ECRIS-TCN, l-Aġenzija se tkompli tespandi l-portafoll tas-servizzi diġitali pprovduti għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE, f'konformità mal-pjanijiet tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja[25]. Mill-1 ta' Lulju 2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli primarjament mill-appoġġ u l-evoluzzjoni tal-
**e-CODEX** (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz ta' Skambju ta' *Data* Online), is-sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku ta' *data* f'kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'materji ċivili u kriminali. L-eu-LISA se ssir kompletament responsabbli mis-sistema wara li tlesti l-akkwist sa tmiem l-2023.

F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni pproponiet[26] li l-eu-LISA tissorvelja t-tfassil, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-**pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK)**. L-iskeda ta' żmien proposta tiskeda l-iżvilupp tal-pjattaforma għall-2024–2025, u għandha ssir operazzjonali fl-2026. Filwaqt li tassumi r-responsabbiltà mill-iżvilupp u mill-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi diġitali fid-dominju tal-ġustizzja, bħall-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK, l-eu-LISA se żżid l-involviment ġenerali tagħha u tistabbilixxi sħubijiet aktar mill-qrib mal-komunità tal-ġustizzja tal-UE.

## ↘ PRIJORITÀ 5

### IL-PROGRESS BIT-TIENI ESTENSJONI TAS-SIT OPERAZZJONALI TAL-EU-LISA FI STRASBURGU

Sabiex tiġi żgurata l-kapaċità tal-eu-LISA li tospita sistemi tal-IT eżistenti u futuri fuq skala kbira, l-Aġenzija bdiet b'suċċess il-bini tat-**tieni estensjoni għall-bini operazzjonali tagħha fi Strasburgu**, Franza.

Fl-2023, wara t-tlestija tal-offerta tas-servizzi tad-disinn, l-eu-LISA se tniedi l-istudju tad-disinn tekniku biex tiżgura l-kwalità tal-proġett finali, il-konċepiment tiegħu, il-ġestjoni tal-kostijiet u l-konformità futura mal-livell ta' prestazzjoni meħtieġ. Il-proċess se jilħaq il-qofol tiegħu fl-għażla tad-ditta arkitettonika biex timplimenta l-fażi tad-disinn tal-proġett. Abbażi tal-feedback riċevut u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija, id-disinjatur se jipproduċi d-disinn dettaljat u l-pjanijiet ta' eżekuzzjoni sat-tieni nofs tal-2024. Il-pjan tal-proġett jipprevedi t-tlestija tat-tieni bini ta' estensjoni sal-ewwel nofs tal-2028. L-Aġenzija tippjana li titlob l-approvazzjoni tal-awtorità baġitarja qabel ma tibda kwalunkwe kuntratt relatat max-xogħlijiet. Fl-istess ħin, l-Aġenzija tkompli żżomm lill-awtorità baġitarja aġġornata regolarment dwar il-progress li jkun sar bil-proġett.

## ↘ PRIJORITÀ 6

### IT-TĦEJJIJA GĦALL-EVALWAZZJONI REGOLARI TAL-AĠENZIJA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 39 TAR-REGOLAMENT TA' STABBILIMENT TAL-EU-LISA

Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament ta' stabbiliment tal-eu-LISA, l-Aġenzija trid tgħaddi minn **evalwazzjoni esterna regolari** sat-12 ta' Diċembru 2023. Din l-evalwazzjoni se tiffoka fuq l-objettivi, il-mandat, il-postijiet u l-kompiti tal-eu-LISA biex tidentifika rakkomandazzjonijiet għal kwalunkwe emenda possibbli għar-Regolament

[25] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: Sett ta' Għodod ta' Opportunitajiet, COM (2020) 710 final.

[26] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex tappoġġa l-funzjonament tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, COM (2021) 756 final.

ta' stabbiliment.

Matul dan il-proċess, l-Aġenzija se tipprovdi input għall-evalwazzjoni esterna kif mitlub (inkluż eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fl-2022 għal input addizzjonali). L-evalwatur estern irid jippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni finali sa tmiem l-2023. Wara l-evalwazzjoni, u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija se tippreżenta pjan ta' azzjoni li jindirizza l-kwistjonijiet identifikati, u tappoġġa lill-Kummissjoni jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġġustifikaw kwalunkwe espansjoni ulterjuri tal-mandat tal-eu-LISA.

# II.
# PROGRAMMAZZJONI PLURIENNALI

2023–2025

# Programmazzjoni Pluriennali għall-2023–2025

## 1. Programm ta' Ħidma Pluriennali

**Matul dawn l-aħħar 10 snin, l-eu-LISA kibret minn aġenzija teknika żgħira għal kontributur affidabbli u fdat għall-politiki ta' diġitalizzazzjoni tal-UE fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). L-Aġenzija tinvolvi ruħha f'kooperazzjoni proattiva u skambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell tal-UE, tiddefendi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej, u tosserva l-ogħla standards tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà tal-informazzjoni.**

Fil-qafas tal- **Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà għall-2020–2025**[27] u l-**Patt il-Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni**[28], l-Aġenzija se tibqa' ffukata fuq attivitajiet operazzjonali li jindirizzaw u jikkontribwixxu għad-dimensjonijiet differenti tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, il-moviment sikur ta' persuni fiż-Żona Schengen, u l-appoġġ għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni. Filwaqt li tieħu gwida minn dawn l-objettivi, l-eu-LISA hija impenjata li ttejjeb, issaħħaħ u tissimplifika t-twassil tas-servizzi tagħha, f'konformità mat-toroq deskritti fil-prijoritajiet politiċi u fil-politiki rilevanti fid-dominju tal-ĠAI.

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-direzzjoni strateġika tal-eu-LISA u l-objettivi pluriennali definiti għat-twettiq tal-mandat u l-istrateġija fit-tul tagħha għall-2021–2027, filwaqt li tiffoka fuq kif l-Aġenzija tistinka biex tilħaq dawn il-prijoritajiet fis-snin li ġejjin.

### 1.1. Strateġija fit-tul

L-**istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu 2021–2027**, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2021[29], tirrifletti l-mandat u l-prijoritajiet tal-eu-LISA, definiti fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati tagħha, filwaqt li tqis ukoll il-bidliet u l-isfidi mill-ambjent operazzjonali u l-ħtiġijiet ta' żvilupp organizzazzjonali tal-Aġenzija.

L-objettivi strateġiċi deskritti hawn taħt jikkonformaw ma' u jfittxu li jsaħħu l-missjoni primarja tal-eu-LISA li tinkiseb l-eċċellenza fis-soluzzjonijiet teknoloġiċi u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iżommu l-Ewropa miftuħa u sigura.

Għal dak l-għan, l-Aġenzija allinjat l-attivitajiet fit-tul u annwali tagħha mal-erba' għanijiet strateġiċi li huma soġġetti għal monitoraġġ u valutazzjonijiet regolari u se jiġu adattati bejn l-2021 u l-2027 biex jissodisfaw il-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-organizzazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-Aġenzija skedat ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA għall-2024.

**GĦAN STRATEĠIKU 1**

Li tkompli tikber bħala kontributur għal u bħala sieħeb ta' implimentazzjoni għall-politiki rilevanti fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

**GĦAN STRATEĠIKU 2**

Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

**GĦAN STRATEĠIKU 3**

Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

**GĦAN STRATEĠIKU 4**

Tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE.

[27] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM (2020) 605 Final.
[28] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil COM (2020) 609 Final.
[29] l-istrateġija tal-eu-LISA 2021–2027, eu-LISA, Novembru 2021, https://www.eulisa.europa.eu/Publications/Corporate/eu-LISA%20Strategy%202021–2027.pdf

## 1.2. **Objettivi, attivitajiet, proġetti/kompiti u riżorsi għall-2023–2025**[30]

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ippjanar indikattiv tal-ħidma tal-eu-LISA għall-2023–2025, li tibni fuq l-iżviluppi mis-snin preċedenti. Il-programm ta' ħidma pluriennali, mibni fuq għanijiet u objettivi strateġiċi, jelenka attivitajiet speċifiċi u r-riżultati mistennija tagħhom flimkien mar-riżorsi aggregati meħtieġa biex tiġi żgurata l-kisba tal-objettivi tal-Aġenzija. Il-programm propost jirrifletti l-elementi u l-inizjattivi ewlenin definiti għal kull objettiv strateġiku ta' livell għoli li jiggwida l-implimentazzjoni tal-viżjoni deskritta fl-istrateġija fit-tul.

### 1.2.1. **GĦAN STRATEĠIKU 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u sieħeb ta' implimentazzjoni għall-politiki rilevanti fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni**

L-Aġenzija hija impenjata li żżomm l-eċċellenza operazzjonali tagħha billi tiżgura l-operazzjoni sigura ħafna, stabbli u kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE filwaqt li tiżgura l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom u t-twettiq ta' servizzi relatati f'konformità mal-aħjar prattiki u l-istandards tal-industrija. Fl-istess ħin, l-Aġenzija se tibqa' sieħeb aġli għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-aġenziji sħab fit-twettiq ta' teknoloġija u għarfien espert ta' valur għoli biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika tagħhom.

**Attivitajiet ewlenin:**

- ġestjoni tas-sistemi u s-servizzi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI fdati lill-Aġenzija f'konformità mar-rekwiżiti legali, eż., is-suppożizzjoni ta' ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-CODEX, l-implimentazzjoni ta' Riformulazzjonijiet tal-VIS u tal-Eurodac, l-iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, kif ukoll il-bidu tal-implimentazzjoni tas-soluzzjoni attiva-attiva,
- introduzzjoni u implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, l-iżvilupp ta' servizzi b'mod standardizzat u f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, eż., l-iżgurar tal-bidu tat-tħaddim ta' arranġament kuntrattwali ġdid għas-sistemi kollha,
- tisħiħ u żgurar ta' livell xieraq ta' sigurtà, reżiljenza u disponibbiltà tas-sistemi kollha tal-ĠAI, eż. l-istabbiliment ta' Skwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT),
- għoti ta' taħriġ xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha abbażi tal-ħtiġijiet identifikati tagħhom, eż. l-istabbiliment ta' portafoll ta' taħriġ għas-sistemi u l-komponenti l-ġodda.

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **ŻGURAR TA' SOLUZZJONIJIET U SERVIZZI SIGURI, KOSTEFFETTIVI U KONTINWAMENT DISPONIBBLI GĦALL-PARTIJIET IKKONĊERNATI TAL-EU-LISA FI ĦDAN IL-MANDAT TAGĦHA** | | | | | | | | | |
| **Programm: Sistemi ġodda** | | | | **1.27** | **23.75** | **30.75** | **0.90** | **10.85** | **14.70** |
| **EES** | | | | 1.27 | 8.34 | 12.84 | 0.90 | 8.40 | 10.35 |
| | Manutenzjoni ewlenija tal-EES | 11/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni tas-servizzi tal-web | 11/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Aġġornament tal-Infrastruttura tal-EES | 02/2024 | 05/2026 | | | | | | |
| **ETIAS** | | | | - | 15.41 | 17.91 | - | 2.45 | 4.35 |
| | Stennija mhux interrotta u attiva-attiva tal-ETIAS | 01/2024 | 12/2025 | | | | | | |
| | Manutenzjoni tal-ETIAS | 05/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| | Aġġornament tal-Infrastruttura tal-ETIAS | 02/2025 | 12/2026 | | | | | | |
| **Programm: Sistemi tal-ġustizzja** | | | | **2.52** | **2.93** | **3.42** | **4.05** | **4.05** | **4.05** |
| **e-CODEX** | | | | 0.89[31] | 1.29 | 1.29 | 2.10 | 2.10 | 2.10 |

[30] L-estimi tal-baġit jippreżentaw spejjeż taħt it-Titolu 3. L-istimi tar-riżorsi għall-2024 u l-2025 huma indikattivi u se jkunu soġġetti għal bidliet fl-SPDs li ġejjin meta tkun disponibbli aktar informazzjoni.
[31] Il-pjan tal-persunal derivat mill-proposta tal-Kummissjoni għal e-CODEX jipprevedi 2 pożizzjonijiet ta' CA fi Q4 tal-2022 u 3 pożizzjonijiet TA fl-2023. Parti minn dawn ir-riżorsi se jintużaw għall-attivitajiet elenkati hawn taħt il-Programm ta' Interoperabbiltà.

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Trasferiment u manutenzjoni sussegwenti tas-sistema e-CODEX | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **ECRIS-TCN / ECRIS RI** | | | | 1.63 | 1.63 | 2.13 | 1.95 | 1.95 | 1.95 |
| | Manutenzjoni tal-ECRIS RI | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni tal-ECRIS-TCN | 12/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Interoperabbiltà** | | | | **13.38** | **38.68** | **18.62** | **3.20** | **11.90** | **6.75** |
| **sBMS** | | | | 13.38 | 35.01 | 13.95 | 3.20 | 7.15 | 6.75 |
| | Manutenzjoni tal-sBMS | 12/2023 | 12/2024 | | | | | | |
| | Żieda progressiva fil-kapaċità tal-sBMS u titjib ulterjuri | 08/2024 | 12/2025 | | | | | | |
| **CIR** | | | | - | 2.56 | 3.28 | - | 2.45 | - |
| | Manutenzjoni tas-CIR u tal-MID | 01/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| **ESP** | | | | - | 0.52 | 0.80 | - | 0.95 | - |
| | Manutenzjoni tal-ESP | 01/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| **CRRS** | | | | - | 0.59 | 0.59 | - | 1.35 | - |
| | Manutenzjoni tas-CRRS | 01/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| **Programm: Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti** | | | | **34.81** | **57.33** | **39.13** | **79.40** | **81.30** | **81.00** |
| **SIS** | | | | 14.00 | 30.13 | 12.15 | 10.70 | 13.60 | 13.30 |
| | Manutenzjoni tas-SIS AFIS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni tas-SIS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Migrazzjoni tas-SIS AFIS għall-sBMS | 01/2022 | 09/2025 | | | | | | |
| | Żvilupp Attiv-Attiv tas-SIS | 03/2024 | 12/2026 | | | | | | |
| **VIS** | | | | 13.00 | 22.25 | 22.55 | 6.00 | 5.70 | 5.70 |
| | Manutenzjoni tal-VIS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni tar-Riformulazzjoni tal-VIS | 04/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| **Eurodac** | | | | 5.75 | 4.30 | 4.00 | 3.80 | 3.90 | 3.90 |
| | Eurodac — Manutenzjoni tad-DubliNet | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Għodod ta' appoġġ u ta' servizz operazzjonali tal-ewwel u tat-tieni livell** | | | | 2.06 | 0.65 | 0.43 | 58.90 | 58.10 | 58.10 |
| | Appoġġ tal-ewwel livell 24/7 għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi - Service Desk tal-eu-LISA | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Appoġġ għall-applikazzjoni tat-tieni livell 24/7 għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tan-negozju ewlenin | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Implimentazzjoni ta' sostituzzjoni tal-EOPM | 01/2023 | 01/2024 | | | | | | |
| | Ġestjoni tal-avvenimenti — xiri, implimentazzjoni u manutenzjoni tas-sistema ewlenija tal-ġestjoni tal-avvenimenti | 10/2022 | 12/2023 | | | | | | |
| | Migrazzjoni ta' SM9 lejn SMAX — prova tal-kunċett | 01/2023 | 06/2023 | | | | | | |
| | Migrazzjoni ta' SM9 lejn SMAX — implimentazzjoni | 07/2023 | 12/2023 | | | | | | |

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Appoġġ lill-bejjiegħ għal manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluttiva | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Infrastruttura** | | | | **41.63** | **84.77** | **92.79** | **27.00** | **32.25** | **30.55** |
| **Network** | | | | 15.97 | 14.21 | 17.21 | 7.20 | 10.05 | 8.35 |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-VISMail u s-SireneMail | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ippjanar tal-kapaċità tan-network u titjib operazzjonali | 01/2023 | 09/2024 | | | | | | |
| | Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni | 01/2023 | 12/2025 | | | | | | |
| | Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid | 01/2024 | 12/2025 | | | | | | |
| **Ċentru tad-*Data*** | | | | 2.02 | 2.02 | 2.02 | 4.25 | 4.25 | 4.25 |
| | Kostijiet operazzjonali u ta' ħidma tal-Unità Ċentrali ta' Backup | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Attivitajiet operazzjonali u evoluzzjonijiet u titjib tal-Unità Ċentrali u tal-Unità Ċentrali ta' Backup | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Konsolidazzjoni tal-infrastruttura tan-Network Fiżiku | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Infrastruttura Kondiviża Komuni** | | | | 23.64 | 68.54 | 73.56 | 15.55 | 17.95 | 17.95 |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-komponenti tal-infrastruttura ċentralizzata tas-CSI li jospitaw is-CBS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-e-CODEX | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-ECRIS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-EES | 11/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-ETIAS | 01/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-Eurodac | 11/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-interoperabbiltà tas-CBS | 01/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-sBMS | 11/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-VIS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Evoluzzjoni, aġġornament u manutenzjoni adattiva tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita s-CBS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura tas-sistema ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-infrastruttura tal-aċċess għall-pjattaformi operazzjonali (servizzi tal-EUWS) | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Tiġdid tal-manutenzjoni għal-liċenzji tas-CBS Oracle | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **2.50** | **0.50** | **0.50** | **19.00** | **15.25** | **15.25** |
| **Appoġġ operazzjonali estern u konsulenzi** | | | | 2.00 | - | - | 3.85 | - | - |
| | Tranżizzjoni ta' servizzi ta' inġinerija u servizzi operazzjonali esternalizzati taħt l-Oqfsa ta' Inġinerija Trasversali u Operazzjonali | 09/2022 | 12/2026 | | | | | | |
| **Ġestjoni tar-rilaxx, ġestjoni tal-ħajja tal-applikazzjoni, ittestjar u tranżizzjoni** | | | | 0.50 | 0.50 | 0.50 | 15.15 | 15.25 | 15.25 |
| | Servizzi tal-ġestjoni tal-applikazzjoni | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tat-tibdil operazzjonali | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tar-rilaxx u tal-utilizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn l-operazzjonijiet | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Appoġġ għall-pjattaforma tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni u għodod relatati (bini ta' linji ta' pajpijiet, għodod tal-ittestjar) | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tat-testijiet | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ korporattiv** | | | | - | - | - | - | - | - |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv** (inklużi l-ġestjoni tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-ICT) | | | | - | - | - | - | - | - |
| | Ċentru tad-*data* ta' Strasburgu — żieda fil-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ | 01/2022 | 02/2025 | | | | | | |
| **TISĦIĦ ULTERJURI TAL-VALUR MIŻJUD TAS-SISTEMI, TAD-*DATA*, TAT-TEKNOLOĠIJA U TAL-GĦARFIEN ESPERT IPPROVDUTI MILL-EU-LISA LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI** | | | | | | | | | |
| **Programm: Sistemi ġodda** | | | | **31.06** | **1.50** | **-** | **14.85** | **1.90** | **0.50** |
| **EES** | | | | 21.00 | - | - | 5.75 | - | - |
| | Aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-interoperabbiltà | 03/2022 | 12/2023 | | | | | | |
| | Implimentazzjoni ewlenija tal-EES Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema (FSA) | 01/2019 | 10/2023 | | | | | | |
| | Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-servizzi tal-web | 06/2020 | 10/2023 | | | | | | |
| **ETIAS** | | | | 10.06 | 1.50 | - | 9.10 | 1.90 | 0.50 |
| | ETIAS — Sorveljanza tat-teknoloġija l-aktar reċenti | 11/2023 | 12/2026 | | | | | | |
| | Konnessjoni tal-ETIAS mal-VIS riveduta | 05/2024 | 03/2025 | | | | | | |

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ETIAS | 09/2020 | 11/2023[32] | | | | | | |
| | Għodda tal-ġestjoni tal-kollegament tal-ETIAS MID | 05/2024 | 12/2024 | | | | | | |
| **Programm: Sistemi tal-ġustizzja** | | | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| **ECRIS-TCN / ECRIS RI** | | | | - | - | - | - | - | - |
| | Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN | 01/2018 | 11/2023 | | | | | | |
| **Programm: Interoperabbiltà** | | | | **6.54** | **6.08** | **0.24** | **16.90** | **9.40** | **1.20** |
| **sBMS** | | | | 2.14 | 6.08 | 0.24 | 9.60 | 9.40 | 1.20 |
| | Bijometrika bħala servizz (Baas) | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Żvilupp tal-ECRIS-TCN fl-sBMS (marki tas-swaba') | 01/2023 | 07/2024 | | | | | | |
| | Studju ta' rikonoxximent tal-wiċċ tal-ECRIS-TCN | 01/2024 | 06/2024 | | | | | | |
| | Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EES BMS / sBMS | 01/2019 | 12/2023[33] | | | | | | |
| | Integrazzjoni funzjonali tal-Eurodac sBMS u migrazzjoni tad-*data* (marki tas-swaba') | 01/2023 | 09/2025 | | | | | | |
| | Implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi tar-Riformulazzjoni tal-VIS fl-sBMS | 05/2021 | 06/2025 | | | | | | |
| | Impatt tal-MID fuq l-sBMS | 07/2023 | 08/2024 | | | | | | |
| | SIS — integrazzjoni funzjonali tal-sBMS u l-migrazzjoni tad-*data* bijometrika għall-interoperabbiltà | 02/2022 | 06/2024 | | | | | | |
| **CIR** | | | | 4.40 | - | - | 7.30 | - | - |
| | Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà (appoġġ għall-attivitajiet finali ta' aċċettazzjoni tas-sistema għall-ESP, is-CIR, il-MID u s-CRRS) | 01/2023 | 11/2023 | | | | | | |
| **Programm: Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti** | | | | **32.26** | **29.34** | **-** | **21.65** | **15.85** | **-** |
| **SIS** | | | | 3.33 | - | - | 6.00 | - | - |
| | Modulu ġeneriku ewlieni ta' interkonnessjoni tas-SIS (interfaċċa li tippermetti l-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS) | 01/2022 | 05/2023 | | | | | | |
| | Interkonnessjoni tas-SIS Ċentrali mal-komponenti tal-interoperabbiltà kollha (ħlief sBMS) | 01/2022 | 12/2023 | | | | | | |
| | Kapaċità estiża tas-SIS | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |

[32] Inkluż il-perjodu ta' sitt xhur wara l-bidu tat-tħaddim (jiġifieri, wara l-Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema mill-Istati Membri), jiġifieri, is-sistema tibda topera sitt xhur qabel.

[33] Inkluż il-perjodu ta' sitt xhur wara l-bidu tat-tħaddim (jiġifieri, wara l-Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema mill-Istati Membri), jiġifieri, is-sistema tibda topera sitt xhur qabel.

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Implimentazzjoni ta' allert ta' informazzjoni ġdid għas-SIS | 06/2023 | 09/2024 | | | | | | |
| | Magna tat-tiftix ġdida u aġġornament ta' Oracle għas-SIS | 06/2018 | 10/2023 | | | | | | |
| **VIS** | | | | 28.93 | 29.34 | - | 10.30 | 8.95 | - |
| | Integrazzjoni tal-Kroazja fil-VIS b'aċċess sħiħ | 10/2022 | 12/2023 | | | | | | |
| | Integrazzjoni tal-VIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà | 11/2021 | 03/2024 | | | | | | |
| | Monitoraġġ Intelliġenti tal-VIS — Valutazzjoni tal-Impatt | 03/2025 | 07/2025 | | | | | | |
| | Żvilupp tar-Riformulazzjoni tal-VIS (inkluż struttura attiva-attiva) | 05/2021 | 04/2025 | | | | | | |
| **Eurodac** | | | | - | - | - | 5.35 | 6.90 | - |
| | Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac (inkluża l-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà) | 01/2023 | 05/2025 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **1.80** | **2.53** | **2.58** | **5.50** | **4.50** | **4.50** |
| **Bini tal-kapaċitajiet** (inklużi r-riċerka, ir-rapportar u t-taħriġ lill-Istati Membri) | | | | 1.80 | 2.53 | 2.58 | 5.50 | 4.50 | 4.50 |
| | Taħriġ għall-Istati Membri | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **TISĦIĦ TAL-KAPAĊITAJIET TAS-SIGURTÀ TAL-INFORMAZZJONI RELATATI MAS-SISTEMI FDATI LILL-AĠENZIJA** | | | | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **2.55** | **2.35** | **2.35** | **10.00** | **8.40** | **8.40** |
| **Sigurtà u l-kontinwità tan-negozju** | | | | 2.55 | 2.35 | 2.35 | 10.00 | 8.40 | 8.40 |
| | Eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri għall-VIS u għall-EES | 09/2022 | 04/2024 | | | | | | |
| | Servizzi ta' operazzjonijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni, assigurazzjoni u ċibersigurtà għas-sistemi ewlenin tan-negozju | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Kontinwità tan-negozju operazzjonali | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ korporattiv** | | | | **-** | **-** | **-** | **9.50** | **9.50** | **9.50** |
| **Sigurtà korporattiva u kontinwità tan-negozju** | | | | - | - | - | 9.50 | 9.50 | 9.50 |
| | Ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-Sigurtà u l-kontinwità tan-negozju | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Sigurtà protettiva | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Politika ta' sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **ISSIR FORNITUR KONDIVIŻ TA' SERVIZZI TA' VALUR GĦOLI FL-OQSMA TA' EĊĊELLENZA** | | | | | | | | | |
| **Programm: Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti** | | | | **-** | **-** | **-** | **1.60** | **1.60** | **1.60** |
| **Għodod ta' appoġġ u ta' servizz operazzjonali tal-ewwel u tat-tieni livell** | | | | - | - | - | 1.60 | 1.60 | 1.60 |
| | Kollox jibqa' l-istess | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Total tal-għan strateġiku 1** | | | | **170.32** | **249.76** | **190.38** | **213.55** | **206.75** | **178.00** |

### 1.2.2. GĦAN STRATEĠIKU 2: Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

L-Aġenzija se tkompli ssaħħaħ u tespandi l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tekniċi tagħha filwaqt li tkompli twessa' l-għarfien u r-rwol tagħha fit-twettiq ta' soluzzjonijiet tal-IT tal-ogħla livell, kif ukoll tipprovdi pariri esperti biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-politika fid-dominju tal-ĠAI.

**Attivitajiet ewlenin:**

- stinkar kontinwu għall-eċċellenza fit-tfassil, fl-iżvilupp u fil-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lil eu-LISA, eż., waqt l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fl-2022, u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni bbażat fuq l-evalwazzjoni regolari fl-2023,
- appoġġ b'mod proattiv għat-taħriġ u għall-isforzi għall-bini tal-kapaċità tal-Istati Membri,
- promozzjoni tal-għarfien espert tal-Aġenzija fl-għoti ta' pariri lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, eż., li l-Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Għarfien issir disponibbli għall-persunal tal-Aġenzija u għall-Istati Membri.

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TKOMPLI TIKBER BĦALA AWTORITÀ TA' ĠESTJONI KOMPETENTI FL-IMPLIMENTAZZJONI U FL-OPERAT TAS-SISTEMI TAL-IT FIL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA FL-UE | | | | | | | | | |
| **Programm: Interoperabbiltà** | | | | - | - | - | **0.75** | **0.75** | **0.75** |
| **sBMS** | | | | - | - | - | 0.75 | 0.75 | 0.75 |
| | Gruppi ta' Ħidma Bijometriċi Regolari | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| IKOMPLI JIKBER IL-PROFIL TAL-AĠENZIJA BĦALA KONSULENT FDAT GĦALL-ISTATI MEMBRI U GĦALL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UE. | | | | | | | | | |
| **Programm: Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti** | | | | **0.10** | **0.10** | **0.10** | **0.50** | **0.50** | **0.50** |
| **Għodod ta' appoġġ u ta' servizz operazzjonali tal-ewwel u tat-tieni livell** | | | | 0.10 | 0.10 | 0.10 | 0.50 | 0.50 | 0.50 |
| | Rapportar Operazzjonali — taħriġ tal-utenti finali | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **0.06** | **0.06** | **0.06** | **0.10** | **0.10** | **0.10** |
| **Gruppi Konsultattivi, laqgħat, missjonijiet u evalwazzjonijiet ta' Schengen** | | | | 0.06 | 0.06 | 0.06 | 0.10 | 0.10 | 0.10 |
| | Kontribut għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Total tal-għan strateġiku 2** | | | | **0.16** | **0.16** | **0.16** | **1.35** | **1.35** | **1.35** |

### 1.2.3. GĦAN STRATEĠIKU 3: Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni

L-Aġenzija se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiffaċilita aktar trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI tal-UE billi twettaq attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni biex tidentifika soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda biex ittejjeb il-proċessi tan-negozju, ittejjeb il-kwalità tad-*data* permezz tal-istandardizzazzjoni teknoloġika, u tiżviluppa kapaċitajiet permanenti għall-forniment ta' servizzi fuq talba lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha, eż. l-ittestjar, il-proġetti pilota u l-provi tal-kunċett.

**Attivitajiet ewlenin:**

- monitoraġġ u analiżi tal-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni biex jissaħħu u jiġu estiżi l-kapaċitajiet eżistenti, jiġu ffaċilitati proġetti pilota, u jiġu adottati soluzzjonijiet ġodda tal-IT, filwaqt li jingħata wkoll parir tekniku affidabbli lil dawk li jfasslu l-politika fl-oqsma tal-għarfien espert tal-eu-LISA, eż. permezz tal-istabbiliment ta' Ċentru ta' Eċċellenza dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fid-dominju tal-ĠAI u tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz tal-laboratorju tal-ittestjar tal-intelliġenza artifiċjali,

- promozzjoni tal-istandardizzazzjoni teknoloġika fl-UE kollha, eż. l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni bbażat fuq il-Pjan Direzzjonali għall-Istandardizzazzjoni għal Skopijiet ta' Kwalità tad-*Data*,
- ħidma mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-industrija biex jiġu identifikati u esplorati l-opportunitajiet u l-benefiċċji teknoloġiċi tas-soluzzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali biex ikomplu javvanzaw u jimmassimizzaw il-kostefiċjenza operazzjonali u l-ekonomiji ta' skala fis-sistemi kollha, eż., billi jospitaw avvenimenti ta' Diskussjoni biannwali Madwar Mejda dwar l-Industrija.

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) | | | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 2023 | 2024 | 2025 | 2023 | 2024 | 2025 |
| **Identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-IT biex jittejbu l-proċessi tan-negozju** | | | | | | | | | |
| **Programm: Interoperabbiltà** | | | | **-** | **0.50** | **5.00** | **0.50** | **-** | **-** |
| **sBMS** | | | | - | 0.50 | 5.00 | 0.50 | - | - |
| | Żvilupp u titjib tal-portafoll bijometriku | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **0.50** | **-** | **-** | **4.65** | **4.95** | **4.95** |
| **Bini tal-kapaċitajiet** (inklużi r-riċerka, ir-rapportar u t-taħriġ lill-Istati Membri) | | | | 0.50 | - | - | 4.65 | 4.95 | 4.95 |
| | Żvilupp tal-kapaċità tal-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Eċċellenza | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet. | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Tkun konsulent fdat u faċilitatur għat-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni fl-IT fid-dominju tal-ĠAI** | | | | | | | | | |
| **Programm: Interoperabbiltà** | | | | **-** | **-** | **-** | **0.20** | **0.20** | **0.20** |
| **sBMS** | | | | - | - | - | 0.20 | 0.20 | 0.20 |
| | Segwitu u kontribut għall-isforzi tal-grupp ta' ħidma ISO SC37 | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Governanza** | | | | **-** | **-** | **-** | **4.00** | **4.00** | **4.00** |
| **Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** (inklużi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet tan-negozju, l-attivitajiet tal-Uffiċċju ta' Kollegament u l-komunikazzjoni) | | | | - | - | - | 4.00 | 4.00 | 4.00 |
| | Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u koordinazzjoni tal-politika | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Iżżid kontinwament il-valur miżjud tal-arkitettura tal-interoperabbiltà** | | | | | | | | | |
| **Programm: Governanza** | | | | **-** | **-** | **-** | **0.65** | **0.75** | **0.65** |
| **Governanza, ippjanar, standards u ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)** | | | | - | - | - | 0.65 | 0.75 | 0.65 |
| | Continuum tal-arkitettura tal-intrapriża | 01/2022 | 12/2024 | | | | | | |
| **Total tal-għan strateġiku 3** | | | | **0.50** | **0.50** | **0.50** | **10.00** | **9.90** | **9.80** |

### 1.2.4. GĦAN STRATEĠIKU 4: Tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE

L-Aġenzija se tkompli timplimenta l-proġett ta' trasformazzjoni organizzazzjonali tagħha biex taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati. Għal dak l-għan, l-eu-LISA se tiffoka fuq l-allinjament effiċjenti tar-riżorsi tagħha, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ġodda, l-aġġornament tas-servizzi u l-proċessi tagħha, u t-trawwim ta' teħid ta' deċiżjonijiet immexxi mid-*data*. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija impenjata li tiżgura li l-proċessi kollha tagħha jkomplu jevolvu f'konformità mal-bażi legali u l-prinċipji ta' ġestjoni tajba tal-prestazzjoni.

**Attivitajiet ewlenin:**

- titjib tal-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati billi tivvaluta u tallinja r-riżorsi tal-Aġenzija, tiżviluppa l-kapaċitajiet meħtieġa, u trawwem teħid ta' deċiżjonijiet immexxi mid-*data*, eż., tirrieżamina u taġġorna l-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA, flimkien mal-ippjanar finanzjarju korporattiv u l-kapaċità ta' analiżi,
- iffaċilitar tat-tkabbir professjonali u żgurar tal-iżvilupp kontinwu tat-talent bħala xprunaturi ewlenin tal-kultura organizzazzjonali, eż. il-finalizzazzjoni tal-istrateġija tar-riżorsi umani, l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' żvilupp tat-tmexxija, iż-żieda fl-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn talenti diversi u speċifiċi,
- żgurar u titjib tal-proċessi operazzjonali u korporattivi tal-Aġenzija f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti u l-prinċipji ta' ġestjoni tal-prestazzjoni tajba, eż. l-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF),
- progress bit-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu, eż., il-bidu tal-istudju tad-disinn.

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TAQDI L-ĦTIĠIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI BILLI TALLINJA B'MOD EFFIĊJENTI R-RIŻORSI, IS-SERVIZZI U L-PROĊESSI TAL-AĠENZIJA** | | | | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **2.36** | **2.36** | **2.36** | **3.90** | **3.90** | **3.90** |
| **Gruppi Konsultattivi, laqgħat, missjonijiet u evalwazzjonijiet ta' Schengen** | | | | 1.68 | 1.68 | 1.68 | 2.40 | 2.40 | 2.40 |
| | Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Appoġġ amministrattiv għal laqgħat u missjonijiet oħra | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Taħriġ operazzjonali għall-persunal** | | | | **0.68** | **0.68** | **0.68** | **1.50** | **1.50** | **1.50** |
| | Operazzjonijiet ta' Żvilupp ta' Kompetenzi | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Governanza** | | | | **0.25** | **-** | **-** | **44.45** | **43.65** | **43.55** |
| **Konformità** (inklużi l-protezzjoni tad-*data*, l-awditjar intern u l-kontabilità) | | | | - | - | - | 2.90 | 2.90 | 2.90 |
| | Protezzjoni tad-*data* | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Governanza, ippjanar, standards u ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)** | | | | 0.25 | - | - | 4.90 | 4.15 | 4.05 |
| | Titjib kontinwu tas-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA, li jindirizzaw rekwiżiti ġodda tas-sistemi tal-ĠAI | 07/2021 | 09/2023 | | | | | | |
| | Qafas ta' Servizzi u Proċessi tal-eu-LISA | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** (inklużi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet tan-negozju, l-attivitajiet tal-Uffiċċju ta' Kollegament u l-komunikazzjoni) | | | | - | - | - | 31.65 | 31.60 | 31.60 |
| | Appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Relazzjonijiet tan-negozju, rekwiżiti, ġestjoni tad-domanda u tal-bidla | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Appoġġ amministrattiv korporattiv | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tar-relazzjonijiet istituzzjonali u koordinazzjoni tal-politika | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża** | | | | - | - | - | 5.00 | 5.00 | 5.00 |
| | Evalwazzjoni uffiċjali tal-prattika tal-ġestjoni tal-proġetti bbażata fuq il-mudell CMMI | 10/2022 | 12/2023 | | | | | | |

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kapaċità ta' Ġestjoni tal-Programm u l-Proġetti, strateġija tal-akkwist u ġestjoni tar-riskju korporattiv | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ korporattiv** | | | | **-** | **-** | **-** | **19.00** | **19.00** | **19.00** |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv** (inklużi l-ġestjoni tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-ICT) | | | | - | - | - | 19.00 | 19.00 | 19.00 |
| | Appoġġ Amministrattiv għall-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni operazzjonali tal-attivitajiet korporattivi | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Servizzi ta' appoġġ korporattiv orizzontali (missjonijiet, faċilitajiet, loġistika u provvisti tal-uffiċċju) | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Amministrazzjoni, manutenzjoni u appoġġ għall-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-ICT | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Migrazzjoni tal-cloud u infrastruttura ta' desktop virtwali bbażata fuq il-cloud | 09/2021 | 12/2026 | | | | | | |
| | Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL) | 09/2021 | 12/2025 | | | | | | |
| | Ġestjoni tal-kontenut tal-intrapriża | 01/2023 | 12/2025 | | | | | | |
| **TIKBER BĦALA AĠENZIJA EWLENIJA TAL-UE, LI TATTIRA, TINVOLVI U TIŻVILUPPA T-TALENTI** | | | | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ korporattiv** | | | | **-** | **-** | **-** | **13.50** | **13.50** | **13.50** |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv** (inklużi l-ġestjoni tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-ICT) | | | | - | - | - | - | - | - |
| | Ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni intelliġenti tal-ispazju | 01/2022 | 12/2024 | | | | | | |
| **Ġestjoni tar-riżorsi umani** | | | | - | - | - | 13.50 | 13.50 | 13.50 |
| | Amministrazzjoni u ppjanar tar-riżorsi umani | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tat-talent | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Tranżizzjoni għal ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **TIŻGURA KONFORMITÀ SISTEMATIKA U EFFETTIVA MAL-QAFAS REGOLATORJU TAL-UE** | | | | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | | | | **-** | **-** | **-** | **1.00** | **0.80** | **0.80** |
| **Bini tal-kapaċitajiet** (inklużi r-riċerka, ir-rapportar u t-taħriġ lill-Istati Membri) | | | | - | - | - | 1.00 | 0.80 | 0.80 |
| | Abbozzar ta' rapporti u statistika aggregata dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Governanza** | | | | **-** | **-** | **-** | **12.10** | **12.30** | **12.30** |
| **Konformità** (inklużi l-protezzjoni tad-*data*, l-awditjar intern u l-kontabilità) | | | | - | - | - | 4.10 | 4.30 | 4.30 |
| | Kontabilità | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Protezzjoni tad-*data* | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |

| Attività | Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Baġit tal-attività (f'miljuni ta' euro) 2023 | 2024 | 2025 | Membri tal-persunal u SNEs (FTEs) 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Evalwazzjoni tal-Aġenzija (l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Istabbiliment) | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Awditjar intern | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Governanza, ippjanar, standards u ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)** | | | | - | - | - | 8.00 | 8.00 | 8.00 |
| | Governanza korporattiva, ippjanar, rapportar u valutazzjonijiet | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Governanza, ippjanar u rapportar tad-dipartiment tal-operazzjonijiet | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ korporattiv** | | | | **-** | **-** | **-** | **33.35** | **32.90** | **33.05** |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv** (inklużi l-ġestjoni tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-ICT) | | | | - | - | - | 1.00 | 1.00 | 1.00 |
| | It-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu | 03/2019 | 08/2028 | | | | | | |
| **Ġestjoni tal-baġit, tal-finanzi u tal-akkwist** | | | | - | - | - | 29.35 | 28.90 | 29.05 |
| | Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Kontrolli finanzjarji interni u monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Ġestjoni tal-akkwist u tal-akkwiżizzjoni | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Servizzi legali** | | | | - | - | - | 3.00 | 3.00 | 3.00 |
| | Servizzi legali | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **TIPPROMWOVI L-MISSJONI U L-VALURI TAL-AĠENZIJA INTERNAMENT U ESTERNAMENT** | | | | | | | | | |
| **Programm: Governanza** | | | | **-** | **-** | **-** | **4.00** | **4.00** | **4.00** |
| **Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** (inklużi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet tan-negozju, l-attivitajiet tal-Uffiċċju ta' Kollegament u l-komunikazzjoni) | | | | - | - | - | 4.00 | 4.00 | 4.00 |
| | Kommunikazzjoni esterna | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| | Komunikazzjoni interna | 01/2023 | 12/2023 | | | | | | |
| **Programm: Appoġġ korporattiv** | | | | - | - | - | - | - | - |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv** (inklużi l-ġestjoni tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-ICT) | | | | - | - | - | - | - | - |
| | Ġestjoni tas-servizzi ambjentali | 01/2023 | 12/2025 | | | | | | |
| **Total tal-għan strateġiku 4** | | | | **2.61** | **2.36** | **2.36** | **131.30** | **130.05** | **130.10** |

## 1.3. Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi ewlenin

Abbażi tal-proġetti deskritti fit-taqsima dwar l-ipproggrammar pluriennali, iċ-ċart Gantt li ġejja tippreżenta l-inizjattivi ewlenin u l-istadji tagħhom għal proġetti magħżula biex tkun ipprovduta-ħarsa ġenerali konċiża tal-iskeda ta' żmien u l-interrelazzjonijiet bejn l-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija.


2021
2022
2023
2024
2025
2026
2027
Sigurtà
SIS
Interkonnessjoni tas-SIS ETIAS
EiO
Interkonnessjoni tas-SIS VIS
EiO
IA CIR, MID, CRRS u ESP
Integrazzjoni tas-CIR, tal-MID, tas-CRRS u tal-ESP
EiO
Migrazzjoni tal-AI sBMS
Migrazzjoni tas-SIS AFIS għall-sBMS
EiO
Kapaċità estiża tas-SIS
EiO
Żieda fil-kapaċità ewlenija tas-SIS
EiO
SIS attiva-attiva
EiO
Implimentazzjoni tal-immaġnijiet tal-wiċċ fis-SIS
EiO
Allert ta' informazzjoni ġdid dwar is-SIS
EiO
VIS
Implimentazzjoni tal-VIS IO u tal-VIS ETIAS
EiO
Integrazzjoni tal-IA VIS IO
Implimentazzjoni tal-VIS IO
EiO
Monitoraġġ tal-IA VIS Int.
Monitoraġġ Intelliġenti tal-VIS
Riformulazzjoni VIS (inkluż l-sBMS)
EiO
Portal tal-Applikazzjoni tal-VIŻA Online
EiO
Prüm II
Implimentazzjoni tar-router ċentrali ta' Prüm
EiO
Il-Fruntieri
EES
Aġġustamenti tal-EES IO
EiO
Aġġornament tal-Infrastruttura tas-Servizzi tal-IA Web
Aġġornament tal-Infrastruttura tas-Servizzi tal-Web
EES
EiO
FSA
Aġġornament tal-Infrastruttura tal-IA EES
Aġġornament tal-Infrastruttura tal-EES u tan-NUI
ETIAS
ETIAS
EiO
FSA
ETIAS attiva-attiva
EiO
Aġġornament tal-Infrastruttura tal-IA ETIAS
Għodda ta' kollegament tal-ETIAS MID
EiO
Talba tal-ETIAS għall-Bidla - attivitajiet ta' wara l-proġett
EiO
Riformulazzjoni tal-ETIAS VIS
EiO
Ażil
Eurodac
Riformulazzjoni tal-Eurodac, inkluża l-integrazzjoni tal-IO
EiO
Aġġornament tal-Infrastruttura tal-Eurodac
EiO
Aġġornament ta' DubliNet wara r-Riformulazzjoni ta' Dublin
EiO
Ġustizzja
ECRIS-TCN
Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN u integrazzjoni tal-ECRIS-TCN IO
EiO
Studju ta' rikonoxximent tal-wiċċ tal-ECRIS-TCN
Soluzzjonijiet tal-FE għas-Sigurtà tal-ECRIS-TCN
EiO
Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN sBMS
ECRIS-RI
Tiġdid tal-ECRIS-RI
EiO
e-CODEX
Teħid tal-kontroll
EiO
SIK
Żvilupp tat-twaqqif tas-SIK
EiO
Qasam: Interoperabbiltà
sBMS
sBMS
EiO
Tkabbir progressiv tal-kapaċità tal-sBMS u l-ottimizzazzjoni wara l-konnessjoni tas-sistema
Integrazzjoni funzjonali tal-sBMS u l-migrazzjoni tad-data għall-Eurodac
EiO
Impatt tal-IA MID fuq l-sBMS
Impatt tal-MID fuq l-implimentazzjoni tal-sBMS
EiO
Aġġornament tal-Infrastruttura tal-IA sBMS
Aġġornament tal-Infrastruttura tal-sBMS
CRRS
CRRS
EiO
MID
MID
EiO
ESP
ESP
EiO
CIR
CIR
EiO
Appoġġ għall-attivitajiet ta' tranżizzjoni għall-ESP, għas-CIR, għall-MID u għas-CRRS
EiO
Qasam: Infrastruttura
Infrastruttura
Analiżi tal-Kapaċità tan-Network u Ottimizzazzjoni operazzjonali
EiO
Tranżizzjoni tal-sTESTA l-ġdida
2021
2022
2023
2024
2025
2026
2027
Didaskalija:
Valutazzjoni tal-Impatt (IA)
Żvilupp
Dħul fis-Seħħ (EiO)
Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema (FSA)

## 1.4. **Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni**

L-Aġenzija timmonitorja u tivvaluta regolarment l-allinjament tal-attivitajiet tagħha u l-kisba tal-objettivi ddikjarati, filwaqt li żżomm lill-partijiet ikkonċernati tagħha aġġornati dwar l-aħħar żviluppi, progress u prestazzjoni. It-Tabella 1 ta' hawn taħt tiddeskrivi l-indikaturi użati mill-Aġenzija biex timmonitorja u tevalwa l-progress mistenni li sar fit-twettiq tal-għanijiet strateġiċi tagħha.

**Tabella 1. Għanijiet strateġiċi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni[34]**

| Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni | Mira | *Data* tal-linja bażi (2021) |
|---|---|---|
| **GĦAN STRATEĠIKU 1: TKOMPLI TIKBER BĦALA KONTRIBUTUR U SIEĦEB TA' IMPLIMENTAZZJONI GĦALL-POLITIKI RILEVANTI FID-DOMINJU TAL-ĠUSTIZZJA U L-AFFARIJIET INTERNI.** | | |
| **Perċentwal tal-objettivi tas-sigurtà implimentati kif definit fil-leġiżlazzjoni** | 100 % | 100 % |
| **Għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà u eżerċizzji relatati mal-kontinwità tan-negozju mwettqa kull sena** | 2 | 2 |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac[35]** | Aħdar ≥ 99.99 %<br>99.99 % > Ambra > 99.50 %<br>Aħmar 99.50 % | 99.80 % |
| **Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac[36]** | Aħdar ≥ 99.45 %<br>99.45 % > Ambra ≥ 90 %<br>Aħmar < 90 % | 100 % |
| **Disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (għas-sistemi tas-SIS u tal-VIS)** | Aħdar ≥ 99.99 %<br>99.99 % > Ambra > 99.50 %<br>Aħmar 99.50 % | 99.9988 % |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS** | Aħdar ≥ 99.99 %<br>99.99 % > Ambra > 99.50 %<br>Aħmar 99.50 % | 99.98 % |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS[37]** | Aħdar ≥ 99.5 %,<br>99.5 % > Ambra ≥ 99 %<br>Aħmar < 99 % | 99.85 % |
| **Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS** | Aħdar ≥ 99.99 %<br>99.99 % > Ambra > 99.50 %<br>Aħmar 99.50 % | 99.98 % |
| **Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS[38]** | Aħdar = 100 %<br>100 % > Ambra ≥ 90 %<br>Aħmar < 90 % | 99.90 % |

[34] Is-sett aġġornat ta' KPIs tal-eu-LISA u l-kards tagħhom, flimkien mar-rabtiet mal-objettivi strateġiċi speċifiċi, ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2020. Rieżami li jinkludi bidliet żgħar ġie ppreżentat lill-Bord għal skopijiet ta' informazzjoni f'Marzu 2021.
[35] Il-miri tad-disponibbiltà mhumiex definiti b'mod preċiż fl-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi. Il-mira ħadra ta' 99.99 % ġiet stabbilita mill-Aġenzija peress li s-sistemi ġestiti minnha huma definiti bħala sistemi ta' disponibbiltà għolja.
[36] Il-funzjonijiet tan-negozju kritiċi tas-sistema huma miġbura f'żewġ kategoriji: a) tranżazzjonijiet ta' prijorità għolja u b) tranżazzjonijiet normali. Il-ħin standard tar-rispons għal tranżazzjonijiet ta' prijorità għolja huwa ta' siegħa, għal tranżazzjonijiet normali huwa ta' 24 siegħa. Għal kull kategorija, jiġi ssorveljat indikatur. Il-KPI 4 huwa l-medja tal-indikatur għat-tranżazzjonijiet ta' prijorità għolja u l-indikatur għat-tranżazzjonijiet normali. L-indikatur huwa "aħdar" jekk 99.45 % tat-tranżazzjonijiet ikunu fil-ħin tar-rispons standard, "ambra" jekk bejn 90 % u 99.45 % tat-tranżazzjonijiet ikunu fil-ħin tar-rispons standard, "aħmar" jekk inqas minn 90 % tat-tranżazzjonijiet ikunu taħt il-ħin tar-rispons standard.
[37] Il-mistoqsijiet standard jinqasmu f'kategoriji. Il-kategorija 1 tirrappreżenta l-mistoqsijiet singoli u multipli kollha kklassifikati bħala "eżatti", minħabba li l-informazzjoni eżatta hi pprovduta f'oqsma ta' tiftix. Mistoqsijiet mhux eżatti jew mhux ċari huma esklużi mill-kategorija 1. Il-ħin tar-rispons standard għal mistoqsijiet tal-kategorija 1 huwa ta' sekonda. Għal mistoqsijiet oħra, il-ħin tar-rispons standard huwa ta' 3 sekondi. Il-ħin tar-rispons għal mistoqsijiet tal-kategorija 1 huwa l-indikatur ewlieni biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni peress li din hija l-mistoqsija l-aktar rappreżentattiva. L-indikatur KPI 7 ikun "aħdar" jekk aktar minn 99.5 % tal-mistoqsijiet tal-kategorija 1 ikollhom ħin tar-rispons fi żmien sekonda, "ambra" jekk bejn 99.5 % u 99 % tal-mistoqsijiet tal-kategorija 1 ikollhom ħin tar-rispons fi żmien sekonda u "aħmar" jekk inqas minn 99 % tal-mistoqsijiet tal-kategorija 1 ikollhom ħin tar-rispons fi żmien sekonda.
[38] Il-valur tal-indikatur huwa s-sehem tal-ħin tar-rispons totali fil-limiti kuntrattwali għal kull grupp ta' negozju: l-ażil, il-fruntieri, il-konsulari, l-infurzar tal-liġi u t-territorju. Għall-VIS, jeżistu tliet limiti kuntrattwali: l-indikatur tal-ogħla intensità fis-siegħa, l-indikatur tal-ksur tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS), u l-indikatur tar-rekords. Il-KPI 9 huwa r-riżultat tal-kalkolu għall-gruppi ta' negozju kollha u l-limiti kuntrattwali kollha. L-indikatur ikun "aħdar" jekk il-valur ikun ta' 100 %, "ambra" jekk il-valur ikun bejn 90 % u 100 %, u "aħmar" jekk il-valur ikun inqas minn 90 %.

| Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni | Mira | *Data* tal-linja bażi (2021) |
|---|---|---|
| **Sodisfazzjon tat-trainees bit-taħriġ ipprovdut** | > 4/6 | 5.4/6 |
| **GĦAN STRATEĠIKU 2: IŻOMM U JESPANDI R-RWOL TAL-AĠENZIJA BĦALA SIEĦEB RIKONOXXUT U FDAT GĦALL-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ U GĦALL-ISTATI MEMBRI FIT-TMEXXIJA TAT-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI FID-DOMINJU TAL-ĠUSTIZZJA U L-AFFARIJIET INTERNI** | | |
| **Rata ta' kanċellazzjoni (%) tal-approprjazzjonijiet tal-pagamenti** | < 5 % | 7 % |
| **Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji** | 95–99 % | 100 % |
| **Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti** | > 95 % | 99.0 % |
| **Proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi u proporzjon (%) tar-riżorsi operazzjonali meta mqabbla mar-riżorsi umani kollha fi ħdan l-Aġenzija (persunal u SNE)** | Amministrattivi: 20 %<br>Operazzjonali: 70 % | 16.9 %<br>73.2 % |
| **Proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati fi ħdan l-iskadenzi statutorji** | > 90 % | 99 % |
| **Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni: proġetti ta' akkwist skont l-iskeda** | > 60 % | 80.10 % |
| **GĦAN STRATEĠIKU 3: JIFFAĊILITA U JIXPRUNA L-INNOVAZZJONI U T-TRASFORMAZZJONI DIĠITALI FID-DOMINJU TAL-ĠUSTIZZJA U L-AFFARIJIET INTERNI** | | |
| **Sodisfazzjon tal-klijenti: % tal-utenti tal-Istati Membri ssodisfati jew issodisfati ħafna bl-operazzjonijiet ġenerali tas-sistemi tan-negozju ewlenin** | ≥ 80 % | 95 % |
| **GĦAN STRATEĠIKU 4: TKOMPLI TAĦDEM FUQ L-EVOLUZZJONI ORGANIZZAZZJONALI TAL-EU-LISA LEJN ORGANIZZAZZJONI AKTAR EFFIĊJENTI, AĠLI U REŻILJENTI FI ĦDAN IL-QAFAS REGOLATORJU TAL-UE** | | |
| **Prestazzjoni tas-Service Desk tal-eu-LISA** | ≥ 75 % | 95 % |
| **Valutazzjoni tat-tlestija u tal-progress tal-proġetti skont linja bażi (mill-ġdid) ta' parametri definiti ta' kwalità/kost/ħin u b'kont meħud tat-tolleranzi tal-proġett** | < 10 % | 15.75 % |
| **Ġestjoni tal-Proġetti: Valutazzjoni tal-konformità tal-proġetti kkompletati skont il-Metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-eu-LISA matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett.** | Proġetti żgħar: > 75 %<br>Proġetti medji: > 80 %<br>Proġetti kbar: > 85 % | Żgħar: 20 %<br>Medji: 76.2 %<br>Kbar: L-ebda proġett kbir ma ngħalaq fl-2021 |
| **Perċentwal (%) ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati li huma:** | | |
| kritiċi | Kritiċi = 100 % | Kritiċi mhux applikabbli |
| importanti ħafna | Importanti ħafna ≥ 90 % | Importanti ħafna: 72 % |
| importanti | Importanti ≥ 80 % | Importanti: 85 % |
| **Għadd u età tar-rakkomandazzjonijiet pendenti, li minnhom:** | | |
| inqas minn sitt xhur | ≤ erba' rakkomandazzjonijiet skaduti għal inqas minn sitt xhur | 1 |
| bejn sitt xhur u sena | ≤ żewġ rakkomandazzjonijiet skaduti bejn sitt xhur u sena | 0 |
| aktar minn sena | ≤ rakkomandazzjoni waħda skaduta għal aktar minn sena | 6 |
| **Effiċjenza tal-proċess tal-akkwist** | < 25 % | 21.4 % |
| **Indikatur ambjentali: impronta tal-karbonju** | Taħt il-linja bażi | 401 tunnellata |
| **Rata ta' assenteiżmu fil-perjodu ta' rapportar** | | |
| għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard għal kull membru tal-persunal | < 15-il jum għal kull membru tal-persunal | 4.1 jum, |
| perċentwal ta' persunal fuq liv twil minħabba mard | < 10 % | 3.2 %, |
| perċentwal ta' persunal li ma użax liv minħabba mard | > 15 % | 51.6 % |
| **Perċentwal (%) annwali tad-dawran tal-persunal** | ≤ 5 % | 5.48 % |
| **Perċentwal annwali (%) tar-rata ta' okkupazzjoni** | > 94 % | 94.2 % |
| **Indiċi taż-żamma tat-talenti** | > 0 | 0.2 |
| **Livell ta' involviment tal-persunal** | ≥ 6.3 | 7.3 |

| Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni | Mira | *Data* tal-linja bażi (2021) |
|---|---|---|
| **Impatt tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA** | | |
| | Sit web: żomm il-linja bażi | +20 % (Facebook) |
| | Media soċjali: +200 segwaċi fuq kull pjattaforma kull sena | +35 % (Twitter)<br>+37 % (YouTube) |
| | Avvenimenti ta' involviment: | |
| | sodisfazzjon > 90 % | 80 % |
| | parteċipazzjoni f'avvenimenti: > 95 % | 95 % |
| **Impatt tal-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA** | | |
| parteċipazzjoni fl-istħarriġ | > 51 % | 55 % |
| sodisfazzjon ġenerali bil-kanali u bl-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna | > 70 % | 93 % |

## 2. Riżorsi umani u finanzjarji — prospetti għas-snin 2023–2025

**Bl-espansjoni tal-mandat tal-eu-LISA fl-2018, ir-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI żdied b'mod konsiderevoli, speċjalment f'termini tal-għadd ta' sistemi differenti, kif ukoll l-ispinta kontinwa għad-diġitalizzazzjoni fid-dominju tal-ĠAI.**

L-Aġenzija tistenna li s-sentejn li ġejjin ikunu ta' sfida kbira, speċjalment f'termini tal-qafas regolatorju li qed jevolvi kontinwament, l-għadd dejjem jikber ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lill-eu-LISA, u l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija. L-espansjoni tal-mandat wasslet lill-Aġenzija biex tirrieżamina l-allokazzjonijiet tar-riżorsi tagħha biex tappoġġa b'mod ripetut ir-responsabbiltajiet miżjuda. B'riżultat ta' dan, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-eu-LISA ddependiet ħafna mir-riallokazzjoni interna tar-riżorsi finanzjarji u umani għad-detriment ta' xi attivitajiet li eventwalment se jsiru kritiċi.

Il-programmazzjoni pluriennali għall-2023–2025 tirrifletti dawn l-isfidi u l-isforzi tal-Aġenzija biex tkompli bl-istess livell ta' impenn biex iżżomm u saħansitra żżid l-aġilità u l-effiċjenza operazzjonali fi ħdan ir-riżorsi disponibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni u għall quddiem ukoll.

### 2.1. Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi umani u finanzjarji tal-eu-LISA fl-2021 u jippreżentaw il-prospettiva għall-perjodu ta' programmazzjoni 2023–2025. *Data* supplimentari u aktar dettaljata dwar il-programmazzjoni tinsab fl-Annessi II sa V.

#### 2.1.1. Riżorsi Umani

Skont l-Artikolu 28 (3) tar-Regolament ta' Stabbiliment, il-persunal tal-Aġenzija għandu jinkludi uffiċjali,[39] aġenti temporanji (AT) u aġenti kuntrattwali (AK). It-tabella 2 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn **il-persunal tal-eu-LISA għal kull proposta leġiżlattiva**, b'kollox 356 pożizzjoni, kif awtorizzat fil-baġit għall-2021 f'konformità mat-tabella tal-persunal.[40]

**Tabella 2. Ħarsa ġenerali lejn il-persunal fl-2021, għal kull proposta leġiżlattiva**

| Qasam ta' attività | Awtorizzati fl-2021 | | | Sitwazzjoni attwali tal-2021 fl-1.12.2021 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | AT | AK | ENS |
| **Karigi awtorizzati skont il-baġit tal-2020 (linja bażi)** | 113 | 30 | 9 | 113 | 30 | 8 |
| **EES** | 32 | | | 26 | | |
| **Regolament rivedut dwar l-eu-LISA – persunal addizzjonali** | 23 | 27 | 2 | 22 | 25 | 2 |
| **ETIAS** | 7 | 35 | | 7 | 28 | |
| **ECRIS-TCN** | | 5 | | | 4 | |
| **Ritorn tas-SIS[41] u l-fruntiera tas-SIS[42]** | | 4 | | | 4 | |
| **Interoperabbiltà** | 32 | 26 | | 25 | 16 | |
| **LFS Eurodac — soġġett għall-adozzjoni tar-regolament** | 2 | | | 0 | | |
| **Riformulazzjoni tal-pulizija LFS SIS[43]** | | 0[44] | | | 0 | |

[39] It-tabella tal-persunal tal-eu-LISA ma tistipulax pożizzjonijiet separati għall-uffiċjali.

[40] Ir-regolamenti ta' wara l-LFS tal-Eurodac, ir-Riformulazzjoni tal-Pulizija tas-SIS ma ġewx adottati u r-Riformulazzjoni tal-VIS ġiet adottata f'Lulju 2021, filwaqt li r-riżorsi umani rispettivi ġew posposti b'sena. Konsegwentement, l-għadd attwali ta' pożizzjonijiet AT disponibbli għall-Aġenzija fl-2021 kien ta' 207 minflok 213 (inklużi 4 pożizzjonijiet għar-riformulazzjoni tal-VIS u 2 għall-Eurodac), u 127 pożizzjoni AK minflok 134 (inklużi 2 pożizzjonijiet għar-riformulazzjoni tal-pulizija tas-SIS u 5 għar-riformulazzjoni tal-VIS).

[41] Regolament (UE) Nru 2018/1860 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali.

[42] Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri.

[43] Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u r-Regolament (UE) 2022/1190 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 fir-rigward tad-dħul ta' allerti ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-interess tal-Unjoni.

[44] Żewġ pożizzjonijiet għall-AK li kienu previsti fil-proposta tal-Kummissjoni fl-2021 ma ġewx awtorizzati fil-baġit tal-2021 minħabba l-adozzjoni mdewma tar-Regolament rispettiv.

| Qasam ta' attività | Awtorizzati fl-2021 | | | Sitwazzjoni attwali tal-2021 fl-1.12.2021 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Riformulazzjoni tal-LFS VIS[45] | 4[46] | 5[47] | | 0 | 0 | |
| **FTEs totali** | **213** | **132** | **11** | **193** | **107** | **10** |

Matul l-2021, l-Aġenzija rreklutat b'mod attiv persunal addizzjonali iżda f'għadd aktar baxx milli mistenni. Ħafna drabi l-onboarding idewwem b'mod konsiderevoli minħabba l-estensjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID-19 u l-aċċess limitat għas-servizzi mediċi. Il-kumplikazzjoni ewlenija għal din is-sitwazzjoni hija li ħafna kandidati jirrifjutaw offerti ta' impjieg minħabba d-durata qasira tagħhom (kuntratti offruti li jvarjaw minn sena sa tliet snin) u jagħżlu kuntratti itwal offruti xi mkien ieħor. Barra minn hekk, il-gradi baxxi ta' dħul ukoll għandhom impatt negattiv fuq ir-reklutaġġ għal pożizzjonijiet speċjalizzati.

Fost is-46 pożizzjoni mhux okkupata, żewġ pożizzjonijiet fl-Eurodac jibqgħu mhux disponibbli għar-reklutaġġ sal-adozzjoni tar-regolament rispettiv.[48] Barra minn hekk, żewġ pożizzjonijiet għal żmien qasir għar-riformulazzjoni tal-Pulizija tas-SIS ippjanata għas-snin 2021–2022 ma setgħux jimtlew minħabba l-emenda tar-Regolament rispettiv.[49] Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolament Riformulat tal-VIS ittardjat,[50] l-ippjanar tal-persunal ġie aġġustat mill-ġdid b'sena biex jibda mill-bidu tal-2022.

Fl-2022, skont l-SPD għall-perjodu 2022–2024, il-persunal tal-eu-LISA huwa **mistenni li jiżdied bi 42 pożizzjoni**: 10 pożizzjonijiet AK għall-Interoperabbiltà, 9 pożizzjonijet għar-Riformulazzjoni tal-VIS (4 AT u 5 AK), u 2 pożizzjonijiet AT għas-sistema e-CODEX,[51] kif ukoll 21 pożizzjoni AK għall-appoġġ tat-trasportaturi[52]. B'mod ġenerali, iż-żieda fl-għadd tal-persunal hija aktar baxxa minn dak li talbet l-eu-LISA fl-SPD 2022–2024. B'riżultat ta' dan, l-eu-LISA jeħtieġ li testernalizza dawn il-karigi, u l-Aġenzija se tibqa' nieqsa mill-persunal.

Il-kapitoli li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-ippjanar ta' pożizzjonijiet addizzjonali tal-persunal għall-perjodu 2023–2025, b'lista aktar dettaljata tal-profili tal-impjiegi mitluba u l-ġustifikazzjonijiet rispettivi pprovduti fl-Anness XIII.

### 2.1.2. **Nefqa totali tal-baġit għall-2021**

Il-baġit tal-Aġenzija jinkludi diversi sorsi ta' finanzjament differenti. Id-dħul prinċipali jiġi mis-sussidju tal-UE, riċevut kull sena mill-baġit tal-Unjoni Ewropea — it-taqsima tal-Kummissjoni, il-Kapitolu 11 10 "Ġestjoni tal-Fruntieri — Aġenziji Deċentralizzati" — kif adottat mill-awtorità baġitarja, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Aktar kontribuzzjonijiet ġejjin mill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, bħala rimborż parzjali tal-infiq imġarrab mill-Aġenzija.

Fl-2021, l-eu-LISA ġestiet baġit ta' EUR 212,751 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 263,943 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mill-UE. L-ammonti li ġejjin kienu inizjalment assenjati lil-LFS għar-riformulazzjoni tal-VIS li ġiet adottata fis-7 ta' Lulju 2021 bi skeda ta' żmien riveduta:

---

[45] Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

[46] Minħabba l-adozzjoni mdewma tar-Regolament tal-VIS riformulat, l-għadd ta' persunal ġie trasferit għas-snin ta' wara mingħajr bidliet fit-tabella tal-persunal.

[47] Minħabba l-adozzjoni mdewma tar-Regolament tal-VIS riformulat, l-għadd ta' persunal ġie trasferit għas-snin ta' wara, ma seħħ l-ebda reklutaġġ fl-2021.

[48] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li huma residenti b'mod illegali u fuq talbiet għat-tqabbil ta' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni), COM (2016) 272.

[49] Ir-Regolament (UE) 2022/1190 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 fir-rigward tad-dħul ta' allerti ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-interess tal-Unjoni".

[50] Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

[51] Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1): COM/2020/712 COM).

[52] Skont l-Artikoli 45(2) u (3) u 46(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, u l-Artikolu 13(7) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata*data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011, li għalihom qed jiġu żviluppati r-regolamenti ta' implimentazzjoni.

| Kompiti / sistemi ġodda[53] | Approprjazzjonijiet ta’ Impenn (f'miljuni ta’ euro) |
|---|---|
| **Riformulazzjoni tal-LFS VIS** | 17,227 |
| **Baġit totali soġġett għal bażi legali ġdida** | **17,227** |

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-2021 (sors ta’ fond C1), l-eu-LISA laħqet rata għolja ta’ implimentazzjoni tal-baġit sa tmiem is-sena:

- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta’ impenn,
- 99.1 % għall-approprjazzjonijiet ta’ pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva tal-2021 għall-2022.

[53] Inkluż in-nefqa amministrattiva, li hija allokata skont in-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, “nefqa fuq il-persunal”, u fit-Titolu 2, “nefqa infrastrutturali u operattiva”.

**Approprjazzjonijiet ta' impenn:** It-Titolu 1, it-Titolu 2 u t-Titolu 3 laħqu rata ta' implimentazzjoni ta' 100 % sa tmiem is-sena finanzjarja 2021.

**Approprjazzjonijiet ta' pagament:** 97.91 % tal-approprjazzjonijiet fit-Titolu 1 ġew eżegwiti u 2.09 % ġew riportati awtomatikament. Fit-Titolu 2, ir-rata ta' eżekuzzjoni laħqet it-43.90 % u s-56.10 % li jifdal ġew riportati awtomatikament għall-2022. Fit-Titolu 3, ġew eżegwiti 98.90 % tal-approprjazzjonijiet.

Il-baġit ivvotat tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2021 kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament allokati għar-riformulazzjoni tal-VIS[54], li kienu ġew adottati fis-7 ta' Lulju 2021 bi skeda ta' żmien riveduta. Dawn l-approprjazzjonijiet ġew irritornati lill-baġit ġenerali tal-UE biex jiġu allinjati mal-LFS finali adottat għar-riformulazzjoni tal-VIS. Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA approva emenda waħda għall-baġit tal-2021 li tindirizza l-kwistjonijiet enfasizzati hawn fuq:

- billi jirritorna EUR 17,227 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn,
- billi jirċievi EUR 42,290 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

**Tabella 3. Tqassim tal-baġit emendatorju tal-2021**

| Titolu tal-baġit | Sistema / Kompitu | | Baġit emendatorju (f'miljuni ta' euro) Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|---|---|
| **A01** | **Nefqa fuq il-persunal** | | **-0,983** | **-0,983** |
| | *li minnhom* | *Riformulazzjoni tal-VIS* | *-0,983* | *-0,983* |
| **B03** | **Nefqa operazzjonali** | | **-16,244** | **43,273** |
| | *li minnhom* | *Riformulazzjoni tal-VIS* | *-16,244* | *-16,244* |
| | | *networks fuq żona wiesgħa* | | *1,523* |
| | | *Sistema ta' Dħul/Ħruġ* | | *35,928* |
| | | *ETIAS* | | *22,066* |
| **Baġit emendatorju totali tal-2021** | | | **-17,227** | **42,290** |

## 2.2. **Prospetti għas-snin 2023–2025**

L-objettiv strateġiku primarju għall-Aġenzija huwa li tkompli taħdem lejn iż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri ta' organizzazzjoni effiċjenti u aġli li titqies bħala impjegatur attraenti minn rekluti prospettivi. L-aktar importanti, l-istrateġija tar-riżorsi umani tal-eu-LISA tistinka biex tiżgura d-disponibbiltà ta' riżorsi umani suffiċjenti u kompetenti matul it-tkabbir u t-trasformazzjoni u għall-iżviluppi previsti fil-proposti tal-Kummissjoni għas-sistemi jew is-soluzzjonijiet ġodda li l-eu-LISA se timplimenta fis-snin li ġejjin.

It-taqsima li ġejja tiddeskrivi l-attivitajiet li ġejjin tal-eu-LISA u l-impatt tagħhom fuq ir-riżorsi finanzjarji u umani.

### 2.2.1. **Riżorsi Umani**

Abbażi tal-prijoritajiet u l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għall-perjodu 2023–2025, l-eu-LISA identifikat erba' oqsma ta' prijorità ewlenin għall-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HRM):

- l-ippjanar u l-ġestjoni tal-amministrazzjoni tar-riżorsi umani tal-eu-LISA biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS);
- it-tlestija tat-tranżizzjoni għal Ġestjoni tar-Riżorsi Umani bbażata fuq il-Kompetenzi, wara t-tlestija tal-Programm ta' Trasformazzjoni Kulturali tal-eu-LISA biex jiġu akkomodati r-responsabbiltajiet akkumulati bil-mandat estiż li rriżulta f'żieda sinifikanti fil-persunal;
- il-proċediment bl-isforzi fil-qasam tal-akkwist tat-talent permezz tal-utilizzazzjoni ta' metodi ta' reklutaġġ imtejba u l-effiċjenza ġenerali tal-proċess;
- ir-rispons għall-ħtiġijiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-iżvilupp tal-kompetenza teknika.

**Amministrazzjoni tar-Riżorsi Umani.** Il-kompiti l-ġodda żiedu l-piż amministrattiv u l-importanza strateġika tal-HRM. L-Aġenzija tistenna żieda fl-għadd tal-persunal mill-inqas sal-2023 bil-quċċata tar-responsabbiltajiet tal-Aġenzija, iżda possibbilment saħansitra aktar.

[54] Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

F'dan il-kuntest, l-eu-LISA hija impenjata li tkompli tiżviluppa l-politika tagħha dwar ir-riżorsi umani u li twettaq firxa wiesgħa ta' funzjonijiet oħra tar-riżorsi umani (jiġifieri, l-għoti ta' drittijiet u intitolamenti, pagi u pagamenti, liv, onboarding, perjodu ta' prova, evalwazzjoni u proċessi ta' riklassifikazzjoni). L-Aġenzija se tkompli tmexxi inizjattivi relatati mal-iżvilupp tat-tmexxija, l-implimentazzjoni tal-proġett ta' trasformazzjoni kulturali tal-eu-LISA, it-titjib tal-proċessi ta' ġestjoni tal-prestazzjoni, u l-kultivazzjoni ta' organizzazzjoni mmexxija mill-valur. F'dan ir-rigward, stħarriġ regolari dwar is-sodisfazzjon tal-persunal iservi bħala għodda strumentali u l-Aġenzija se tanalizza bir-reqqa r-riżultati biex tippjana miżuri ta' segwitu. Pereżempju, b'rispons għall-isfidi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija introduċiet miżuri biex tappoġġa lill-persunal fl-aġġustament għan-normal il-ġdid, inklużi programmi ddedikati għall-benesseri, li jimmodifikaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jżommu l-flessibbiltà. Barra minn hekk, l-eu-LISA adottat ukoll regoli ġodda dwar ix-xogħol ibridu.

Sabiex tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-assi ewlieni tal-eu-LISA — in-nies tagħha — l-Aġenzija adottat approċċ ġdid għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol ibbażat fuq **żewġ dokumenti ewlenin:** l-**Istrateġija tal-eu-LISA's dwar l-Akkwist**, u l- **Istrateġija tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani bbażata fuq il-Kompetenzi**. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija impenjata li ttejjeb is-servizzi interni tagħha tal-HRM permezz ta' amministrazzjoni aktar effiċjenti u li tipprovdi opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali. Pereżempju, l-eu-LISA qed tippjana li taġġorna l-HRM tagħha u l-proċess ta' reklutaġġ b'diversi għodod tal-IT (eż. moduli fakultattivi ta' SYSPER u iLearn). Dawn il-passi huma parti mill-approċċ ġenerali tal-eu-LISA għad-**diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni** tal-kompiti amministrattivi ripetittivi, kollha biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani bbażata fuq il-Kompetenzi.

Barra minn hekk, l-Aġenzija se tkompli l-kollaborazzjoni attiva tagħha ma' aġenziji oħra tal-UE billi tikkondividi l-aħjar prattiki tar-riżorsi umani, filwaqt li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni Ewropea skont il-Memorandum ta' Qbil rivedut konkluż fl-2019.[55] Pereżempju, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, u f'konformità mal-Artikolu 110 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Aġenzija adottat regoli ġodda dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-persunal tal-eu-LISA.[56]

**Tranżizzjoni għal ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenzi.** Sabiex jittejbu s-sodisfazzjon tal-persunal u l-effiċjenza ġenerali, il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HRM) ibbażata fuq il-Kompetenzi adottata tiffaċilita r-reklutaġġ, l-ikkuntrattar u l-akkwist immirati u effiċjenti. Din tippermetti lill-organizzazzjoni tidentifika u tittraċċa l-lakuni ta' kompetenzi fil-livelli individwali, tat-tim jew organizzazzjonali filwaqt li tipprovdi kontribut siewi għall-ippjanar tar-riżorsi umani fuq terminu qasir u twil. Tiffaċilita wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ professjonali tal-impjegati individwali. Pereżempju, ir-rekwiżiti dejjem jiżdiedu tal-protezzjoni tad-*data* u tas-sigurtà tal-informazzjoni għal soluzzjonijiet tal-IT, u l-għanijiet ambizzjużi tal-eu-LISA li tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja, wasslu lill-Aġenzija biex tadotta mekkaniżmi ġodda biex ittejjeb aktar il-kompetenzi individwali u kollettivi ta' importanza strateġika. Dan l-approċċ jiżgura li l-eu-LISA tkun mgħammra aħjar biex tippjana u tantiċipa kwalunkwe bidla fir-rekwiżiti ta' kompetenzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi organizzazzjonali.

**Akkwist ta' talent.** L-Aġenzija se tiddedika aktar sforz biex ittejjeb il-proċessi ta' reklutaġġ tagħha billi ssegwi l-istrateġija tal-HRM ibbażata fuq il-kompetenzi u tintegra l-Qafas ta' Kompetenzi fil-proċess ta' reklutaġġ filwaqt li tiżgura l-allinjament mal-Istrateġija tal-eu-Lisa dwar l-Akkwist. Barra minn hekk, il-proċess ta' reklutaġġ tal-eu-LISA jieħu gwida mill-prinċipji tad-diversità u l-inklużjoni biex jittejjeb il-bilanċ ġenerali bejn il-ġeneri u r-rappreżentanza nazzjonali fost il-persunal tal-Aġenzija.

**Żvilupp ta' Kompetenzi Tekniċi.** Minbarra t-titjib mistenni msemmi hawn fuq, l-HRM ibbażata fuq il-kompetenzi se tippermetti wkoll lill-eu-LISA tapplika approċċ aktar strateġiku għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol. Billi toffri lill-persunal tagħha opportunitajiet ta' żvilupp professjonali u ta' tagħlim imfassla apposta, l-Aġenzija beħsiebha tagħti s-setgħa lill-persunal u lit-timijiet biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom biex itejbu s-servizzi offruti lill-partijiet ikkonċernati tagħha. Għal dak l-għan, l-eu-LISA tikkollabora mill-qrib mad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet biex tiffaċilita aħjar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, inkluż kwalunkwe responsabbiltà ġdida assunta fil-futur.

---

[55] L-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' Memorandum ta' Qbil Rivedut bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), C (2019) 8941 final tas-17.12.2019.

[56] Deċiżjoni Nru 2020-405 tat-23.12.2020 tal-Bord tat-Tmexxija dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-persunal.

### 2.2.2. Kompiti ġodda

F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti leġiżlattivi li se jagħtu responsabbiltajiet addizzjonali lill-eu-LISA fis-snin li ġejjin. L-ewwel, il-proposta leġiżlattiva għall-istabbiliment ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni online sigura għall-**Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK)** biex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera. Fid-9 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali tiegħu għar-regolament propost, li jaħtar lill-eu-LISA bħala responsabbli mill-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali tal-pjattaforma. It-tieni, il-**proposta "Prüm II" għall-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija** bejn l-Istati Membri, bħala parti mill-pakkett leġiżlattiv dwar il-Kodiċi ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija tal-UE, fejn l-eu-LISA ngħatat ir-responsabbiltà mill-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali tar-router ċentrali biex jiġu akkomodati kategoriji ġodda ta' *data*, bħall-immaġnijiet tal-wiċċ ta' persuni suspettati u kriminali kkundannati.

F'Mejju 2022, il-Parlament adotta r-Regolament **e-CODEX** għall-istabbiliment ta' sistema kompjuterizzata għall-komunikazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntiera[57], u l-eu-LISA se tassumi r-responsabbiltà mis-sorveljanza tal-ġestjoni tas-sistema e-CODEX tal-UE sa tmiem l-2023.

Barra minn hekk, diversi inizjattivi Ewropej oħra li bħalissa qed jitħejjew jistgħu jinvolvu kompiti ġodda għall-eu-LISA, eż., id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-viża, iċ-Ċentru ta' Eċċellenza għall-Intelliġenza Artifiċjali jew l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' Spazju Ewropew tad-*Data* tas-Sigurtà fl-infurzar tal-liġi. L-Aġenzija se tippreżenta l-impatt tagħha fuq l-ippjanar tal-persunal tagħha u fuq il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-eu-LISA hekk kif jiġu adottati l-proposti rispettivi tal-Kummissjoni.

B'riżultat ta' dan, l-ippjanar tal-persunal għall-perjodu 2023–2025 jinkludi ċifri dwar persunal addizzjonali għar-responsabbiltajiet li jirriżultaw minn diversi regolamenti jew diġà adottati jew li qed jistennew l-adozzjoni (eż. ir-riformulazzjonijiet tal-VIS u tal-Eurodac, u s-sistema e-CODEX), kif ukoll persunal għall-forniment ta' servizzi lit-trasportaturi. Dawn iċ-ċifri jkopru prinċipalment il-pożizzjonijiet operazzjonali diretti u r-riżorsi meħtieġa għall-ġestjoni tal-kuntratti. Madankollu, l-ippjanar tar-riżorsi umani ma jinkludi l-ebda waħda mill-inizjattivi li għadhom qed jiġu żviluppati.

### 2.2.3. Żvilupp tal-kompiti eżistenti

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija kiber b'mod konsiderevoli mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Stabbiliment rivedut fl-2018, u r-responsabbiltajiet tagħha jenħtieġ li **jilħqu l-ogħla livell fl-2023 u l-2024** bit-tnedija tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN) u l-Pakkett ta' Interoperabbiltà. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma ppjanatx żieda fil-persunal mill-2023 'il quddiem, u għal xi proġetti (eż., l-Interoperabbiltà), il-proposta tipprevedi tnaqqis fil-persunal (ara t-Tabella 4 għall-istimi tal-persunal fil-proposti rispettivi tal-Kummissjoni). Għal ħarsa ġenerali aktar komprensiva lejn l-istimi tal-persunal tal-eu-LISA għall-perjodu 2023–2025, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness II, l-Anness IV u l-Anness XIII.

Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-Aġenzija għamlet sforzi konsiderevoli biex tadatta l-persunal eżistenti u l-funzjonament intern tagħha biex tindirizza ż-żewġ aspetti li ġejjin: **tkabbir organizzazzjonali kontinwu** fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19, u arranġamenti ta' xogħol mill-bogħod, u l-iżgurar tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' **sistemi ġodda ta' informazzjoni tal-ĠAI**.

Ir-**ristrutturar organizzazzjonali** mwettaq mill-2019 sal-2020 biex jakkomoda l-bidliet meħtieġa biex jitwettaq il-mandat estiż tal-eu-LISA issa se jċaqlaq l-enfasi tiegħu fuq l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda. Ir-responsabbiltajiet il-ġodda affettwaw ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija, primarjament fil-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi ġenerali u fl-indirizzar taż-żieda fl-ammont ta' xogħol fil-funzjonijiet orizzontali kollha minħabba żidiet fil-persunal matul l-2019–2021. Fl-2023, l-Aġenzija se jkollha bżonn tirrekluta persunal addizzjonali biex takkomoda l-ammont ta' xogħol li qed jiżdied hekk kif il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti eżistenti se jikber b'mod sostanzjali.

Għalhekk, dan l-SPD jiddeskrivi, għal darb'oħra, ir-**riżorsi addizzjonali meħtieġa** kif identifikati mill-Aġenzija. Għalhekk, l-ippjanar għall-perjodu 2023–2025 ikopri wkoll riżorsi umani addizzjonali[58] għal oqsma ta' ħidma jew attivitajiet fejn l-Aġenzija identifikat in-**nuqqasijiet ta' persunal** meta tqabbel ir-riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati (jiġifieri, proġetti u attivitajiet) mal-livelli tal-persunal mogħtija lill-eu-LISA fil-proposti leġiżlattivi rilevanti.

---

[57] Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726.
[58] Soġġett għall-adozzjoni tat-tabella tal-persunal u tal-abbozz tal-estimi tal-baġit għall-2023.

Barra minn hekk, **pożizzjonijiet għal żmien qasir**, li jirrappreżentaw għadd sostanzjali ta' pożizzjonijiet addizzjonali allokati għal eu-LISA, huma ta' valur limitat għall-Aġenzija minħabba d-diffikultà biex tiġbed lejha u żżomm nies f'tali pożizzjonijiet. B'mod partikolari, l-Aġenzija identifikat nuqqasijiet kritiċi ta' persunal f'oqsma relatati ma':

- **SIS:** l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-iżviluppi ġodda (riformulazzjonijiet tal-pulizija, tal-fruntieri u tar-ritorn) jitolbu aktar xogħol u sforz, filwaqt li l-pjan inizjali tal-persunal tas-SIS qies il-ġestjoni tas-sistema fil-forma inizjali tagħha biss;
- **Interoperabbiltà:** l-eu-LISA diġà indikat matul it-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva rispettiva tal-Kummissjoni li r-riżorsi umani ppjanati mhux se jkunu biżżejjed biex jiġu żviluppati u ttestjati l-komponenti tal-interoperabbiltà kollha, biex ma nsemmux l-interoperabbiltà tas-sistemi ġenerali, jew biex jiġi ggarantit l-għadd meħtieġ ta' maniġers tal-proġetti;
- **EES:** hemm sottovalutazzjoni tal-għadd ta' operaturi minħabba li l-persunal reklutat għall-fażi ta' żvilupp aktar tard ġie assenjat għal kompiti oħra, u dan ħoloq lakuna fir-riżorsi operazzjonali meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-sistema l-ġdida;
- **Appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell lill-Istati Membri (is-Service Desk 24/7):** l-għadd ta' biljetti/talbiet ikompli jikber minħabba li l-komponenti tal-interoperabbiltà jinsabu fi stadji differenti ta' żvilupp. Iż-żamma tal-istat ta' tħejjija operazzjonali 24/7 tas-Service Desk tirrikjedi li sitt membri addizzjonali tal-persunal ikopru bis-sħiħ il-mudell tax-xift għal kariga waħda tal-persunal.

Barra minn hekk, il-proposti tal-Kummissjoni ma kinux jinkludu l-proġetti ta' żvilupp u l-attivitajiet relatati ma' sistemi ġodda, li se jitwettqu mid-**Dipartiment tal-Operazzjonijiet**, li jagħti lok għal sejħiet għal persunal addizzjonali. Dawn ir-riżorsi addizzjonali huma meħtieġa primarjament minħabba **dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett**, jiġifieri, l-Aġenzija issa trid tlesti b'mod parallel il-proġetti kollha ta' żvilupp tas-sistema li inizjalment kellhom joperaw fis-sekwenza. Barra minn hekk, l-Aġenzija kellha tiskeda mill-ġdid diversi proġetti ta' żvilupp minħabba interdipendenzi reċiproċi. Fl-istess ħin, l-Aġenzija kellha tipprijoritizza mill-ġdid ir-riżorsi disponibbli biex tiffoka fuq attivitajiet posposti jew ippjanati oriġinarjament għall-2021 u l-2022. F'dan ir-rigward, il-problemi l-aktar urġenti kienu relatati mar-Regolament Riformulat tal-VIS (l-adozzjoni posposta), mal-ETIAS u mal-komponenti tal-Interoperabbiltà.

Barra minn hekk, l-Aġenzija kkonkludiet **ftehim mal-Frontex** dwar it-trasferiment temporanju ta' 21 aġent kuntrattwali (FG IV) mill-Frontex għall-eu-LISA biex tipprovdi appoġġ lit-trasportaturi kemm għall-EES[59] kif ukoll għall-ETIAS[60] f'konformità mar-regolamenti rispettivi. L-Aġenzija tirrikjedi li dawn il-pożizzjonijiet jiżviluppaw u jużaw għodod tal-IT li jippermettu lill-eu-LISA tirreġistra, tittestja u tiċċertifika l-konnessjonijiet ta' trasportaturi individwali mal-EES u l-ETIAS, filwaqt li toffri appoġġ onboarding ta' helpdesk tekniku lill-passiġġieri li jkunu sejrin lejn l-UE. Dawn ir-riżorsi umani oriġinarjament ma kinux previsti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS) għar-Regolamenti dwar l-EES u l-ETIAS iżda rriflettew esperjenza aktar fil-fond miksuba fil-proċess ta' implimentazzjoni. Dan it-trasferiment tal-persunal huwa temporanju (mill-2022 sa tmiem l-2024) u dawn il-membri tal-persunal se jirritornaw għand il-Frontex fl-2025. Dan it-trasferiment se jippermetti lill-eu-LISA twettaq l-iżvilupp tal-ETIAS fis-snin 2023–2024 kif skedat. Madankollu, dawn il-pożizzjonijiet addizzjonali tal-persunal sfortunatament għadhom insuffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet kollha identifikati. Għalhekk, l-Aġenzija probabbilment se jkollha testernalizza diversi funzjonijiet. Meta l-pożizzjonijiet "mislufa" jirritornaw għand il-Frontex, jenħtieġ li jingħata persunal addizzjonali lill-eu-LISA biex tkompli l-ħidma. L-Aġenzija se tirrifletti din il-kwistjoni fid-dokumenti ta' ppjanar futuri mill-2025 'il quddiem.

Biex tindirizza l-volum dejjem akbar ta' sejħiet ta' reklutaġġ u taż-żieda ta' persunal ġdid, l-Aġenzija għażlet pożizzjonijiet temporanji tar-riżorsi umani, filwaqt li żammet ukoll grupp ta' speċjalisti tar-reklutaġġ biex jiġġestixxu l-attivitajiet relatati mad-dawran tal-persunal għall-ġestjoni tal-proċessi ta' selezzjoni u tar-reklutaġġ matul il-pandemija tal-COVID-19. B'riżultat ta' dan, l-Aġenzija teħtieġ riżorsi tekniċi addizzjonali minħabba li dawn huma pożizzjonijiet operazzjonali fuq terminu qasir.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda wasslu għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-IT tal-eu-LISA, u affettwaw il-kompiti relatati mal-iżgurar tas-sigurtà fiżika u tal-informazzjoni. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet jeħtieġ biżżejjed persunal li, min-naħa tiegħu, jeħtieġ ir-riżorsi baġitarji meħtieġa. Minkejja l-implimentazzjoni

[59] Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011.

[60] Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226.

tal-approċċ tal-ispazju tax-xogħol ibbażat fuq l-attività fil-livell orizzontali, huwa meħtieġ ukoll li jsir progress urġenti fit-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali fi Strasburgu.

**L-Anness II** jippreżenta lista dettaljata tal-attivitajiet u **r-riżorsi meħtieġa** għall-2023–2025. Għal dak l-għan, l-Aġenzija wettqet analiżi komprensiva biex tiddetermina liema pożizzjonijiet tista' testernalizza biex timminimizza t-talba għal persunal addizzjonali. F'konformità mal-Istrateġija tal-eu-LISA dwar l-Akkwist, l-Aġenzija titlob persunal addizzjonali biss għal pożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu esternalizzati u li jridu jinżammu internament, filwaqt li jintużaw metodi ta' akkwist differenti għal pożizzjonijiet oħra li mhumiex sensittivi. **L-Anness XIII** li inizjalment elenka 34 profil li l-Aġenzija ma tistax testernalizza ġie aġġustat biex jirrifletti eżitu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni rigward il-baġit tal-eu-LISA, li fih għandhom jiżdiedu 6 pożizzjonijiet addizzjonali fit-tabella tal-persunal tal-eu-LISA biex jiġi indirizzat it-theddid akbar għaċ-ċibersigurtà biex jiġi evitat l-esponiment tal-funzjonijiet tas-Sistema Ewlenija tan-Negozju kif ukoll fid-dawl tar-responsabbiltajiet il-ġodda, li żiedu l-ħtieġa għall-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà mill-Aġenzija.

## 2.3. Ipprogrammar tar-riżorsi għas-snin 2023-2025

Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istimi finanzjarji u dawk relatati mal-persunal għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-eu-LISA għall-2023–2025.

### 2.3.1. Ippjanar tar-Riżorsi finanzjarji

Ir-riżorsi finanzjarji għall-perjodu 2023–2025 jikkostitwixxu parti mill-ippjanar pluriennali tal-eu-LISA u l-previżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021–2027. Fl-2023, il-ħtiġijiet stmati tal-Aġenzija jipprevedu quċċata fl-użu tar-riżorsi finanzjarji mhux biss minħabba l-implimentazzjoni kontinwa ta' kompiti ġodda assenjati lil eu-LISA iżda wkoll minħabba l-evoluzzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tar-responsabbiltajiet eżistenti tal-Aġenzija.

**L-Anness II** jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tan-**nefqa operazzjonali skont is-sistemi tal-IT** tal-eu-LISA kif previst fl-SPD għall-2023, l-ippjanar pluriennali, u l-ġustifikazzjonijiet baġitarji. **L-Anness III** jippreżenta t-tqassim tal-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-Aġenzija li tiġbor flimkien l-infiq operazzjonali għal kull sistema tal-IT skont il-kapitlu baġitarju.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP, l-eu-LISA se tirċievi **baġit ta' EUR 262,231 miljun fl-2023**. Matul l-eżerċizzju ta' ppjanar tal-eu-LISA għall-perjodu 2023–2025, l-ippjanar oriġinali tal-QFP intuża bħala l-linja bażi għall-istimi finanzjarji u aktar tard ġie rivedut abbażi tal-proċeduri tal-offerti konklużi, l-esperjenza l-aktar reċenti bl-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi li għaddejjin, kif ukoll informazzjoni aġġornata dwar is-suq.

**Il-ħtieġa għal riżorsi addizzjonali** li tirriżulta fl-2023 hija doppja:

- **sistemi ġodda fdati lill-eu-LISA:** l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja pprovdiet dettalji kritiċi mhux magħrufa matul it-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi rispettivi. Dan irriżulta f'żieda sinifikanti fil-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tas-sistemi l-ġodda, inkluża l-integrazzjoni tagħhom fl-arkitettura tal-interoperabbiltà.
- **kumplessità miżjuda tas-sistemi:** il-kostijiet tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tas-software ta' appoġġ jaqbżu l-istimi inizjali. L-impronta tal-infrastruttura tas-sistemi l-ġodda kienet akbar milli kien antiċipat oriġinarjament, flimkien mar-riżultati tal-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti, fejn il-kostijiet tal-manutenzjoni tas-sistema ġew ikkalkulati abbażi tal-arkitettura eżistenti tagħhom Barra minn hekk, l-użu tal-pjattaforma tal-infrastruttura kondiviża komuni (CSI) tal-Aġenzija qabżet il-pjanijiet oriġinali minħabba żieda fid-domandi li jirriżultaw kemm minn sistemi ġodda kif ukoll minn dawk eżistenti, u dan affettwa bil-kbir il-kostijiet tal-manutenzjoni tagħha.

L-Aġenzija bbażat dawn l-istimi fuq esperjenza preċedenti, jiġifieri fatturi attwali u l-prezzijiet estrapolati minn kuntratti eżistenti u manutenzjoni f'kundizzjoni ta' tħaddim (MWOs). Konsegwentement, l-eu-LISA se jkollha tirfina u taġġusta dawn l-istimi abbażi tal-offerti riċevuti[61].

### 2.3.2. Ippjanar tar-riżorsi umani

Dan id-dokument ta' programmazzjoni jipprovdi stimi tal-persunal għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-eu-LISA permezz ta' regolamenti adottati fis-snin 2017–2020, kif ukoll dawk skedati għall-adozzjoni fl-2021

[61] L-Aġenzija dan l-aħħar nediet il-proċess ta' sejħiet għall-offerti għall-Qafas Operazzjonali Trasversali (TOF) li għandu l-għan li jkopri l-manutenzjoni tas-sistemi kollha.

u fl-2022.

Għalkemm l-eu-LISA ngħatat riżorsi għar-reklutaġġ ta' persunal operazzjonali addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-mandat estiż, it-talbiet tal-Aġenzija għal persunal ta' appoġġ addizzjonali biex isaħħaħ il-ħidma orizzontali u l-proġetti baqgħu mingħajr tweġiba. Il-proċessi ta' rieżami intern sussegwenti ddeterminaw li dan irriżulta f'**nuqqasijiet kritiċi ta' persunal, prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-kompiti, u esternalizzazzjoni ta' attivitajiet magħżula**.

Għal dawn l-aħħar ftit snin, l-Aġenzija kull sena indikat **diskrepanzi bejn ir-riżorsi allokati** u dawk meħtieġa biex jiġu implimentati l-kompiti assenjati skont il-mandat estiż. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi rikonoxxut u jinżamm preżenti li t-tnedija u l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida mhux se jwasslu awtomatikament għal tnaqqis fl-ammont ta' xogħol għall-Aġenzija. Mal-bidu tat-tħaddim, l-unika differenza hija li l-enfasi tiċċaqlaq mill-implimentazzjoni tal-proġett għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistema l-ġdida u l-infrastruttura korrispondenti. B'riżultat ta' dan, it-tnaqqis awtomatiku tal-persunal fi tmiem kull proġett inevitabbilment joħloq nuqqasijiet ta' persunal għall-fażi ta' ġestjoni operazzjonali li l-Aġenzija trid issolvi billi titlob persunal addizzjonali, għal darb' oħra.

Barra minn hekk, l-eu-LISA identifikat diversi pożizzjonijiet tal-persunal, mhux inklużi fil-proposti rilevanti tal-Kummissjoni li l-Aġenzija ma tistax testernalizza L-Aġenzija tqis li dawn il-pożizzjonijiet addizzjonali tal-persunal huma indispensabbli għall-kompiti li ġejjin li huma relatati:

- mal-proċediment tat-tieni estensjoni tas-sit tekniku tal-Aġenzija fi Strasburgu li ma jistax jiġi esternalizzat jew delegat lill-awtoritajiet nazzjonali;
- mal-għoti ta' appoġġ amministrattiv lill-korpi ta' governanza ta' sistemi ta' informazzjoni ġodda tal-ĠAI, u l-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' kuljum taż-żewġ unitajiet tad-Dipartiment tal-Governanza Korporattiva tal-eu-LISA, b'mod partikolari, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni;
- mat-twettiq ta' kompiti u l-iżgurar tal-kontinwità tan-negozju f'funzjonijiet kritiċi, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ amministrattiv ta' livell għoli;
- mat-titjib tal-monitoraġġ tas-sigurtà u l-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriża (EPMO) tal-eu-LISA;
- mat-tisħiħ tal-funzjoni ta' sigurtà tal-Aġenzija.

Iċ-ċifri tal-persunal mogħtija lill-eu-LISA fil-proposti rilevanti tal-Kummissjoni jinsabu fit-Tabella 4, flimkien mal-pjan tal-persunal għall-perjodu 2023–2025.

**Tabella 4. Stimi tal-persunal għall-perjodu 2023–2025**

| | 2023 | | | | 2024 | | | | 2025 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | Total | AT | AK | ENS | Total | AT | AK | ENS | Total |
| **Persunal tal-linja bażi (Regolament tal-eu-LISA)** | 113 | 30 | 9 | **152** | 113 | 30 | 9 | **152** | 113 | 30 | 9 | **152** |
| **LFS dwar l-EES** | 32 | | | **32** | 32 | | | **32** | 32 | | | **32** |
| **LFS dwar l-ETIAS** | 7 | 35 | | **42** | 7 | 35 | | **42** | 7 | 35 | | **42** |
| **LFS dwar il-Fruntieri tas-SIS/LE u r-ritorni tas-SIS** | | 4 | | **4** | | 4 | | **4** | | 4 | | **4** |
| **Kooperazzjoni tal-pulizija LFS dwar is-SIS** | | | | **0** | | | | **0** | | | | **0** |
| **LFS dwar il-Bidla tar-Regolament dwar il-finanzjament — persunal addizzjonali** | 23 | 27 | 2 | **52** | 23 | 27 | 2 | **52** | 23 | 27 | 2 | **52** |
| **LFS dwar l-Interoperabbiltà** | 31 | 34 | | **65** | 24 | 31 | | **55** | 22 | 30 | | **52** |
| **LFS dwar l-ECRIS** | | 5 | | **5** | | 5 | | **5** | | 5 | | **5** |
| **LFS dwar ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac**[62] | 2 | | | **2** | 2 | | | **2** | 2 | | | **2** |
| **LFS dwar ir-Riformulazzjoni tal-VIS**[63] | 6 | 7 | | **13** | 6 | 6 | | **12** | 3 | 3 | | **6** |
| **LFS dwar l-e-CODEX sistema**[64] | 2 | 3 | | **5** | 2 | 3 | | **5** | 2 | 3 | | **5** |

[62] L-Eurodac ġiet allokata 2 pożizzjonijiet ta' AT, soġġetti għar-reviżjoni tar-Regolament rilevanti.
[63] L-għadd ta' persunal huwa introdott b'sena meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament minħabba l-adozzjoni mdewma tiegħu.
[64] Il-pjan tal-persunal jipprevedi 2 pożizzjonijiet ta' AK fl-2022 u 3 pożizzjonijiet ta' AT fl-2023.

| | 2023 | | | | 2024 | | | | 2025 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Appoġġ għall-trasportatur tal-EES-ETIAS** | | 21 | | **21** | | 21 | | **21** | | 0 | | **0** |
| **LFS dwar Prüm II** | | | | | 6 | | | **6** | 7 | | | **7** |
| **LFS dwar il-JITs** | | | | | 4 | | | **4** | 8 | | | **8** |
| **Diġitalizzazzjoni tal-viża tal-LFS** | | | | | 5 | 3 | | **8** | 5 | 3 | | **8** |
| **Subtotal skont it-tabella tal-persunal** | **216** | **166** | **11** | **393** | **224** | **165** | **11** | **400** | **204** | **140** | **11** | **375** |
| **Persunal addizzjonali tal-SPD għall-2023–2025** | 6 | | | **6** | 6 | | | **6** | 6 | | | **6** |
| **Total** | **222** | **166** | **11** | **399** | **230** | **165** | **11** | **406** | **210** | **140** | **11** | **381** |

Għall-2023–2025, jenħtieġ li l-eu-LISA tirċievi 6 pożizzjonijiet addizzjonali ta' AT mhux elenkati fil-proposti rilevanti tal-Kummissjoni.

Deskrizzjonijiet aktar dettaljati tal-istima tal-persunal għall-2023–2025 jinsabu fit-taqsima 2.2.3 Programmazzjoni tar-riżorsi għall-perjodu 2023–2025, fl-Anness XIII u fl-Anness II li jippreżentaw perspettiva ta' tliet snin. L-Anness II jinkludi ekwivalenti għal full-time (FTE) għall-persunal indikat fit-Tabella, 4, u l-FTEs li l-Aġenzija teħtieġ li testernalizza. Jekk ma jiġux allokati biżżejjed riżorsi għall-Aġenzija biex twettaq il-kompiti meħtieġa indikati, l-eu-LISA se jkollha testernalizza għadd saħansitra akbar ta' FTEs jew tipprijoritizza mill-ġdid l-attivitajiet inkwistjoni.

L-evoluzzjoni tal-kwota tal-persunal hija ppreżentata fl-Anness IV, filwaqt li l-Anness V jipprovdi aktar informazzjoni dwar il-politika ta' reklutaġġ tal-eu-LISA, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-riklassifikazzjoni, il-politika tal-mobbiltà, il-bilanċ bejn il-ġeneri u dak ġeografiku, u l-programm ta' taħriġ tal-persunal.

## 2.4. Strateġija għall-kisba ta' titjib fl-effiċjenza

Fuq perjodu ta' żmien twil, l-għan tal-eu-LISA huwa li tevolvi f'organizzazzjoni aġli u effiċjenti li tikseb kif xieraq l-objettivi tagħha u twassal prestazzjoni eċċellenti. Bħala parti minn din l-istrateġija u biex ittejjeb il-governanza ġenerali tagħha, l-ippjanar tar-riżorsi u l-ġestjoni tal-baġit, l-Aġenzija għamlet sforz sinifikanti biex tfassal mill-ġdid il-mudell operazzjonali tagħha, inklużi l-istrateġija tal-akkwist, l-ippjanar u r-rappurtar tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA qed teżamina wkoll il-possibbiltajiet ta' ottimizzazzjoni biex jinkisbu livelli saħansitra ogħla ta' effiċjenza F'dan ir-rigward, l-Aġenzija jeħtieġ li jkollha ħarsa ġenerali ċara tal-portafoll tas-servizzi tagħha, il-kapaċitajiet meħtieġa biex tipprovdi dawn is-servizzi, u fehim ta' kif l-aħjar tikseb dawn il-kapaċitajiet u s-servizzi.

Biex twettaq il-mandat tagħha u tilħaq l-objettivi ta' politika tagħha, l-eu-LISA trid tikkunsidra r-restrizzjonijiet li jaffettwaw ir-riżorsi umani tagħha. Fl-2022, l-Aġenzija adottat **Strateġija dwar l-Akkwist**, li tistabbilixxi liema tipi ta' riżorsi umani tista' talloka l-Aġenzija biex twettaq kompiti speċifiċi għal kull qasam ta' attività. L-istrateġija tippermetti l-użu ta' persunal intern biss għal servizzi u rwoli kritiċi li ma jistgħux jiġu esternalizzati. Għas-servizzi l-oħra kollha, l-Aġenzija tista' timpjega kuntratturi esterni, jew tapplika mudell imħallat bl-użu ta' persunal intern u estern. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) irrakkomandat dan l-approċċ għall-akkwist. L-istrateġija tal-akkwist il-ġdida se tipprovdi gwida siewja għall-ippjanar tar-riżorsi umani, u tipprovdi ġustifikazzjoni aktar trasparenti għal talbiet addizzjonali tal-persunal. Barra minn hekk, l-Aġenzija qed tiffinalizza kuntratti qafas ġodda għall-akkwist ta' appoġġ estern, jiġifieri, biex testernalizza l-kompiti u x-xogħol li għalihom l-eu-LISA għandha għadd insuffiċjenti ta' pożizzjonijiet tal-persunal interni allokati.

Matul l-ewwel 10 snin tagħha, ikkaratterizzati minn żvilupp intensiv, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Aġenzija espanda b'mod konsiderevoli fir-rigward tal-kompiti u l-baġit, filwaqt li għaddej ukoll minn reviżjoni komprensiva tal-istruttura organizzazzjonali tagħha. Illum, l-eu-LISA laħqet il-punt fejn jeħtieġ li tivvaluta mill-ġdid, tillivella u tottimizza l-prestazzjoni tagħha biex ittejjeb l-użu tar-riżorsi tagħha biex tikkontribwixxi b'mod aktar effiċjenti għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI tal-UE. Huwa importanti fil-mument tal-kitba ta' dan id-dokument, peress li l-Aġenzija jeħtieġ li tqis l-effetti finanzjarji negattivi fit-tul li jirriżultaw miż-żieda fl-inflazzjoni xprunata mill-irkupru ekonomiku, it-tfixkil kontinwu tal-ktajjen tal-valur, u l-pressjoni minn żieda fil-kostijiet tal-enerġija.

L-effiċjenza u l-effettività tal-infiq pubbliku huma l-pedamenti ta' governanza istituzzjonali tajba u l-Aġenzija hija impenjata li tiżgura l-kosteffettività tal-operazzjonijiet tagħha. Madankollu, minħabba l-qafas legali speċifiku li fih topera l-eu-LISA bħala aġenzija tal-UE, b'mod partikolari l-aċċess ristrett għar-riżorsi u l-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju u l-livell ta' servizzi li l-Aġenzija trid tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tagħha, it-triq ewlenija biex jintlaħqu kisbiet fl-effiċjenza hija billi jinstabu opportunitajiet interni biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni, jiġifieri, li wieħed imur lil hinn mill-possibbiltajiet identifikati mill-istrateġija tal-akkwist.

Għal dak il-għan, l-Aġenzija ħejjiet abbozz ta' **Strateġija ta' Titjib fl-Effiċjenza** li tiffoka fuq is-simplifikazzjoni tal-proċessi tagħha, l-ottimizzazzjoni tal-governanza, il-bini tal-kapaċità, l-implimentazzjoni ta' rieżamijiet regolari, u l-introduzzjoni ta' kejl u awtomatizzazzjoni preċiżi. B'mod partikolari, dan l-abbozz ta' strateġija jkopri l-oqsma li ġejjin:

- id-definizzjoni, id-dokumentazzjoni u l-kejl tal-proċessi,
- it-titjib fil-proċessi, bl-użu ta' rieżami u ottimizzazzjonijiet regolari, u anki fuq talba,
- l-analiżi tal-katina tal-valur,
- it-titjib ewlieni fil-ġestjoni tal-kwalità,
- ir-rieżami u l-ottimizzazzjoni regolari tal-istrutturi ta' governanza interna u organizzazzjonali,
- ir-rieżami u l-ottimizzazzjoni regolari tal-metodi u l-prattiki ta' governanza,
- l-awtomatizzazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tat-tagħlim bil-magni u l-IA għall-proċessi u għas-servizzi,
- għodod tal-IT ġodda ddedikati aktar effiċjenti li se jappoġġaw l-ottimizzazzjoni tal-ħidma, f'oqsma bħall-ippjanar u l-monitoraġġ, il-ġestjoni tal-għarfien, il-ġestjoni tad-dokumenti,
- id-definizzjoni, il-kejl u r-rapportar tas-servizzi, abbażi tas-sigra tal-kejl stabbilita u l-implimentazzjoni ta' tabella ta' valutazzjoni bbilanċjata.

Biex tikseb titjib fl-effiċjenza, l-organizzazzjoni trid tinvolvi ruħha fil-bini komprensiv tal-kapaċità b'mod ġenerali, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet u l-għarfien meħtieġa fost il-persunal. Jeħtieġ li l-Aġenzija timplimenta l-bini tal-kapaċità flimkien mal-Istrateġija tar-Riżorsi Umani tal-Aġenzija.

## 2.5. **Prijoritajiet negattivi/tnaqqis tal-kompiti eżistenti**

Meta l-Aġenzija ħejjiet dan id-dokument, ma pprevediet l-ebda prijorità negattiva għall-2023. Madankollu, skont l-eżitu finali tad-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi għal persunal addizzjonali u ppjanar baġitarju għall-2022, l-eu-LISA jista' jkollha bżonn tistabbilixxi prijoritajiet negattivi u/jew tnaqqas l-għadd ta' kompiti ppjanati jekk ir-riżorsi umani u/jew finanzjarji allokati lill-Aġenzija mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-attivitajiet kollha ppjanati għall-2023.

# III.

# PROGRAMMAZZJONI ANNWALI

2023

# Programm ta’ Ħidma Annwali għall-2023

## 1. Sommarju Eżekuttiv

**Il-programm ta’ ħidma li ġej jiddeskrivi l-prijoritajiet ewlenin tal-eu-LISA għall-2023 u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet li l-Aġenzija beħsiebha twettaq biex tikseb l-objettivi strateġiċi tagħha stabbiliti f’dan id-dokument ta’ programmazzjoni taħt kull prijorità stabbilita.**

L-attivitajiet tal-Aġenzija ppjanati għall-2023 huma ċċentrati fuq il-prijoritajiet li ġejjin:

- l-iżgurar tal-operat stabbli u mingħajr interruzzjoni, l-implimentazzjoni ta’ evoluzzjonijiet u servizzi tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-Aġenzija (jiġifieri, is-SIS, il-VIS u l-Eurodac),
- l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda tal-IT fdati lill-eu-LISA (jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, u l-e-CODEX) u l-iżvilupp tal-arkitettura tal-Interoperabbiltà,
- l-għoti ta’ appoġġ u għarfien espert lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri,
- it-tisħiħ tal-kontribut tal-Aġenzija għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE,
- il-progress bit-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu,
- it-tħejjija għall-evalwazzjoni regolari tal-Aġenzija f’konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament ta’ stabbiliment.

L-għadd kbir ta’ sistemi ta’ informazzjoni fdati lill-Aġenzija, flimkien mal-qafas regolatorju li qed jevolvi kontinwament, jinkwadra ambjent ta’ sfida kbira għad-deċennju li ġej tal-eu-LISA, speċjalment meta titqies il-pressjoni dejjem tikber biex jinkisbu riżultati b’riżorsi limitati kontra l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tagħna. Dan il-programm ta’ ħidma annwali jirrifletti l-isforzi sostnuti tal-eu-LISA li żżomm u ssaħħaħ l-effiċjenza operazzjonali u l-aġilità tagħha biex tindirizza dawn l-isfidi.

### ↘ PRIJORITÀ 1

**L-IŻGURAR TAT-TĦADDIM U L-IMPLIMENTAZZJONI STABBLI U MINGĦAJR INTERRUZZJONI TAL-EVOLUZZJONIJIET TAS-SISTEMI ĠESTITI U TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MILL-EU-LISA**

Il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija għall-2023 se tkun li tiżgura l-operat u l-implimentazzjoni stabbli u mingħajr interruzzjoni tal-evoluzzjonijiet tas-sistemi ġestiti u tas-servizzi mogħtija mill-eu-LISA għas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI tal-UE (jiġifieri, **is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen**, **is-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża**, **l-Eurodac**). B’dan, l-Aġenzija se tappoġġa kontinwament l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-**-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà** għall-bini ta’ ekosistema tas-sigurtà Ewropea b’saħħitha u ż-żamma tal-integrità taż-Żona Schengen, filwaqt li tiffaċilita wkoll l-applikazzjoni tar-**Regolament ta’ Dublin** fis-simplifikazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil.

L-Aġenzija se tipprovdi manutenzjoni preventiva, korrettiva, adattiva u perfetta tas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha u tal-infrastrutturi ta’ komunikazzjoni rispettivi tagħhom u appoġġ ta’ kwalità għolja tal-ewwel u tat-tieni livell 24/7 biex tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa tagħhom. B’appoġġ għall-ġestjoni operazzjonali, l-Aġenzija tkompli tiffoka fuq it-twettiq ta’ proċessi ewlenin bħall-ġestjoni tat-tibdil operazzjonali, il-ġestjoni tar-rilaxx u tal-utilizzazzjoni, u l-ġestjoni tat-testijiet, filwaqt li tiżgura kollaborazzjoni attiva mal-partijiet ikkonċernati kollha. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tiffoka l-isforzi tagħha biex ittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-servizzi, ir-reżiljenza u s-sigurtà tas-sistemi ewlenin tan-negozju tagħha.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tipproċedi bil-konnessjoni tas-SIS u tal-VIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà u l-implimentazzjoni tar-Regolament VIS rivedut, flimkien mas-soluzzjoni attiva-attiva orizzontali, li tiffoka primarjament fuq l-ittestjar mal-Istati Membri. Fl-2023, l-Aġenzija se timplimenta allert ġdid ta’ informazzjoni li jippermetti lill-Europol tikkondividi informazzjoni dwar ċittadini ta’ pajjiżi terzi suspettati b’terroriżmu jew b’reati serji, u jintegra lill-Kroazja fil-VIS b’aċċess sħiħ.

L-Aġenzija se tiżgura wkoll il-bidu effettiv u effiċjenti tal-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi l-ġodda li se jsiru kompletament operazzjonali f’nofs u fi tmiem l-2023, jiġifieri, is-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali — ċittadini ta’ pajjiżi terzi (ECRIS-TCN). Barra minn hekk, l-Aġenzija se tiffoka wkoll fuq l-akkwist b’suċċess tal-ġestjoni operazzjonali tal-e-CODEX.

L-iżvilupp tal-Eurodac se jiddependi mill-progress li jkun sar fl-abbozzar u fl-adozzjoni sussegwenti tar-Regolament Eurodac riformulat. Madankollu, l-eu-LISA se tkun lesta li tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-ħidma ta' żvilupp meħtieġa u fl-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà.

## PRIJORITÀ 2

### IL-PROĊEDIMENT BL-IMPLIMENTAZZJONI U L-IŻVILUPP TA' SISTEMI ĠODDA FDATI LIL EU-LISA, U L-ARKITETTURA TAL-INTEROPERABBILTÀ

Biex tkompli tittejjeb is-sistema ta' ġestjoni tal-ivvjaġġar u tal-fruntieri tal-UE, huwa kruċjali wkoll li tiġi ffinalizzata l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda tal-ĠAI fdati lill-eu-LISA: **Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ** u **s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar**. Għalhekk, l-objettiv primarju tal-Aġenzija huwa li **tiżgura l-bidu tat-tħaddim f'waqtu** tas-sistemi l-ġodda li huma kollha mistennija li jkunu kompletament funzjonali sa tmiem l-2023 — l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tkompli l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà. Dawn il-komponenti jiffurmaw l-**arkitettura tal-interoperabbiltà** ġenerali li hija skedata li tibda topera sal-2024. Il-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi globali hija mistennija li ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI tal-UE filwaqt li tiffaċilita l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE għall-informazzjoni rilevanti. Fl-2023, l-Aġenzija se tagħti bidu għat-tħaddim tal-sBMS. L-enfasi se tkun ukoll fuq l-integrazzjoni ġenerali tas-sistemi biex tkun tista' ssir identifikazzjoni bejn id-dominji, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-funzjonalitajiet tal-sBMS relatati mar-riformulazzjonijiet, inkluż ukoll ir-rikonoxximent tal-wiċċ għall-VIS u għall-ECRIS-TCN, u l-migrazzjoni ta' *data* bijometrika minn sistemi differenti (SIS, ECRIS-TCN u Eurodac) għall-sBMS.

L-Aġenzija se tkompli wkoll tevolvi s-sistemi f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-konnessjoni tal-ETIAS għar-Riformulazzjoni tal-VIS u t-titjib tal-kapaċità tal-EES u tal-VIS biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-sBMS.

## PRIJORITÀ 3

### L-GĦOTI TA' APPOĠĠ U GĦARFIEN ESPERT LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI

L-Aġenzija se tkompli l-implimentazzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni tagħha billi tiffoka fuq il-monitoraġġ tar-riċerka rilevanti, timplimenta proġetti pilota u provi tal-kunċett, twettaq attivitajiet ta' ttestjar, kif ukoll tipprovdi appoġġ espert ibbażat fuq il-proġetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri. Bħala parti mill-attivitajiet ta' koordinazzjoni ġenerali tagħha, l-eu-LISA se tipproduċi rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE u tippubblika statistika dwar l-użu tagħhom u se tipprovdi taħriġ imfassal apposta lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi.

Fl-2023, l-Aġenzija beħsiebha tiżviluppa l-kapaċitajiet u l-għarfien espert tal-eu-LISA fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (IA) filwaqt li tkompli tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-IA fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tistabbilixxi ċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali. L-eu-LISA hija impenjata wkoll li tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-proġetti taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna u tikkontribwixxi għalihom. L-Aġenzija se tistabbilixxi l-**-laboratorju tal-ittestjar għat-tagħmir tekniku u s-soluzzjonijiet** użati għas-sistemi tal-ĠAI tal-UE ssorveljati mill-eu-LISA f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Frontex u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

## PRIJORITÀ 4

### IŻ-ŻIEDA FIL-KONTRIBUT TAL-AĠENZIJA GĦAD-DOMINJU TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE

L-Aġenzija qed tfittex li żżid il-kontribut tagħha għad-**dominju tal-ġustizzja** tal-UE billi tiffaċilita l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji. Fl-2023, dan jinkludi l-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi** u l-iżgurar tat-teħid b'suċċess tal-ġestjoni operazzjonali tas-sistema **e-CODEX**.

**↘ PRIJORITÀ 5**

**IL-PROGRESS BIT-TIENI ESTENSJONI TAS-SIT OPERAZZJONALI TAL-EU-LISA FI STRASBURGU**

Bħala proġett pluriennali li għaddej, l-Aġenzija tkompli timxi 'l quddiem bl-implimentazzjoni tat-**tieni estensjoni għall-bini operazzjonali tagħha** fi Strasburgu. Dan l-ispazju addizzjonali huwa maħsub biex jakkomoda l-organizzazzjoni estiża f'termini ta' persunal, kif ukoll biex jospita kemm is-sistemi eżistenti kif ukoll dawk ġodda tal-ĠAI fdati lill-eu-LISA.

**↘ PRIJORITÀ 6**

**IT-TĦEJJIJA GĦALL-EVALWAZZJONI REGOLARI TAL-AĠENZIJA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 39 TAR-REGOLAMENT TA' STABBILIMENT L-EU-LISA**

Fl-aħħar nett, l-Aġenzija hija mistennija li tgħaddi mill-**evalwazzjoni esterna regolari ta' ħames snin** kif stipulat fl-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Stabbiliment — test kritiku għall-amministrazzjoni u l-governanza tal-Aġenzija. L-Aġenzija se tikkontribwixxi għall-proċess billi tipprovdi input permezz ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-operazzjonijiet ewlenin tagħha, li għandu jiġi ffinalizzat fl-ewwel kwart tal-2023. L-evalwatur estern irid jippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni finali sa tmiem l-2023.

# 2. Attivitajiet

## 2.1. Sistemi Ġodda u Innovazzjoni

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda ta' ġestjoni tal-fruntieri fid-dominju tal-affarijiet interni — l-EES u l-ETIAS, kif ukoll żewġ sistemi ġodda fid-dominju tal-ġustizzja — l-ECRIS-TCN u l-e-CODEX. Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tiffinalizza wkoll it-tħejjijiet għall-bidu tat-tħaddim tal-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà għas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI ssorveljati mill-eu-LISA.

Fid-**dominju tal-affarijiet interni**, is-sistemi l-ġodda — l-EES u l-ETIAS — se jiffaċilitaw ġestjoni aktar intelliġenti u aktar effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE billi jiżguraw aċċess sigur u bla xkiel għall-informazzjoni dwar il-vjaġġaturi għall-persunal awtorizzat kollu, eż. il-gwardji tal-fruntieri, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-immigrazzjoni.

Fid-**dominju tal-ġustizzja**, l-Aġenzija tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda li jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni kontinwi tas-sistemi ġudizzjarji fl-Ewropa kollha, bil-ħsieb li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jiġi pprovdut ukoll aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għall-kompiti kollha huma ppreżentati fl-Anness II.

### 2.1.1. Sistemi Ġodda

Fl-2023, l-objettiv primarju tal-Aġenzija huwa li **tiżgura l-bidu tat-tħaddim f'waqtu** tas-sistemi l-ġodda li ġejjin: L-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-e-CODEX. Hekk kif dawn is-sistemi jsiru operazzjonali, l-enfasi se tinbidel biex tipprovdi manutenzjoni u appoġġ operazzjonali lill-utenti kollha tas-sistema.

F'termini tal-implimentazzjoni tal-programm, l-Aġenzija identifikat l-isfidi li ġejjin:

- kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni jista', min-naħa tiegħu, jikkawża dewmien sussegwenti fidl-bidu tat-tħaddim u l-bidu tal-fażi tal-manutenzjoni tas-sistemi kif skedat;
- il-manutenzjoni ta' sistemi ġodda tista' tkun aktar bil-mod, meta mqabbla mas-sistemi ta' legat, minħabba li l-ġodda jistgħu jirrikjedu aktar allinjament ma' sidien oħra tal-komponenti, kif ukoll disinn aktar bir-reqqa;
- l-interdipendenzi bejn is-sistemi differenti u r-restrizzjonijiet interni tar-riżorsi għandhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' proġetti oħra jew kompiti mhux relatati mal-proġetti.

### Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ se ttejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni taż-Żona Schengen billi tirreġistra l-movimenti transfruntiera ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) għall-finijiet tat-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Inizjalment ippreżentat fil-kuntest tal-**pakkett Fruntieri Intelliġenti** fl-2013, l-iżvilupp tal-EES beda fl-2018, u huwa skedat li jibda jopera f'Mejju 2023.

L-EES se timmodernizza l-proċessi ta' kontroll fil-fruntieri u ttejjeb l-effiċjenza permezz tal-awtomatizzazzjoni billi **tissostitwixxi l-ittimbrar manwali tal-passaporti b'reġistrazzjoni elettronika** tal-movimenti transfruntiera kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, is-sistema se tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-flussi tal-vjaġġaturi li qed jiżdiedu billi żżid il-veloċità u l-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri u tottimizza l-għadd ta' gwardji tal-fruntiera fil-punti ta' kontroll.

Barra minn hekk, l-EES se tiżgura **monitoraġġ aħjar tas-soġġorni awtorizzati** u l-identifikazzjoni ta' persuni possibbli li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn billi żżomm rekord ta' soġġorni qosra billi tirreġistra d-dati u l-postijiet tad-dħul/ħruġ għal żjarat li jdumu sa 90 jum fi kwalunkwe 180 jum.

Is-sistema se topera billi tikkomunika mas-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri. Se tinkludi wkoll żewġ applikazzjonijiet online:

- sit web apposta li jippermetti lit-TCNs jivverifikaw l-istatus tas-soġġorn awtorizzat tagħhom fl-UE;
- servizz web għat-trasportaturi tal-ajru, tal-art u tal-baħar biex jivverifika, qabel l-imbarkazzjoni, jekk il-viża ta' vjaġġatur ta' pajjiż terz għandhiex mill-inqas dħul wieħed awtorizzat jew għandhiex eżenzjoni valida mill-viża.

#### Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- li tiġi finalizzata l-implimentazzjoni tal-EES u s-servizzi web tagħha sa Mejju 2023, f'konformità mal-iskeda ta' żmien riveduta proposta mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-23 ta' Ġunju 2022, u approvata mill-Kunsill ĠAI fil-11 ta' Lulju 2022, li tapprova l-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà;
- li jiġi finalizzat l-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn l-EES u l-komponenti kollha tal-interoperabbiltà.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-interoperabbiltà** | Li jiġu żgurati l-prestazzjoni u l-konformità mal-komponenti tal-interoperabbiltà. | L-implimentazzjoni ta' konnessjonijiet bejn l-EES u l-komponenti kollha tal-interoperabbiltà. |
| **Implimentazzjoni ewlenija tal-EES tal-aċċettazzjoni finali tas-sistema (FSA)** | It-tfassil, l-implimentazzjoni u t-tmexxija tal-kwalifiki tas-sistema ċentrali tal-EES u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. L-adattament tal-ambjent u l-miżuri ta' sigurtà sabiex jikkonformaw ma' tipi ġodda ta' servizzi. Isiru t-tħejjijiet għall-interoperabbiltà ma' operazzjonijiet ta' sistemi ċentrali oħra. | Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, appoġġ ta' Service Desk u servizzi trasversali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sitt xhur sakemm is-sistema tkun kompletament operazzjonali. |
| **Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-servizzi tal-web** | Biex jiġi ffinalizzat it-twassil tas-Servizz Web tal-EES, l-Interfaċċa tat-Trasportaturi tal-ETIAS b'mod modulari, kompletament estensiv u skalabbli sabiex tkun tista' tkopri l-ħtiġijiet futuri (eż. VIS Riveduta). | L-implimentazzjoni tas-Servizz Web tal-EES, l-Interfaċċa tat-Trasportaturi tal-ETIAS. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Spiża tal-proġett | Devjazzjoni totali ≤ 5 % |
| Skeda tal-proġett | Devjazzjoni totali <= 5 % |
| Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett | L-ebda devjazzjoni |

### Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

L-ETIAS hija sistema ta' awtorizzazzjoni online ta' qabel l-ivvjaġġar għal **ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża** (TCNs) li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen. Is-sistema hija maħsuba biex **tissimplifika l-proċeduri**

**tal-qsim tal-fruntieri** u l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri, filwaqt li ttejjeb ukoll l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u tappoġġa l-politika tal-UE dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. L-Aġenzija bdiet l-iżvilupp tal-ETIAS fl-2018, u huwa skedat li tibda topera f'Novembru 2023.

L-awtorizzazzjonijiet tal-ivvjaġġar tal-ETIAS jiġu vverifikati mill-gwardji tal-fruntiera f'punti ta' qsim tal-fruntieri esterni u mit-trasportaturi bl-ajru, bil-baħar u fuq l-art qabel it-tlugħ abbord. L-ETIAS tnaqqas il-proċeduri tal-fruntieri u l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri, issaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri u tappoġġa l-politika tal-UE dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża peress li tippermetti kontrolli ta' informazzjoni fil-bażijiet ta' *data* kollha tal-ĠAI, inklużi l-bażijiet ta' *data* tal-Europol u tal-Interpol, għal verifika avvanzata tar-riskji potenzjali għas-sigurtà, il-migrazzjoni u s-saħħa pubblika li jistgħu jagħtu raġunijiet għaċ-ċaħda tad-dħul fiż-Żona Schengen, eż., bl-użu ta' *data* eżistenti biex jiġu identifikati kriminali jew terroristi li jużaw psewdonimi differenti biex jaħarbu mid-detezzjoni. Barra minn hekk, l-Aġenzija se tibda wkoll timmonitorja soluzzjonijiet tekniċi għal-"lista bajda" ta' għodod siguri ta' komunikazzjoni awdjovidjo li l-unitajiet nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jużaw biex iwettqu intervisti mal-applikanti f'każijiet fejn is-servizzi konsulari ma jkunux jistgħu jintlaħqu.

**Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:**

- li tiġi ffinalizzata l-implimentazzjoni tal-ETIAS sa Novembru 2023, f'konformità mal-iskeda ta' żmien riveduta proposta mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-23 ta' Ġunju 2022, u approvata mill-Kunsill ĠAI fil-11 ta' Lulju 2022, li tapprova l-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ETIAS** | It-tfassil, l-implimentazzjoni u t-tmexxija tal-kwalifiki tas-sistema ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. L-adattament tal-ambjent u l-miżuri ta' sigurtà sabiex jikkonformaw ma' tipi ġodda ta' servizzi. Isiru t-tħejjijiet għall-interoperabbiltà ma' operazzjonijiet ta' sistemi ċentrali oħra. | Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, appoġġ ta' Service Desk u servizzi trasversali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' sitt xhur sakemm is-sistema tkun kompletament operazzjonali. |
| **ETIAS — Sorveljanza tat-Teknoloġija l-Aktar Reċenti** | Il-monitoraġġ ta' soluzzjonijiet tekniċi xierqa għal-Lista ta' Sorveljanza tal-ETIAS, bil-ħsieb li jiġu ttestjati għodod magħżula minn qabel u jingħataw pariri lill-Istati Membri. | Il-monitoraġġ regolari tat-teknoloġija u tar-riċerka tas-suq, skont id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Lista ta' Sorveljanza tal-ETIAS, biex jiġu identifikati soluzzjonijiet tekniċi xierqa għat-tiftix ta' *data* kriptata mhux eżatt, kif ukoll għodod awdjovidjo. Dan jinkludi rapportar regolari u proposti ta' aġġornamenti tekniċi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri wara ttestjar b'suċċess. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Spiża tal-proġett | Devjazzjoni totali ≤ 5 % |
| Skeda tal-proġett | Devjazzjoni totali ≤ 5 % |
| Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett | L-ebda devjazzjoni |

### Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)

L-ECRIS-TCN hija l-ewwel sistema tal-IT fuq skala kbira mfassla u żviluppata mill-eu-LISA għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE. Hija sistema ċentralizzata ta' hit/no-hit li **tissupplimenta l-bażi tad-*data* tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali** (ECRIS) b'informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u ta' persuni mingħajr Stat li trid titqies mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali meta jiġu aġġudikati każijiet kriminali.

Flimkien, l-ECRIS u l-ECRIS-TCN jippermettu lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lil awtoritajiet rilevanti oħra jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-**istejjer kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr Stat**, irrispettivament mill-Istat Membru fejn ikunu ġew ikkundannati qabel. Għalhekk, l-ECRIS-TCN tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji fiż-Żona Schengen kollha.

It-tħejjijiet għall-iżvilupp tal-ECRIS-TCN bdew fl-2019, u l-bidu tat-tħaddim tagħha huwa skedat għal Novembru 2023. L-ECRIS-TCN tinkludi sistema ċentrali li taħżen l-informazzjoni dwar l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat ikkundannati, punti ta' aċċess ċentrali nazzjonali f'kull Stat Membru, software ta'

interfaċċa — **implimentazzjoni ta' referenza ECRIS (ECRIS RI)** — għall-konnessjoni mas-sistema ċentrali, u infrastruttura ta' komunikazzjoni li tgħaqqad il-punti ta' aċċess ċentrali nazzjonali mas-sistema ċentrali.

**Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:**

- li tiġi finalizzata l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN sa Novembru 2023, f'konformità mal-iskeda ta' żmien riveduta proposta mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-23 ta' Ġunju 2022, u approvata mill-Kunsill ĠAI fil-11 ta' Lulju 2022, li tapprova l-iskeda ta' żmien riveduta għall-Fruntieri Intelliġenti u l-Interoperabbiltà.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN** | L-iżgurar tal-aċċettazzjoni finali tas-sistema ECRIS-TCN (FSA) wara l-bidu tat-tħaddim tagħha. | Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-sistema ECRIS-TCN billi s-sistema tiġi aċċettata b'suċċess wara li tibda titħaddem. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Spiża tal-proġett | Devjazzjoni totali ≤ 5 % |
| Skeda tal-proġett | Devjazzjoni totali ≤ 5 % |
| Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett | L-ebda devjazzjoni |

### Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online (e-CODEX)

Is-sistema e-CODEX tal-UE, li ilha topera mill-2013, hija pjattaforma ta' komunikazzjoni mfassla biex tiffaċilita **l-iskambju transfruntier sigur ta' kontenut elettroniku** bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej. Qabel l-e-CODEX, l-iskambju ta' informazzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera kien imfixkel mill-varjetà wiesgħa ta' soluzzjonijiet tal-IT nazzjonali frammentati u inkompatibbli.

Fl-2020, il-Kummissjoni fdat l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-konnettur e-CODEX lill-eu-LISA mill-2023 — pass importanti lejn iż-żieda tal-**kontribut tal-Aġenzija għad-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE**. Is-sistema e-CODEX tikkonsisti f'pakkett ta' prodotti tas-software u standards applikati u l-aħjar prattiki biex jitwettqu servizzi pubbliċi transfruntiera integrati bis-sħiħ. Din tgħaqqad proċeduri nazzjonali awtonomi appoġġati diġitalment u mezzi tal-IT relatati, filwaqt li tiżgura trażmissjoni elettronika sigura ta' informazzjoni fi proċedimenti ta' ġustizzja transfruntiera. L-eu-LISA hija skedata li tieħu f'idejha l-ġestjoni operazzjonali tagħha sa tmiem l-2023.

**Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:**

- li jiġi żgurat l-akkwist b'suċċess tas-sistema e-CODEX mill-eu-LISA.

### 2.1.2. Interoperabbiltà

L-interoperabbiltà hija l-kapaċità tas-sistemi tal-informazzjoni li jiskambjaw id-*data* u jippermettu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Il-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni, is-sigurtà interna u l-migrazzjoni tal-Ewropa tiddependi mill-**interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA**: Is-SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN. Din l-interoperabbiltà ġenerali tas-sistemi se titwassal permezz ta' diversi **komponenti tal-interoperabbiltà** li se jippermettu lill-gwardji tal-fruntieri Ewropej, lill-uffiċjali tal-pulizija u lill-uffiċjali tal-viża u tal-immigrazzjoni jużaw u jaċċessaw informazzjoni aktar rapida, aktar affidabbli u kompluta dwar it-theddid għas-sigurtà.

L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE tinkludi l-komponenti li ġejjin:

- **Portal Ewropew tat-tfittxija (ESP)** li jiffaċilita t-tfittxijiet rapidi, bla xkiel, effiċjenti, sistematiċi u kkontrollati fis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI minn utenti awtorizzati;
- **servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)** li jaħżen mudelli bijometriċi, u li jippermetti lill-utenti jfittxu u jqabblu *data* bijometrika bejn is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI;
- **repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR)** li jippermetti l-identifikazzjoni korretta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;
- **detettur ta' identitajiet multipli (MID)**, li jippermetti d-detezzjoni ta' identitajiet multipli bl-iskop doppju li tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta tal-vjaġġaturi *bona fide*, kif ukoll li tiġi miġġielda l-frodi tal-identità.

Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll **repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)** biex tipprovdi *data* statistika bejn is-sistemi u r-rapportar analitiku dwar is-sistemi kollha tal-ĠAI għal finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-*data*.

Flimkien, dawn il-komponenti tal-interoperabbiltà se jikkostitwixxu **s-sinsla tas-sigurtà interna, il-kontroll tal-fruntieri, u l-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Ewropa**, u jikkontribwixxu għall-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà** billi jtejbu l-effiċjenza operazzjonali u l-effettività tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI.

L-Aġenzija hija impenjata li twettaq l-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà fl-2024; madankollu, hemm xi sfidi possibbli fil-ġejjieni:

- kwistjonijiet relatati ma' spazju insuffiċjenti fiċ-ċentri tad-*data* jistgħu jaffettwaw l-operat bla xkiel (eż. tisħin żejjed fl-ixkafef minħabba spazju insuffiċjenti, diffikultajiet biex tiżdied l-infrastruttura f'każ ta' problemi, eż., minħabba pressjonijiet tal-kapaċità, eċċ.);
- interdipendenzi bejn sistemi differenti u restrizzjonijiet ta' riżorsi interni li, min-naħa tagħhom, jistgħu jaffettwaw (eż., idewmu jew jipposponu) l-implimentazzjoni tal-attivitajiet;
- il-puntwalità tal-migrazzjoni tad-*data* tiddependi mit-twettiq tal-eżerċizzju preparatorju, inkluż valutazzjoni tal-impatt dettaljata, it-tfassil u t-tħejjija tad-*data* nazzjonali għall-migrazzjoni.

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali jew l-attivitajiet differenti ppjanati għal kull komponent tal-interoperabbiltà żviluppati fis-snin preċedenti.

### Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)

Is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS) jaħżen mudelli bijometriċi miksuba mid-*data* bijometrika maħżuna fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u fis-SIS. Il-sBMS jikkostitwixxi wieħed mill-**pedamenti tas-sistema ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE** billi jippermetti **mistoqsijiet dwar *data* bijometrika** fis-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-ĠAI. Għalhekk, huwa wieħed mill-**akbar sistemi bijometriċi fid-dinja**, li tintegra bażi tad-*data* ta' aktar minn 400 miljun ċittadin ta' pajjiżi terzi, inklużi l-marki tas-swaba' u l-immaġnijiet tal-wiċċ.

It-tħejjijiet għall-iżvilupp tal-sBMS bdew fl-2019, u l-eu-LISA hija skedata li tiffinalizza l-implimentazzjoni tiegħu fl-2023.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tal-sBMS, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa,
- li jiġu pprovduti lill-Istati Membri d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tal-sBMS f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz,
- li jiġu żviluppati aktar il-funzjonalitajiet tal-sBMS relatati mal-migrazzjonijiet u r-riformulazzjonijiet tas-sistema, inkluż ir-rikonoxximent tal-wiċċ għall-VIS u l-ECRIS-TCN,
- li tiġi żgurata l-migrazzjoni b'suċċess tad-*data* minn sistemi differenti tal-ĠAI għall-sBMS għall-finijiet li tkun tista' ssir identifikazzjoni bejn id-dominji, u l-estensjoni tas-CIR u tal-MID lejn id-dominju tal-ġustizzja.

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tiżviluppa l-**portafoll tal-bijometrika** tagħha billi tinvesti f'attivitajiet ta' riċerka u soluzzjonijiet fil-mira biex iżżid il-kwalità ġenerali tal-aspetti bijometriċi differenti u toffri appoġġ fil-pront u ta' kwalità għolja lill-partijiet ikkonċernati tagħha. Għal dak il-għan, l-Aġenzija qed tfittex li tagħmel aktar titjib, inklużi proġetti ta' riċerka dwar aspetti differenti tal-bijometrika, eż., il-ġenerazzjoni ta' kampjuni sintetiċi biex jitwieġbu mistoqsijiet relatati mill-partijiet ikkonċernati dwar is-servizzi bijometriċi eżistenti u futuri.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EES BMS / sBMS** | Li tiġi finalizzata l-implimentazzjoni tal-EES-BMS u tal-sBMS billi jiġi żgurat li l-perjodu finali ta' aċċettazzjoni tas-sistema (FSA) jitlesta b'suċċess wara l-bidu tat-tħaddim tagħha. | Li tiġi finalizzata l-implimentazzjoni tal-EES BMS u tal-sBMS wara l-bidu tat-tħaddim tagħhom b'suċċess. |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni tal-sBMS** | Iż-żamma tal-sBMS f'ordni ta' tħaddim ottimali | Il-provvediment ta' manutenzjoni korrettiva[65], adattiva[66], perfetta[67] u preventiva[68] biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema (inkluża l-manutenzjoni tal-USK).[69] |
| **Żvilupp tal-ECRIS-TCN fl-sBMS** | L-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet speċifiċi tal-marki tas-swaba' għall-ECRIS-TCN, il-kapaċità u l-konfigurazzjoni fl-sBMS, u l-migrazzjoni ta' *data* storika tal-marki tas-swaba' għall-sBMS. | L-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, il-kapaċità, u l-konfigurazzjoni speċifiċi tal-marki tas-swaba' relatati mal-ECRIS-TCN fl-sBMS, filwaqt li tiġi migrata wkoll id-*data* storika tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri għall-sBMS. |
| **SIS — integrazzjoni funzjonali tal-sBMS u migrazzjoni tad-*data* bijometrika għall-Interoperabbiltà** | Biex ikunu jistgħu jsiru l-operazzjonijiet bijometriċi tas-SIS fl-sBMS. | L-iffaċilitar tal-operazzjonijiet speċifiċi tal-marki tas-swaba' għas-SIS, il-kapaċità u l-konfigurazzjoni fl-sBMS u l-migrazzjoni tad-*data* tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri għall-sBMS. |
| **Implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi tar-Riformulazzjoni tal-VIS fl-sBMS** | It-tlestija tal-implimentazzjoni u l-ittestjar ta' funzjonalitajiet ġodda fl-sBMS introdotti mir-Riformulazzjoni tal-VIS, kif ukoll it-tħejjija għall-migrazzjoni u l-konverżjoni tal-immaġnijiet tal-wiċċ mill-bażi tad-*data* tal-VIS/CIR f'mudelli sBMS | It-tlestija tal-implimentazzjoni u l-ittestjar ta' funzjonalitajiet ġodda fl-sBMS introdotti mir-Riformulazzjoni tal-VIS, u t-tħejjija għall-migrazzjoni u l-konverżjoni tal-immaġnijiet tal-wiċċ mill-bażi tad-*data* tal-VIS/CIR f'mudelli sBMS. |
| **Integrazzjoni funzjonali tal-Eurodac sBMS u migrazzjoni tad-*data*** | L-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi ġodda li jirriżultaw mir-Riformulazzjoni tal-Eurodac, u l-migrazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi eżistenti tal-Eurodac għall-sBMS. | L-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi l-ġodda u l-migrazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi eżistenti tal-Eurodac għall-sBMS. |
| **Replikazzjoni tal-bażi tad-*data* tal-marki tas-swaba' tal-Europol għall-sBMS (fażi 1)** | Biex jiġi ottimizzat il-proċess tal-verifiki tal-isfond tal-viża. | Ir-replikazzjoni tal-gallerija tal-mudell tal-marki tas-swaba' tal-AFIS tal-Europol fl-sBMS għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet bijometriċi ġodda kif speċifikat fir-Regolament Eurodac riformulat, u r-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. |
| **Impatt tal-MID fuq l-sBMS** | L-implimentazzjoni ta' konnessjonijiet biex tiġi akkomodata l-kapaċità ta' fluss ta' tranżazzjoni addizzjonali għall-operazzjonijiet xprunati mid-detettur ta' identitajiet multipli (MID), kif ukoll kwalunkwe funzjonalità oħra identifikata mir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt | Iż-żieda fil-kapaċità ta' fluss ta' tranżazzjonijiet tal-sBMS għal operazzjonijiet xprunati mill-MID, u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe funzjonalità oħra meħtieġa |
| **Żvilupp u titjib tal-portafoll bijometriku** | Iż-żieda fil-kwalità ġenerali tal-prodotti bijometriċi eżistenti u futuri tal-eu-LISA, kif ukoll it-titjib tal-kapaċitajiet tal-Aġenzija li tiffaċilita l-innovazzjoni bijometrika. | L-investiment f'attivitajiet ta' riċerka mmirati u f'soluzzjonijiet bijometriċi biex tiżdied il-kwalità ġenerali tal-prodotti bijometriċi eżistenti u futuri, tinkiseb l-indipendenza minn fornituri esterni, u jittejbu l-għarfien espert u r-reputazzjoni tal-eu-LISA dwar is-suġġett tal-bijometrika. |
| **Segwitu u kontribut għall-isforzi tal-grupp ta' ħidma ISO SC37** | Biex jiġi żgurat li l-aġenda bijometrika tal-Aġenzija tiġi adottata mill-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-ISO dwar l-istandards bijometriċi sal-limitu massimu. | Bħala s-sid ta' waħda mill-akbar sistemi ta' tqabbil bijometriku fid-dinja, li tassumi rwol aktar attiv fil-grupp ta' ħidma tal-bijometrika (ISO/IEC JTC 1/SC 37) skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' standards rilevanti (eż., il-kwalità tad-*data* u l-ittestjar). |
| **Bijometrika bħala servizz (BaaS)** | L-iżvilupp tal-għarfien espert u r-reputazzjoni tal-eu-LISA bħala sieħeb affidabbli fil-qasam tal-bijometrika. | Iż-żieda tal-għarfien espert tal-Aġenzija dwar is-servizzi bijometriċi eżistenti u futuri u l-iffaċilitar tal-iżvilupp u l-manutenzjoni kontinwi tas-sistema/i bijometrika/ċi. |

[65] **Manutenzjoni korrettiva** tinkludi l-ġestjoni tal-inċidenti, kif ukoll il-ġestjoni tal-problemi u tat-tibdil.
[66] **Manutenzjoni adattiva** tinkludi l-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema, bil-ħsieb li tinżamm il-konformità mat-teknoloġiji l-aktar avvanzati, filwaqt li jiġi żgurat ukoll appoġġ kontinwu mill-manifatturi u l-edituri tal-komponenti.
[67] **Manutenzjoni perfetta** tinkludi titjib fil-komponenti tas-sistema bbażat fuq għarfien espert tekniku u titjib identifikat għall-finijiet li tiġi żgurata prestazzjoni kontinwa ta' kwalità għolja.
[68] **Manutenzjoni preventiva** tinkludi l-introduzzjoni ta' bidliet fis-sistema bbażati fuq osservazzjonijiet operazzjonali għall-finijiet tal-prevenzjoni ta' kwistjonijiet potenzjali milli jiżviluppaw f'inċidenti serji.
[69] Innota li l-manutenzjoni korrettiva u l-monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-sBMS hija koperta mill-attività trasversali tal-infrastruttura kondiviża komuni (CSI).

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Gruppi ta' Ħidma Bijometriċi Regolari** | L-istabbiliment ta' grupp ta' esperti dwar il-bijometrika biex jappoġġa l-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA dwar is-suġġett tal-bijometrika. | L-appoġġ għall-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA permezz ta' grupp ta' esperti intern iddedikat dwar il-bijometrika. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) tal-sBMS u l-KPIs korporattivi rilevanti | Konformità ta' 100 % mal-KPIs definiti fl-sBMS SLA |

## Repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR)

Ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) huwa bażi tad-*data* ċentralizzata li tiffaċilita l-**identifikazzjoni korretta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi** billi tiġbor flimkien l-identità personali, id-dokument tal-ivvjaġġar, u d-*data* bijometrika mhux ipproċessata ta' persuni rreġistrati fil-VIS, fl-Eurodac, fl-EES, fl-ETIAS jew fl-ECRIS-TCN. Barra minn hekk, is-CIR jappoġġa l-funzjonament tad-detettur ta' identitajiet multipli (MID) billi jiffaċilita u jissimplifika l-aċċess għall-VIS, l-Eurodac, l-EES, u l-ETIAS għall-awtoritajiet maħtura (inkluż l-Europol) għall-prevenzjoni, id-detezzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra. L-iżvilupp tas-CIR beda fl-2021 u se jkompli fl-2023 biex is-CIR ikun disponibbli fl-2024.

### Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:

- li titkompla l-implimentazzjoni tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), flimkien mal-komponenti tal-interoperabbiltà li jifdal, jiġifieri d-detettur ta' identitajiet multipli (MID), il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), u r-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS).

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà (appoġġ għall-attivitajiet tal-FSA għall-ESP/CIR/MID/CRRS)** | L-appoġġ għall-attivitajiet ta' aċċettazzjoni finali tas-sistema (FSA) għall-komponenti tal-interoperabbiltà li ġejjin: l-ESP, is-CIR, l-MID, u s-CRRS. | L-iżgurar tat-tranżizzjoni b'suċċess għall-operazzjonijiet għall-komponenti tal-interoperabbiltà li ġejjin: l-ESP, is-CIR,l- MID, u s-CRRS. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà tas-CIR u tal-MID f'konformità mal-ftehimiet rilevanti dwar il-livell ta' servizz (FLS). | Konformità ta 100 % mal-SLAs tal-komponenti tal-Interoperabbiltà tas-CIR u l-MID. |

## Detettur ta' identitajiet multipli (MID)

Id-detettur ta' identitajiet multipli (MID) jiġġestixxi l-konnessjoni bejn l-identitajiet maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni differenti tal-ĠAI billi joħloq u jaħżen **fajls ta' konferma tal-identità**. Għalhekk, l-MID jappoġġa l-funzjonament tas-CIR, u l-objettivi tas-SIS, tal-VIS, tal-Eurodac, tal-EES, tal-ETIAS u tal-ECRIS-TCN. Permezz tal-interkonnessjoni tad-*data* fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, l-MID jippermetti d-detezzjoni ta' identitajiet multipli, u b'hekk **jiffaċilita l-kontrolli tal-identità** u **jiġġieled il-frodi tal-identità**. L-iżvilupp tal-MID beda fl-2021 u se jkompli fl-2023, bil-ħsieb li l-MID isir disponibbli fl-2024.

Għal aktar dettalji dwar l-objettivi ta' kompiti speċifiċi u l-istadji importanti, jekk jogħġbok irreferi għall-kompiti deskritti fit-taqsima dwar ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) hawn fuq.

## Portal Ewropew tat-tfittxija (ESP)

Il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) jiffaċilita l-aċċess veloċi, bla xkiel u kkontrollat tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u tal-aġenziji tal-Unjoni għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, kif ukoll għall-bażijiet tad-*data* tal-Europol u tal-Interpol. L-iżvilupp tal-ESP beda fl-2021 u se jkompli fl-2023, bil-ħsieb li l-ESP isir disponibbli fl-2024.

Għal aktar dettalji dwar l-objettivi ta' kompiti speċifiċi u l-istadji importanti, jekk jogħġbok irreferi għall-kompiti deskritti fit-taqsima dwar ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) hawn fuq.

### Repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)

Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) jiġbor flimkien u jżomm **reġistri ċentralizzati u anonimizzati mis-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-ĠAI** għall-finijiet tal-forniment ta' *data* statistika u rapporti analitiċi bejn is-sistemi. Id-*data* anonimizzata li tinsab f'dawn ir-rapporti komprensivi tista' tintuża mill-partijiet ikkonċernati biex jappoġġaw id-deċiżjonijiet ta' politika, il-ġestjoni operazzjonali, jew il-pjanijiet għat-titjib tal-kwalità tad-*data*. L-iżvilupp tas-CRRS beda fl-2019, u l-bidu tat-tħaddim tiegħu huwa skedat għall-2023.

Għal aktar dettalji dwar l-objettivi ta' kompiti speċifiċi u l-istadji importanti, jekk jogħġbok irreferi għall-kompiti deskritti fit-taqsima dwar ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) hawn fuq.

## 2.2. Ġestjoni operazzjonali u Regolamenti Riformulati

It-taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet relatati mal-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-fruntieri, tas-sigurtà interna u tal-ġestjoni tal-ażil fdati lill-Aġenzija fid-**dominju tal-affarijiet interni — SIS, VIS, Eurodac, EES u ETIAS**, u dawk fid-**dominju tal-ġustizzja — ECRIS-TCN, ECRIS RI u e-CODEX**. Dan jinkludi wkoll l-integrazzjoni ta' dawn is-sistemi kollha tal-ĠAI mal-arkitettura tal-interoperabbiltà diskussa fis-subtaqsima preċedenti.

Fil-fruntieri esterni tal-UE, dawn is-sistemi tal-IT huma kritiċi biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri, u l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-viżi. Fiż-żona Schengen, id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi hija essenzjali sabiex tiġi garantita l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata wkoll is-sigurtà interna tal-UE. Fid-dominju tal-ġustizzja, dawn is-sistemi jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja li għaddejjin bħalissa, filwaqt li jtejbu wkoll l-iskambju transfruntier tal-kontenut elettroniku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej, u b'hekk jipprovdu aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għall-kompiti kollha huma ppreżentati fl-Anness II.

### 2.2.1. Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti

L-objettiv primarju huwa li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti u d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-**sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA — SIS, VIS, u Eurodac**, flimkien mas-sistemi l-ġodda — EES u ETIAS, li l-bidu tat-tħaddim tagħhom huwa skedat sa tmiem is-sena.

Biex tappoġġa lill-Istati Membri u lil utenti finali oħra, l-Aġenzija tipprovdi taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi taħt il-kompetenza tagħha, kif ukoll taħriġ lill-esperti dwar l-aspetti tekniċi ta' dawk is-sistemi (fil-qafas tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen).

L-isfidi ewlenin previsti fil-proċess tal-implimentazzjoni ta' dan il-programm huma kif ġej:

- l-introduzzjoni ta' bidliet u teknoloġiji ġodda li jistgħu joħolqu sfidi għar-riżoluzzjoni ta' inċidenti u problemi,
- l-interdipendenzi bejn sistemi differenti u komponenti tal-interoperabbiltà flimkien ma' restrizzjonijiet interni tar-riżorsi jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ppjanati jew attivitajiet ta' żamma tal-istatus quo.

#### MIGRAZZJONI u AFFARIJIET INTERNI

### Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Is-SIS tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni u oġġetti bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, tal-kontroll tal-fruntieri, tad-dwana, tal-viża u dawk ġudizzjarji. Imnedija fl-1995, is-SIS kibret fl-akbar sistema ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-aktar użata b'mod wiesa' tal-Ewropa għas-**sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni**. Bħala tali, is-SIS tikkostitwixxi **pedament tal-acquis ta' Schengen**, li jiffaċilita l-**moviment liberu tal-persuni** fiż-Żona Schengen. Mill-2013, l-eu-LISA tissorvelja l-ġestjoni operazzjonali tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha, filwaqt li tiżgura appoġġ għall-monitoraġġ operazzjonali 24/7 u evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema.

Matul is-snin, l-eu-LISA tejbet is-SIS biex tindirizza aħjar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-migrazzjoni irregolari. It-**tieni ġenerazzjoni tas-SIS** ilha topera mill-2013, u fl-2018, l-eu-LISA nediet is-**Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS)**, kapaċità ta' tiftix bijometriku li tippermetti l-identifikazzjoni

ta' persuni ta' interess abbażi biss tal-marki tas-swaba' tagħhom. F'Diċembru 2018, l-adozzjoni tar-**Regolamenti Riformulati tas-SIS** tat bidu għal fażi ewlenija tal-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda għas-SIS. Dan ser jitlesta f'Marzu 2023 bil-bidu tat-tħaddim tas-SIS imġedda.

Mill-2023, użu aktar estensiv ta' *data* bijometrika ppermetta l-identifikazzjoni ta' persuni ta' interess abbażi biss tal-marki tas-swaba' u tal-pala tal-id tagħhom, kif ukoll il-marki latenti (impressjonijiet ta' swaba' jew pali tal-id fuq superfiċje). Il-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-applikazzjonijiet u l-funzjonalitajiet tas-SIS, pereżempju, bl-introduzzjoni ta' kategoriji addizzjonali ta' allerti u l-espansjoni tal-lista ta' oġġetti li għalihom l-awtoritajiet jistgħu joħorġu allerti, ippermetta aċċess usa' għat-timijiet hotspot tal-Europol u tal-Frontex biex ifittxu informazzjoni dwar persuni suspettati u kriminali. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà se tipprovdi saħansitra aktar valur miżjud billi tiffaċilita t-tfittxijiet u l-kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-ĠAI abbażi ta' *data* bijometrika u alfanumerika.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluża s-subsistema AFIS), filwaqt li twassal ukoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa u tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali tas-SIS;
- li jiġu pprovduti lill-Istati Membri d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluża s-subsistema AFIS) f'konformità mar-regolamenti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz rilevanti;
- li jiġi implimentat allert ġdid ta' informazzjoni fis-SIS, li għandu jintuża mill-Istati Membri, fuq proposta mill-Europol, dwar persuni suspettati b'terroriżmu jew reat serju ieħor;
- li tiġi ffinalizzata l-interkonnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà, jiġifieri, il-kapaċità tas-sistema ċentrali tas-SIS se tiġi estiża biex takkomoda traffiku addizzjonali li ġej mill-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID), flimkien mal-implimentazzjoni tal-interfaċċi tal-interoperabbiltà meħtieġa, u l-istabbiliment ta' konnessjonijiet mal-komponenti kollha tal-interoperabbiltà, ħlief l-sBMS, li se jkunu għadhom qed jiġu żviluppati.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni tas-SIS** | Li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni u li l-avvenimenti jiġu ġestiti f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz. | Li tiġi pprovduta manutenzjoni korrettiva, adattiva, perfetta u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema, inkluż it-twettiq ta' kampanji ta' ttestjar u kwalifikazzjoni. |
| **Manutenzjoni tas-SIS AFIS** | L-iżgurar tad-disponibbiltà tas-sistema 24/7 | Li tiġi żgurata d-disponibbiltà 24/7 tas-sistema kif ukoll il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, adattiva, perfetta u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema. |
| **Kapaċità estiża tas-SIS** | Li jiġu abbozzati speċifikazzjonijiet, jiġu ddisinjati, ittestjati u integrati l-bidliet funzjonali u mhux funzjonali meħtieġa fis-SIS ċentrali sabiex tiġi żgurata l-kapaċità estiża tas-SIS ewlenija li tindirizza traffiku u allerti addizzjonali tal-interoperabbiltà. | Tiġi estiża l-kapaċità tas-SIS ewlenija biex tindirizza traffiku addizzjonali li jirriżulta mill-interoperabbiltà ġenerali tas-sistemi u allerti addizzjonali. |
| **Interkonnessjoni tas-SIS Ċentrali mal-komponenti tal-interoperabbiltà kollha (ħlief l-sBMS)** | L-allinjament tas-SIS mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. | L-iffinalizzar tal-allinjament tas-SIS mar-rekwiżiti deskritti fir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. |
| **Migrazzjoni tas-SIS AFIS għall-sBMS** | Il-migrazzjoni tad-*data* tas-SIS AFIS għall-sBMS għall-finijiet li tiġi permessa l-funzjonalità tad-detettur ta' identitajiet multipli (MID), filwaqt li jiġi żgurat li l-bijometrika kollha tinħażen fl-istess post iżda tiġi sseparata loġikament. | L-integrazzjoni tas-SIS mal-sBMS u l-migrazzjoni tal-bijometrika tas-SIS AFIS għall-sBMS. |
| **Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri** | Li jiġi żgurat l-istat ta' tħejjija operazzjonali tas-sistemi nazzjonali, u l-kompatibbiltà mas-sistema ċentrali tas-SIS. | L-għoti ta' appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri matul il-kwalifikazzjoni tal-evoluzzjonijiet tas-sistema nazzjonali, u matul il-kampanji ta' ttestjar u kwalifikazzjoni. |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Modulu / interfaċċa ġeneriċi ewlenin ta' interkonnessjoni tas-SIS li jippermettu l-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS** | Biex is-sistema ċentrali tas-SIS tkun tista' tagħmel interkonnessjoni ma' sistemi interni jew esterni oħra (eż., il-VIS, l-ETIAS), u biex is-sistema ċentrali tas-SIS tkun aġġornata mar-rekwiżiti legali tal-ETIAS billi tippermetti tfittxijiet alfanumeriċi. | Il-kooperazzjoni mat-tim tal-ETIAS biex jiġi kkoordinat l-allinjament tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġetti; il-konfigurazzjoni tal-modulu/tal-interfaċċa ta' interkonnessjoni (interkonnettività) bejn is-SIS u l-ETIAS; l-irfinar tal-aspetti tal-kapaċità ta' tiftix alfanumeriku tas-Sistema Ċentrali tas-SIS biex ikun hemm konformità mal-volum meħtieġ ta' tfittxijiet; l-ittestjar qabel l-utilizzazzjoni finali fil-produzzjoni; l-utilizzazzjoni fil-produzzjoni, attivitajiet tal-għeluq tal-proġetti u aċċettazzjoni tas-sistema finali. |
| **Magna tat-tiftix ġdida u aġġornament ta' Oracle għas-SIS** | Biex tiġi utilizzata l-magna tat-tiftix Elasticsearch u l-aġġornament ta' Oracle | L-implimentazzjoni ta' magna tat-tiftix ġdida u l-aġġornament ta' Oracle se jiżguraw appoġġ suffiċjenti għal kapaċità addizzjonali għal mistoqsijiet u allerti. Il-proġett huwa mistenni li jitlesta sa nofs l-2023. |
| **Implimentazzjoni ta' allert ta' informazzjoni ġdid għas-SIS** | Biex jiġi implimentat allert ta' informazzjoni ġdid fis-SIS, li għandu jintuża mill-Istati Membri fuq proposta mill-Europol. | Is-SIS ċentrali u s-SIS nazzjonali se jimplimentaw l-allert ta' informazzjoni ġdid. Il-proġett se jinkludi t-tfassil u l-iżvilupp tas-soluzzjoni, il-fażi tal-ittestjar, l-utilizzazzjoni fil-produzzjoni u t-taħriġ tal-utenti. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS | ≥ 99.99 % |
| Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS | ≥ 99.5%[70] |

## Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

Il-VIS, bħala l-element ewlieni l-ieħor taż-żona Schengen, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viża billi tgħaqqad il-konsulati tal-Istati Membri f'pajjiżi mhux tal-UE man-network tal-UE ta' punti ta' qsim tal-fruntieri esterni. Is-sistema tappoġġa lill-awtoritajiet konsulari Ewropej fl-**ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża** u fl-għoti ta' **viżi għal soġġorn qasir** jew għal żjarat qosra jew għat-tranżitu miż-Żona Schengen.

Bl-użu tas-servizz ta' tqabbil bijometriku (BMS) tagħha, is-subsistema responsabbli mill-operazzjonijiet bijometriċi, il-VIS **tiġġieled il-frodi tal-viża** billi tidentifika persuni li jistgħu ma jissodisfawx jew ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fiż-żona Schengen. Flimkien mal-Eurodac, din tgħin ukoll biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-UE responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet għall-ażil u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna kkawżat mill-migrazzjoni irregolari.

Il-VIS kellha l-bidu tat-tħaddim f'Ottubru 2011 u ilha operazzjonali fid-dinja kollha minn Frar 2016. L-eu-LISA tissorvelja l-ġestjoni operazzjonali tagħha, filwaqt li tiżgura appoġġ 24/7 u evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema.

Ir-**Regolament rivedut tal-VIS**, adottat f'Lulju 2021, jestendi l-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi **viżi għal soġġorn fit-tul** u permessi ta' residenza, il-gateway tat-trasportaturi, u l-qbid dirett ta' immaġnijiet tal-wiċċ, filwaqt li jiżgura wkoll l-interoperabbiltà ma' sistemi u bażijiet tad-*data* oħrajn tal-ĠAI. Dawn il-bidliet se jiżguraw rispons aktar effettiv għall-isfidi tas-sigurtà u tal-migrazzjoni li qed jevolvu, filwaqt li jtejbu l-ġestjoni ġenerali tal-fruntieri esterni tal-UE. Biex takkomoda dawn il-funzjonalitajiet ġodda, l-eu-LISA trid tlesti aġġornament sinifikanti tas-sistema ċentrali tal-VIS sal-2025.

### Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-VIS, filwaqt li twettaq ukoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa u tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali;
- li titkompla l-implimentazzjoni tar-Regolament VIS rivedut, flimkien mas-soluzzjoni attiva-attiva orizzontali biex tiġi żgurata d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema, li tiffoka primarjament fuq l-ittestjar mal-Istati Membri;
- li tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà tal-VIS (jiġifieri, l-ESP għat-tfittxijiet kollha diretti lejn il-VIS, is-CIR, il-MID u s-CRRS);
- li l-Kroazja tiġi integrata fil-VIS b'aċċess sħiħ ladarba tiġi adottata l-bażi legali rilevanti.

[70] Il-perċentwal ta' mistoqsijiet (eżatti) tal-kategorija 1 wieġbu fi żmien sekonda, skont il-kards KPI adottati mill-Bord tat-Tmexxija bid-dokument 2020–062.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni tal-VIS** | Li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, u li l-avvenimenti jiġu ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz. | Il-forniment ta' manutenzjoni adattiva, perfetta u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema. |
| **Żvilupp ta' Riformulazzjoni tal-VIS (inkluż struttura attiva-attiva)** | L-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet, l-akkwist, id-disinn, l-ittestjar u l-integrazzjoni tal-bidliet funzjonali u mhux funzjonali meħtieġa fil-VIS f'konformità mar-Regolament VIS rivedut, u tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa mingħajr interruzzjoni tas-sistema (jiġifieri, żero perjodi ta' waqfien u telf ta' *data*). | L-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-bidliet funzjonali u mhux funzjonali meħtieġa fil-VIS sabiex tiġi żgurata disponibbiltà kontinwa u mingħajr interruzzjoni tas-sistema (inkluż żero perjodi ta' waqfien u telf ta' *data*). |
| **Integrazzjoni tal-VIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà** | Biex tiġi implimentata l-konnessjoni (inkluż ix-xenarju ta' riżerva) mal-komponenti tal-interoperabbiltà li jifdal: il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) u r-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS). | Jiġi finalizzat l-istabbiliment ta' konnessjonijiet bejn il-VIS u l-komponenti kollha tal-interoperabbiltà. |
| **Integrazzjoni tal-Kroazja fil-VIS b'aċċess sħiħ** | Li jingħata aċċess sħiħ għall-VIS lill-Kroazja. | Dan il-kompitu se jinkludi l-konfigurazzjoni tan-network kemm fuq in-naħa nazzjonali kif ukoll fuq dik ċentrali, l-istabbiliment ta' konnessjonijiet tal-ITSM, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ tal-VIS u tal-SM9, il-forniment tal-lista tal-awtoritajiet u l-konferma tal-punt uniku ta' kuntatt. Barra minn hekk, l-eu-LISA se twettaq testijiet ta' konformità mal-Kroazja. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS | ≥ 99.99 |
| Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS | 100 % (skont il-kards tal-KPI adottati mill-Bord tat-Tmexxija) |

## Euradac (Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil)

L-Eurodac tappoġġa l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin billi tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' applikanti għall-ażil u persuni maqbuda b'rabta ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna tal-UE biex tiddetermina jekk ikunux talbu ażil preċedentement f'pajjiż ieħor tal-UE jew jekk daħlux fiż-Żona Schengen b'mod illegali. L-Eurodac ilha operazzjonali mill-2003, u l-eu-LISA ssorveljat il-ġestjoni operazzjonali tagħha u żgurat appoġġ 24/7 u evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema mill-2013.

L-Eurodac tissimplifika l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil billi tiddetermina l-pajjiż responsabbli mill-verifika ta' applikazzjoni għall-ażil u tassisti lill-Istati Membri biex isibu każijiet possibbli ta' "asylum shopping" billi tqabbel il-marki tas-swaba' ta' applikanti ġodda ma' dawk diġà rreġistrati fil-bażi tad-*data*. Mill-2015, l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol jistgħu jaċċessaw ukoll l-Eurodac, taħt kundizzjonijiet stretti u bħala l-aħħar alternattiva, għall-finijiet tal-prevenzjoni, il-kxif jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji.

L-Eurodac tinkludi unità ċentrali mgħammra b'bażi tad- *data* ċentrali kompjuterizzata għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' u sistema għat-trażmissjoni elettronika ta' *data* bejn l-Istati Membri u l-bażi tad-*data* ċentrali ġestita minn eu-LISA. L-**integrazzjoni tal-Eurodac mal-komponenti tal-interoperabbiltà** se tipprovdi valur miżjud billi tippermetti t-tiftix u l-kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi kollha ta' informazzjoni tal-ĠAI ssorveljati mill-eu-LISA (jiġifieri, is-SIS, il-VIS, l-EES, l-ETIAS, u l-ECRIS-TCN).

Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat **Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** komprensiv li kien jinkludi proposta emendata biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-Eurodac biex tirrifletti l-bidliet fil-mekkaniżmu ta' Dublin billi tintroduċi *data* alfanumerika biex ittejjeb id-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati, u tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. Il-funzjonalitajiet il-ġodda tar-Regolament Eurodac Riformulat jippermettu skambju ta' informazzjoni aktar komprensiv dwar kwistjonijiet relatati mal-ażil u l-migrazzjoni irregolari, filwaqt li jtejbu b'mod sinifikanti l-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-UE kollha.

L-Aġenzija tinsab lesta li timplimenta r-Regolament Eurodac Riformulat li għadu pendenti waqt li qed jinkiteb dan id-dokument. Dan irriżulta fil-posponiment ta' evoluzzjoni maġġuri tal-Eurodac ippjanata f'dokumenti ta' programmazzjoni preċedenti, inkluża l-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda u l-integrazzjoni tal-Eurodac mal-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI. Peress li l-Eurodac se tkun qed topera fuq sistema ċentrali mfassla mill-ġdid mill-2023, huma mistennija attivitajiet addizzjonali ta' manutenzjoni, prinċipalment minħabba l-infrastruttura/l-arkitettura l-ġdida fil-produzzjoni. Bl-użu mill-ġdid tat-teknoloġija eżistenti b'mod trasversali tal-Aġenzija, l-eu-LISA għandha l-għan li tnaqqas l-isforz meħtieġ għall-ġestjoni tal-Eurodac f'nofs it-terminu.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-Eurodac u DubliNet, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa u jiġu appoġġati l-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tas-sistemi nazzjonali;
- li titkompla l-implimentazzjonita r-rekwiżiti tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac u tiġi integrata s-sistema mal-komponenti tal-interoperabbiltà, hekk kif tiġi adottata l-bażi legali l-ġdida.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Eurodac — Manutenzjoni ta' DubliNet** | Li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, u li l-avvenimenti jiġu ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz. | Il-forniment ta' manutenzjoni adattiva, perfetta u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema. |
| **Implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tal-Eurodac (inkluża l-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà)** | Li l-Eurodac tiġi allinjata mar-rekwiżiti deskritti fil-proposta għal Regolament Eurodac riformulat, u li tiġi ottimizzata l-kapaċità tal-Eurodac li takkomoda t-traffiku addizzjonali li jirriżulta mill-ħtiġijiet tan-negozju l-ġodda li jirriżultaw mir-Regolament riformulat, kif ukoll mir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà. | It-tfassil u l-utilizzazzjoni ta' arkitettura ġdida tal-Eurodac, il-ħolqien ta' interfaċċa bejn l-Eurodac u l-komponenti tal-interoperabbiltà, flimkien ma' żieda fil-kapaċità tal-bażi tad-*data* u t-throughput tat-tranżazzjonijiet. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac | ≥ 99.99 % |
| Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac | ≥99.45 % (skont il-kards tal-KPI adottati mill-Bord tat-Tmexxija) |

## Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

Minn Mejju 2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli mill-ġestjoni operazzjonali tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-EES, filwaqt li tiżgura appoġġ ta' monitoraġġ operazzjonali 24/7 u evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema. Għal aktar informazzjoni dwar is-sistema, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima tal-EES taħt il-kapitolu 2.1.1 Sistemi Ġodda.

**Minn Mejju 2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jiġu żgurati l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-EES u s-servizzi web assoċjati tagħha għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u trasportaturi, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa u jingħata appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni tagħhom tal-unitajiet nazzjonali,
- li l-Istati Membri jiġu pprovduti bid-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-EES u s-servizzi web assoċjati tagħha f'konformità mar-regolamenti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz rilevanti.

Il-manutenzjoni operazzjonali tas-sistema hija ppreżentata taħt il-kapitolu 2.2.1 Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi fi produzzjoni.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni ewlenija tal-EES** | Li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, u li l-avvenimenti jiġu ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz. | Il-forniment ta' manutenzjoni adattiva, perfetta u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema. |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni tas-servizzi tal-web** | Li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tas-servizzi web tal-EES tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni u li l-avvenimenti jiġu ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz. | Il-forniment ta' manutenzjoni adattiva, perfetta u preventiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni meħtieġa tas-sistema. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-EES | ≥ 99.99 % |
| Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-EES | ≥ 99.55 % |

## DOMINJU TAL-ĠUSTIZZJA

### Implimentazzjoni ta' referenza ECRIS (ECRIS RI)

Skont id-dritt tal-UE, il-qrati nazzjonali jridu jqisu l-kundanni preċedenti meta jagħtu s-sentenzi f'kawżi kriminali. Biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej dwar ir-rekords kriminali, l-UE stabbiliet is-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**, li ilha topera mill-2012.

L-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS (ECRIS RI) hija s-software tal-interfaċċa użat mill-Istati Membri għall-iskambju ta' informazzjoni ta' rekords kriminali permezz tal-ECRIS. Mill-2020, l-eu-LISA hija responsabbli mill-ġestjoni operazzjonali u l-manutenzjoni tas-sistema ċentrali tal-ECRIS RI u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli mit-tħejjija u s-sottomissjoni ta' rapporti statistiċi ta' kull xahar dwar l-ECRIS lill-Kummissjoni Ewropea.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-ECRIS RI, filwaqt li jitwetttqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa,
- li l-Istati Membri jiġu pprovduti bid-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tal-ECRIS RI f'konformità mar-regolamenti rilevanti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.

Il-manutenzjoni operazzjonali tas-sistema hija ppreżentata taħt il-kapitolu 2.2.1 Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi fi produzzjoni.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni tal-ECRIS RI** | Li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar persuni kkundannati fost l-awtoritajiet rilevanti fl-UE kollha. | Li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar persuni kkundannati fost l-awtoritajiet rilevanti fl-UE kollha. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Konformità mal-ftehim rilevanti dwar il-livell ta' servizz (FLS) | Konformità ta' 100 % mal-KPIs definiti fl-SLA rilevanti |

### Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)

Minn Novembru 2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli mill-ġestjoni operazzjonali tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha, filwaqt li tiżgura appoġġ ta' monitoraġġ operazzjonali 24/7 u evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema. Għal aktar informazzjoni dwar is-sistema, jekk jogħġbok ara t-taqsima dwar l-ECRIS-TCN taħt il-kapitolu 2.1.1 Sistemi Ġodda.

**Minn Novembru 2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN, filwaqt li jitwettqu wkoll l-evoluzzjonijiet meħtieġa;
- li l-Istati Membri jiġu pprovduti bid-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tal-ECRIS-TCN f'konformità mar-regolamenti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz rilevanti.

Il-manutenzjoni operazzjonali tas-sistema hija ppreżentata taħt il-kapitolu 2.2.1 Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi fi produzzjoni.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni tal-ECRIS-TCN** | Li jiġi żgurat li l-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kapaċità, tad-disponibbiltà u tal-prestazzjoni, u li l-avvenimenti jiġu ġestiti f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz. | Li tkun ipprovduta manutenzjoni korrettiva biex tiġi żgurata l-prestazzjoni tas-sistema meħtieġa. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN | 97.6 % |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN | ≥ 15 sek u ≤ 60 sek għal operazzjonijiet atomiċi bażiċi (f'konformità mal-ftehimiet rilevanti dwar il-livell ta' servizz) |

### Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data* Online (e-CODEX)

Minn April 2023, l-eu-LISA se tkun responsabbli mill-ġestjoni operazzjonali tas-sistema ċentrali u tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha, filwaqt li tiżgura appoġġ ta' monitoraġġ operazzjonali 24/7 u evoluzzjoni f'waqtha tas-sistema. Għal aktar informazzjoni dwar is-sistema, jekk jogħġbok ara t-taqsima dwar l-e-CODEX taħt il-kapitolu 2.1.1 Sistemi Ġodda.

**Minn April 2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-ġestjoni operazzjonali effettiva u effiċjenti tal-e-CODEX;
- li l-Istati Membri jiġu pprovduti bid-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni effiċjenti tal-e-CODEX f'konformità mar-regolamenti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz rilevanti.

Il-manutenzjoni operazzjonali tas-sistema hija ppreżentata taħt il-kapitolu 2.2.1 Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi fi produzzjoni.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Trasferiment u manutenzjoni sussegwenti tas-sistema e-CODEX** | Biex titwettaq l-implimentazzjoni f'konformità mar-regolament e-CODEX. | L-iżvilupp tal-kapaċità li tinżamm u tevolvi s-sistema e-CODEX, inkluż l-iżvilupp ta' għarfien espert, il-forniment ta' pakkett ta' prodotti tas-software li jistgħu jintużaw biex jiġu stabbiliti punti ta' aċċess għal komunikazzjoni sigura, l-abbozzar tad-dokumentazzjoni meħtieġa u l-mudelli diġitali. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tal-e-CODEX f'konformità mal-ftehimiet rilevanti dwar il-livell ta' servizz (FLS). | Konformità ta' 100 % mal-FLS e-CODEX. |

## SERVIZZI TA' APPOĠĠ OPERAZZJONALI

### Għodod ta' appoġġ u ta' servizz operazzjonali tal-ewwel u tat-tieni livell

Sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-prestazzjoni ta' livell għoli tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, l-eu-LISA se tkompli tipprovdi **servizzi ta' appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell** lill-utenti finali tagħhom.

L-appoġġ tal-ewwel livell għall-ġestjoni tas-sistemi operazzjonali jkopri l-ġestjoni tal-inċidenti, it-twettiq tat-talbiet, l-appoġġ u s-servizz, kif ukoll il-monitoraġġ tan-negozju u tekniku. L-Aġenzija tipprovdi servizzi ta' appoġġ tal-ewwel livell lill-utenti finali tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI fuq bażi 24/7[71], f'komunikazzjoni diretta ma' punti uniċi ta' kuntatt.

L-appoġġ għall-applikazzjoni tat-tieni livell huwa pprovdut fuq bażi 24/7 fil-forma ta' appoġġ tekniku għas-sistemi kollha fil-produzzjoni. Dan jinkludi l-ġestjoni tal-inċidenti, il-ġestjoni tal-problemi, il-ġestjoni tal-bidliet u tar-rilaxx. Minbarra s-sistemi, it-tim ta' appoġġ tat-tieni livell tal-eu-LISA jipprovdi wkoll appoġġ tekniku għall-proġetti.

Sabiex jiġi żgurat **il-monitoraġġ effettiv tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI**, l-aġenzija tippjana li taġġorna u tkompli tibni għodod rilevanti, jiġifieri l-għodda ta' ġestjoni tas-servizzi u s-sistema ta' ġestjoni tal-avvenimenti. L-Aġenzija tinsab lesta għat-tmiem tal-ħajja tal-**għodda attwali tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)** (SM9) billi tniedi proġett ta' prova tal-kunċett biex tivvaluta l-għodda l-ġdida tal-ITSM — Awtomatizzazzjoni tal-Ġestjoni tas-Servizz X (SMAX), żviluppata mill-istess bejjiegħ. Jekk il-prova tal-kunċett tkun konkluživa, il-pass li jmiss ikun li tiġi stabbilita l-infrastruttura meħtieġa u li jinbeda l-proċess ta' migrazzjoni. L-Aġenzija se tipproċedi wkoll bil-**bini tas-sistema ewlenija għall-ġestjoni tal-avvenimenti**, prerekwiżit għall-implimentazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti.

---

[71] L-appoġġ tal-ewwel u tat-tieni livell għall-e-CODEX se jkun skont ir-Regolament 2022/850 biss matul il-ħinijiet tax-xogħol (ħin ta' Tallinn).

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jiġi żgurat appoġġ kontinwu tal-ewwel u t-tieni livell għall-utenti finali tas-sistema,
- li jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA u jitkompla l-bini tal-għodod rilevanti biex jittejbu r-rispons u l-kwalità tal-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum tal-ewwel u tat-tieni livell,
- li l-għodda tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM) tinżamm fi stat ta' ħidma, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha u jiġu indirizzati r-rekwiżiti li qed jevolvu b'mod kostanti, filwaqt li ssir ukoll tħejjija għat-tmiem tal-ħajja tagħha.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Appoġġ tal-ewwel livell 24/7 għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi — Service Desk tal-eu-LISA** | Iż-żamma u t-titjib kontinwu tal-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum u s-sodisfazzjon tal-klijenti. | Iż-żamma u t-titjib kontinwu tal-attivitajiet ta' appoġġ ta' kuljum u s-sodisfazzjon tal-klijenti relatati mas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA. |
| **Appoġġ tat-tieni livell 24/7 għall-applikazzjoni għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ewlenin tan-negozju** | Li jiġi żgurat appoġġ għall-applikazzjoni mingħajr interruzzjoni (24/7) u tat-tieni livell ta' kwalità għolja għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA. | Li jiġi pprovdut appoġġ tekniku relatat mas-sistemi fil-produzzjoni, filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-ġestjoni operazzjonali mingħajr interruzzjoni u ta' kwalità għolja tas-sistemi tan-negozju ewlenin. |
| **Kollox jibqa' l-istess** | Li jiġu żgurati koordinazzjoni effettiva, operazzjonijiet ta' kuljum u amministrazzjoni. | Il-ġestjoni tar-riżorsi, l-amministrazzjoni teknika għall-għodod, l-appoġġ għall-utenti, u l-għoti ta' taħriġ. |
| **Implimentazzjoni ta' sostituzzjoni tal-EOPM** | Li tiġi pprovduta funzjonalità tal-Manwal għall-Operatur Elettroniku (eOPM) permezz ta' soluzzjoni effiċjenti, affidabbli u appoġġata. | It-titjib tal-għodda ta' komunikazzjoni għall-iskambju ta' notifiki fost l-Istati Membri u l-eu-LISA. |
| **Ġestjoni tal-avvenimenti — xiri, implimentazzjoni u manutenzjoni tas-sistema ewlenija tal-ġestjoni tal-avvenimenti** | L-akkwist ta' għodda għat-titjib tal-monitoraġġ tas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha skont il-proċess ta' Ġestjoni tal-Avvenimenti tal-ITSM stabbilit 2021/2022. | It-twettiq tal-għodda meħtieġa biex jittejjeb b'mod sinifikanti l-monitoraġġ tas-sistemi tan-negozju ewlenin kollha tal-eu-LISA. |
| **Rapportar operazzjonali — taħriġ tal-utenti finali** | Li jiġi żgurat li l-utenti finali jkunu mħarrġa biżżejjed biex jużaw l-għodda ta' rapportar operazzjonali. | L-għoti ta' taħriġ rilevanti dwar l-għodda ta' rapportar lill-partijiet ikkonċernati identifikati. |
| **Migrazzjoni ta' SM9 lejn SMAX — Implimentazzjoni** | Ix-xiri u l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni tas-software tal-Awtomazzjoni X tal-Ġestjoni tas-Servizz (SMAX), ġenerazzjoni ġdida ta' għodda Micro Focus ITSM, fl-ambjenti kollha. | L-implimentazzjoni tas-sistema SMAX fl-ambjenti kollha. |
| **Migrazzjoni ta' SM9 lejn SMAX — Prova tal-Kunċett** | Sabiex jiġi żgurat li l-flussi tax-xogħol stabbiliti tal-ITSM implimentati fuq il-verżjoni 9 tal-Maniġer tas-Servizzi tal-HP (SM9), għodda għar-reġistrazzjoni tat-talbiet u l-inċidenti tal-utenti, tista' tiġi migrata għall-għodda l-ġdida tal-ITSM SMAX mingħajr rigressjoni funzjonali jew teknika, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-iżvantaġġi attwali tal-SM9 jiġu solvuti bl-SMAX. | Il-valutazzjoni tar-riskji u r-rilevanza tal-SMAX u l-possibbiltà ta' migrazzjoni tal-flussi tax-xogħol eżistenti tal-ITSM implimentati fuq l-SM9 mingħajr rigressjoni funzjonali jew teknika. |
| **Appoġġ lill-bejjiegħa għal manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluttiva** | Li jiġi żgurat appoġġ lill-bejjiegħa għall-amministraturi SM9 tal-eu-LISA għall-implimentazzjoni ta' bidliet korrettivi, adattivi u evoluttivi. | Il-forniment lill-amministraturi tal-SM9 tal-eu-LISA ta' appoġġ lill-bejjiegħa matul żjarat fuq il-post kull tliet xhur. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Indikaturi tal-prestazzjoni tas-Service Desk | ≥ 80 % |
| Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti | ≥ 80 % |

## 2.3. **Infrastruttura**

It-Taqsima li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet trasversali biex tiġi żgurata l-infrastruttura sigura u affidabbli biex tiġi appoġġata l-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għall-kompiti kollha huma ppreżentati fl-Anness II.

### 2.3.1. **Infrastruttura tas-sistemi ewlenin tan-negozju**

L-Aġenzija topera u żżomm il-faċilitajiet li jospitaw is-sistemi ewlenin tan-negozju tagħha — is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, u l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tagħhom filwaqt li tiżgura s-sigurtà ta' livell għoli u d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tagħhom għall-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-attivitajiet tal-Aġenzija jinkludu **l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni** tal-infrastruttura għas-sistemi kollha operattivi. Il-kompiti u l-proġetti speċifiċi jinkludu:

- it-tħaddim kontinwu taż-**żewġ siti tekniċi** tal-eu-LISA — wieħed fi Strasburgu, Franza u l-ieħor f'St Johann im Pongau, l-Awstrija,
- il-ġestjoni ta' kuntratti relatati ma' servizzi ta' komunikazzjoni u network,
- manutenzjoni ta' hardware u software.

Barra minn hekk, l-eu-LISA tindirizza proġetti ta' innovazzjoni bil-ħsieb li twettaq titjib fl-effiċjenza, eż. titjib fl-operazzjonijiet taċ-ċentri tad-*data*, l-utilizzazzjoni tas-soluzzjoni ta' monitoraġġ integrata unika bil-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti, u l-implimentazzjoni tal-għodod u l-proċessi DevOps.

F'dan il-kuntest, l-Aġenzija tipprevedi sfidi possibbli li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- riżorsi finanzjarji insuffiċjenti mhux se jappoġġaw it-twettiq tal-attivitajiet ta' manutenzjoni kollha meħtieġa.

#### Network

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni hija n-network ewlieni li jirfed is-sistemi tal-IT fuq skala kbira kollha ssorveljati mill-Aġenzija, li jiżgura l-konnettività tan-network bejn is-siti operazzjonali tal-eu-LISA u l-utenti finali tas-sistema. F'dan ir-rigward, l-eu-LISA għandha l-kompitu li tipprovdi servizzi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni disponibbli u siguri ħafna f'konformità mal-istrumenti legali rilevanti u l-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz.

Iż-żewġ infrastrutturi ċentrali tal-komunikazzjoni tal-Aġenzija huma:

- L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS li tipprovdi konnettività għas-SIS, is-SIRENEmail u l-komponenti tal-interoperabbiltà,
- L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS li tipprovdi konnettività għall-VIS, l-EES, l-ETIAS, l-VISMail u l-komponenti tal-interoperabbiltà.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tagħmel użu mill-**infrastruttura tal-komunikazzjuoni TESTA**[72] **EuroDomain** għall-Eurodac, l-ECRIS-TCN, DubliNet u l-komponenti tal-interoperabbiltà. Din l-infrastruttura tal-komunikazzjoni titmexxa mill-Kummissjoni Ewropea. L-Aġenzija kkonkludiet il-kuntratt qafas TESTA-ng (ġenerazzjoni ġdida) mal-Kummissjoni biex takkwista servizzi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni. Sabiex jiġi evitat li korpi esterni (eż., il-fornitur TESTA-ng) ikollhom aċċess għal *data* sensittiva, l-Aġenzija utilizzat saff ta' kriptaġġ fuq l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li l-infrastruttura tal-komunikazzjoni titħaddem skont il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, filwaqt li jiġu ssorveljati wkoll kwistjonijiet relatati mal-baġit u l-kuntratti tal-bejjiegħa,
- li titkompla l-ħidma fuq it-titjib tal-kapaċitajiet biex jiġu ġġenerati rapporti dwar il-kapaċità tan-network li jagħtu dettalji dwar l-użu tal-wisa' tal-banda għal kull applikazzjoni individwali.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni** | Li titħaddem l-infrastruttura tal-komunikazzjoni f'konformità mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz (FLS). | Li titħaddem l-infrastruttura tal-komunikazzjoni ġenerali tal-eu-LISA f'konformità mal-FLS rilevanti, u s-sorveljanza ta' kwistjonijiet relatati mal-baġit u l-kuntratti. |

[72] Servizzi Trans Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet, ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita VISMail u SireneMail** | Li jiġi żgurat il-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura tas-CBS u li tiġi pprovduta l-manutenzjoni korrettiva meħtieġa, inkluż it-tiġdid tal-hardware u tas-software. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet tal-infrastruttura tas-CBS, ir-restawr tagħha għal kundizzjonijiet operazzjonali, filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-legalità tal-hardware u tas-software kummerċjalment disponibbli (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Ippjanar tal-kapaċità tan-network u titjib operazzjonali** | It-titjib tal-ippjanar tal-kapaċità u l-ġestjoni operazzjonali tan-network u l-infrastruttura TESTA. | It-tfassil u l-utilizzazzjoni tal-infrastruttura għall-ġbir tal-istatistika tan-network dwar is-CBSS kollha biex jiġi appoġġat l-ippjanar tal-kapaċità u t-titjib tal-ġestjoni operazzjonali tan-network u tal-infrastruttura TESTA. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tan-network fuq żona wiesgħa (WAN) (għas-SIS u għall-VIS) | ≥ 99.99 % |

## Ċentri tad-*Data*

Iċ-ċentri tad-*data* tal-Aġenzija huma l-infrastrutturi fiżiċi li jospitaw is-sistemi ewlenin tan-negozju (CBS) kollha tagħha, kif ukoll is-sistemi operazzjonali u mhux operazzjonali l-oħra kollha. Barra minn hekk, iċ-ċentri tad-*data* tal-eu-LISA jospitaw ukoll is-sistemi ta' diversi entitajiet oħra, bħas-sit ta' rkupru tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA).

L-Aġenzija stabbiliet l-entità tal-organizzazzjoni tas-Servizz taċ-Ċentru tad-*Data* sabiex tiġġestixxi aħjar dawn l-assi kritiċi, flimkien mal-bqija tal-infrastruttura tagħha. Is-servizzi jingħataw fil-format "bħala servizz" b'għodod, proċessi u riżorsi ddedikati, b'diversi KPIs stabbiliti dwar l-aċċess, l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà (inkluż in-nuqqas ta' disponibbiltà ppjanata).

Barra minn hekk, l-eu-LISA se tipproċedi bid-dekummissjonar ta' sistemi ta' legat, għall-finijiet tal-faċilitazzjoni tal-aċċess remot għaċ-ċentri tad-*data*. Dan se jnaqqas id-dipendenza fuq l-aċċess fiżiku billi gradwalment jippermetti l-interfaċċar tal-appoġġ għas-servizzi u l-ġestjoni tal-proċessi fl-ambjenti operazzjonali kollha ta' kull sistema u infrastruttura teknika. Barra minn hekk, skont il-mudell taċ-ċiklu tal-ħajja standard ITIL-V3, l-eu-LISA se timplimenta separazzjoni ċara bejn il-fażijiet tal-proġett u l-fażi operazzjonali.

Fir-rigward taċ-ċentri tad-*data*, il-kisba ta' kapaċitajiet ta' riżerva addizzjonali jew interim hija prijorità oħra tal-eu-LISA peress li se tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' sekwenzi u iterazzjonijiet ta' ħidma b'firxa wiesgħa ta' passi loġistiċi kumplessi fuq terminu qasir, medju u dak twil.

Is-sit ta' backup tal-Aġenzija f'St Johann im Pongau, l-Awstrija, qed jopera bħala servizz kollu kemm hu, mingħajr ma jkun ristrett għall-infrastruttura taċ-ċentru klassiku tad-*data*. Għalhekk, huwa l-post ta' attività prinċipali l-ieħor tal-Aġenzija, f'kollegament mill-qrib mal-awtoritajiet Awstrijaċi, u l-fornituri tas-servizzi lokali. Barra minn hekk, is-sit ta' backup huwa gradwalment integrat fl-infrastruttura tan-network fuq żona wiesgħa, biex jiġu rieżaminati u vvalutati r-reżiljenza u l-iskalabbiltà tiegħu.

### Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- li l-assi, il-faċilitajiet u t-tagħmir kritiċi taċ-ċentri tad-*data* jinżammu f'kundizzjoni ta' ħidma kontinwa u li tiffunzjona bis-sħiħ,
- li jittejbu l-prestazzjoni u r-reżiljenza ġenerali tas-servizzi, kif ukoll l-ottimizzazzjoni tar-riskju u tal-kostijiet.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Kostijiet operazzjonali u ta' ħidma tal-unità ċentrali ta' backup** | Li s-sit kollu tal-unità ċentrali ta' backup jinżamm f'kundizzjoni ta' ħidma kontinwa u li tiffunzjona bis-sħiħ. | Il-provvista ta' manutenzjoni kontinwa għas-sit tal-BCU. |
| **Attivitajiet operazzjonali u evoluzzjonijiet u titjib tal-Unità Ċentrali u tal-Unità Ċentrali ta' Backup** | Li jittejbu l-prestazzjoni ġenerali u l-forniment tas-servizzi, filwaqt li jiġu ottimizzati wkoll il-kostijiet u r-riskji. | It-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tas-servizz u l-forniment tas-servizz, filwaqt li jiġu ottimizzati wkoll il-kostijiet u r-riskji. |
| **Konsolidazzjoni tal-infrastruttura tan-network fiżiku** | Biex tittejjeb ir-reżiljenza tal-kwalità u l-prestazzjoni tas-servizz, flimkien ma' ġestjoni kuntrattwali traċċabbli, | Iż-żieda tar-reżiljenza ġenerali tal-kwalità u l-prestazzjoni tas-servizzi tal-eu-LISA. |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| | manutenzjoni, u responsabbiltajiet ta' kull sieħeb. | |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà tal-unità ċentrali ta' backup (BCU) | Stabbiliment u tħaddim tas-sit tal-BCU li jaħdem 24/7 |

## Infrastruttura kondiviża komuni (CSI)

Fl-2021, l-Aġenzija kienet qed topera tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira — is-SIS, il-VIS u l-Eurodac — li kienu ġestiti f'sajlos mingħajr ebda sinerġiji, li jikkostitwixxu ostaklu serju għall-kisba tal-livelli mixtieqa ta' effiċjenza, prestazzjoni u disponibbiltà operazzjonali. Filwaqt li qieset il-prijorità għolja tas-simplifikazzjoni, iċ-ċentralizzazzjoni u l-armonizzazzjoni operazzjonali, l-Aġenzija ddeċidiet li ttejjeb l-effiċjenzi operazzjonali billi tadotta approċċ kondiviż, li jippermetti provvista ta' servizzi aktar aġli, standardizzata, f'waqtha u kosteffettiva, filwaqt li ttejjeb ukoll il-kwalità tas-servizz u tnaqqas il-kost totali ġenerali tas-sjieda (TCO).

Bi tweġiba għal dawn l-isfidi u sabiex tiffaċilita l-kisba tal-għanijiet strateġiċi tal-eu-LISA, l-Aġenzija nediet il-programm ta' infrastruttura komuni kondiviża (CSI) biex issir il-faċilitatur reali tal-objettivi ewlenin tan-negozju tagħha. Is-CSI sservi bħala l-pedament għall-istrateġija tat-teknoloġija u tas-servizzi tal-Aġenzija, li tippermetti operazzjoni standardizzata u ttejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi. Għalhekk, il-pjattaforma tas-CSI hija, l-ewwel u qabel kollox, pedament ta' standards teknoloġiċi li jappoġġaw id-definizzjoni ta' ambjenti differenti li, min-naħa tagħhom, jinkludu sett ta' servizzi komuni ċentralizzati, li jirriflettu l-ambizzjoni ġenerali tal-Aġenzija li timxi lejn kunċett ambjentali simili għal dak tal-cloud, kapaċitajiet ta' ingranaġġ bħall-integrazzjoni u l-iżvilupp kontinwi, arkitetturi tal-mikroservizzi, komunikazzjoni bbażata fuq l-IPA, governanza olistika, awtofejqan, irkupru rapidu, skalar fuq il-post, arkitettura li sservi klijenti multipli (multi-tenancy) u viżibbiltà minn tarf sa tarf.

Il-pjattaforma tas-CSI se tiffaċilita l-kisba tal-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA billi tintroduċi firxa wiesgħa ta' **vantaġġi operazzjonali u finanzjarji**, bħal:

- l-ospitar, il-ġestjoni u l-operat ċentralizzati u aktar effiċjenti tas-sistemi ewlenin tan-negozju (CBS) tal-eu-LISA,
- il-forniment ta' servizzi tekniċi komuni lis-sistemi ewlenin tan-negozju kollha, karatteristiċi ta' skalabbiltà mtejba u l-utilizzazzjoni tal-applikazzjoni permezz tal-informatika fuq domanda, il-ħżin u l-proviżjonament tar-riżorsi tan-networking,
- il-ġestjoni tar-riskju mtejba u kontrolli tas-sigurtà għall-infrastruttura,
- l-istandardizzazzjoni tal-komponenti fiżiċi u loġiċi tal-infrastruttura sabiex jiġi ottimizzat it-tħaddim tas-sistemi,
- il-viżibbiltà tal-operazzjonijiet minn tarf sa tarf u tal-ġestjoni permezz ta' tieqa waħda tal-ħġieġ,
- il-kost totali ġenerali aktar baxx tas-sjieda (TCO) bħala riżultat tat-tnaqqis tal-impronta taċ-ċentri tad-*data*, l-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura, l-awtomatizzazzjoni tax-xogħol u l-awtomatizzazzjoni tal-operazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, is-sistemi ta' legat tal-Aġenzija — is-SIS, il-VIS u l-Eurodac, kollha se jiġu integrati fil-pjattaforma tas-CSI, flimkien mas-sistemi ta' informazzjoni l-ġodda tal-ĠAI.

### Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- li jiġi żgurat it-tħaddim kontinwu tan-network u tal-infrastruttura tal-eu-LISA, kif ukoll il-ġestjoni tal-kuntratti ta' servizzi ta' manutenzjoni tal-infrastruttura (manutenzjoni korrettiva, manutenzjoni pura tal-hardware u tiġdid tal-liċenzja tas-software kummerċjalment disponibbli),
- li jiġu appoġġati s-servizzi għall-aċċess ta' ġestjoni għas-sistemi ewlenin tan-negozju permezz tan-network ta' ġestjoni sigura, kif ukoll il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni tal-infrastruttura għall-persunal u l-kuntratturi tal-eu-LISA,
- li jitjiebu l-prestazzjoni ġenerali tas-servizzi, ir-reżiljenza u s-sigurtà.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-komponenti tal-infrastruttura ċentralizzata tas-CSI li tospita s-CBS** | Li jiġi żgurat il-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inkluż it-tiġdid tal-manutenzjoni tal-hardware u tas-software. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali, u l-iżgurar tal-legalità tas-software tal-hardware u tas-software kummerċjalment disponibbli (COTS) (jiġifieri l-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-e-CODEX** | Li tiżgura l-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inklużi l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software u t-tiġdid tal-liċenzji. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali u l-iżgurar tal-legalità tal-hardware u tas-software COTS (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-ECRIS** | Li tiżgura l-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inklużi l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software u t-tiġdid tal-liċenzji. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali u l-iżgurar tal-legalità tal-hardware u tas-software COTS (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-EES** | Li tiżgura l-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inklużi l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software u t-tiġdid tal-liċenzji. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali u l-iżgurar tal-legalità tal-hardware u tas-software COTS (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-Eurodac** | Li tiżgura l-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inklużi l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software u t-tiġdid tal-liċenzji. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali u l-iżgurar tal-legalità tal-hardware u tas-software COTS (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita sBMS** | Li tiżgura l-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inklużi l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software u t-tiġdid tal-liċenzji. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali u l-iżgurar tal-legalità tal-hardware u tas-software COTS (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-VIS** | Li tiżgura l-monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura li tospita s-sistemi ewlenin tan-negozju u li tipprovdi manutenzjoni korrettiva, inklużi l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software u t-tiġdid tal-liċenzji. | L-identifikazzjoni, l-iżolament u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, ir-restawr tagħhom għall-kundizzjonijiet operazzjonali u l-iżgurar tal-legalità tal-hardware u tas-software COTS (jiġifieri, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-liċenzji). |
| **Evoluzzjoni, aġġornament u manutenzjoni adattiva tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita s-CBS** | Li tiġi pprovduta manutenzjoni adattiva għall-infrastruttura tas-CBS sabiex l-infrastruttura tinżamm aġġornata, sigura u operazzjonali. | Li tiġi pprovduta manutenzjoni adattiva tal-infrastruttura ewlenija tan-negozju tal-eu-LISA biex jiġi żgurat li tkun aġġornata, sigura u operazzjonali. |
| **Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura tas-sistema ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni** | Li tagħmel l-informazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI) disponibbli għall-proċessi tal-ITSM. | Il-ġestjoni tal-elementi ta' konfigurazzjoni tal-infrastruttura fl-għodda tal-bażi tad-*data* tal-ġestjoni tal-konfigurazzjoni, iż-żamma tagħha fi stat operazzjonali u aġġornata għal verżjonijiet appoġġati, kif ukoll il-provvista ta' rapporti u statistika dwar il-ġestjoni tal-konfigurazzjoni. |
| Ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-infrastruttura tal-aċċess għall-pjattaformi operazzjonali (servizzi tal-EUWS) | Li jiġi żgurat li l-eu-LISA u l-kuntratturi jkunu jistgħu jwettqu l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-manutenzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju permezz tas-servizzi tal-istazzjon tax-xogħol tal-utent finali (EUWS). | Li jiġu pprovduti l-għodod meħtieġa għat-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju. |
| Tiġdid tal-manutenzjoni għal-liċenzji tas-CBS Oracle | Li jiġi żgurat it-tiġdid f'waqtu tal-liċenzji Oracle. | Ordni għat-tiġdid tal-liċenzja Oracle. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| *TBD*[73] | *TBD* |

[73] L-indikaturi tal-prestazzjoni se jiġu stabbiliti ladarba titlesta l-parti rilevanti tat-tranżizzjoni tas-servizzi tal-inġinerija u tas-servizzi operazzjonali esternalizzati skont l-Oqfsa ta' Inġinerija Trasversali u Operazzjonali

| **Indikaturi tal-prestazzjoni** | **Mira tal-prestazzjoni** |
|---|---|
| *TBD* | *TBD* |

## 2.4. Attivitajiet Korporattivi

It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali tal-eu-LISA mwettqa għas-sistemi ewlenin tan-negozju kollha, inkluż il-qafas tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM) u s-servizzi ewlenin tal-IT, bħall-ġestjoni tat-tibdil operazzjonali, il-ġestjoni tat-testijiet, kif ukoll il-ġestjoni tar-rilaxx u tal-utilizzazzjoni.

Barra minn hekk, din it-taqsima tinkludi wkoll attivitajiet li jappartjenu għas-sigurtà tas-sistemi u l-kontinwità tan-negozju. B'mod ġenerali, dawn il-proġetti u l-kompiti jikkontribwixxu għall-forniment ta' soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri u lill-utenti l-oħra kollha tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, filwaqt li jsaħħu wkoll il-kapaċitajiet tagħhom ta' sigurtà tal-informazzjoni. Se tkopri wkoll inizjattivi ġodda meħuda mill-eu-LISA biex ittejjeb l-operazzjonijiet tas-sistemi, inkluża l-implimentazzjoni kontinwa tal-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet (ALM), flimkien mal-arkitettura tal-intrapriża li tippermetti l-interoperabbiltà tas-sistemi.

Din it-taqsima se tipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet orizzontali u ta' appoġġ tal-Aġenzija li jiżguraw governanza effiċjenti u kosteffettiva tal-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni ta' kuljum u l-appoġġ ġenerali, filwaqt li tiddefinixxi u ssaħħaħ ukoll il-kapaċità tal-Aġenzija li tindirizza l-bidliet fil-prijoritajiet politiċi fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, flimkien ma' talbiet dejjem akbar mill-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għall-kompiti kollha huma ppreżentati fl-Anness II.

### 2.4.1. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet

L-objettiv primarju huwa li tiġi appoġġata l-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ewlenin tan-negozju kollha billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet u servizzi affidabbli u kosteffettivi lill-utenti finali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, inklużi s-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju u s-servizzi ewlenin tal-IT, bħall-ġestjoni tat-tibdil operazzjonali, il-ġestjoni tat-testijiet, kif ukoll il-ġestjoni tar-rilaxx u l-utilizzazzjoni. Dawn l-attivitajiet ikopru inizjattivi ġodda meħuda mill-eu-LISA biex ittejjeb l-operazzjonijiet tas-sistemi, inkluża l-implimentazzjoni kontinwa tal-Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet, flimkien mal-interoperabbiltà tas-sistemi li jippermettu l-arkitettura tal-intrapriża.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għal kull qasam ta' attività huma ppreżentati fl-Anness II.

Fil-proċess tal-implimentazzjoni ta' dan il-programm, l-eu-LISA tipprevedi l-isfidi li ġejjin:

- żieda fil-kumplessità tal-attivitajiet ta' sigurtà.

**Sigurtà u kontinwità tan-negozju**

Il-funzjoni tas-sigurtà tal-Aġenzija żżomm u taġġorna l-miżuri ta' sigurtà relatati mas-sigurtà fiżika, tal-persunal, tal-informazzjoni u tas-sistemi u r-reżiljenza ġenerali tas-sistemi. Reċentement, l-analiżi tat-theddid tirrapporta żieda esponenzjali fil-livell ta' attivitajiet u attakki malizzjużi lejn l-Istituzzjonijiet, il-Korpi u l-Aġenziji tal-UE f'dawn l-aħħar sentejn, b'mod partikolari mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna. Ġie vvalutat ukoll li kważi 50 % ta' dawn l-attakki (jew attakki potenzjali) twettqu minn Attur tal-Għola Theddid, li jindika avversarju li tipikament huwa mħaddem jew sponsorjat minn stat-nazzjon, b'aċċess għal riżorsi u teknoloġija tipikament assoċjati wkoll ma' kapaċitajiet militari jew ta' intelligence tal-istat-nazzjon.

Żieda fir-riskji hija identifikata wkoll f'oqsma oħra, bħas-sigurtà fiżika u tal-persunal (għal aktar, ara t-taqsima 2.4.3. dwar is-sigurtà korporattiva u l-kontinwità tan-negozju).

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jiġu mmonitorjati u ġestiti kontinwament ir-riskji residwi għas-sigurtà u tiġi pprovduta assigurazzjoni li l-kontrolli tas-sigurtà xierqa għas-sistemi tal-IT fdati lil eu-LISA jkunu effettivi, implimentati u ġestiti kif xieraq, inkluż ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità tas-sigurtà u l-kapaċità għall-inġinerija, il-ġestjoni u l-manutenzjoni tas-sigurtà tal-pjattaforma integrata għall-monitoraġġ tas-sigurtà, il-monitoraġġ tas-sigurtà u l-azzjonijiet tal-kaċċa tat-theddid, u l-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà,
- it-tisħiħ u l-aġġornament tal-qafas u l-proċeduri tas-sigurtà, anke għas-sistemi u n-networks ta' komunikazzjoni ssorveljati mill-eu-LISA,
- l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda, inkluż l-iżvilupp tal-arkitettura u t-tħejjija ta' speċifikazzjonijiet tekniċi tal-offerti.

- li jittejbu l-kapaċità u l-kapaċità għall-inġinerija tas-sigurtà, il-konfigurazzjoni, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-manutenzjoni ta' soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà bħad-detezzjoni u r-rispons tal-punt tat-tmiem, soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, it-titjib tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni Ċibernetika permezz tal-iżvilupp u l-analiżi tal-intelligence dwar it-theddid ċibernetiku, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-kontrointelligence, u r-rapportar tal-pożizzjoni taċ-ċibersigurtà u tal-intelligence dwar it-theddid lill-partijiet ikkonċernati.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti** | Li jiġi pprovdut servizz ta' sigurtà tal-IT ġestit għall-infrastruttura korporattiva tal-eu-LISA għall-finijiet li jiġi żgurat appoġġ għas-servizzi ewlenin tas-sistemi tan-negozju. | Il-monitoraġġ tas-sigurtà tal-IT tal-infrastruttura tal-IT korporattiva tal-eu-LISA b'appoġġ għas-servizzi ewlenin tas-sistemi tan-negozju, inklużi l-punti tat-tmiem u l-punti ta' aċċess għan-network korporattiv. Dawn is-servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti jinkludu s-sigurtà tal-konfini, is-sigurtà tal-punt tat-tmiem, il-monitoraġġ tas-sigurtà, is-servizzi ta' ġestjoni tal-Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika (PKI), u l-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà. |
| **Kontinwità tan-negozju operazzjonali** | Li jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizzi għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE f'konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti. | It-tmexxija u r-rieżami tal-valutazzjonijiet tal-impatt tan-negozju (BIA) u l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju għas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI fdati f'idejn eu-LISA. Dan jinkludi wkoll l-abbozzar u l-aġġornament tal-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju (BCP) speċifiċi għas-sistema, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kontrolli meħtieġa tal-kontinwità tn-negozju, it-twettiq ta' eżerċizzji u l-iżgurar tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn rapporti regolari dwar l-eżerċizzji u l-awditi. |
| **Servizzi ta' operazzjonijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni, tal-assigurazzjoni u taċ-ċibersigurtà** | Li tiġi pprovduta assigurazzjoni li l-pożizzjoni u r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-eu-LISA jiġu ġestiti f'livell xieraq f'konformità mar-rekwiżiti legali u tan-negozju, kif ukoll l-aħjar prattiki, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-vulnerabbiltajiet u r-riskji taċ-ċibersigurtà tal-eu-LISA jiġu ġestiti f'livell xieraq f'konformità mal-aħjar prattiki fid-detezzjoni tat-theddid u r-rispons għall-inċidenti, bil-ħsieb li tibqa' kustodju affidabbli u sigur ta' informazzjoni sensittiva fdata lill-Aġenzija. | Il-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tal-informazzjoni f'livell xieraq u l-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti legali, tan-negozju u tas-sigurtà. Din l-attività tinkludi monitoraġġ kontinwu taċ-ċibersigurtà u ttestjar tal-vulnerabbiltà, ġestjoni u rispons tal-inċidenti tas-sigurtà, ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, monitoraġġ tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-avvenimenti (SIEM), ġestjoni tal-infrastruttura tal-kjavi pubblika (PKI), ġestjoni tal-konfigurazzjoni sigura, u ġestjoni tal-vulnerabbiltà teknika. |
| **Eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri għall-VIS u għall-EES** | Il-provvediment tal-assigurazzjoni u l-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti tal-kontinwità tan-negozju tal-VIS jew tal-EES, tal-irkupru minn diżastri u tal-ġestjoni tal-inċidenti f'każ ta' inċident ta' interruzzjoni. | Flimkien mal-Istati Membri, it-twettiq ta' testijiet fuq il-proċessi kollha tal-kontinwità tan-negozju, l-irkupru minn diżastri, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-inċidenti u l-proċessi u l-proċeduri ta' eskalazzjoni relatati mal-VIS u l-EES, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-azzjonijiet rakkomandati kollha relatati mas-sejbiet speċifiċi jiġu ppreżentati għall-adozzjoni lill-Bord tat-Tmexxija. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Perċentwal tal-objettivi tas-sigurtà implimentati kif definit fil-leġiżlazzjoni | 100 % |
| Perċentwal tal-inċidenti ta' sigurtà indirizzati fl-FLS fi ħdan il-qbil fuq il-livell ta' servizz fi ħdan il-mira ta' rispons | 100 % |
| Perċentwal tal-valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà magħmula kontra s-sistemi (disinn, żvilupp, produzzjoni): | 100 % |

### Ġestjoni tar-Rilaxx, Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjoni, ittestjar u tranżizzjoni

Fil-kuntest ta' appoġġ dirett għall-operazzjonijiet, wieħed mill-kompiti ewlenin tal-Aġenzija huwa l-aspett tal-assigurazzjoni tal-mudell Plan-Build-Run, mogħti permezz ta' ġestjoni operazzjonali, tat-tibdil, tal-ittestjar, tar-rilaxx u tal-utilizzazzjoni, flimkien mal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni (inkluża t-tranżizzjoni għall-operazzjonijiet). L-enfasi ewlenija hija fuq l-implimentazzjoni u l-appoġġ tal-proċessi u l-attivitajiet tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni (ALM), filwaqt li tikkollabora wkoll mal-Istati Membri fil-proċess tal-ittestjar tas-sistemi u tal-applikazzjonijiet.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jitkompla l-forniment ta' appoġġ u manutenzjoni għas-SIS, l-AFIS, il-VIS, il-VISMail, is-SIRENE, l-Eurodac-DubliNet, l-EES, is-servizzi web tal-EES/ETIAS, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, l-ECRIS RI, l-e-CODEX, u l-komponenti tal-interoperabbiltà (jiġifieri, l-ESP, l-sBMS, is-CIR, l-MID, u c-CRRS), kif ukoll l-infrastruttura ċentralizzata li tospita s-sistemi tal-IT kollha tal-ĠAI u l-pjattaforma ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni,
- li **jiġu aġġornati s-sistemi eżistenti** (jiġifieri l-integrazzjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà, sistemi ġodda ta' on-boarding għall-sBMS) u r-**riformulazzjonijiet kritiċi** tar-regolamenti VIS u Eurodac,
- li jsir ittestjar tal-integrazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà, b'enfasi fuq l-ittestjar tal-integrazzjoni bejn is-sistemi ewlenin tan-negozju kollha,
- li jitkompla l-forniment ta' appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri, filwaqt li tittejjeb ukoll il-koordinazzjoni bejn il-kontropartijiet ċentrali u nazzjonali, inkluż appoġġ kontinwu lit-trasportaturi, li huwa mistenni li jiżdied matul l-2023,
- li jiġu kkonsolidati l-għodod u l-proċessi interni, l-isfidi relatati mal-adozzjoni ta' approċċ aktar aġli għar-rilaxx, il-bidla u l-ġestjoni tat-testijiet/tal-kwalifiki, kif ukoll biex titkompla l-implimentazzjoni u t-titjib tal-katina ta' għodod taċ-Ċiklu tal-Ħajja għall-Iżvilupp tas-Sistemi (SDLC).

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Servizzi tal-ġestjoni tal-applikazzjoni** | Li tiġi żgurata l-kwalità tad-disinn tal-applikazzjoni għall-operazzjonijiet tas-sistemi ewlenin tan-negozju. | Il-forniment ta' rapport li jkun fih rieżamijiet tad-dokumentazzjoni dwar l-aspetti tekniċi tas-saffi tal-applikazzjoni tas-CBS qabel il-bidu tat-tħaddim tagħhom, u l-approvazzjoni tal-pakketti tar-rilaxx tas-sistema tan-negozju ewlenija mill-perspettiva tal-applikazzjoni. |
| **Ġestjoni tal-bidla operazzjonali** | Li tiġi żgurata ġestjoni ta' kwalità għolja tal-bidliet operazzjonali, filwaqt li jiġu appoġġati wkoll timijiet operazzjonali fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-bidliet inkwistjoni. | Il-ġestjoni u t-titjib tal-proċess ta' ġestjoni tal-bidla operazzjonali u l-iżgurar li l-bidliet jiġu kkoordinati u implimentati kif xieraq mill-partijiet ikkonċernati (jiġifieri, il-maniġers tal-proġetti, il-maniġers tal-inċidenti u l-problemi, it-timijiet tekniċi, il-kuntratturi). |
| **Ġestjoni tar-rilaxx u tal-utilizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn l-operazzjonijiet** | Li jkunu ddefiniti u nnegozjati pjanijiet ta' rilaxx u utilizzazzjoni, filwaqt li jkun issorveljat ukoll it-trasferiment formali tas-servizzi l-ġodda, modifikati jew irtirati lid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet. | Il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' ġestjoni tar-rilaxx u l-utilizzazzjoni fil-fażijiet kollha: l-ippjanar, il-bini, l-ittestjar u l-validazzjoni, l-utilizzazzjoni, ir-rieżami u l-għeluq. |
| **Appoġġ għall-pjattaforma tal-ALM u għodod relatati (bini ta' pipeline, ittestjar ta' għodod)** | Li jiġi żgurat l-istat ta' tħejjija operazzjonali tal-pjattaforma ta' ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni li tkun aġġornata u disponibbli kontinwament. | L-iżgurar tal-kontinwità u l-prestazzjoni tal-pjattaforma ALM għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet (jiġifieri testijiet, rilaxx, manutenzjoni). |
| **Ġestjoni tat-testijiet** | Li tkun ipprovduta assigurazzjoni li l-prodotti u s-servizzi se jwasslu l-valur maħsub; jitnaqqsu l-inċidenti u jitjiebu l-istabbiltà u s-sodisfazzjon tal-konsumatur. | L-għoti ta' prova ta' valutazzjoni esperta tar-riskji għas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA għall-finijiet tal-adozzjoni tal-approċċ, il-prattiki u l-għodod tal-ittestjar l-aktar xierqa, kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Tlestija b'suċċess tal-kampanji ta' ttestjar skont l-iskeda | > 90 %, |
| Kopertura sħiħa tar-Rekwiżiti | > 95 % |
| Perċentwal ta' bidliet operazzjonali implimentati b'mod effettiv magħluqa matul is-sena (jiġifieri, mhux abbandunati jew ikkanċellati) | > 75 % |

## Appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri

L-Aġenzija tappoġġa lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lil aġenziji rilevanti oħra tal-UE fi kwistjonijiet relatati mat-tħejjija, l-iżvilupp jew il-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI ssorveljati mill-eu-LISA. Dan l-appoġġ jinkludi:

- parir espert lill-Istati Membri u aġenziji oħra tal-UE dwar il-konnessjoni tas-sistemi jew l-interfaċċi nazzjonali tagħhom mas-sistemi ċentrali ġestiti mill-Aġenzija,
- appoġġ *ad hoc* mitlub mill-Istati Membri mill-Kummissjoni f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni,
- parir jew appoġġ lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi relatati ma' sistemi tal-IT eżistenti jew ġodda, u
- assistenza fl-iżvilupp, fil-ġestjoni jew fl-ospitar ta' komponenti tal-IT komuni, jekk mitluba minn tal-inqas ħames Stati Membri, wara l-approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u wara deċiżjoni pożittiva tal-Bord tat-Tmexxija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tipprovdi wkoll taħriġ regolari lill-utenti finali kollha dwar l-użu tekniku tas-sistemi kollha ġestiti mill-eu-LISA.

**Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:**

- li jkun hemm stat tat-tħejjija biex jiġi pprovdut appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kif stipulat fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA.

### Servizzi ta' Appoġġ Estern/Konsulenza Operazzjonali

Biex tiżgura funzjonament operazzjonali xieraq u ġestjoni operazzjonali effiċjenti, l-Aġenzija takkwista appoġġ estern jew servizzi ta' konsulenza f'oqsma fejn ma jkollhiex il-kapaċitajiet rilevanti jew l-esperjenza tan-negozju.

**Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:**

- li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi esternalizzati għall-inġinerija u l-operazzjonijiet tas-sistemi tal-IT.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Tranżizzjoni ta' servizzi ta' inġinerija u operazzjonali esternalizzati taħt Oqfsa ta' Inġinerija Trasversali u Operazzjonali** | Li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi esternalizzati għall-inġinerija u l-operazzjonijiet tas-sistemi tal-IT. | L-użu tal-istrateġija tal-akkwist tal-Aġenzija bħala pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju kollha (inklużi l-komponenti) għall-Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF) u l-Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali (TOF). Dan jinkludi d-definizzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' akkwist adattat fil-proċess tat-trasferiment tal-għarfien u r-responsabbiltà mill-kuntratturi attwali għas-suċċessuri tagħhom, jiġifieri l-mekkaniżmu ta' trasferiment/akkwiżizzjoni. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Spiża tal-proġett | Devjazzjoni totali ≤ 5 % |
| Skeda tal-proġett | Devjazzjoni totali <=5 % |
| Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett | L-ebda devjazzjoni |

### Taħriġ operazzjonali għall-persunal

L-Aġenzija toffri lill-persunal tagħha firxa wiesgħa ta' korsijiet ta' taħriġ tekniku dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE taħt il-mandat tagħha. Biex jittejbu l-prestazzjoni tal-persunal u l-kwalità tas-servizz, ir-rekwiżiti tat-taħriġ jiġu rieżaminati u mtejba b'mod kostanti abbażi tal-eżiti tal-analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ imwettqa permezz tal-monitoraġġ ta' avvenimenti ta' taħriġ u r-rapportar dwar ir-riżultati.

**Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:**

- li jiġu appoġġati s-servizzi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA billi jiġu żviluppati l-kompetenzi professjonali meħtieġa permezz ta' korsijiet ta' taħriġ interni offruti lill-persunal.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Operazzjonijiet ta' żvilupp tal-kompetenzi** | Biex jiġi żgurat rispons proattiv għall-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-kompetenzi tekniċi. | L-appoġġ għas-servizzi ewlenin tan-negozju billi jiġi organizzat taħriġ intern biex jiġu żviluppati l-kompetenzi meħtieġa u jinżamm livell għoli ta' għarfien espert professjonali fost il-persunal. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon ġenerali | Livell ta' sodisfazzjon ogħla minn 85 % (għal taħriġ u attivitajiet ta' żvilupp) |

### Gruppi Konsultattivi/Laqgħat/Missjonijiet/Evalwazzjonijiet ta' Schengen/Ġestjoni tar-Relazzjonijiet tan-Negozju

L-Aġenzija għandha l-kompitu li torganizza u tappoġġa l-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA billi tikkoordina, tħejji u tiffaċilita l-ħidma ta' kuljum tagħhom. Fil-preżent, l-eu-LISA tipprovdi għal sitt Gruppi Konsultattivi għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI li ġejjin: is-SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-EES-ETIAS, l-ECRIS-TCN, u l-Interoperabbiltà. L-Aġenzija se tibda toffri wkoll appoġġ lil Gruppi Konsultattivi ġodda

għall-e-CODEX u s-SIK, soġġett għall-adozzjoni ta' regolamenti rispettivi. Barra minn hekk, l-Aġenzija tospita wkoll il-Grupp ta' Ħidma għat-Trasportaturi. Sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni mat-trasportaturi, b'mod partikolari l-komunità tal-avjazzjoni, fl-2022 l-eu-LISA kkonkludiet Arranġament ta' Ħidma mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA).

Barra minn hekk, l-eu-LISA toffri l-għarfien espert speċjalizzat tagħha bħala osservatur għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS), u tikkontribwixxi wkoll għar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi appoġġata l-ħidma tal-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA,
- il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-UE bħala osservatur, u l-kontribut għal rapporti ta' evalwazzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-*acquis* ta' Schengen.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Kontribut għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen** | Il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen tal-UE bħala osservatur, u l-kontribut għar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-*acquis* ta' Schengen, u tingħata għajnuna lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mis-SIS u l-VIS. | Il-parteċipazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA bħala osservaturi fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS), u l-kontribut għal rapporti ta' evalwazzjoni sussegwenti. |
| **Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi** | Li jiġi pprovdut appoġġ effettiv u f'waqtu għall-operazzjonijiet tal-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA kif stipulat fir-Regolament ta' stabbiliment u fir-regoli ta' proċedura tal-korpi ta' governanza tal-Aġenzija. | Li jiġi pprovdut appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA, kif ukoll lil gruppi ta' ħidma u gruppi ta' esperti oħra. Din l-attività tinkludi l-kompiti li ġejjin: il-koordinazzjoni, it-tħejjija u l-faċilitazzjoni tal-laqgħat (inklużi l-arranġamenti tal-ivvjaġġar, l-abbozzar u t-tixrid tal-minuti tal-laqgħat, u s-segwitu tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet); il-kollegament u l-komunikazzjoni regolari mal-partijiet ikkonċernati esterni tal-Aġenzija. |
| **Appoġġ amministrattiv għal laqgħat u missjonijiet oħra** | Li jiġi pprovdut appoġġ amministrattiv effiċjenti u f'waqtu għad-diversi laqgħat u missjonijiet tal-eu-LISA. | Li jiġi pprovdut appoġġ amministrattiv effettiv għad-diversi missjonijiet u laqgħat tal-Aġenzija, inklużi laqgħat ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, laqgħat u avvenimenti regolari u *ad hoc*, bħall-konferenza annwali tal-eu-LISA, diskussjonijiet madwar mejda tal-industrija, eċċ. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Laqgħat imwettqa kif ippjanat | Laqgħat organizzati kif mitlub |
| Rata ta' sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati kif imkejla fl-istħarriġ ta' sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati | aktar minn 60 % (sodisfazzjon bl-appoġġ organizzazzjonali u segretarjali pprovdut) |

### Bini tal-kapaċitajiet (inklużi r-riċerka, ir-rapportar u t-taħriġ lill-Istati Membri)

Fil-qasam tar-riċerka, l-Aġenzija se tkompli tissorvelja r-riċerka dwar teknoloġiji ġodda u li qed jevolvu rilevanti għall-iżvilupp kontinwu tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI.

Barra minn hekk, l-eu-LISA issa hija responsabbli mill-iżvilupp tal-provi tal-kunċett u ta' proġetti pilota biex tappoġġa l-adozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u prattiki organizzazzjonali li jtejbu l-effiċjenza u jrawmu l-eċċellenza operazzjonali, filwaqt li jtejbu wkoll l-għarfien espert professjonali, u jipprovdu valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati.

L-Aġenzija se tkompli taħdem biex issir iċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-UE fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fid-dominju tal-ĠAI. Bħalissa, l-eu-LISA tmexxi l-Grupp ta' Ħidma tal-UE dwar l-IA (WGAI), li żviluppa f'forum strateġiku għal diskussjonijiet dwar l-opportunitajiet u l-isfidi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA fid-dominju tal-ĠAI. Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA jistgħu jtejbu wkoll b'mod sinifikanti l-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-Aġenzija permezz ta' riżoluzzjoni mtejba tal-inċidenti, filwaqt li jnaqqsu l-perjodi ta' waqfien possibbli fis-sistema u r-riżorsi relatati mar-riżoluzzjoni tal-inċidenti.

l-eu-LISA tħejji rapporti annwali ta’ monitoraġġ tar-riċerka u torganizza avvenimenti madwar mejda tal-industrija biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-lakuni fil-kapaċità. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tkompli tikkontribwixxi wkoll għall-Programm Qafas tal-Kummissjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (jiġifieri, l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-evalwazzjoni tal-proposti) fl-oqsma tal-għarfien espert tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija tipprovdi wkoll sessjonijiet ta’ taħriġ ta’ kwalità għolja u mfassla apposta lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI, u tiġbor u tippubblika rapporti statistiċi dwar l-użu tas-sistemi tagħha.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jiġu żviluppati l-kapaċitajiet u l-għarfien espert tal-eu-LISA fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, b’mod partikolari, il-valutazzjoni tal-użu tal-IA għall-appoġġ tal-analiżi tar-riskju CRRS/ETIAS, żviluppata f’kollaborazzjoni mal-Frontex, l-Europol u l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fil-qafas taċ-Ċentru ta’ Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna;
- li tiġi mmonitorjata r-riċerka dwar teknoloġiji innovattivi (inkluż it-twettiq ta’ provi tal-kunċett u proġetti pilota) u tiġi promossa l-istandardizzazzjoni għall-finijiet tal-iżgurar tal-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI, kif ukoll jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni tal-Aġenzija mal-industrija u l-akkademja biex jitrawmu l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni;
- il-kumpilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta’ statistika u rapporti dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI kif stipulat fir-Regolamenti rispettivi;
- li jiġi pprovdut taħriġ imfassal apposta lill-Istati Membri dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi tal-ĠAI.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija** | Il-monitoraġġ tar-riċerka u l-iżvilupp għall-finijiet ta’ appoġġ għall-adozzjoni ta’ teknoloġiji innovattivi, prattiki organizzazzjonali ġodda u standardizzazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza operazzjonali tal-eu-LISA, u tiġi żgurata l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI, bil-ħsieb li jissaħħaħ il-profil tal-Aġenzija bħala ċentru ta’ eċċellenza u l-ixprunatur tat-trasformazzjoni diġitali fid-dominju tal-ĠAI. | Il-monitoraġġ tar-riċerka mwettqa mill-istituzzjonijiet akkademiċi u l-industrija, li tiffoka fuq teknoloġiji ġodda u li qed jevolvu u aspetti oħra rilevanti għall-operat tas-sistemi tal-IT tal-ĠAI. L-informazzjoni miġbura mbagħad tiġi mgħoddija biex tipprovdi parir espert (inkluż lill-Istati Membri u/jew lill-Kummissjoni), il-kondiviżjoni tal-għarfien u diversi attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni. |
| **Żvilupp tal-kapaċità tal-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż l-istabbiliment ta’ Ċentru ta’ Eċċellenza** | Li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-eu-LISA bħala ċ-Ċentru ta’ Eċċellenza tal-UE għall-Intelliġenza Artifiċjali fid-dominju tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. | L-iżvilupp ta’ għarfien espert u kapaċitajiet fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali. Fuq medda twila ta’ żmien, din l-attività se tikkontribwixxi wkoll għall-istabbiliment taċ-Ċentru ta’ Eċċellenza għall-IA fid-dominju tal-ĠAI. |
| **Appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ partijiet tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni** | Li tiżdied ir-rilevanza prattika tal-attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE għas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA. | L-identifikazzjoni ta’ prijoritajiet tematiċi, it-titjib tal-użu ta’ teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda, u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar l-attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni ffinanzjati permezz tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. |
| **Integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjonijiet** | L-avvanz tal-eċċellenza operazzjonali billi jiġu appoġġati l-adozzjoni ta’ teknoloġiji innovattivi, l-approċċi organizzazzjonali ġodda u l-istandardizzazzjoni. | L-avvanz tal-eċċellenza operazzjonali billi jiġu appoġġati l-adozzjoni ta’ teknoloġiji innovattivi, l-approċċi organizzazzjonali ġodda u l-istandardizzazzjoni. |
| **Taħriġ għall-Istati Membri** | Li jiġi żgurat li l-persunal tekniku u l-utenti finali mill-Istati Membri u l-aġenziji li jużaw is-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI tal-UE jkunu mgħammra u aġġornati regolarment b’għarfien rilevanti dwar il-funzjonament tekniku u l-aħjar prattiki relatati mal-użu u l-operazzjonijiet tas-sistemi ssorveljati mill-eu-LISA. | It-tfassil, l-ippjanar u t-twettiq ta’ korsijiet ta’ taħriġ tekniku lill-persunal tekniku, inklużi l-utenti finali tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA.<br>Għal dak il-għan, l-Aġenzija tħejji pjanijiet ta’ taħriġ annwali mfassla apposta bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati u l-lakuni identifikati fl-għarfien. |
| **Abbozzar ta’ rapporti u statistika aggregata dwar is-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI** | Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA u titqajjem sensibilizzazzjoni pubblika, l-Aġenzija tippubblika rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi ta’ informazzjoni u l-istatistika tal-ĠAI tal-UE dwar l-użu tagħhom | It-tħejjija u l-pubblikazzjoni ta’ statistika aggregata u rapporti statutorji dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI tal-UE, inklużi rapporti ta’ statistika annwali dwar is-SIS, l-Eurodac. Barra minn hekk, din l-attività tinkludi l-kompilazzjoni u l-aġġornament ta’ listi ta’ awtoritajiet li għandhom |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| | kif preskritt fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA, u fir-regolamenti rispettivi. | drittijiet ta' aċċess għas-SIS (SIRENE), l-Eurodac, l-EES, u l-ETIAS. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Rata ta' sodisfazzjon għall-attivitajiet ta' taħriġ | Punteġġ medju 'l fuq minn 4 (fuq skala minn 1 sa 6) |
| Implimentazzjoni tal-Prova tal-Kunċetti | mill-inqas Prova tal-Kunċett waħda bdiet min-nofs l-2023, u t-tieni waħda hija ppjanata |

### 2.4.2. **Governanza**

Governanza korporattiva soda, kritika biex tiġi żgurata l-operazzjoni effiċjenti u kosteffettiva tal-eu-LISA, tinkludi attivitajiet bħall-ippjanar strateġiku u operazzjonali, il-protezzjoni tad-*data*, ir-riċerka, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni, kif ukoll ir-rapportar kif preskritt mill-qafas legali u l-awditi interni biex tiġi pprovduta assigurazzjoni li l-governanza tal-Aġenzija tibqa' soda, trasparenti u responsabbli.

Aspett importanti ieħor huwa l-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-għoti ta' appoġġ amministrattiv u loġistiku lill-Bord tat-Tmexxija, biex tiġi żgurata kondiviżjoni trasparenti u f'waqtha ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet organizzazzjonali u operazzjonali tal-Aġenzija.

L-isfidi ewlenin għall-implimentazzjoni tal-programm ta' governanza korporattiva tal-Aġenzija huma:

- l-iżgurar ta' għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat,
- id-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża, suffiċjenti u f'waqtha.

### Governanza, Ippjanar, Standards, Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM)

Il-funzjoni ta' governanza tal-Aġenzija għandha l-kompitu li tiżgura li l-eu-LISA tissodisfa l-objettivi annwali u pluriennali tagħha. Dan jinkiseb billi jiġu allinjati r-riżorsi, il-kapaċitajiet, is-servizzi u l-proċessi tal-Aġenzija, kif ukoll billi jissaħħaħ il-qafas ta' governanza tagħha, jiġi żviluppat u mmonitorjat il-Qafas ta' Kontroll Intern (ICF), jittejbu s-servizzi u l-proċessi, kif ukoll billi jitrawwem teħid ta' deċiżjonijiet strateġiku u operazzjonali xprunat mid-*data*. Barra minn hekk, l-aġġornament u t-titjib kontinwi tas-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA jiżguraw allinjament aħjar mar-rekwiżiti u l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati. Dan iżid u jtejjeb b'mod sinifikanti l-prestazzjoni operazzjonali u l-monitoraġġ, filwaqt li jnaqqas ukoll ir-riskji assoċjati.

Governanza soda tiżgura li l-proċess tal-ippjanar ikun trasparenti u tappoġġa l-**allinjament tal-prijoritajiet annwali mal-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija**, filwaqt li tiżgura wkoll biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni tagħhom. L-outputs ta' dawn l-attivitajiet (jiġifieri, ir-rapporti, id-dokumenti tal-ippjanar, l-istrateġiji, eċċ.) jiżguraw **konformità sistematika mal-qafas regolatorju tal-UE**, filwaqt li jqisu wkoll ir-responsabbiltajiet eżistenti u l-opportunitajiet ġodda li ġejjin, kif ukoll l-aspettattivi u t-talbiet dejjem jiżdiedu mill-partijiet ikkonċernati.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' ġestjoni strateġika tal-eu-LISA għall-finijiet ta' titjib ulterjuri tal-prestazzjoni tal-Aġenzija,
- li tkun iffaċilitata l-governanza tajba permezz tal-monitoraġġ tal-istandards ta' kontroll intern u l-promozzjoni ta' ġestjoni tal-kwalità u qafas ta' governanza soda bbażat fuq deċiżjonijiet xprunati mid-*data*,
- li jiġu appoġġati l-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti rigward il-governanza tal-Aġenzija kif deskritt fir-Regolament ta' Stabbiliment,
- li jiġu ssodisfati l-obbligi legali f'termini ta' attivitajiet ta' ppjanar u rapportar, inkluż l-għoti ta' informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti lill-partijiet ikkonċernati dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija u l-kisba tal-objettivi,
- il-ġestjoni u t-titjib tas-servizzi u l-proċessi.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Governanza, ippjanar, rapportar u valutazzjonijiet korporattivi** | Li jinżammu sistemi ta' governanza u kontroll korporattivi effettivi u effiċjenti, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-attivitajiet tal-eu-LISA jkunu ppjanati b'mod sistematiku u trasparenti, f'konformità mad-dokumenti ta' gwida rilevanti, u r-rekwiżiti statutorji, biex tiġi żgurata l-kisba b'suċċess tal-objettivi strateġiċi. | Is-sorveljanza tal-proċessi ta' governanza tal-eu-LISA permezz tal-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi statutorji, il-ġestjoni tal-kwalità totali, it-tabelli ta' valutazzjoni bbilanċjati għall-ġestjoni tal-prestazzjoni tal-istrateġija korporattiva, iż-żamma tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, u t-twettiq tal-valutazzjoni annwali tal-effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern. Barra minn hekk, dan jinkludi l-koordinazzjoni ġenerali tal-attivitajiet ta' ppjanar u rapportar tal-eu-LISA, inklużi strateġija korporattiva fit-tul, dokumenti uniċi ta' programmazzjoni; rapporti korporattivi (Rapport interim u rapport annwali konsolidat tal-attività); indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni korporattivi; kif ukoll it-twettiq ta' programmazzjoni pluriennali u rieżamijiet ta' implimentazzjoni. |
| **Governanza, ippjanar u rapportar tad-dipartiment tal-operazzjonijiet** | Li jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tal-eu-LISA relatati mas-sistemi ewlenin tan-negozju jiġu ġestiti b'mod prevedibbli u strutturat, u jiġu riflessi wkoll b'mod xieraq fid-dokumenti annwali ta' ppjanar u rapportar. | Is-sorveljanza tal-ippjanar u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA relatati mas-sistemi ewlenin tan-negozju, u l-għoti ta' kontribut għall-funzjoni tal-ippjanar u tar-rapportar tal-Aġenzija. |
| **Qafas ta' Servizzi u Proċessi tal-eu-LISA** | Li tiġi żgurata l-effettività tas-servizzi tal-eu-LISA billi tittejjeb is-sigurtà u jinkiseb titjib fl-effiċjenza, filwaqt li tiġi standardizzata u garantita l-effiċjenza għolja tal-proċessi kollha tal-eu-LISA bħala fornitur modern tas-servizzi tal-IT għall-finijiet li jiġi żgurat it-twettiq ta' servizz affidabbli lill-partijiet ikkonċernati. | Din l-attività tkopri l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' kuljum tal-mudell tas-servizz u l-mudell tal-proċess tal-eu-LISA. Il-mudell tas-servizz huwa katalgu li jkopri l-prodotti u s-servizzi kollha pprovduti lill-partijiet ikkonċernati, filwaqt li l-mudell tal-proċess għandu l-għan li jiżgura t-twassil effiċjenti u effettiv tas-servizzi. Din l-attività tappoġġa t-titjib ta' mudelli tas-servizz u tal-proċessi permezz tal-proċess ta' titjib kontinwu (kejl u rapportar). |
| **Titjib kontinwu tas-servizzi u tal-proċessi tal-eu-LISA, li jindirizzaw rekwiżiti ġodda tas-sistemi tal-ĠAI** | Li jiġu żgurati l-kwalità u l-effiċjenza għolja kontinwi tal-prestazzjoni operazzjonali tal-eu-LISA. | Li jiġu mmonitorjati u aġġornati regolarment il-mudelli tas-servizzi u tal-proċessi tal-Aġenzija, jiġifieri billi jiġi identifikat it-titjib meħtieġ għall-aġġornament tal-proċessi eżistenti, kif ukoll id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċessi u servizzi ġodda relatati ma' sistemi ġodda fdati lill-Aġenzija. |
| **Continuum tal-arkitettura tal-intrapriża** | Li tiġi stabbilita l-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà tal-eu-LISA (fil-livell tal-intrapriżi) għas-sistemi tan-negozju ewlenin tagħha u għall-IT korporattiva. | L-istabbiliment tal-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà tal-eu-LISA fil-livell tal-intrapriżi għas-sistemi tan-negozju ewlenin tagħha u għall-IT korporattiva. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| It-twassil ta' dokumenti statutorji ta' ppjanar u rapportar. | It-twassil ta' dokumenti statutorji ta' ppjanar u rapportar f'konformità mar-rekwiżiti u l-iskedi ta' żmien. |

## Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati— Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija/Attivitajiet tal-Uffiċċju ta' Kollegament/Komunikazzjoni

Ir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija f'dan il-qasam jinkludu appoġġ amministrattiv u loġistiku pprovdut lill-Bord tat-Tmexxija permezz tas-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord tat-Tmexxija għandu l-kompitu li jiżgura li l-eu-LISA twettaq il-kompiti stipulati fir-Regolament ta' Stabbiliment bl-aktar mod kosteffettiv. Barra minn hekk, il-Gruppi Konsultattivi maħtura tal-eu-LISA jipprovdu pariri dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE.

F'termini ta' sforzi ta' komunikazzjoni esterna, l-Aġenzija tiffoka fuq komunikazzjoni strateġika, implimentata permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni integrati. L-għan primarju huwa li jitrawmu relazzjonijiet trasparenti u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha. Għal dak il-għan, l-Aġenzija se tkompli ssegwi approċċ proattiv mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-industrija, filwaqt li tibqa' wkoll responsabbli lejn il-pubbliku ġenerali b'informazzjoni regolari, preċiża u f'waqtha dwar il-mandat, l-attivitajiet u l-inizjattivi ġodda tagħha.

Fir-rigward tal-komunikazzjoni interna, l-enfasi se tkun fuq il-promozzjoni tal-istandards, il-kultura u l-valuri korporattivi tal-eu-LISA. L-organizzazzjoni hija impenjata li tkompli ttejjeb il-kondiviżjoni interna tal-informazzjoni u l-għarfien, kif ukoll l-involviment tal-impjegati fil-lokazzjonijiet differenti tal-Aġenzija. Se ssir enfasi addizzjonali fuq l-iffaċilitar ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bejn il-persunal u l-maniġment billi jsir użu minn varjetà ta' għodod u mezzi ta' komunikazzjoni.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jiġi pprovdut appoġġ effettiv u f'waqtu għall-operazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA,
- li tinżamm l-immaġni professjonali b'saħħitha tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u siewi bil-kontribut b'mod kostruttiv għall-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI tal-UE u billi jitrawmu relazzjonijiet ta' ħidma tajbin u skambju effiċjenti ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Relazzjonijiet, rekwiżiti, ġestjoni tad-domanda u tal-bidla tan-negozju** | Li tiġi appoġġata u kkoordinata l-ħidma kemm tal-partijiet ikkonċernati interni kif ukoll esterni u tal-korpi ta' governanza billi jittieħdu u jiġu analizzati d-domandi u r-rekwiżiti tan-negozju, u jiġu ppreseduti l-laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi tal-eu-LISA, u ta' diversi gruppi ta' ħidma oħra, bil-ħsieb tal-forniment tal-valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati billi tinkiseb u tinżamm il-fiduċja tagħhom, filwaqt li jiġu żgurati li l-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom jiġu ssodisfati, u fl-aħħar mill-aħħar tissaħħaħ l-immaġni tal-eu-LISA bħala sieħeb affidabbli u konsulent fdat fil-qasam tal-għarfien espert tagħha. | Filwaqt li taġixxi bħala l-interfaċċa bejn l-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati/il-klijenti tagħha (inklużi l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, l-UE u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji internazzjonali), din l-attività tipprovdi servizzi ta' governanza għas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA. Dan jinkludi wkoll il-presidenza tal-laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi u tal-gruppi ta' ħidma. Dan jikkoordina, jappoġġa u jipprovdi gwida kemm lill-partijiet interni kif ukoll lil dawk esterni, jiġġestixxi d-domandi, iwettaq analiżi tan-negozju, u jipprovdi rekwiżiti tan-negozju u tal-partijiet ikkonċernati lill-entitajiet responsabbli. |
| **Appoġġ amministrattiv korporattiv** | Li jiġu pprovduti appoġġ u koordinazzjoni amministrattivi ta' kwalità għolja u f'waqthom biex jiżguraw l-operat effiċjenti tas-subdiviżjonijiet tal-Aġenzija għall-iffaċilitar ta' gwida u sorveljanza effettivi, u b'hekk isir kontribut għall-kisba tal-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. | L-għoti ta' appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni lill-maniġers. Dan jirrikjedi l-appoġġ amministrattiv ta' kuljum għall-kapijiet tas-suddiviżjonijiet tal-Aġenzija, jiġifieri d-dipartimenti u l-unitajiet; il-koordinazzjoni ta' laqgħat regolari tal-Kumitat tat-Tmexxija; il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tan-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN), u laqgħat oħra bejn l-aġenziji mhux koperti minn attivitajiet oħra; u l-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' selezzjoni. |
| **Komunikazzjoni interna** | Li tiġi żgurata l-komunikazzjoni interna regolari u sistematika u tittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-għarfien fi ħdan l-Aġenzija, filwaqt li jsir kontribut ukoll għall-involviment tal-impjegati fil-postijiet differenti tal-Aġenzija. | It-trawwim ta' ambjent tax-xogħol pożittiv u l-benesseri tal-persunal tal-eu-LISA, fejn jiġu mmotivati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom f'allinjament mal-missjoni u l-prijoritajiet tal-Aġenzija. |
| **Kommunikazzjoni esterna** | Li tiġi pprovduta informazzjoni aġġornata, titqajjem sensibilizzazzjoni u tingħata informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tinftiehem faċilment lill-partijiet ikkonċernati kollha dwar ir-rwol tal-eu-LISA. | It-tisħiħ tal-immaġni u l-viżibbiltà korporattiva tal-Aġenzija (inklużi konferenzi annwali, diskussjonijiet madwar mejda tal-industrija, sensibilizzazzjoni fil-media, eċċ.) billi titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-qasam ta' għarfien espert tal-eu-LISA |
| **Ġestjoni tar-relazzjonijiet istituzzjonali u koordinazzjoni tal-politika** | Li jinżammu u jissaħħu l-viżibbiltà u l-immaġni tal-eu-LISA bħala sieħeb fdat u affidabbli fl-oqsma ta' għarfien espert tagħha billi jitrawmu relazzjonijiet ta' ħidma tajbin u skambju effiċjenti ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA bbażati fi Brussell, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-UE. | Iż-żamma u l-espansjoni tal-kuntatti diretti bejn l-eu-LISA u l-istituzzjonijiet ewlenin fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra bbażati fi Brussell. Dan jinkludi l-monitoraġġ ta' żviluppi politiċi u leġiżlattivi rilevanti, inkluż appoġġ espert matul il-proċess leġiżlattiv kollu. Barra minn hekk, dan jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-politika interna billi jiġu pprovduti informazzjoni u għarfien espert dwar il-politika dwar inizjattivi leġiżlattivi fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, kif ukoll tinġabar informazzjoni minn ħdan l-Aġenzija għat-tħejjija u l-promozzjoni tal-pożizzjonijiet tal-eu-LISA f'laqgħat ma' partijiet ikkonċernati esterni, jiġifieri, gruppi ta' ħidma, kumitati, sessjonijiet ta' ħidma, eċċ. |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u koordinazzjoni tal-politika | Iż-żamma u t-trawwim ta' relazzjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, filwaqt li żżomm ukoll immaġni professjonali b'saħħitha bħala sieħeb fdat u siewi billi tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għall-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI tal-UE. | Il-monitoraġġ tal-iżviluppi ta' politika u leġiżlattivi fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, u s-sorveljanza tal-koordinazzjoni tal-politika interna biex jitħejjew il-pożizzjonijiet ta' politika tal-eu-LISA kemm għall-fora tal-UE kif ukoll għal dawk internazzjonali. Dan jinkludi wkoll iż-żamma ta' relazzjonijiet ta' ħidma ta' kwalità għolja mal-partijiet ikkonċernati rilevanti mis-settur pubbliku, privat u dak tal-NGOs (inklużi l-Istituzzjonijiet tal-UE, aġenziji oħra, l-Istati Membri, u organizzazzjonijiet internazzjonali), l-organizzazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' avvenimenti regolari u *ad hoc*, li jirrappreżentaw lill-eu-LISA fil-laqgħat tal-aġenziji tal-UE u n-networks tagħhom (JHAAN u EUAN). |
| **Appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija** | Li jiġi pprovdut appoġġ effettiv u f'waqtu għall-operazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA kif stipulat fir-Regolament ta' Stabbiliment u fir-regoli ta' proċedura tal-korpi ta' governanza tal-Aġenzija. | L-għoti ta' appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA, kif ukoll lill-bordijiet ta' ġestjoni tal-programmi tas-sistemi l-ġodda matul il-fażijiet tad-disinn u tal-iżvilupp tagħhom. Din l-attività tinkludi l-kompiti li ġejjin: il-koordinazzjoni, it-tħejjija u l-faċilitazzjoni tal-laqgħat tal-Bord; l-abbozzar u t-tixrid tal-minuti/tas-sommarji tal-laqgħat u materjali oħra); u segwitu dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| **Sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati (imkejjel permezz ta' stħarriġ)** | 'il fuq minn 60 % (għall-appoġġ organizzazzjonali u segretarjali pprovdut) |
| **Sodisfazzjon tal-parteċipanti (skedi ta' evalwazzjoni tal-avvenimenti)** | >90 % sodisfazzjon bl-avvenimenti ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati |
| **Konformità tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali ta' Komunikazzjoni Interna u Esterna mal-miri u l-iskeda stabbiliti.** | Il-Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali ta' Komunikazzjoni Interna u Esterna huma implimentati f'konformità ma' miri stabbiliti, skadenzi u objettivi definiti |

### Konformità (Protezzjoni tad-*Data*, Kapaċità tal-Awditjar Intern u Kontabilità)

L-attivitajiet li jaqgħu taħt il-funzjoni tal-konformità jinkludu responsabbiltajiet relatati mal-kontabilità, l-awditjar intern u l-protezzjoni tad-*data*, jiġifieri, kompiti li jappoġġaw u jiżguraw li l-governanza tal-eu-LISA tibqa' soda, trasparenti u responsabbli.

**Protezzjoni tad-*data*.** Il-funzjoni tal-protezzjoni tad-*data* tiżgura li l-Aġenzija tapplika l-ogħla livelli ta' standards tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-protezzjoni tad-*data* għall-informazzjoni fdata f'idejn l-eu-LISA u tiggarantixxi li l-indirizzar tal-informazzjoni personali jibqa' ġust u legali, f'konformità sħiħa mal-prinċipji u l-istrumenti regolatorji l-aktar reċenti dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-attivitajiet tal-Aġenzija dwar il-protezzjoni tad-*data* jinkludu, minn naħa waħda, il-monitoraġġ kostanti tal-konformità mar-regolamenti rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data*, u min-naħa l-oħra, l-għoti ta' informazzjoni u pariri lill-persunal tal-eu-LISA dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data*. Ir-rapportar dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) jibqgħu prijorità u element ewlieni fl-obbligu ta' responsabbiltà tal-Aġenzija. Il-kollaborazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE tippromwovi l-aħjar prattiki u tiffaċilita l-iżvilupp ta' fehim komuni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-UE tal-protezzjoni tad-*data*.

**Fl-2023, għall-protezzjoni tad-*data*, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi mmonitorjata l-konformità tal-Aġenzija mar-rekwiżiti applikabbli kollha tal-protezzjoni tad-*data* u tal-kontroll intern, filwaqt li jiġu implimentati wkoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet minn diversi awditi,
- l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett tal-protezzjoni tad-*data*, u l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet prattiċi,
- li titkompla il-kollaborazzjoni mal-EDPS u ma' istituzzjonijiet/aġenziji oħra tal-UE biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jitrawwem fehim komuni dwar is-suġġett.

**Awditjar intern.** Il-kapaċità tal-awditjar intern tal-Aġenzija tipprovdi assigurazzjoni indipendenti u oġġettiva li l-kontrolli interni eżistenti jkunu adegwati biex itaffu r-riskji tal-eu-LISA, filwaqt li tiżgura wkoll li l-proċessi ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju tagħha jkunu effiċjenti u effettivi. L-eżiti tal-attivitajiet tal-awditjar huma faċilitaturi ewlenin għat-titjib tal-valutazzjoni tar-riskju u l-proċessi, il-bini tal-fiduċja fl-operazzjonijiet tal-Aġenzija, u ż-żieda fil-fiduċja fil-kisba tal-objettivi tagħha.

**Fl-2023, għall-funzjoni tal-awditjar intern, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-effikaċja tas-sistema ta' kontrolli interni u fehim adegwat tar-riskji residwi,
- li tiġi mmonitorjata l-konformità tal-eu-LISA mar-rekwiżiti esterni kollha applikabbli, filwaqt li jiġu implimentati wkoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet riċevuti minn diversi awditi.

**Kontabilità.** Il-funzjoni kontabilistika tal-Aġenzija hija responsabbli miż-żamma tal-kontijiet tal-eu-LISA u mill-iżgurar li l-ġestjoni finanzjarja tagħha ssegwi l-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati deskritti fir-Regolament Finanzjarju u fir-regoli kontabilistiċi stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni.

**Fl-2023, għall-funzjoni kontabilistika, l-objettivi ewlenin huma:**

- li tiġi żgurata l-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-eu-LISA u ż-żamma ta' sistema tajba ta' kontroll tal-kontabilità.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Protezzjoni tad-*data*** | Li jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-eu-LISA jkunu konformi mal-istandards, ir-rekwiżiti u r-regolamenti rilevanti kollha tal-protezzjoni tad-*data* (inklużi awditi regolari tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE mwettqa mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar biex tiġi żgurata konformità ta' livell għoli. | L-iżgurar tal-protezzjoni tad-*data* ta' livell għoli f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT tal-ĠAI ġestita mill-eu-LISA. Din l-attività tinkludi l-funzjoni konsultattiva interna; monitoraġġ sistematiku tal-operazzjonijiet; l-indirizzar ta' talbiet u lmenti; iż-żamma ta' reġistri interni tal-protezzjoni tad-*data*; awditi interni regolari tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data* u r-rapportar (inkluż il-monitoraġġ tal-progress bir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar); attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni (inkluż taħriġ tal-persunal); ir-rappreżentanza f'isem l-eu-LISA f'fora rilevanti (eż. laqgħat tan-network tal-UPD), u kooperazzjoni mill-qrib mal-EDPS, speċjalment fil-qafas ta' awditi regolari, kif ukoll mal-UPD ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE. |
| **Kontabilità** | Li jiġu pprovduti servizzi kontabilistiċi li jiżguraw preżentazzjoni ġusta u trasparenti tal-pożizzjoni finanzjarja tal-eu-LISA, li jissalvagwardjaw l-assi tal-Aġenzija u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti dovuti f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-UE u r-regoli kontabilistiċi applikabbli. | Iż-żamma tas-sistema ta' kontroll tal-kwalità kontabilistika tal-eu-LISA li trawwem il-preżentazzjoni ġusta tad-*data* finanzjarja fil-kontijiet annwali tal-Aġenzija u l-għoti ta' gwida interna dwar il-ġestjoni tal-assi, filwaqt li tikkollabora wkoll ma' awdituri esterni u mal-QEA. |
| **Awditjar intern** | Li jiġu pprovduti servizzi ta' aċċertament u ta' konsultazzjoni indipendenti u oġġettivi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija għall-finijiet li jiżdied il-valur, jittejbu l-operazzjonijiet, u tiġi ffaċilitata l-kisba tal-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. | Din l-attività tinkludi valutazzjonijiet tar-riskju tal-awditjar, pjanijiet ta' azzjoni ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, valutazzjoni tal-proċessi ta' kontroll intern u kontrolli tal-proċessi tan-negozju, u diversi inizjattivi oħra ta' assigurazzjoni. |
| **Evalwazzjoni tal-Aġenzija (l-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Stabbiliment)** | Biex tiġi appoġġata l-evalwazzjoni esterna statutorja tal-eu-LISA, issorveljata mill-Kummissjoni Ewropea, għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-objettivi, il-mandat, il-lokazzjonijiet u l-kompiti tagħha. | L-appoġġ għall-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tar-rekwiżit tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni stipulat fir-Regolament ta' Stabbiliment. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| **Twettiq f'waqtu tal-kontijiet proviżorji, konsolidati u finali lill-Awtorità Baġitarja u lill-QEA** | skont l-iskadenzi tar-rapportar stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju u l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni |
| **Perċentwal (%) ta' proċessi b'eżitu assigurat li jilħqu l-miri fi ħdan it-tolleranzi** | mill-inqas 80 % tal-proċessi operazzjonali rieżaminati jilħqu l-miri stabbiliti fi ħdan it-tolleranzi |
| **Perċentwal (%) ta' proċessi li għaddejjin minn rieżami indipendenti** | mill-inqas 30 % tal-proċessi operazzjonali tal-Aġenzija jiġu rieżaminati kull sena |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| **L-għadd ta' talbiet issodisfati għall-pariri tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) riċevuti minn sidien tan-negozju** | **80 %** tat-talbiet riċevuti għall-parir tal-UPD jiġu sottomessi fi stadju bikri tal-proġett; **60 %** tat-talbiet riċevuti għall-parir tal-UPD jiġu ssodisfati; 60 % tat-talbiet riċevuti għall-parir tal-UPD jiġu ssodisfati fiż-żmien miftiehem |

### Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża

L-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriżi (EPMO) tal-Aġenzija għandu l-kompitu li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-eu-LISA relatati mal-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi billi jissimplifika l-ġestjoni u r-rieżami tal-proġetti/programmi tagħha, filwaqt li jiżviluppa wkoll għodod prattiċi għall-appoġġ ta' dawk il-proċessi. Għal dak il-għan, l-EPMO jiżviluppa u juża proċessi u programmi ta' taħriġ biex itejjeb il-kapaċità tal-eu-LISA għall-ġestjoni tal-proġetti, filwaqt li jwettaq ukoll evalwazzjonijiet u rieżamijiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità fuq proġetti biex jiżgura l-użu xieraq tar-riżorsi.

L-EPMO jimplimenta u jippromwovi l-aħjar prattiki, b'enfasi fuq l-istandardizzazzjoni tal-proċessi kif ukoll il-metodoloġiji tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-portafoll biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi tal-proġetti u l-kisba tal-għanijiet tal-proġetti. L-għan primarju huwa li jservi bħala faċilitatur organizzazzjonali tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-istrateġija korporattiva, filwaqt li jimmassimizza l-valur, itejjeb l-effiċjenza u jikseb iffrankar tal-kostijiet meta jkun possibbli.

#### Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- li jitkomplew l-implimentazzjoni u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki, b'enfasi fuq proċessi ta' standardizzazzjoni kif ukoll metodoloġiji ta' ġestjoni ta' proġetti u portafolli biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi tal-proġetti u l-kisba tal-għanijiet tal-proġetti,
- li jinżammu u jiġu żviluppati l-għodod għall-appoġġ tal-attivitajiet tiegħu,
- li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jkunu allinjati mill-qrib mal-governanza tal-Aġenzija.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Kapaċità ta' Ġestjoni tal-Programm u l-Proġetti, strateġija tal-akkwist u ġestjoni tar-riskju korporattiv** | Li jitkompla l-iżvilupp tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti (PPM) tal-Aġenzija għall-finijiet ta' titjib fl-allinjament bejn l-istrateġija tal-eu-LISA u l-eżekuzzjoni ġenerali tal-proġetti billi jiġu integrati l-proċessi ta' ġestjoni tal-proġetti, tal-programmi u tal-portafoll. | L-enfasi ewlenija hija fuq l-iżvilupp kontinwu tal-kapaċità ta' ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti tal-eu-LISA, inklużi l-ġestjoni u l-integrazzjoni tal-proċess, l-amministrazzjoni tas-soluzzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità, ir-rapportar, u l-ikkowċjar tal-maniġers tal-proġetti. Dan jinkludi wkoll il-ġestjoni tar-riskju korporattiv, l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi, u kwistjonijiet relatati mal-istrateġija tal-akkwist. |
| **Evalwazzjoni uffiċjali tal-prattika tal-ġestjoni tal-proġetti bbażata fuq il-mudell CMMI** | Li tiġi pprovduta klassifikazzjoni oġġettiva, ipprovata u kredibbli tal-kisbiet tal-Aġenzija f'termini tal-maturità tal-Ġestjoni tal-Proġetti Organizzazzjonali, billi jiġi applikat il-mudell ta' titjib tal-proċessi użat l-aktar — CMMI (Integrazzjoni tal-Mudell tal-Maturità tal-Kapaċità) u l-metodu ta' evalwazzjoni SCAMPI (Metodu ta' Evalwazzjoni Standard tas-CMMI għat-Titjib tal-Proċess). | Li tiġi pprovduta informazzjoni intuwittiva oġġettiva u kredibbli dwar il-progress u l-kisbiet attwali fil-ġestjoni tal-proġetti, filwaqt li jiġi minimizzat ir-riskju ġenerali assoċjat mal-ġestjoni ta' proġetti kumplessi. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Tiġdid tal-evalwazzjoni tal-Integrazzjoni tal-Mudell tal-Maturità tal-Kapaċità (CMMI). | Evalwazzjoni tas-CMMI mġedda |

### 2.4.3. **Appoġġ korporattiv**

L-Aġenzija hija impenjata li tikber u tevolvi bħala organizzazzjoni biex tiżgura eċċellenza operazzjonali u twettiq imtejjeb tal-missjoni tagħha. Din it-taqsima tiddeskrivi l-attivitajiet ta' appoġġ korporattiv li huma meħtieġa biex titwettaq il-missjoni tal-eu-LISA u biex tiġi żgurata l-kisba b'suċċess tal-objettivi annwali, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-Aġenzija topera bħala organizzazzjoni effiċjenti u aġli, f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE. Dawn il-funzjonijiet ta' appoġġ korporattiv jinkludu s-servizzi legali, il-ġestjoni tar-riżorsi umani, l-appoġġ korporattiv

tal-IT, is-sigurtà fiżika, il-ġestjoni tal-faċilitajiet, kif ukoll il-ġestjoni tal-baġit, tal-finanzi u tal-akkwist.

L-isfidi ewlenin għal din il-funzjoni huma:

- riskji għar-reputazzjoni tal-Aġenzija,
- ippjanar u kontrolli interni ħżiena, jiġifieri falliment jista' jirriżulta f'nefqa mhux ġustifikata, frodi, ċaħda tal-kwittanza mill-awtorità baġitarja, eċċ.,
- riżorsi umani u finanzjarji insuffiċjenti, jiġifieri, l-eu-LISA mhux se tkun tista' tissodisfa l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha biex twettaq il-kompiti kollha tagħha.

L-estimi tal-baġit u r-riżorsi umani meħtieġa għal dan il-kompitu huma ppreżentati fl-Anness II.

## Sigurtà korporattiva u kontinwità tan-negozju

L-Aġenzija tkompli żżomm u ttejjeb il-livell għoli ta' sigurtà fiżika fil-faċilitajiet tagħha u madwarhom, filwaqt li timplimenta wkoll mudell ta' tqassim flessibbli u dinamiku f'żoni tas-sigurtà fuq il-post biex twieġeb għall-ħtiġijiet tan-negozju li qed jinbidlu. Titjib jew aġġornament tal-kontrolli tekniċi speċifiċi tas-sigurtà fuq il-post jitwettqu regolarment fis-siti tal-eu-LISA f'Tallinn u fi Strasburgu, kif ukoll fl-uffiċċju ta' Brussell, f'konformità mal-eżiti tal-valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà rispettivi. Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Aġenzija identifikat ukoll riskji akbar fl-oqsma tas-sigurtà fuq il-post u tal-persunal, li se tkompli timmonitorja u tiġġestixxi.

L-Aġenzija sejra tkompli tissorvelja u ttejjeb ukoll l-effikaċja tal-Istrateġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju, (BCMS) filwaqt li tiżgura li adottat politiki, proċeduri u arranġamenti ta' ġestjoni robusti u ttestjati bir-reqqa għar-rispons għal, l-investigazzjoni u l-irkupru minn inċidenti ta' sigurtà jew tfixkil ieħor għall-operazzjonijiet tagħha.

### Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- li jiġu żgurati s-sigurtà u l-kontinwità tas-siti, l-assi u l-persunal tal-eu-LISA, kif ukoll l-elementi orizzontali relatati kollha, jiġifieri l-istrateġiji u l-politiki, ikunu konformi mar-regolamenti rilevanti,
- li jiġi żgurat it-titjib kontinwu tal-proċessi ta' kontinwità tan-negozju u tas-sigurtà tal-Aġenzija abbażi ta' rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju** | Li jiġi żgurat it-titjib kontinwu tal-proċessi ta' kontinwità tan-negozju u tas-sigurtà tal-Aġenzija abbażi ta' rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi. | Titjib kontinwu tal-proċessi ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju abbażi ta' rakkomandazzjonijiet miġbura minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditi permezz tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni rilevanti, kif ukoll rieżami u rapportar sussegwenti. |
| **Politika ta' sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità** | Li jiġi żgurat li l-elementi orizzontali (jiġifieri l-istrateġiji u l-politiki) tal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju tal-eu-LISA jkunu adatti għall-iskop tagħhom u organizzati f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u mar-rekwiżiti ġenerali ta' governanza. | Dan jinkludi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà u ta' Kontinwità tal-eu-LISA, rieżami u aġġornament regolari tal-pjan direzzjonali ta' politika rispettiv, kif ukoll attivitajiet relatati ta' ppjanar u rapportar. Dan jinvolvi wkoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall-persunal tal-Aġenzija (inkluż pop-up escape room), kif ukoll l-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' avvenimenti relatati (eż. laqgħat biannwali tan-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà (SON), in-network tal-Kontinwità tan-Negozju (BC), il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-IT, il-Grupp ta' Kooperazzjoni), eċċ. |
| **Ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju** | Li tiġi żgurata r-reżiljenza operazzjonali billi tiġi ġestita b'mod effiċjenti s-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju tal-eu-LISA, f'konformità mar-regolamenti rilevanti, u l-istandards tal-familja ISO 22300. | Li tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju (inkluż ir-rispons għal emerġenza u l-irkupru minn diżastri) permezz tal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u t-titjib kontinwu tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju tal-eu-LISA, inkluż rieżami u aġġornament regolari tal-Valutazzjoni tal-Impatt tan-Negozju, kif ukoll konsulenza dwar ir-riskji, u pjanijiet oħra ta' kontinwità tan-negozju (BCP), politiki u proċeduri bbażati fuq rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u/jew input minn eżerċizzji/taħriġ, kif ukoll il-manutenzjoni ta' allert ta' emerġenza bbażata fuq l-internet u għodod oħra tal-blockchain. |
| **Sigurtà protettiva** | Li tiġi żgurata s-sigurtà fuq il-post tas-siti, tal-assi u tal-persunal tal-eu-LISA | Il-ġestjoni ta' servizzi/operazzjonijiet ta' sigurtà protettiva u ta' għassa fis-siti tal-eu-LISA, inkluża l-manutenzjoni ta' sistemi u tagħmir ta' sigurtà. Dan jinkludi wkoll proċess kontinwu ta' ġestjoni tar-riskju |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| | f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti u mal-istandards tal-familja tal-ISO 27000. | għas-siti kollha tal-eu-LISA, flimkien ma' kontrolli speċifiċi ta' mitigazzjoni. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Il-kontrolli tal-kontinwità tan-negozju (BC) ikopru l-oqsma kollha tan-negozju tal-eu-LISA | Il-BCMS tkopri 100 % tal-oqsma tan-negozju tal-eu-LISA |
| Il-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju jiġu ttestjati u l-effettività tagħhom tiġi kkonfermata | isir mill-inqas eżerċizzju wieħed biex tiġi ttestjata r-reżiljenza korporattiva tal-organizzazzjoni |
| Perċentwal tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni | 85 % |

## Ġestjoni tar-riżorsi umani

Sabiex tappoġġa l-kisba tal-għanijiet strateġiċi u tal-objettivi korporattivi tal-eu-LISA, l-Aġenzija stabbiliet sistema komprensiva u dinamika ta' ġestjoni tar-riżorsi umani (HRM) li tipprijoritizza t-titjib kontinwu tal-kapaċitajiet ta' żvilupp professjonali tagħha. Barra minn hekk, il-funzjoni tar-riżorsi umani tal-eu-LISA qed tmexxi wkoll **proġett ta' trasformazzjoni organizzazzjonali** li jagħti s-setgħa u hu inkluživ.

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament operazzjonali effiċjenti tal-eu-LISA, l-Aġenzija tiffoka fuq l-akkwist tat-talent, l-iżvilupp professjonali mmirat u ż-żamma ta' persunal varjat bil-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa. Fir-rigward tal-ġestjoni, l-eu-LISA tuża programm ta' tmexxija mfassal apposta u evalwazzjonijiet ta' 360 gradi għall-maniġers, filwaqt li tiżviluppa wkoll sistema ta' ġestjoni tal-prestazzjoni integrata u aġġornata biex tappoġġa lill-mexxejja u lit-timijiet biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. L-Aġenzija se żżid ukoll l-isforzi biex ittejjeb l-effiċjenza amministrattiva permezz ta' ottimizzazzjoni u soluzzjonijiet sostenibbli sabiex tiġġestixxi aħjar l-ammont ta' xogħol li dejjem qed jiżdied tagħha.

Barra minn hekk, l-eu-LISA tippromwovi kultura ta' tagħlim permezz ta' attivitajiet informali u appoġġ kolleġġjali proattiv, inkluż il-kondiviżjoni tal-għarfien u feedback kostruttiv. Bħala parti mill-isforzi kontinwi tagħha biex toħloq ambjent tax-xogħol aħjar, l-Aġenzija se tadotta approċċ proattiv biex tipprevjeni u tiġġieled il-fastidju u każijiet serji ta' kunflitt billi trawwem post tax-xogħol ibbażat fuq il-valur ibbażat fuq ir-rispett reċiproku.

### FI-2023, l-objettivi ewlenin huma:

- l-ippjanar u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi umani,
- li titkompla l-konsolidazzjoni organizzazzjonali wara perjodu ta' trasformazzjoni u tkabbir, b'enfasi fuq l-amministrazzjoni tal-persunal, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u l-proċessi ta' reklutaġġ,
- l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kompetenza biex jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha biżżejjed persunal li jkunu professjonisti kwalifikati ħafna, filwaqt li jitkompla l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi professjonali tal-persunal li huma meħtieġa għall-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ssorveljati mill-eu-LISA.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Amministrazzjoni u ppjanar tar-riżorsi umani** | Li jiġi żgurat li l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA tkun adattata għall-iskop, u li l-Aġenzija jkollha biżżejjed persunal li jkunu professjonisti kompetenti u motivati li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. | Il-ġestjoni tal-operazzjonijiet u l-proċessi ta' rutina tal-persunal mill-onboarding ta' rekluti ġodda sat-terminazzjoni tal-kuntratti (inklużi l-evalwazzjoni, l-intitolamenti, il-liv annwali, eċċ.) f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal tal-eu-LISA u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS). Dan jinkludi wkoll l-analiżi u l-aġġornar tal-proċessi tar-riżorsi umani (inkluża d-diġitalizzazzjoni). L-ippjanar tal-forza tax-xogħol huwa ggwidat mill-Istrateġija tal-eu-LISA, mill-proposti tal-Kummissjoni dwar sistemi ĠAI ġodda, u mid-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jakkomoda wkoll l-approċċ ibbażat fuq il-kompetenzi għall-ġestjoni tar-riżorsi umani. |
| **Tranżizzjoni għall-ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenzi** | Ir-rispons b'mod sod u effettiv għall-ħtiġijiet tan-negozju billi titrawwem l-eċċellenza fit-tmexxija u fir-relazzjonijiet tal-impjegati, l-implimentazzjoni tal-proġett ta' trasformazzjoni kulturali u l-kultivazzjoni ta' organizzazzjoni xprunata mill-valur. | It-trawwim tal-eċċellenza fit-tmexxija u fir-relazzjonijiet tal-impjegati, l-implimentazzjoni tal-proġett ta' trasformazzjoni kulturali u l-kultivazzjoni ta' organizzazzjoni xprunata mill-valur. |
| **Ġestjoni tat-talent** | Li jiġi żgurat li l-eu-LISA jkollha l-persuni adatti fil-pożizzjonijiet it-tajba billi tattira, tiżviluppa u żżomm professjonisti kwalifikati li jikkondividu l-valuri tal-Aġenzija, u li jkunu motivati u impenjati ħafna li jwettqu l-missjoni u l-objettivi tagħha. | L-iffukar fuq iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-impjiegi mill-attrazzjoni tat-talent, ir-reklutaġġ, l-onboarding, iż-żamma, u l-iżvilupp tal-karriera sas-separazzjoni. It-tisħiħ tal-iżvilupp tat-tmexxija, il-ġestjoni tal-prestazzjoni, l-akkwist tat-talent, ir-relazzjonijiet tal-impjegati, it-tagħlim u l-iżvilupp, l-analitika tal-persuni, il-proġetti tal-benesseri tal-impjegati, u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet relatati mat-tisħiħ tal-kultura u l-valuri organizzazzjonali. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operazzjonali | 20 % tal-pożizzjonijiet amministrattivi u 70 % tal-pożizzjonijiet operazzjonali |
| Perċentwal (%) ta' jiem ta' assenza ċċertifikata vs mhux iċċertifikata mix-xogħol matul il-perjodu tar-rapportar | inqas minn 25 % tal-jiem ta' assenza mhux iċċertifikati |
| Perċentwal (%) tad-dawran tal-persunal fis-sena | inqas minn 5 % tad-dawran tal-persunal |
| Riżultati tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-persunal | Riżultati tal-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-persunal ta' aktar minn 7.5 |
| Livell ta' sodisfazzjon ġenerali | 'il fuq minn 85 % għal taħriġ u attivitajiet ta' żvilupp |
| Rata ta' okkupanza | ≥ 94 % |

## Baġit, Finanzi, Ġestjoni tal-Akkwist

L-Aġenzija hija impenjata li ssaħħaħ u tirfina l-proċessi finanzjarji interni u l-proċeduri ta' akkwist tagħha biex tiżgura l-ġestjoni trasparenti, effiċjenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji tagħha, f'allinjament mal-istrumenti u l-obbligi regolatorji rilevanti, kif ukoll f'konformità mar-rekwiżiti ġenerali ta' governanza.

Il-**funzjoni tal-baġit u tal-finanzi** tal-Aġenzija tiżgura r-riżorsi meħtieġa għall-eżekuzzjoni bla xkiel ta' l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ewlenin tal-eu-LISA billi tipprovdi ġestjoni finanzjarja soda, tiżviluppa kapaċitajiet ta' ppjanar baġitarju, u tiżgura monitoraġġ u eżekuzzjoni ta' kwalità għolja tal-operazzjonijiet finanzjarji tagħha.

Il-**funzjoni tal-akkwist** se tkompli ssaħħaħ il-proċeduri tagħha, tibni u żżomm il-kapaċitajiet biex tipprovdi pariri esperti dwar il-proċeduri ta' akkwist kemm internament kif ukoll lil kuntratturi u fornituri potenzjali. Din tmexxi wkoll l-iżvilupp, is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' akkwist tal-eu-LISA, kif ukoll it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan tal-akkwiżizzjoni tal-akkwist.

Il-**funzjoni finanzjarja u tal-akkwist** tal-Aġenzija qiegħda kontinwament tistinka biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' rapportar u analitiċi tagħha biex tiżgura teħid ta' deċiżjonijiet u rapportar finanzjarju ġusti, trasparenti u affidabbli.

Barra minn hekk, il-**qafas ta' kontroll intern u l-awditi** relatati mal-finanzjament u l-akkwist se jkomplu jiżguraw li l-attivitajiet ta' ġestjoni finanzjarja u tal-akkwist tal-eu-LISA jibqgħu konformi mal-istandards rilevanti, filwaqt li jiġu wkoll dokumentati kif xieraq, riveduti u aġġornati b'mod kostanti.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li jiġu pprovduti servizzi finanzjarji u ta' akkwist sodi u trasparenti, inkluż l-appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u l-għoti ta' rapporti finanzjarji meħtieġa,
- li jiġu żgurati l-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija u ż-żamma ta' sistema soda ta' kontroll tal-kontabilità,
- li jiġu eżegwiti u żviluppati proċeduri stabbiliti, u jitwettaq kontroll intern u awditjar.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja** | Li tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja soda tal-finanzi u l-assi tal-eu-LISA, u jinżammu l-kapaċitajiet għal ippjanar, monitoraġġ u eżekuzzjoni preċiżi tal-baġit għall-finijiet ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija f'konformità mal-istandards, ir-rekwiżiti u r-regolamenti rilevanti. | Li jiġu pprovduti servizzi ta' kwalità għolja u adatti għall-iskop tagħhom għal servizzi ta' ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja biex jappoġġaw lill-persunal tal-eu-LISA, speċifikament lis-sidien tal-baġit, fid-dmirijiet tagħhom ta' ppjanar, monitoraġġ u eżekuzzjoni, inkluż fil-kapaċità tagħhom bħala uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega. |
| **Ġestjoni tal-Akkwist u l-Akkwiżizzjoni** | Li jiġu appoġġati l-attivitajiet ewlenin u korporattivi tal-Aġenzija billi jkun żgurat li l-attivitajiet kollha ta' akkwist u ta' akkwiżizzjoni jitwettqu fi żmien xieraq u f'konformità mar-regolamenti rilevanti u r-riżorsi disponibbli. | Il-koordinazzjoni u t-twettiq tal-azzjonijiet kollha meħtieġa, kif previst fid-deċiżjonijiet ta' finanzjament rispettivi, għat-tħejjija tal-adozzjoni ta' impenji legali (jiġifieri kuntratti, ordnijiet ta' xiri, eċċ.) għall-akkwist ta' provvisti, servizzi u xogħlijiet meħtieġa mill-Aġenzija. |
| **Kontrolli finanzjarji interni, u monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar** | Li jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-eu-LISA fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja u tal-akkwist jiġu ddokumentati, riveduti u aġġornati kif xieraq, f'konformità mal-istandards u r-regolamenti rilevanti. | Żvilupp sistematiku u rieżami u monitoraġġ ta' proċeduri interni, għodod, u analiżi relatati mal-ibbaġitjar, l-akkwist, u l-ġestjoni finanzjarja, bil-ħsieb li jissaħħu l-kontrolli interni u tissaħħaħ il-ġestjoni finanzjarja soda. Dan jinkludi wkoll |

il-parteċipazzjoni attiva fir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern u estern u s-segwitu tagħhom.

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni | > 60% tal-proġetti tal-akkwist skont l-iskeda |
| Rata ta' kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti | < 5 % |
| Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji | 95 % sa 99 % |
| Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti | > 95 % |
| Proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji | 90 % sa 100 % |

## Servizzi legali

Is-servizzi legali tal-Aġenzija jiżguraw li l-eu-LISA topera f'konformità mal-qafas regolatorju applikabbli billi tipprovdi pariri u opinjonijiet legali f'waqthom kemm lill-partijiet ikkonċernati interni kif ukoll esterni dwar kwistjonijiet bħal kwistjonijiet tal-persunal, akkwist, kuntratti, kif ukoll aspetti operazzjonali u regolatorji tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE. Barra minn hekk, is-servizzi legali jimmonitorjaw l-obbligi legali tal-eu-LISA, janalizzaw kwistjonijiet legali kumplessi, jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prattika u jirrappreżentaw lill-Aġenzija fil-qrati tal-UE u nazzjonali. Is-servizz ta' kwalità għolja pprovdut jiggarantixxi r-rispett għal-liġi u jipprevjeni riskji għar-reputazzjoni tal-Aġenzija permezz tal-indirizzar ta' inkjesti amministrattivi, ilmenti u talbiet dwar aċċess għal dokumenti.

### Fl-2023, l-objettiv ewlieni huwa:

- li jiġu pprovduti pariri legali, għarfien espert u opinjoni f'waqthom dwar varjetà ta' kwistjonijiet, kif meħtieġ.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Servizzi legali** | Li tiġi żgurata l-konformità mal-qafas regolatorju applikabbli u jiġu salvagwardjati l-interessi tal-Aġenzija, filwaqt li tinżamm ukoll ir-reputazzjoni tal-eu-LISA bħala sieħeb ta' fiduċja u affidabbli. | Li jiġi pprovdut għarfien espert legali ta' kwalità għolja dwar varjetà ta' kwistjonijiet (eż. kwistjonijiet tal-persunal, akkwist, kuntratti, abbozzar u rieżami ta' dokumenti u ftehimiet, awditi, protezzjoni tad-*data*, eċċ.), inklużi aspetti operazzjonali u regolatorji tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE ssorveljati mill-Aġenzija. Kompiti addizzjonali jinkludu l-indirizzar ta' diversi lmenti, inkjesti, talbiet għal aċċess għal dokumenti, u l-għoti ta' rappreżentanza fi proċedimenti legali quddiem il-qrati tal-UE jew dawk nazzjonali. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Pariri legali, opinjoni u rappreżentanza mogħtija. | Pariri legali, opinjoni, rappreżentanza, u suġġerimenti tal-aħjar prattika pprovduti fl-iskadenzi meħtieġa. |

## Servizzi ta' Appoġġ (Korporattiv) (Ġestjoni tal-Faċilità u Servizzi tal-IT Korporattivi)

Is-servizzi ta' appoġġ korporattiv tal-Aġenzija jinkludu l-ġestjoni tal-faċilitajiet (eż. it-tindif, ir-rimi tal-iskart, il-provvisti u l-posta), il-ġestjoni tal-informazzjoni u s-servizzi tal-IT korporattivi.

**Ġestjoni tal-faċilitajiet.** L-enfasi hija fuq l-iżvilupp ta' programm ta' manutenzjoni ottimizzat u flessibbli fil-lokazzjonijiet kollha biex tiġi żgurata infrastruttura tal-bini sigura, effiċjenti u funzjonali, allinjata bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tan-negozju u mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà tal-Aġenzija. B'riżultat tat-teħid proattiv tal-azzjonijiet u l-miżuri preventivi meħtieġa, l-eu-LISA tista' tipprovdi ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa u sikur għall-persunal tagħha. Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-faċilitajiet se tiffoka b'mod kollaborattiv fuq miżuri ambjentali, eż., l-insegwiment taċ-**ċertifikazzjoni tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS)**, u impenn ġenerali biex issir organizzazzjoni ambjentalment sostenibbli.

**Ġestjoni tal-informazzjoni.** L-għan huwa li jiġu ssimplifikati l-proċessi tal-eu-LISA għall-ġestjoni tad-dokumenti u tar-rekords, inkluża l-preservazzjoni fit-tul tagħhom. Il-fokus primarju tagħhom huwa li

jipprovdu l-metodi u l-għodod l-aktar effiċjenti (jiġifieri, sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni) biex jaqbdu, jipproċessaw, jiġġestixxu, iwettqu, jaħżnu u jippreservaw l-informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-Aġenzija.

**IT korporattiv.** Dan hu responsabbli mill-ġestjoni u l-manutenzjoni tat-tagħmir kollu tal-IT, l-applikazzjonijiet, is-servizzi tan-network u tal-komunikazzjoni użati mill-persunal tal-Aġenzija fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, u biex jipprovdi servizzi ta' appoġġ għall-utenti finali (jiġifieri, service desk intern). L-objettiv primarju huwa li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun kapaċi tilħaq l-objettivi tan-negozju tagħha bil-kapaċitajiet, il-proċessi u r-riżorsi partikolari. Il-funzjoni tal-IT korporattiv tal-Aġenzija hija responsabbli wkoll mill-proġetti ta' titjib immirati biex iżidu l-effiċjenza u l-aġilità tal-organizzazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL), u l-migrazzjoni ta' ċerti servizzi tal-IT lejn il-cloud.

**Fl-2023, l-objettivi ewlenin huma:**

- li titkompla l-implimentazzjoni b'suċċess tat-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu,
- li jiġi żgurat li l-proċessi tal-IT tal-eu-LISA jinżammu b'mod effettiv u li l-infrastruttura tagħha tal-IT korporattiv tibqa' affidabbli, flessibbli, disponibbli ħafna, u integrata fl-oqsma tas-sistemi tal-ICT, il-komunikazzjoni tan-network, u l-applikazzjonijiet tal-IT.

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Appoġġ Amministrattiv għall-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv** | Li jiġi pprovdut appoġġ eżekuttiv ta' kwalità għolja u f'waqtu biex jiġi żgurat l-operat effiċjenti tal-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv, u b'hekk ikun hemm kontribut għall-kisba tal-għanijiet u l-objettivi tal-eu-LISA. | Li jiġi pprovdut appoġġ amministrattiv u eżekuttiv (inkluż skedar, korrispondenza, eċċ.) lill-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv, u l-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija, filwaqt li jitwettqu wkoll il-kompiti tal-Aġent tal-Inizjazzjoni Finanzjarja, biex fl-aħħar mill-aħħar jiġi żgurat li kollox jimxi bla xkiel u jiġi organizzat b'mod effiċjenti. |
| **Ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza** | Li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali għall-finijiet li jiġi pprovdut ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa għall-persunal tal-eu-LISA, is-sħab, il-viżitaturi, u l-persuni l-oħra kollha awtorizzati li jkunu fil-bini tal-Aġenzija. | L-implimentazzjoni ta' proċessi u proċeduri ddedikati għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-evalwazzjoni tar-riskji u l-identifikazzjoni tal-perikli, u l-monitoraġġ sussegwenti tal-konformità mal-istandards u r-rekwiżiti rilevanti, inkluż l-iżvilupp tal-Politika tas-Saħħa u s-Sikurezza tal-eu-LISA u l-pjan ta' azzjoni għall-kontroll u l-eliminazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. |
| **Servizzi ta' appoġġ korporattiv orizzontali (missjonijiet, faċilitajiet, loġistika, u provvisti tal-uffiċċju)** | Li tiġi żgurata l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-eu-LISA bil-forniment ta' servizzi ta' appoġġ korporattiv f'waqthom u ta' kwalità għolja relatati ma' missjonijiet, faċilitajiet, loġistika, u ġestjoni tal-provvisti fil-lokalitajiet kollha tal-Aġenzija. | Li jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ korporattiv fil-lokalitajiet kollha tal-Aġenzija biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tal-loġistika u tal-provvisti tal-uffiċċju, tal-missjonijiet (inkluża l-għodda għall-Ġestjoni tal-Missjonijiet), kif ukoll tal-operazzjonijiet u tas-servizzi tal-faċilitajiet (inklużi l-manutenzjoni u t-tiswijiet ta' rutina). |
| **Ġestjoni tas-Servizzi Ambjentali** | Li jiġu ffaċilitati l-operazzjonijiet ta' kuljum ambjentalment sostenibbli bl-implimentazzjoni ta' politiki, proċessi u proċeduri rilevanti għall-finijiet tal-mitigazzjoni jew l-eliminazzjoni tal-impatti ambjentali negattivi, filwaqt li jiġi żgurat ukoll użu aktar effettiv tar-riżorsi f'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti ambjentali rilevanti. | L-implimentazzjoni ta' politiki, proċessi u proċeduri rilevanti biex jiġi żgurat it-tħaddim ambjentalment sod, inkluż l-istabbiliment tas-Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali (EMS) tal-eu-LISA biex jiġu żgurati l-ippjanar, il-monitoraġġ u t-titjib sistematiċi tal-prestazzjoni ambjentali tal-Aġenzija, bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni fl-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE. |
| **Ċentru tad-*data* ta' Strasburgu — proġett ta' żieda fil-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ** | Li jiġu żgurati r-reżiljenza u d-disponibbiltà tas-sistemi ewlenin tan-negozju tal-eu-LISA billi tittejjeb il-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ fiċ-ċentru tad-*data* ta' Strasburgu biex tissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali li qed jiżdiedu li jirriżultaw mill-mandat estiż, jiġifieri, il-ġestjoni operazzjonali ta' għadd dejjem jikber ta' sistemi ġodda. | L-istabbiliment tal-infrastruttura supplimentari meħtieġa biex jiġu ospitati sistemi tan-negozju ewlenin u riżorsi operazzjonali bbażati fuq previżjonijiet ta' rekwiżiti futuri tal-enerġija u t-tkessiħ kif ikkalkulati, jiġifieri sa 300 % tal-kapaċità attwali. |
| **Amministrazzjoni, manutenzjoni u appoġġ għall-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-ICT** | Li jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-IT tal-Aġenzija tkun affidabbli, flessibbli, disponibbli ħafna, u integrata fl-oqsma tas-sistemi tal-ICT, il-komunikazzjoni tan-network, u l-applikazzjonijiet tal-IT. | Il-forniment ta' manutenzjoni korrettiva, preventiva, evoluttiva u adattiva u appoġġ għall-infrastruttura korporattiva tal-ICT u l-applikazzjonijiet tal-IT tal-Aġenzija. |

| Kompitu tal-proġett/Mhux tal-proġett | Objettiv | Deskrizzjoni u stadji importanti ewlenin |
|---|---|---|
| **Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriża** | Li jiġi implimentat approċċ olistiku għall-ġestjoni tal-informazzjoni, li jinkludi l-partijiet kollha tal-kollezzjoni tal-informazzjoni (information puzzle) — mill-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi (ECM) sal-ġestjoni tad-*data* u tar-rekords. | Il-funzjonalità tal-ġestjoni tad-dokumenti u tar-rekords biex jittejbu l-proċessi interni, inkluż ir-repożitorju tal-ECM, it-tiftix tal-intrapriżi, u l-konfigurazzjoni tal-flussi tax-xogħol, permezz tal-ġestjoni tal-informazzjoni strutturata u mhux strutturata kollha billi jinġabru flimkien l-istrateġiji (politiki u proċeduri) , il-metodi u l-għodod (sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni) kollha tal-eu-LISA li jintużaw għall-awtomatizzazzjoni tal-proċessi, kif ukoll il-qbid, il-ġestjoni, il-ħżin u l-preservazzjoni tal-informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-Aġenzija. |
| **It-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu** | l-estensjoni tal-bini operazzjonali eżistenti tal-eu-LISA fi Strasburgu biex jakkomoda ż-żieda fil-ħtiġijiet tal-kapaċità li tirriżulta mill-mandat estiż, jiġifieri bini u faċilitajiet adegwati biex jospitaw infrastruttura tas-sistemi u riżorsi operazzjonali addizzjonali. | L-estensjoni tal-bini operazzjonali eżistenti fi Strasburgu biex jakkomoda ż-żieda fil-kapaċità, il-persunal u l-infrastruttura tas-sistemi. |
| **Ġestjoni intelliġenti tal-ispazju** | Il-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol pjaċevoli u ottimali u t-titjib tal-produttività tal-persunal bl-introduzzjoni ta' soluzzjoni ġdida ta' software għall-ġestjoni tal-ispazju tal-uffiċċji biex tiġi implimentata l-politika tax-xogħol ibbażata fuq l-attività u l-iskrivaniji fuq il-post tax-xogħol b'użu flessibbli mill-persunal (hot-desking). | It-titjib tal-produttività u l-użu effiċjenti tal-ispazju tal-uffiċċji permezz tal-implimentazzjoni ta' ħidma bbażata fuq l-attività (ABW) u politika ta' hot desking biex jiġu ġġenerati gwadanji fl-effiċjenza u ffrankar tal-ispejjeż. Għal dak il-għan, l-introduzzjoni ta' soluzzjoni ta' software ġdid biex tiġi żgurata ġestjoni aktar effiċjenti tal-ispazju tal-uffiċċji, jiġifieri, il-ġestjoni tal-iskrivaniji, il-kmamar tal-laqgħat, l-allokazzjoni tal-ispazju, l-analitika tal-post tax-xogħol, eċċ. |
| **Migrazzjoni għall-cloud u infrastruttura ta' desktop virtwali bbażata fuq il-cloud** | Il-migrazzjoni tal-infrastruttura u l-applikazzjonijiet tal-IT korporattiv tal-eu-LISA għall-cloud bl-għan li jitnaqqsu l-kostijiet operazzjonali u jittejbu l-proċessi tal-IT korporattiv, filwaqt li jitnaqqas ukoll iż-żmien ta' bidla għall-implimentazzjoni tal-bidliet. Sabiex tippermetti l-virtwalizzazzjoni tad-desktop għall-mobbiltà tal-persunal, l-Aġenzija qed tistabbilixxi ambjent ta' infrastruttura ta' desktop virtwali (VDI) ibbażat fuq il-cloud. | Il-migrazzjoni b'suċċess tal-applikazzjonijiet kollha tal-Infrastruttura tal-IT korporattiva għall-cloud ospitat mid-DĠ DIGIT tal-Kummissjoni. L-implimentazzjoni ta' ambjent ta' infrastruttura ta' desktop virtwali (VDI) ibbażat fuq il-cloud għall-ospitar ta' stazzjonijiet tax-xogħol korporattivi (Desktop bħala Servizz) biex jiġu bbilanċjati r-rekwiżiti tal-utent finali u dawk tal-IT, u jiġu permessi l-iżolament, il-mobbiltà, l-aċċessibbiltà, u l-virtwalizzazzjoni tad-desktop, filwaqt li jiġi pprovdut ukoll ambjent dinamiku fuq talba li jkun kapaċi jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. |
| **Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL)** | It-titjib tal-effiċjenza u l-kisba ta' twettiq prevedibbli ta' servizzi fil-qasam tal-IT korporattiv. | L-iżgurar tal-għażla, l-ippjanar, it-twettiq u l-manutenzjoni standardizzati tas-servizzi tal-IT korporattiv tal-Aġenzija billi l-utenti finali jiġu pprovduti bis-servizz it-tajjeb, u bl-użu taċ-ċiklu tal-ħajja mill-bidu sal-aħħar biex jiġi segwit is-servizz f'kull pass. |

| Indikaturi tal-prestazzjoni | Mira tal-prestazzjoni |
|---|---|
| Disponibbiltà ta' servizzi tal-IT korporattiv | > 90 % (ħin reali tal-applikazzjonijiet) |
| Sodisfazzjon korporattiv tal-utent finali/impjegat | > 90 % |
| It-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu | Devjazzjoni tal-kostijiet totali ≤ 10 %<br>Devjazzjoni tal-iskeda totali ≤ 10 %<br>L-ebda devjazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni |

# ANNESSI

# Anness I. Organigramma

**Din l-organigramma turi l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA sal-livell tal-unità. Hemm inklużi wkoll il-funzjonijiet li huma elenkati fir-Regolament ta' Stabbiliment u s-subdiviżjonijiet individwali li mhumiex parti minn ebda unità.**

Fl-2021, l-Aġenzija għamlet biss bidliet żgħar fl-istruttura organizzazzjonali tagħha sabiex tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-mudell operazzjonali l-ġdid tagħha. L-ebda waħda minn dawk il-bidliet ma affettwat l-istruttura organizzazzjonali ġenerali tal-Aġenzija adottata fl-2019.

**Illustrazzjoni 1. l-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA (f'Diċembru 2021)**




It-Tabella 5 tippreżenta l-għadd ta' pożizzjonijiet okkupati u vakanti f'kull subdiviżjoni fil-31 ta' Diċembru 2021.

L-informazzjoni dwar l-offerti ta' impjieg ippubblikati hija ppreżentata fit-taqsima dwar il-politika ta' reklutaġġ fl-**Anness V**.

**Tabella 5. Għadd ta’ persunal skont l-unità (għal kull kategorija ta’ persunal) fil-31.12.2021**

| | | Numru ta’ pożizzjonijiet[74] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | AT | | AK | | ENS | | Total |
| Dipartiment | Unità | Okkupati | Vakanti | Okkupati | Vakanti[75] | Okkupati | Vakanti | |
| Direttur Eżekuttiv | M/A | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| | Viċi Direttur Eżekuttiv | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| | Uffiċjal ta’ Kollegament | 1 | 0 | 2 | 0 | 1 | 0 | 4 |
| | Kapaċità tal-Awditjar Intern | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| | EPMO | 2 | 0 | 3 | 0 | 0 | 0 | 5 |
| | Uffiċjal tal-Kontabilità | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* | 1 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| | Sigurtà | 12 | 0 | 6 | 3 | 2 | 0 | 23 |
| Dipartiment tal-Governanza Korporattiva | M/A | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 |
| | Unità tal-Appoġġ Eżekuttiv u tar-Relazzjonijiet mal-Partijiet Ikkonċernati | 9 | 0 | 3 | 0 | 1 | 0 | 13 |
| | Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet | 11 | 1 | 3 | 1 | 2 | 0 | 18 |
| Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | N/A | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| | Settur Legali | 2 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0 | 3 |
| | Unità tar-Riżorsi Umani | 10 | 2 | 7 | 2 | 0 | 0 | 21 |
| | Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti | 19 | 3 | 10 | 0 | 0 | 0 | 32 |
| | Unità tas-Servizzi Korporattivi | 9 | 1 | 7 | 1 | 1 | 0 | 19 |
| Dipartiment tal-Operazzjonijiet | N/A | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| | Unità tal-Ippjanar u tal-Istandards | 28 | 3 | 8 | 0 | 1 | 0 | 40 |
| | Unità tal-Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti | 17 | 3 | 11 | 4 | 0 | 1 | 36 |
| | Unità tat-Testijiet u tat-Tranżizzjoni | 15 | 0 | 11 | 2 | 0 | 0 | 28 |
| | Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastruttura | 25 | 2 | 10 | 5 | 2 | 0 | 44 |
| | Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi | 23 | 1 | 22 | 9 | 0 | 0 | 55 |
| | *Għandhom jiġu deċiżi* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total** | | **193** | **16** | **107** | **29** | **10** | **1** | **356** |

[74] Il-pożizzjonijiet okkupati ma jinkludux offerti ta’ impjieg li saru lill-applikanti magħżula.
[75] Bilanċ negattiv ifisser li hemm kariga għal żmien qasir fl-unità maħluqa biex tkopri n-nuqqas ta’ persunal li għandu impatt fuq iċ-ċifri tar-reklutaġġ.

# Anness II. Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività għall-2023–2025

**Dan l-anness jippreżenta t-tqassim tal-istimi tar-riżorsi umani u finanzjarji tal-eu-LISA għal kull attività u kompitu/proġett matul il-perjodu mill-2023 sal-2025.**

Barra minn hekk, l-eu-LISA indikat ukoll l-għadd ta’ persunal ta’ appoġġ estern meħtieġ għal kull kompitu biex jikkomplementa l-persunal statutorju tal-Aġenzija fit-twettiq tal-programm ta’ ħidma ppjanat f’sena partikolari.

## Sistemi Ġodda

| Attività | 2023 | | | | | | 2024[76] | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit[77] | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **Sistemi ġodda** | **7.95** | **6.90** | **-** | **8.00** | **9.20** | **31,057,000** | **0.85** | **1.05** | **4.15** | **0.25** | **-** | **6,500,000** | **6.90** | **0.35** | **3.55** | **0.35** | **1.10** | **13,500,000** |
| **EES** | **3.15** | **2.60** | **-** | **8.00** | **9.00** | **21,000,000** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **4.80** | **0.05** | **-** | **-** | **1.10** | **7,500,000** |
| Aġġustamenti tal-EES għall-komponenti tal-interoperabbiltà | | | | | | 9,000,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Implimentazzjoni ewlenija tal-EES Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema (FSA) | | | | | | 4,000,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Aġġornament tal-Infrastruttura tal-EES | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | 7,500,000 |
| Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-servizzi tal-web | | | | | | 8,000,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| **ETIAS** | **4.80** | **4.30** | **-** | **-** | **0.20** | **10,057,000** | **0.85** | **1.05** | **4.15** | **0.25** | **-** | **6,500,000** | **2.10** | **0.30** | **3.55** | **0.35** | **-** | **6,000,000** |
| ETIAS — Sorveljanza tat-teknoloġija l-aktar reċenti | | | | | | 500.000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Stennija mhux interrotta u attiva-attiva tal-ETIAS | | | | | | - | | | | | | 5,000,000 | | | | | | 5,000,000 |
| Konnessjoni tal-ETIAS mal-VIS riveduta | | | | | | - | | | | | | 1,500,000 | | | | | | - |
| Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ETIAS | | | | | | 9,557,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Aġġornament tal-Infrastruttura tal-ETIAS | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | 1,000,000 |
| Għodda tal-ġestjoni tal-kollegament tal-ETIAS MID | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |

[76] L-informazzjoni dwar il-persunal (FTEs) u l-ippjanar tal-baġit kif indikat fl-Anness II li ġej għas-snin 2024 sa 2025 hija tentattiva u soġġetta għal aktar irfinar meta ssir disponibbli informazzjoni aktar dettaljata.

[77] Il-baġit għal kull attività kif ippreżentat fl-Anness II jinkludi biss l-estimi għar-riżorsi finanzjarji taħt it-Titolu 3.

## Interoperabbiltà

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **Interoperabbiltà** | **16.90** | **7.05** | **-** | **1.00** | **16.75** | **19,925,300** | **14.95** | **7.20** | **9.15** | **2.40** | **17.70** | **45,257,000** | **5.60** | **2.30** | **2.00** | **-** | **12.10** | **23,862,000** |
| **sBMS** | **12.80** | **3.85** | **-** | **-** | **16.75** | **15,523,700** | **12.65** | **4.75** | **3.30** | **-** | **15.70** | **41,589,000** | **5.60** | **2.30** | **2.00** | **-** | **10.10** | **19,194,000** |
| Bijometrika bħala Servizz (BaaS) | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |
| L-iżvilupp tal-ECRIS-TCN fl-sBMS (marki tas-swaba') | | | | | | 697,700 | | | | | | - | | | | | | - |
| Studju ta' rikonoxximent tal-wiċċ tal-ECRIS-TCN | | | | | | - | | | | | | 500,000 | | | | | | - |
| L-implimentazzjoni tal-EES BMS / sBMS | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |
| Integrazzjoni funzjonali tal-Eurodac sBMS u migrazzjoni tad-*data* (marki tas-swaba') | | | | | | pm | | | | | | 479,000 | | | | | | 242,000 |
| Segwitu u kontribut għall-grupp ta' ħidma ISO SC37 | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |
| Implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet bijometriċi tar-Riformulazzjoni tal-VIS fl-sBMS | | | | | | 300,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Impatt tal-MID fuq l-sBMS | | | | | | 545,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Gruppi ta' Ħidma Bijometriċi Regolari | | | | | | | | | | | | - | | | | | | - |
| Manutenzjoni tal-sBMS | | | | | | 13,381,000 | | | | | | 13,600,000 | | | | | | 13,550,000 |
| Żieda progressiva fil-kapaċità tal-sBMS u titjib ulterjuri | | | | | | - | | | | | | 21,410,000 | | | | | | 402,000 |
| SISII — integrazzjoni funzjonali tal-sBMS u l-migrazzjoni tad-*data* bijometrika għall-interoperabbiltà | | | | | | 600,000 | | | | | | 5,100,000 | | | | | | - |
| Żvilupp u titjib tal-portafoll bijometriku | | | | | | pm | | | | | | 500,000 | | | | | | 5,000,000 |
| **CIR** | **4.10** | **3.20** | **-** | **1.00** | **-** | **4,401,600** | **1.55** | **0.90** | **2.30** | **1.10** | **1.00** | **2,560,000** | **-** | **-** | **-** | **-** | **1.00** | **3,280,000** |
| Manutenzjoni tas-CIR u tal-MID | | | | | | - | | | | | | 2,560,000 | | | | | | 3,280,000 |
| Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà (appoġġ għall-attivitajiet finali ta' aċċettazzjoni tas-sistema għall-ESP, is-CIR, il-MID u s-CRRS) | | | | | | 4,401,600 | | | | | | - | | | | | | - |
| **ESP** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **0.25** | **0.70** | **1.65** | **0.70** | **0.50** | **520,000** | **-** | **-** | **-** | **-** | **0.50** | **800,000** |
| Manutenzjoni tal-ESP | | | | | | - | | | | | | 520,000 | | | | | | 800,000 |

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **CRRS** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **0.50** | **0.85** | **1.90** | **0.60** | **0.50** | **588,000** | **-** | **-** | **-** | **-** | **0.50** | **588,000** |
| Manutenzjoni tas-CRRS | | | | | | - | | | | | | 588,000 | | | | | | 588,000 |

## Sistemi tal-Ġustizzja

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **Sistemi tal-ġustizzja** | **1.30** | **2.75** | **0.40** | **1.10** | **6.00** | **1,635,334** | **1.30** | **2.75** | **0.40** | **1.10** | **9.50** | **2,925,444** | **1.30** | **2.75** | **0.40** | **1.10** | **9.50** | **3,425,444** |
| **L-e-CODEX** | **0.40** | **1.70** | **0.40** | **1.10** | **4.00**[78] | **890,000** | **0.40** | **1.70** | **0.40** | **1.10** | **8.00** | **1,291,000** | **0.40** | **1.70** | **0.40** | **1.10** | **8.00** | **1,291,000** |
| Trasferiment u ġestjoni operazzjonali tas-sistema e-CODEX | | | | | | 890,000 | | | | | | 1,291,000 | | | | | | 1,291,000 |
| **ECRIS-TCN / ECRIS RI** | **0.90** | **1.05** | **-** | **-** | **2.00** | **1,634,444** | **0.90** | **1.05** | **-** | **-** | **1.50** | **1,634,444** | **0.9** | **1.05** | **-** | **-** | **1.50** | **2,134,444** |
| Manutenzjoni tal-ECRIS RI | | | | | | 500,000 | | | | | | 500,000 | | | | | | 1,000,000 |
| Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |
| Manutenzjoni tal-ECRIS-TCN | | | | | | 1,134,444 | | | | | | 1,134,444 | | | | | | 1,134,444 |

[78] Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta’ *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1): COM/2020/712 COM). Il-pjan tal-persunal jipprevedi 2 pożizzjonijiet ta’ AK fl-2022 u 3 pożizzjonijiet ta’ AT fl-2023.

## Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **Ġestjoni operazzjonali tas-sistemi li qed jiġu prodotti** | **49.05** | **55.00** | **4.00** | **7.50** | **11.55** | **68,434,000** | **56.70** | **52.25** | **8.30** | **0.20** | **9.05** | **105,526,000** | **39.95** | **52.25** | **6.40** | **0.20** | **7.50** | **56,478,000** |
| **SIS** | **8.90** | **7.80** | **0.60** | **5.00** | **4.00** | **17,326,000** | **6.10** | **7.50** | **1.00** | **-** | **3.50** | **30,129,000** | **5.90** | **7.40** | **1.00** | **-** | **3.50** | **12,147,000** |
| Modulu ġeneriku ewlieni ta' interkonnessjoni tas-SIS (interfaċċa li tippermetti l-konnessjonijiet tas-SIS ma' sistemi oħra u l-implimentazzjoni tal-interkonnessjoni tal-ETIAS) | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |
| Kapaċità estiża tas-SIS | | | | | | 2,076,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Implimentazzjoni ta' allert ta' informazzjoni ġdid għas-SIS | | | | | | pm[79] | | | | | | - | | | | | | - |
| Magna tat-tiftix ġdida u aġġornament ta' Oracle għas-SIS | | | | | | - | | | | | | - | | | | | | - |
| Żvilupp attiv-attiv tas-SIS | | | | | | - | | | | | | 20,000,000 | | | | | | - |
| Manutenzjoni tas-SIS AFIS | | | | | | 3,000,000 | | | | | | 3,000,000 | | | | | | 3,000,000 |
| Migrazzjoni tas-SIS AFIS għall-sBMS | | | | | | 3,000,000 | | | | | | | | | | | | |
| Manutenzjoni tas-SIS | | | | | | 7,450,000 | | | | | | 6,579,000 | | | | | | 8,597,000 |
| Appoġġ tas-SIS lill-Istati Membri | | | | | | 550,000 | | | | | | 550,000 | | | | | | 550,000 |
| Interkonnessjoni tas-SIS Ċentrali mal-komponenti tal-interoperabbiltà kollha (ħlief sBMS) | | | | | | 1,250,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| **VIS** | **8.45** | **7.85** | **-** | **-** | **1.50** | **41,928,000** | **10.60** | **2.90** | **3.40** | **-** | **1.50** | **51,593,000** | **3.95** | **2.90** | **3.40** | **-** | **1.50** | **22,552,000** |
| Integrazzjoni tal-Kroazja fil-VIS b'aċċess sħiħ | | | | | | pm | | | | | | - | | | | | | - |
| Integrazzjoni tal-VIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà | | | | | | 4,000,000 | | | | | | - | | | | | | - |
| Monitoraġġ Intelliġenti tal-VIS — Valutazzjoni tal-Impatt | | | | | | - | | | | | | 1,000,000 | | | | | | - |
| Manutenzjoni tal-VIS | | | | | | 13,000,000 | | | | | | 13,240,000 | | | | | | 13,490,000 |

[79] Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża mar-Regolament (UE) 2022/1190 tipprevedi approprjazzjoni ta' impenn tat-Titolu 3 ta' EUR 1.5 miljun fl-2024, iżda l-attività tressqet 'il quddiem għall-2023, u l-baġit korrispondenti se jintuża fl-2023, skont id-disponibbiltà tal-fondi.

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| Żvilupp ta' Riformulazzjoni tal-VIS (inkluż struttura attiva-attiva) | | | | | | 24,928,000 | | | | | | 28,343,000 | | | | | | - |
| Manutenzjoni tar-Riformulazzjoni tal-VIS | | | | | | - | | | | | | 9,010,000 | | | | | | 9,062,000 |
| **Eurodac** | **6.45** | **2.70** | **1.60** | **-** | **0.50** | **5,750,000** | **7.20** | **3.60** | **1.40** | **0.20** | **0.50** | **4,300,000** | **0.60** | **3.30** | **-** | **0.20** | **0.50** | **4,000,000** |
| Eurodac - Manutenzjoni tad-DubliNet | | | | | | 5,750,000 | | | | | | 4,300,000 | | | | | | 4,000,000 |
| Implimentazzjoni ta' Riformulazzjoni tal-EURODAC (inkluża l-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà) | | | | | | pm | | | | | | | | | | | | |
| **EES** | **0.75** | **0.15** | **-** | **-** | **3.55** | **1,270,000** | **7.70** | **0.70** | **1.00** | **-** | **3.55** | **8,340,000** | **4.40** | **1.10** | **1.00** | **-** | **2.00** | **5,340,000** |
| Manutenzjoni ewlenija tal-EES | | | | | | 850,000 | | | | | | 5,840,000 | | | | | | 3,840,000 |
| Manutenzjoni tas-servizzi tal-web | | | | | | 420,000 | | | | | | 2,500,000 | | | | | | 1,500,000 |
| **ETIAS** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **2.15** | **0.30** | **1.50** | **-** | **-** | **10,414,000** | **2.15** | **0.30** | **1.00** | **-** | **-** | **11,914,000** |
| Manutenzjoni tal-ETIAS | | | | | | - | | | | | | 10,414,000 | | | | | | 11,914,000 |
| **Għodod ta' appoġġ u ta' servizz operazzjonali tal-ewwel u tat-tieni livell** | **24.50** | **36.50** | **1.80** | **2.50** | **2.00** | **2,160,000** | **22.95** | **37.25** | **-** | **-** | **-** | **750,000** | **22.95** | **37.25** | **-** | **-** | **-** | **525,000** |
| Appoġġ tal-ewwel livell ipprovdut 24/7 għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi — Service Desk tal-eu-LISA | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Appoġġ tat-tieni livell 24/7 għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tan-negozju ewlenin | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kollox jibqa' l-istess | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Implimentazzjoni ta' sostituzzjoni tal-EOPM | | | | | | 500,000 | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tal-avvenimenti — xiri, implimentazzjoni u manutenzjoni tas-sistema ewlenija tal-ġestjoni tal-avvenimenti | | | | | | 560,000 | | | | | | 150,000 | | | | | | 150,000 |
| Migrazzjoni ta' SM9 lejn SMAX — implimentazzjoni | | | | | | 575,000 | | | | | | 450,000 | | | | | | 225,000 |
| Migrazzjoni ta' SM9 għal SMAX — prova tal-kunċett | | | | | | 375,000 | | | | | | | | | | | | |
| Rapportar Operazzjonali — tagħriġ tal-utenti finali | | | | | | 100,000 | | | | | | 100,000 | | | | | | 100,000 |

| Attività | 2023 Persunal disponibbli AT | 2023 Persunal disponibbli AK u ENS | 2023 Persunal addizzjonali AT | 2023 Persunal addizzjonali AK u ENS | 2023 Appoġġ estern | 2023 Baġit | 2024 Persunal disponibbli AT | 2024 Persunal disponibbli AK u ENS | 2024 Persunal addizzjonali AT | 2024 Persunal addizzjonali AK u ENS | 2024 Appoġġ estern | 2024 Baġit | 2025 Persunal disponibbli AT | 2025 Persunal disponibbli AK u ENS | 2025 Persunal addizzjonali AT | 2025 Persunal addizzjonali AK u ENS | 2025 Appoġġ estern | 2025 Baġit |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Appoġġ lill-bejjiegħ għal manutenzjoni korrettiva, adattiva u evoluttiva | | | | | | 50,000 | | | | | | 50,000 | | | | | | 50,000 |

## Infrastruttura

| **Attività** | **2023 Persunal disponibbli AT** | **2023 Persunal disponibbli AK u ENS** | **2023 Persunal addizzjonali AT** | **2023 Persunal addizzjonali AK u ENS** | **2023 Appoġġ estern** | **2023 Baġit** | **2024 Persunal disponibbli AT** | **2024 Persunal disponibbli AK u ENS** | **2024 Persunal addizzjonali AT** | **2024 Persunal addizzjonali AK u ENS** | **2024 Appoġġ estern** | **2024 Baġit** | **2025 Persunal disponibbli AT** | **2025 Persunal disponibbli AK u ENS** | **2025 Persunal addizzjonali AT** | **2025 Persunal addizzjonali AK u ENS** | **2025 Appoġġ estern** | **2025 Baġit** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Infrastruttura** | **13.40** | **13.30** | **3.55** | **1.65** | **15.00** | **41,631,058** | **15.35** | **16.90** | **12.35** | **15.95** | **14.00** | **84,774,910** | **14.65** | **15.90** | **13.35** | **15.95** | **13.00** | **92,789,310** |
| **Network** | **3.80** | **3.10** | **-** | **-** | **6.00** | **15,973,297** | **7.10** | **2.95** | **1.35** | **1.35** | **6.00** | **14,210,000** | **7.10** | **1.25** | **1.35** | **1.35** | **5.00** | **17,210,000** |
| Manutenzjoni korrettiva u monitoraġġ tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita VISMail u SIRENEMail | | | | | | 250,000 | | | | | | 210,000 | | | | | | 210,000 |
| Ippjanar tal-kapaċità tan-network u titjib operazzjonali | | | | | | 1,000,000 | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni | | | | | | 14,723,297 | | | | | | 14,000,000 | | | | | | 17,000,000 |
| Tranżizzjoni għan-network TESTA l-ġdid | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Ċentru tad-*Data*** | **3.00** | **1.25** | **1.00** | **-** | **7.00** | **2,022,000** | **3.00** | **1.25** | **3.50** | **2.00** | **7.00** | **2,022,000** | **3.00** | **1.25** | **4.50** | **2.00** | **7.00** | **2,022,000** |
| Kostijiet operazzjonali u ta' ħidma tal-Unità Ċentrali ta' Backup | | | | | | 1,122,000 | | | | | | 1,122,000 | | | | | | 1,122,000 |
| Attivitajiet operazzjonali u evoluzzjonijiet u titjib tal-Unità Ċentrali u tal-Unità Ċentrali ta' Backup | | | | | | 500,000 | | | | | | 500,000 | | | | | | 500,000 |
| Konsolidazzjoni tal-infrastruttura tan-network fiżiku | | | | | | 400,000 | | | | | | 400,000 | | | | | | 400,000 |
| **Infrastruttura Kondiviża Komuni** | **6.60** | **8.95** | **2.55** | **1.65** | **2.00** | **23,635,761** | **5.25** | **12.70** | **7.50** | **12.60** | **1.00** | **68,542,910** | **4.55** | **13.40** | **7.50** | **12.60** | **1.00** | **73,557,310** |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-komponenti tal-infrastruttura ċentralizzata tas-CSI li jospitaw is-CBS | | | | | | 10,000,000 | | | | | | 14,000,000 | | | | | | 14,000,000 |

| | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Attività** | **Persunal disponibbli** | | **Persunal addizzjonali** | | **Appoġġ estern** | **Baġit** | **Persunal disponibbli** | | **Persunal addizzjonali** | | **Appoġġ estern** | **Baġit** | **Persunal disponibbli** | | **Persunal addizzjonali** | | **Appoġġ estern** | **Baġit** |
| | **AT** | **AK u ENS** | **AT** | **AK u ENS** | | | **AT** | **AK u ENS** | **AT** | **AK u ENS** | | | **AT** | **AK u ENS** | **AT** | **AK u ENS** | | |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita e-CODEX | | | | | | 40,000 | | | | | | 10,000 | | | | | | 10,000 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-ECRIS | | | | | | 907,555 | | | | | | 1,134,444 | | | | | | 1,134,444 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-EES | | | | | | 800,000 | | | | | | 25,060,000 | | | | | | 25,060,000 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-ETIAS | | | | | | - | | | | | | 5,600,000 | | | | | | 7,000,000 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-Eurodac | | | | | | 240,000 | | | | | | 450,000 | | | | | | 450,000 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-interoperabbiltà tas-CBS | | | | | | - | | | | | | 733,600 | | | | | | 1,167,000 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-sBMS | | | | | | 5,190,640 | | | | | | 7,217,300 | | | | | | 9,398,300 |
| Manutenzjoni u monitoraġġ korrettivi tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita l-VIS | | | | | | 1,600,000 | | | | | | 8,000,000 | | | | | | 8,000,000 |
| Evoluzzjoni, aġġornament u manutenzjoni adattiva tal-infrastruttura ċentralizzata li tospita s-CBS | | | | | | 1,600,000 | | | | | | 3,000,000 | | | | | | 4,000,000 |
| Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura tas-sistema ta' ġestjoni tal-konfigurazzjoni | | | | | | 50,000 | | | | | | 50,000 | | | | | | 50,000 |
| Ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-infrastruttura tal-aċċess għall-pjattaformi operazzjonali (servizzi tal-EUWS) | | | | | | - | | | | | | 80,000 | | | | | | 80,000 |
| Tiġdid tal-manutenzjoni għal-liċenzji tas-CBS Oracle | | | | | | 3,207,566 | | | | | | 3,207,566 | | | | | | 3,207,566 |

## Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet** | **25.90** | **18.25** | **2.10** | **3.20** | **40.50** | **9,763,000** | **23.55** | **15.35** | **7.00** | **7.00** | **34.00** | **7,795,000** | **23.55** | **15.35** | **7.00** | **7.00** | **33.00** | **7,843,000** |
| **Sigurtà u kontinwità tan-negozju** | **7.65** | **2.35** | **-** | **2.00** | **15.00** | **2,550,000** | **6.90** | **1.50** | **5.00** | **6.00** | **9.50** | **2,350,000** | **6.90** | **1.50** | **5.00** | **6.00** | **9.50** | **2,350,000** |
| Eżerċizzju kombinat ta' rkupru minn diżastri għall-VIS u għall-EES | | | | | | 200,000 | | | | | | | | | | | | |
| Servizzi ta' operazzjonijiet ta' sigurtà tal-informazzjoni, assigurazzjoni u ċibersigurtà għas-sistemi ewlenin tan-negozju | | | | | | 700,000 | | | | | | 700,000 | | | | | | 700,000 |
| Servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti | | | | | | 1,500,000 | | | | | | 1,500,000 | | | | | | 1,500,000 |
| Kontinwità tan-negozju operazzjonali | | | | | | 150,000 | | | | | | 150,000 | | | | | | 150,000 |
| **Gruppi Konsultattivi, laqgħat, missjonijiet u evalwazzjonijiet ta' Schengen** | **1.50** | **1.00** | **-** | **-** | **4.00** | **1,735,000** | **1.50** | **1.00** | **1.00** | **-** | **4.00** | **1,735,000** | **1.50** | **1.00** | **1.00** | **-** | **4.00** | **1,735,000** |
| Appoġġ amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi | | | | | | 1,600,000 | | | | | | 1,600,000 | | | | | | 1,600,000 |
| Appoġġ amministrattiv għal laqgħat u missjonijiet oħra | | | | | | 80,000 | | | | | | 80,000 | | | | | | 80,000 |
| Kontribut għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen | | | | | | 55,000 | | | | | | 55,000 | | | | | | 55,000 |
| **Bini ta' kapaċitajiet** | **6.35** | **4.80** | **-** | **-** | **7.50** | **2,300,000** | **6.25** | **4.00** | **1.00** | **-** | **7.50** | **2,532,000** | **6.25** | **4.00** | **1.00** | **-** | **7.50** | **2,580,000** |
| Żvilupp tal-kapaċità tal-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Eċċellenza | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Abbozzar ta' rapporti u statistika aggregata dwar is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjonijiet. | | | | | | 500,000 | | | | | | | | | | | | |
| Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Persunal disponibbli** | | **Persunal addizzjonali** | | **Appoġġ estern** | **Baġit** | **Persunal disponibbli** | | **Persunal addizzjonali** | | **Appoġġ estern** | **Baġit** | **Persunal disponibbli** | | **Persunal addizzjonali** | | **Appoġġ estern** | **Baġit** |
| | **AT** | **AK u ENS** | **AT** | **AK u ENS** | | | **AT** | **AK u ENS** | **AT** | **AK u ENS** | | | **AT** | **AK u ENS** | **AT** | **AK u ENS** | | |
| Taħriġ għall-Istati Membri | | | | | | 1,800,000 | | | | | | 2,532,000 | | | | | | 2,580,000 |
| **Ġestjoni tar-rilaxx, ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni, ittestjar u tranżizzjoni** | **6.65** | **8.50** | **-** | **0.50** | **14.00** | **500,000** | **7.40** | **8.85** | **-** | **1.00** | **13.00** | **500,000** | **7.40** | **8.85** | **-** | **1.00** | **12.00** | **500,000** |
| Servizzi tal-ġestjoni tal-applikazzjoni | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tal-bidla operazzjonali | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tar-rilaxx u tal-utilizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn l-operazzjonijiet | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Appoġġ għall-pjattaforma tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni u għodod relatati (bini ta' linji ta' pajpijiet, għodod tal-ittestjar) | | | | | | 500,000 | | | | | | 500,000 | | | | | | 500,000 |
| Ġestjoni tat-testijiet | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Appoġġ operazzjonali estern u konsulenzi** | **2.25** | **1.60** | **2.10** | **0.70** | **-** | **2,000,000** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| Tranżizzjoni ta' servizzi ta' inġinerija u servizzi operazzjonali esternalizzati taħt Oqfsa ta' Inġinerija Trasversali u Operazzjonali | | | | | | 2,000,000 | | | | | | | | | | | | |
| **Taħriġ operazzjonali għall-persunal** | **1.50** | **-** | **-** | **-** | **-** | **678,000** | **1.50** | **-** | **-** | **-** | **-** | **678,000** | **1.50** | **-** | **-** | **-** | **-** | **678,000** |
| Operazzjonijiet ta' Żvilupp ta' Kompetenzi | | | | | | 678,000 | | | | | | 678,000 | | | | | | 678,000 |

## Governanza

| Attività | 2023 Persunal disponibbli AT | 2023 Persunal disponibbli AK u ENS | 2023 Persunal addizzjonali AT | 2023 Persunal addizzjonali AK u ENS | 2023 Appoġġ estern | 2023 Baġit | 2024 Persunal disponibbli AT | 2024 Persunal disponibbli AK u ENS | 2024 Persunal addizzjonali AT | 2024 Persunal addizzjonali AK u ENS | 2024 Appoġġ estern | 2024 Baġit | 2025 Persunal disponibbli AT | 2025 Persunal disponibbli AK u ENS | 2025 Persunal addizzjonali AT | 2025 Persunal addizzjonali AK u ENS | 2025 Appoġġ estern | 2025 Baġit |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Governanza** | **48.45** | **14.75** | **-** | **2.00** | **41.10** | **250,000** | **46.50** | **18.00** | **5.00** | **4.00** | **34.05** | **-** | **46.40** | **17.90** | **5.00** | **4.00** | **34.05** | **-** |
| **Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża** | **2.00** | **1.00** | **-** | **-** | **7.55** | **-** | **1.00** | **4.00** | **2.00** | **-** | **7.00** | **-** | **1.00** | **4.00** | **2.00** | **-** | **7.00** | **-** |
| Evalwazzjoni uffiċjali tal-prattika tal-ġestjoni tal-proġetti bbażata fuq il-mudell CMMI | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kapaċità ta' Ġestjoni tal-Programm u l-Proġetti, strateġija tal-akkwist u ġestjoni tar-riskju korporattiv | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Governanza, ippjanar, standards u ġestjoni tas-servizzi tal-IT** | **11.55** | **2.00** | **-** | **1.00** | **16.55** | **250,000** | **10.65** | **2.25** | **1.00** | **1.00** | **11.05** | **-** | **10.55** | **2.15** | **1.00** | **1.00** | **11.05** | **-** |
| Titjib kontinwu tas-servizzi u l-proċessi tal-eu-LISA, li jindirizzaw rekwiżiti ġodda tas-sistemi tal-ĠAI | | | | | | 250,000 | | | | | | | | | | | | |
| Continuum tal-arkitettura tal-intrapriża | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Qafas ta' Servizzi u Proċessi tal-eu-LISA | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Governanza, ippjanar u rapportar tad-dipartiment tal-operazzjonijiet | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Governanza korporattiva, ippjanar, rapportar u valutazzjonijiet | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati** | **30.90** | **8.75** | **-** | **1.00** | **15.00** | **-** | **30.85** | **8.75** | **2.00** | **3.00** | **14.00** | **-** | **30.85** | **8.75** | **2.00** | **3.00** | **14.00** | **-** |
| Appoġġ amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Relazzjonijiet tan-negozju, rekwiżiti, ġestjoni tad-domanda u tal-bidla | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Appoġġ amministrattiv korporattiv | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kommunikazzjoni esterna | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tar-relazzjonijiet istituzzjonali u koordinazzjoni tal-politika | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Komunikazzjoni interna | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati u koordinazzjoni tal-politika | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Konformità** | **4.00** | **3.00** | **-** | **-** | **2.00** | **-** | **4.00** | **3.00** | **-** | **-** | **2.00** | **-** | **4.00** | **3.00** | **-** | **-** | **2.00** | **-** |
| Kontabilità | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Protezzjoni tad-*data* | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Evalwazzjoni tal-Aġenzija (l-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Stabbiliment) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Awditjar intern | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

# Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| **Appoġġ korporattiv** | **47.15** | **28.95** | **-** | **2.00** | **72.20** | **-** | **46.35** | **29.30** | **8.00** | **6.00** | **73.20** | **-** | **46.30** | **29.50** | **8.00** | **6.00** | **72.20** | **-** |
| **Servizzi legali** | **2.00** | **1.00** | **-** | **-** | **2.00** | **-** | **2.00** | **1.00** | **1.00** | **1.00** | **2.00** | **-** | **2.00** | **1.00** | **1.00** | **1.00** | **2.00** | **-** |
| Servizzi legali | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Sigurtà korporattiva u kontinwità tan-negozju** | **3.30** | **6.20** | **-** | **-** | **16.50** | **-** | **3.30** | **6.20** | **-** | **1.00** | **16.50** | **-** | **3.30** | **6.20** | **-** | **1.00** | **16.50** | **-** |
| Ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Sigurtà protettiva | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Politika ta' sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Ġestjoni tar-riżorsi umani** | **9.50** | **4.00** | **-** | **2.00** | **11.00** | **-** | **9.50** | **4.00** | **-** | **2.00** | **11.00** | **-** | **9.50** | **4.00** | **-** | **2.00** | **11.00** | **-** |
| Amministrazzjoni u ppjanar tar-riżorsi umani | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tat-talent | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Tranżizzjoni għal ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenzi | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Ġestjoni baġitarja, tal-finanzi u tal-akkwist** | **20.60** | **8.75** | **-** | **-** | **4.00** | **-** | **19.80** | **9.10** | **-** | **-** | **4.00** | **-** | **19.75** | **9.30** | **-** | **-** | **4.00** | **-** |
| Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kontrolli finanzjarji interni u monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Pjan ta' akkwist u akkwiżizzjoni | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Servizzi tal-IT korporattiv** | **11.75** | **9.00** | **-** | **-** | **38.70** | **-** | **11.75** | **9.00** | **7.00** | **2.00** | **39.70** | **-** | **11.75** | **9.00** | **7.00** | **2.00** | **38.70** | **-** |

| Attività | 2023 | | | | | | 2024 | | | | | | 2025 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit | Persunal disponibbli | | Persunal addizzjonali | | Appoġġ estern | Baġit |
| | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | | AT | AK u ENS | AT | AK u ENS | | |
| Amministrazzjoni, manutenzjoni u appoġġ għall-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-ICT | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Appoġġ Amministrattiv għall-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Migrazzjoni għall-cloud u infrastruttura ta' desktop virtwali bbażata fuq il-cloud | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tal-kontenut tal-intrapriża | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tas-servizzi ambjentali | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Servizzi ta' appoġġ korporattiv orizzontali (missjonijiet, faċilitajiet, loġistika u provvisti tal-uffiċċju) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL) | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| It-tieni estensjoni tal-bini operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni intelliġenti tal-ispazju | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ċentru tad-*data* ta' Strasburgu — żieda fil-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġestjoni operazzjonali tal-attivitajiet korporattivi | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

# Anness III. Riżorsi Finanzjarji għall-2023–2025

**Dan l-Anness jippreżenta informazzjoni dwar id-dħul u l-infiq tal-eu-LISA, l-eżitu tal-baġit u l-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.**

## DĦUL

**Tabella 6. Dħul**

*Miljuni ta' EUR*

| Dħul | 2022<br>Dħul stmat mill-aġenzija | 2023<br>Previżjoni tal-Baġit |
|---|---|---|
| Kontribuzzjoni mill-UE | 296,508 | 326,981 |
| Dħul ieħor | 31,990 | p.m. |
| **Dħul totali** | **328,498** | **326,981** |

*Miljuni ta' EUR*

| DĦUL | 2021<br>Baġit | 2022<br>Dħul stmat mill-aġenzija | Kif mitlub mill-aġenzija | 2023<br>Previżjoni tal-Baġit | VAR 2023/ 2022 | Previst fl-2024 | Previst fl-2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 DĦUL MINN TARIFFI U IMPOSTI | | | | | | | |
| 2. KONTRIBUZZJONI MILL-UE | 249,827 | 296,508 | 326,981 | | 1,103 | 306,575 | 288,131 |
| *li minnhom, dħul assenjat li jirriżulta mis-surplus tas-snin preċedenti* | *1,658* | *3,611* | *3,076* | | | | |
| 3 KONTRIBUZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI (inkl. pajjiżi tal-EFTA u pajjiżi kandidati) | 3,843 | 31,990 | - | | | | |
| *li minnhom EFTA* | *3,843* | *31,990* | - | | | | |
| *li minnhom Pajjiżi Kandidati* | | | | | | | |
| 4 KONTRIBUZZJONIJIET OĦRAJN | 0,005 | - | | | | | |
| *li minnhom ftehim ta' delega u għotjiet ad hoc* | | | | | | | |
| 5 OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI | | | | | | | |
| 6 DĦUL MINN SERVIZZI PPROVDUTI BI ĦLAS | | | | | | | |
| 7 KORREZZJONI TAL-IŻBILANĊI BAĠITARJI | | | | | | | |
| **DĦUL TOTALI** | **253,674** | **328,498** | **326,981** | | **1,103** | **306,575** | **288,131** |

# INFIQ

**Tabella 7. Infiq**

*Miljuni ta' EUR*

| **Infiq** | | **2022** | | **2023** |
|---|---|---|---|---|
| | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | **Approprjazzjonijiet ta' pagament** | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | **Approprjazzjonijiet ta' pagament** |
| Titolu 1 | 45,802 | 45,802 | 48,661 | 48,661 |
| Titolu 2 | 24,070 | 24,070 | 30,208 | 30,208 |
| Titolu 3 | 281,757 | 258,625 | 183,362 | 248,112 |
| **Infiq totali** | **351,630** | **328,498** | **262,231** | **326,981** |

*Miljuni ta' EUR*

| **INFIQ** | | | | | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Baġit 2021** | **Baġit 2022** | **Abbozz tal-Baġit 2023** | | **VAR 2023/ 2022** | **Previsti fl-2024** | **Previsti fl-2025** |
| | | | **Talba mill-aġenzija** | **Previżjoni tal-Baġit** | | | |
| **Titolu 1 Nefqa fuq il-Persunal** | **33,436** | **45,802** | **48,661** | | **106.24 %** | **46,539** | **46,356** |
| Salarji u benefiċċji | 30,721 | 41,250 | 43,510 | | 105.48 % | 41,348 | 41,125 |
| *- li minnhom karigi fit-tabella tal-persunal* | *22,509* | *26,794* | *28,680* | | 107.04 % | *27,549* | *27,407* |
| *- li minnhom persunal estern* | *8,212* | *14,456* | *14,830* | | 102.58 % | *13,800* | *13,718* |
| Infiq relatat mar-reklutaġġ ta' Persunal | 0,081 | 1,059 | 0,494 | | 46.63 % | 0,494 | 0,494 |
| Spejjeż ta' missjonijiet | 0,125 | 0,660 | 0,660 | | 100.00 % | 0,700 | 0,740 |
| Infrastruttura soċjomedika | 1,702 | 2,232 | 2,522 | | 112.97 % | 2,522 | 2,522 |
| Taħriġ | 0,806 | 0,600 | 1,475 | | 245.83 % | 1,475 | 1,475 |
| **Titolu 2 Infrastruttura u nfiq operazzjonali** | **19,793** | **24,070** | **30,208** | | **125.50 %** | **34,818** | **31,486** |
| Kiri ta' bini u kostijiet assoċjati | 2,897 | 3,920 | 5,325 | | 135.84 % | 8,505 | 5,710 |
| Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni | 2,856 | 4,100 | 8,147 | | 198.72 % | 8,445 | 8,124 |
| Proprjetà mobbli u kostijiet assoċjati | 0,157 | 0,409 | 0,579 | | 141.56 % | 0,617 | 0,561 |
| Infiq amministrattiv kurrenti | 0,843 | 1,777 | 2,295 | | 129.11 % | 2,338 | 2,379 |
| Spejjeż tal-laqgħat | 0,021 | 0,709 | 0,623 | | 87.87 % | 0,709 | 0,645 |
| Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet | 1,387 | 0,548 | 0,450 | | 82.12 % | 0,450 | 0,450 |
| Servizzi ta' Appoġġ Estern | 8,485 | 8,347 | 7,332 | | 87.84 % | 8,229 | 8,012 |
| Sigurtà | 3,147 | 4,260 | 5,457 | | 128.10 % | 5,525 | 5,605 |
| **Titolu 3 Infiq operazzjonali** | **163,369** | **281,757** | **183,362** | | **65.08 %** | **258,522** | **203,235** |
| Infrastruttura | 42,689 | 67,222 | 43,266 | | 64,36 % | 85,375 | 93,164 |
| Affarijiet INTERNI | 111,572 | 184,496 | 117,256 | | 63.56 % | 156,533 | 93,315 |
| Ġustizzja | 0,000 | 18,214 | 2,524 | | | 2,925 | 3,425 |
| Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali | 9,108 | 11,826 | 20,315 | | 171.79 % | 13,688 | 13,330 |
| Appoġġ lill-SM u lill-KE | 0,000 | 0,000 | 0,000 | | | 0,000 | 0,000 |
| **INFIQ TOTALI** | **216,598** | **351,630** | **262,231** | | **74.58 %** | **339,878** | **281,077** |

*Miljuni ta' EUR*

| INFIQ | | | Appoprjazzjonijiet ta' pagament | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit Eżegwit 2021 | Baġit 2022 | Abbozz tal-Baġit 2023 | | VAR 2023/ 2022 | Previsti fl-2024 | Previsti fl-2025 |
| | | | Talba mill-aġenzija | Previżjoni tal-Baġit | | | |
| **Titolu 1 Nefqa fuq il-Persunal** | **32,735** | **45,802** | **48,661** | | **106.24 %** | **46,539** | **46,356** |
| Salarji u benefiċċji | 30,721 | 41,250 | 43,510 | | 105.48 % | 41,348 | 41,125 |
| *- li minnhom pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal* | *22,509* | *26,794* | *28,680* | | 107.04 % | *27,549* | *27,407* |
| *- li minnhom persunal estern* | *8,212* | *14,456* | *14,830* | | 102.58 % | *13,800* | *13,718* |
| Infiq relatat mar-reklutaġġ ta' Persunal | 0,071 | 1,059 | 0,494 | | 46.63 % | 0,494 | 0,494 |
| Spejjeż ta' missjoni | 0,102 | 0,660 | 0,660 | | 100.00 % | 0,700 | 0,740 |
| Infrastruttura soċjomedika | 1,581 | 2,232 | 2,522 | | 112.97 % | 2,522 | 2,522 |
| Taħriġ | 0,259 | 0,600 | 1,475 | | 245.83 % | 1,475 | 1,475 |
| **Titolu 2 Infrastruttura u nfiq operazzjonali** | **8,689** | **24,070** | **30,208** | | **125.50 %** | **34,818** | **31,486** |
| **Kiri ta' bini u kostijiet assoċjati** | 1,535 | 3,920 | 5,325 | | 135.84 % | 8,505 | 5,710 |
| Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni | 1,413 | 4,100 | 8,147 | | 198.72 % | 8,445 | 8,124 |
| Proprjetà mobbli u kostijiet assoċjati | 0,086 | 0,409 | 0,579 | | 141.56 % | 0,617 | 0,561 |
| Infiq amministrattiv kurrenti | 0,682 | 1,777 | 2,295 | | 129.11 % | 2,338 | 2,379 |
| Spejjeż tal-laqgħat | 0,001 | 0,709 | 0,623 | | 87.87 % | 0,709 | 0,645 |
| Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet | 1,182 | 0,548 | 0,450 | | 82.12 % | 0,450 | 0,450 |
| Servizzi ta' Appoġġ Estern | 2,051 | 8,347 | 7,332 | | 87.84 % | 8,229 | 8,012 |
| Sigurtà | 1,738 | 4,260 | 5,457 | | 128.10 % | 5,525 | 5,605 |
| **Titolu 3 Infiq operazzjonali** | **212,246** | **258,625** | **248,112** | | **95.93 %** | **225,219** | **210,289** |
| Infrastruttura | 36,495 | 54,470 | 74,276 | | 136.36 % | 86,276 | 91,119 |
| Affarijiet INTERNI | 168,923 | 177,306 | 150,737 | | 85.02 % | 122,314 | 102,809 |
| Ġustizzja | 0,097 | 16,969 | 9,551 | | | 2,926 | 3,226 |
| Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali | 6,731 | 9,880 | 13,547 | | 137.12 % | 13,704 | 13,136 |
| Appoġġ lill-SM u lill-KE | 0,000 | 0,000 | 0,000 | | | 0,000 | 0,000 |
| **INFIQ TOTALI** | **253,669** | **328,498** | **326,981** | | **99.54 %** | **306,575** | **288,131** |

## EŻITU TAL-BAĠIT U KANĊELLAZZJONI TA' APPROPRJAZZJONIJIET

**Tabella 8. Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet**

*Miljuni ta' EUR*

| Eżitu tal-baġit | 2019 | 2020 | 2021 |
|---|---|---|---|
| Dħul effettivament riċevut (+) | 140,358 | 237,414 | 267,790 |
| Pagamenti magħmula (-) | - 127,852 | - 220,686 | - 249,827 |
| Riport ta' approprjazzjonijiet (-) | - 18,742 | - 23,461 | - 8,351 |
| Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati (+) | 0,702 | 1,325 | 0,760 |
| Aġġustament għar-riport ta' approprjazzjonijiet tad-dħul assenjat mis-sena preċedenti (+) | 7,192 | 9,019 | 12,703 |
| Differenzi fir-rati tal-kambju (+/-) | - 0,001 | 0,000 | - 0,000 |
| Aġġustament għall-bilanċ negattiv mis-sena preċedenti (-) | - | 1,658 | 3,611 |
| **Total** | **1,658** | **3,611** | **3,076** |

# Anness IV. Riżorsi Umani – Analiżi Kwantitattiva

**Dan l-anness jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-persunal tal-eu-LISA skont il-kategoriji kollha u l-analiżi tagħha tal-evoluzzjoni tagħha matul il-perjodu ta' programmazzjoni.**

## Ħarsa ġenerali lejn il-popolazzjoni tal-persunal u l-evoluzzjoni tagħha fil-kategoriji kollha tal-persunal

### Persunal statutorju u esperti nazzjonali sekondati

L-evoluzzjoni tal-persunal tal-eu-LISA mill-2021 sal-2025, ippreżentata fit-Tabella 9, tqis il-pożizzjonijiet awtorizzati previsti fil-proposti tal-Kummissjoni għal sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġodda (jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, l-Interoperabbiltà, u s-sistema e-CODEX), flimkien mar-riformulazzjonijiet tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac kif ukoll dawk ġodda: Prüm II, is-SIK, id-diġitalizzazzjoni tal-Viża, u l-persunal addizzjonali ppjanat għall-Aġenzija. Għar-Riformulazzjoni tal-VIS, l-għadd tal-persunal jirriflettu l-perjodu aġġornat għall-allokazzjoni tal-pożizzjonijiet.

Il-pożizzjonijiet addizzjonali allokati lil eu-LISA barra mill-proposti tal-Kummissjoni għas-sistemi l-ġodda fl-2023 bħalissa huma ta' 6 pożizzjonijiet (jiġifieri, 6 AT), filwaqt li 90–95 pożizzjoni oħra se jiġu esternalizzati f'konformità mal-istrateġija tal-akkwist tal-Aġenzija.

Jekk jogħġbok innota li ċ-ċifri għas-snin 2024–2025 huma indikattivi, li jirriflettu l-persunal temporanjament misluf mill-Frontex sal-2025 għall-finijiet tal-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għat-trasportaturi.

**Tabella 9. Il-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA u l-evoluzzjoni tagħha (ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal)**

| Persunal | 2021 | | | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal** | **Baġit awtorizzat** | **Effettivament mimlija fil-31.12.2021** | **Rata ta' okkupanza %** | **Persunal awtorizzat** | **Persunal previst** | **Persunal previst** | **Persunal previst** |
| Amministraturi (AD) | 160 | 144 | 90.00 % | 162[80] | 169 | 177 | 177 |
| Assistenti (AST) | 53 | 49 | 92.45 % | 53 | 53 | 53 | 53 |
| Assistenti/ Segretarji (AST/SC) | 0 | 0 | 0.00 % | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Total ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal** | **213** | **193** | **90.61 %** | **215** | **222** | **230** | **230** |
| **PERSUNAL ESTERN** | **FTE li jikkorrispond u għall-baġit awtorizzat** | **FTE eżegwiti[81] fil-31.12.2021** | **Eżekuzzjoni Rata %** | **L-għadd ta' persunal mill-31.12.2021** | **FTE li jikkorrispond u għall-baġit awtorizzat 2023** | **FTE previsti** | **FTE previsti** |
| Aġenti Kuntrattwali (AK) | 132 | 96 | 72.73 % | 107 | 166 | 165 | 140 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) | 11 | 9 | 81.82 % | 10 | 11 | 11 | 11 |

[80] Bħal fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-2022 ippubblikat fid-9 ta' Lulju 2021 mill-Kummissjoni Ewropea fl-**Abbozz tal-baġit ġenerali tal-2022 | Kummissjoni Ewropea (europa.eu)**.
[81] Fil-31/12/N-1, l-eu-LISA kellha 107 AK iffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-UE u l-ebda AK ma kien iffinanzjat minn sorsi oħra.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Total ta' persunal estern** | **143** | **105** | **73.43 %** | **117** | **177** | **176** | **151** |
| **Persunal totali** | **356** | **298** | **83.71 %** | **310** | **399** | **406** | **381** |

Fir-rigward tar-rata ta' okkupanza, id-*data* ppreżentata fit-Tabella 9 tqis biss il-pożizzjonijiet awtorizzati u l-persunal impjegat fil-31 ta' Diċembru 2021. Ħarsa ġenerali aktar dettaljata, ippreżentata fit-Tabella 12 fl-Anness V taqsima A. Il-politika ta' reklutaġġ, tiddistingwi bejn l-pożizzjonijiet awtorizzati u l-pożizzjonijiet li fil-fatt kienu disponibbli għar-reklutaġġ. Din tqis ukoll l-offerti ta' impjieg maħruġa.

### Persunal estern addizzjonali li mistenni jkun iffinanzjat minn għotja, kontribuzzjoni jew ftehimiet fuq livell ta' servizz

L-Aġenzija ma ffinanzjat l-ebda persunal minn għotjiet, kontribuzzjonijiet jew ftehimiet fil-livell tas-servizz fil-passat u bħalissa mhix qed tippjana għal tali pożizzjonijiet. Jekk is-sitwazzjoni tinbidel fil-futur, l-ippjanar jiġi aġġustat kif xieraq.

| FTEs previsti | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 |
|---|---|---|---|---|
| Aġenti Kuntrattwali (AK) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL | 0 | 0 | 0 | 0 |

## Riżorsi Umani Oħrajn

### Fornituri ta' Servizz Strutturali[82]

Fl-2021, l-eu-LISA kompliet tuża fornituri ta' servizzi strutturali (imsejħa wkoll **appoġġ estern**) għal servizzi jew proġetti li ma setgħux jiġu koperti mill-persunal statutorju tal-Aġenzija minħabba riżorsi baġitarji insuffiċjenti, kif ukoll minħabba kwalifiki speċjalizzati meħtieġa, jew għarfien li ma kienx disponibbli internament.

Il-fornituri ta' servizzi strutturali mhumiex impjegati direttament mill-eu-LISA. Minflok, dawn jiġu kkuntrattati individwalment taħt kuntratt qafas (FwC) għal tul ta' żmien li jvarja minn ftit xhur sa sena. L-Aġenzija qed tippjana li tkompli tuża fornituri tas-servizzi esterni fil-futur ukoll. Is-servizzi użati fl-2021 huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

| Kuntratt Qafas (FwC) | Tul ta' żmien ta' FwC | Tip ta' Kuntratt | Kategoriji tal-profil tal-kuntratt | Effettivament mimlija fil-31.12.2021 |
|---|---|---|---|---|
| FwC LISA/2019/OP/02<br>LOTT1 — Appoġġ tal-IT f'SXB/BRX<br>LOTT3 — Appoġġ Amministrattiv f'SXB/BRX | 4 snin (2019–2023) | TM (Ħin u Mezzi) | Appoġġ Amministrattiv<br>Appoġġ tal-IT | 43 (1 f'BRX, 14 f'SXB, 28 f'TLL)<br>61 (49 f'SXB, 12 f'TLL) |
| LOTT4 — Appoġġ Amministrattiv f'TLL | | QTM ((Ħin u Mezzi Kkwotat) | Appoġġ tal-IT | Mhux applikabbli |
| FwC LISA/2019/NP/19<br>Appoġġ tal-IT f'TLL | | (Prezz fiss) | | Mhux applikabbli |

### Ħaddiema interim

L-Aġenzija timpjega ħaddiema interim prinċipalment biex jissostitwixxu persunal li jkun ħa liv fit-tul ta' assenza. Ġeneralment, dawn jiġu reklutati taħt kuntratt qafas għal fornituri ta' servizzi strutturali, jew bħala aġenti kuntrattwali (AK) b'kuntratt ta' impjieg fiss jew limitat għal żmien qasir. Fl-istatistika, dawn normalment jiġu rrapportati skont it-tipi ta' kuntratti rispettivi tagħhom. Fl-2021, kien hemm żewġ sostituzzjonijiet bħal dawn.

[82] Il-fornituri tas-servizzi huma kkuntrattati minn kumpaniji privati, skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratti qafas rilevanti (FwC), u għandhom il-kompitu li jwettqu kompiti esternalizzati speċjalizzati li huma ta' natura orizzontali/ta' appoġġ.

| | Total tal-FTEs fl-2021 |
|---|---|
| Numru | 2 |

## Pjan pluriennali tal-politika tal-persunal 2023–2025

It-Tabella 10 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-pożizzjonijiet ta’ aġenti temporanji (AT) f’konformità mat-tabella tal-persunal tal-Aġenzija, filwaqt li tqis:

- żieda żgħira fil-persunal fl-2022 u fl-2023 meta mqabbla mal-2021, relatata mar-Riformulazzjoni tar-Regolament VIS (inkluża bidla fl-għadd ta’ pożizzjonijiet kull sena) u l-persunal addizzjonali kif deskritt fil-Kapitolu 2.4.1 u elenkat fl-Anness XIII (soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità baġitarja);
- tnaqqis fl-għadd ta’ pożizzjonijiet għall-Interoperabbiltà fis-snin 2024–2025 f’konformità mal-proposti tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-proġett;
- persunal addizzjonali ppjanat fil-proposti adottati tal-Kummissjoni dwar Prüm II, is-SIK u d-diġitalizzazzjoni tal-Viża fis-snin 2024–2025 kif indikat fit-Tabella 4 fit-taqsima 2.3.2 tal-programm pluriennali;
- bidliet fil-gradi kollha f’kull grupp ta’ funzjonijiet minħabba riklassifikazzjoni stmata kif ikkalkulata f’konformità mal-Anness I B għar-Regolamenti tal-Persunal.

**Tabella 10. Pjan pluriennali tal-politika tal-persunal 2023–2025**

| | 2021 | | | | 2022 | | 2023 | | 2024 | | 2025 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit awtorizzat | | Effettivament mimlija fil-31/12 | | Baġit awtorizzat | | Ammont previst | | Ammont previst | | Ammont previst | |
| Grupp ta’ funzjonijiet u grad | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji |
| AD 16 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AD 15 | | 1 | | 1 | | 0 | | 1 | | 1 | | 1 |
| AD 14 | | 1 | | 1 | | 0 | | 1 | | 1 | | 1 |
| AD 13 | | 3 | | 2 | | 3 | | 3 | | 3 | | 3 |
| AD 12 | | 4 | | 3 | | 4 | | 4 | | 4 | | 4 |
| AD 11 | | 7 | | 2 | | 9 | | 11 | | 11 | | 11 |
| AD 10 | | 10 | | 11 | | 11 | | 12 | | 12 | | 12 |
| AD 9 | | 16 | | 14 | | 19 | | 22 | | 22 | | 22 |
| AD 8 | | 26 | | 19 | | 32 | | 38 | | 38 | | 38 |
| AD 7 | | 23 | | 34 | | 15 | | 11[83] | | 11 | | 11 |
| AD 6 | | 26 | | 14 | | 36 | | 46 | | 46 | | 46 |
| AD 5 | | 43 | | 43 | | 31 | | 20[84] | | 28[85] | | 28 |
| **TOTAL TA’ AD** | | **160** | | **144** | | **162** | | **169** | | **177** | | **177** |
| AST 11 | | 0 | | | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 10 | | 0 | | | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 9 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 |
| AST 8 | | 3 | | 2 | | 3 | | 4 | | 4 | | 4 |
| AST 7 | | 4 | | 5 | | 4 | | 6 | | 6 | | 6 |
| AST 6 | | 12 | | 11 | | 12 | | 12 | | 12 | | 12 |
| AST 5 | | 12 | | 10 | | 12 | | 11 | | 11 | | 11 |
| AST 4 | | 10 | | 6 | | 10 | | 13 | | 13 | | 13 |

[83] Iċ-ċifra tinkludi 3 pożizzjonijiet AD7 mogħtija lill-eu-LISA għaċ-ċibersigurtà.

[84] Iċ-ċifra tinkludi 3 pożizzjonijiet AD5 mogħtija lill-eu-LISA għaċ-ċibersigurtà.

[85] Iċ-ċifra tinkludi tnaqqis ta’ pożizzjonijiet skont l-ippjanar rivedut dwar l-Interoperabbiltà u r-riformulazzjoni tal-VIS u żieda minħabba l-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni dwar is-SIK, id-diġitalizzazzjoni tal-Viża u Prüm II.

| Grupp ta' funzjonijiet u grad | 2021 | | | | 2022 | | 2023 | | 2024 | | 2025 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Baġit awtorizzat | | Effettivament mimlija fil-31/12 | | Baġit awtorizzat | | Ammont previst | | Ammont previst | | Ammont previst | |
| | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji | Pożizzjonijiet permanenti | Pożizzjonijiet temporanji |
| AST 3 | | 11 | | 14 | | 11 | | 6 | | 6 | | 6 |
| AST 2 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST 1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **TOTAL TA' AST** | | **53** | | **49** | | **53** | | **53** | | **53** | | **53** |
| AST/SC 6 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 5 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 4 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 3 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 2 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| AST/SC 1 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| **TOTAL TA' AST/SC** | | **0** | | **0** | | **0** | | **0** | | **0** | | **0** |
| **TOTAL** | | **213** | | **193** | | **215** | | **222** | | **230** | | **230** |
| **TOTAL GLOBALI** | **213** | | **193** | | **215** | | **222** | | **230** | | **230** | |

## Persunal Estern

L-istimi tal-baġit għall-pożizzjonijiet tal-AK u l-ENS huma ppreżentati fit-tabelli ta' hawn taħt, inkluż persunal addizzjonali previst fl-LFSs.

## Aġenti Kuntrattwali

Fl-2023, l-għadd ta' aġenti kuntrattwali (AK) se jiżdied u t-tnaqqis fil-persunal previst wara l-2023 se jkun dovut għat-terminazzjoni ta' ċerti pożizzjonijiet għal żmien qasir, li kienu meħtieġa għall-fażi ta' implimentazzjoni tal-Interoperabbiltà u r-Riformulazzjoni tal-VIS. Madankollu, dewmien fl-adozzjoni tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-VIS jista' jaffettwa l-għadd ta' persunal fl-2023 (jiġifieri t-tnedija tal-pjan jew l-akkumulazzjoni tar-riżorsi).

| Aġenti kuntrattwali | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2021 | FTE eżegwiti fil-31/12/2021 | L-għadd ta' impjegati fil-31/12/2021 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2022 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2023 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2024 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Grupp ta' Funzjonijiet IV | 83 | 59 | 64 | 108 | 108 | 109 | 85 |
| Grupp ta' Funzjonijiet III | 47 | 35 | 41 | 58 | 57 | 55 | 54 |
| Grupp ta' Funzjonijiet II | 2 | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Grupp ta' Funzjonijiet I | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | **132** | **96** | **107** | **167** | **166** | **165** | **140** |

### Esperti nazzjonali sekondati

L-Aġenzija aġġustat l-għadd ta' pożizzjonijiet ENS għall-2023 għall-eżitu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni dwar il-baġit u r-riżorsi umani tal-eu-LISA.

| Esperti Nazzjonali Sekondati | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2021 | FTE eżegwiti fil-31/12/2021 | L-għadd ta' impjegati fil-31/12/2021 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2022 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2023 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2024 | FTE li jikkorrispondu għall-baġit awtorizzat 2025 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **11** | **9** | **10** | **11** | **11** | **11** | **11** |

### Previżjonijiet ta' reklutaġġ għall-2023 wara l-irtirar, il-mobbiltà, jew pożizzjonijiet ġodda mitluba

Il-previżjoni ta' reklutaġġ tal-Aġenzija jinkludi sostituzzjonijiet tal-persunal minħabba dawran jew irtirar, kif ukoll wara l-proposti tal-Kummissjoni li jipprevedu jew persunal addizzjonali fl-2023 jew il-ftehim dwar pożizzjonijiet li jinbidlu, eż., rigward ir-Riformulazzjoni tal-VIS, f'każ li s-selezzjonijiet rispettivi ma jiġux konklużi fl-2022.

| Titolu tal-impjieg fl-Aġenzija | Tip ta' kuntratt (Uffiċjal, AT jew AK) | | AT/Uffiċjal: Grupp ta' funzjonijiet/grad ta' reklutaġġ intern (parentesi) u estern (grad uniku) previst għall-pubblikazzjoni | | AK: Grupp ta' Funzjonijiet ta' Reklutaġġ (I, II, III jew IV) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Minħabba l-irtirar jew il-mobbiltà previsti | Pożizzjoni ġdida mitluba minħabba kompiti addizzjonali | Intern (parentesi) | Estern (parentesi) | |
| **Uffiċjal Anzjan tal-Komunikazzjoni** | iva | | AT (AD5–AD7) | AT AD7 | M/A |
| **Assistent tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni — Ġestjoni tas-Servizzi u tal-Proċessi** | | Interoperabbiltà | M/A | M/A | FG III |
| **Speċjalist tal-Protezzjoni tad-*Data*** | | Interoperabbiltà | AT AD5 | AT AD5 | M/A |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | VIS | M/A | M/A | FG IV |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | VIS | M/A | M/A | FG IV |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | VIS | M/A | M/A | FG IV |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | VIS | AT AD5 | AT AD5 | M/A |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni — Servizzi tal-Infrastruttura** | | VIS | AT AD5 | AT AD5 | M/A |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni — Servizzi tal-Infrastruttura** | | Interoperabbiltà | AT (AD5–AD6) | AT AD6 | M/A |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | e-CODEX | M/A | M/A | FG IV |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | e-CODEX | AT AD5 | AT AD5 | M/A |
| **Uffiċjal tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni** | | e-CODEX | AT AD5 | AT AD5 | M/A |

Rigward pożizzjonijiet addizzjonali ppjanati mill-eu-LISA, l-informazzjoni rilevanti hija deskritta fl-Anness XIII. Bħalissa, l-Aġenzija ma tipprevedi l-ebda bidla fil-persunal li tkun tinvolvi l-mobbiltà bejn l-aġenziji. Jekk dan iseħħ, dawn għandhom jiġu rrapportati kif xieraq.

# Anness V. Riżorsi Umani — Analiżi Kwalitattiva

**Dan l-anness jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar l-ippjanar tar-riżorsi umani tal-Aġenzija u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-politika ta' reklutaġġ tal-eu-LISA għall-kategoriji kollha tal-persunal (jiġifieri uffiċjali, AT, AK, ENS), kif ukoll evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjonijiet/promozzjonijiet.**

Din it-taqsima tipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-mobbiltà tal-persunal, il-bilanċ bejn il-ġeneri u dak ġeografiku u l-edukazzjoni skolastika.

## A. Politika ta' reklutaġġ

Il-politika ta' reklutaġġ tal-Aġenzija hija rregolata mill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) kif ukoll mir-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li jirregolaw l-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji (AT), aġenti kuntrattwali (AK), u esperti nazzjonali sekondati (ENS), inklużi l-proċeduri ta' selezzjoni, il-gradi ta' dħul għal kategoriji differenti, it-tip u t-tul ta' żmien tal-impjieg, u l-profili tal-impjiegi.

**Tabella 11. Regoli ta' implimentazzjoni fis-seħħ**

| | | Iva | Le | Jekk le, liema regoli ta' implimentazzjoni oħra huma fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| **Ingaġġ ta' AK** | Deċiżjoni C ta' mudell (2019)3016 | iva | | |
| **Ingaġġ ta' AT** | Deċiżjoni C ta' mudell (2015)1509 | iva | | |
| **Maniġment intermedju** | Deċiżjoni C ta' mudell (2018)2542 | iva | | |
| **Tip ta' pożizzjonijiet** | Deċiżjoni C ta' mudell (2018)8800 | iva | | |

Skont il-Linji Gwida interni għar-Reklutaġġ, il-proċeduri kollha ta' reklutaġġ fl-eu-LISA jitwettqu minn Kumitat ta' Selezzjoni magħmul minn rappreżentanti mill-Unità li qed tfittex li tirrekluta persunal ġdid, l-Unità tar-Riżorsi Umani (HRU), u l-Kumitat tal-Persunal.

Fi tmiem l-2021, l-Aġenzija kienet **irreklutat**[86] **61 persuna, u bagħtet 75 offerta ta' impjieg**. Matul dan il-perjodu, l-HRU wettqet proċeduri ta' selezzjoni għall-ETIAS, l-ECRIS-TCN, ir-Regolament rivedut tal-eu-LISA u l-Interoperabbiltà, kif ukoll għas-sostituzzjoni tal-persunal li jitlaq mill-eu-LISA matul is-sena.

Fl-2021, l-Aġenzija rċeviet **1,944 applikazzjoni** għal 18-il[87] proċedura ta' reklutaġġ magħluqa. L-għadd medju ta' applikazzjonijiet għal kull proċedura kien ta' 108, b'40 u bi 352 bħala l-inqas u l-ogħla għadd ta' applikazzjonijiet, rispettivament.

Bħala riżultat ta' avvenimenti lil hinn mis-sit web tagħha stess meta ppubblikat avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti (eż., EPSO, LinkedIn, siti speċjalizzati, eċċ.), l-eu-LISA rat kemm titjib kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv fl-applikazzjonijiet riċevuti minn rekluti prospettivi. Minħabba dan, l-Aġenzija qed tippjana li tkompli tuża dawk il-kanali għar-reklutaġġ, speċjalment għal profili speċjalizzati. Dan huwa partikolarment minnu għal LinkedIn, fejn il-pubblikazzjonijiet tagħna dwar pożizzjonijiet vakanti laħqu 173,976 dehra unika — **żieda ta' 2.782 %** meta mqabbla mas-sena 2020!

Sabiex tħaffef il-proċess ta' reklutaġġ, l-Aġenzija kienet qed tiġbor flimkien pożizzjonijiet simili fi proċedura waħda, meta possibbli, sabiex timmassimizza r-riżorsi u tiġġenera listi ta' riżerva itwal. Barra minn hekk, l-Aġenzija kienet qed tirreferi għal-listi ta' riżerva eżistenti b'mod aktar frekwenti (eż., għall-istess grad/grupp ta' funzjonijiet u fil-każ ta' profili simili). B'riżultat ta' dan, fl-2021, l-eu-LISA rreklutat b'kollox 30 membru tal-persunal addizzjonali (11-il kuntratt ta' AT u 19-il kuntratt ta' AK konklużi fil-31 ta' Diċembru 2021) minn listi ta' riżerva eżistenti stabbiliti fis-snin preċedenti. Barra minn hekk, żewġ pożizzjonijiet imtlew bl-użu tal-lista ta' selezzjoni tal-CAST tal-EPSO għall-aġenti kuntrattwali. Għalkemm dan l-approċċ għall-akkwist tar-riżorsi umani wassal għal xi titjib fl-effiċjenza f'termini ta' skedar tax-xogħol, ma kellux impatt sinifikanti fuq l-isforz jew

[86] Persunal li daħal fis-servizz fl-eu-LISA fil-31 ta' Diċembru 2021. Minn dawk, 15-il kandidat jinsabu fil-proċess li jingħaqdu mal-Aġenzija.
[87] Proċeduri ta' selezzjoni fejn il-listi ta' riżerva ġew stabbiliti fil-31 ta' Diċembru 2021.

il-ħin meħtieġ biex jitwettqu l-proċeduri ta' selezzjoni jew l-intervisti ta' segwitu mal-kandidati fuq il-listi ta' riżerva.

**It-Tabella 12** tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-progress tar-reklutaġġ meta mqabbel mal-għadd ta' awtorizzati (fil-31.12.2021).

**Tabella 12. Ħarsa ġenerali lejn il-miri u l-progress tar-reklutaġġ sal-31.12.2021**

| Pożizzjonijiet ta' AT fit-Tabella tal-persunal tal-2021 | Pożizzjonijiet ta' AT mimlija | Pożizzjonijiet ta' AT mimlija + offerti ta' impjieg aċċettati | Awtorizzati fl-2021 (AT, AK, ENS) | Total ta' pożizzjonijiet mimlija fl-2021 | Pożizzjonijiet mimlija + offerta ta' impjieg aċċettata |
|---|---|---|---|---|---|
| **207**[88] | 193 | 197 | **345** | 310 | 325 |
| | 93.24 % | 95.2 % | | 89.9 % | 94.2 % |
| **213** | 193 | 197 | **356**[89] | 310 | 325 |
| | 90.61 % | 92.5 % | | 87.1 % | 91.3 % |

Sabiex jintlaħqu l-miri tar-reklutaġġ fl-2021 u fl-2022, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19, l-Aġenzija adottat diversi **miżuri addizzjonali**:

- kif ippjanat, l-Aġenzija kisbet u implimentat l-għodda ta' reklutaġġ bil-vidjo Cammio li tippermetti **intervisti asinkroniċi**. Din l-għodda tħaffef il-proċess ta' reklutaġġ billi telimina l-ħtieġa li l-membri kollha tal-Kumitat ta' Selezzjoni jkunu disponibbli għall-intervisti fl-istess ħin, u tipprovdi flessibbiltà għall-kandidati;
- tkompli timmassimizza l-użu tal-**listi ta' riżerva eżistenti** biex jimtlew pożizzjonijiet ekwivalenti fl-Aġenzija;
- l-espansjoni tat-tim ta' reklutaġġ b'**pożizzjonijiet addizzjonali fuq terminu qasir** għas-sentejn li ġejjin, li għandhom jiġu ffinanzjati mill-iffrankar baġitarju;
- it-**tranżizzjoni għal għodod diġitali** biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv, u jitjiebu l-effiċjenza u l-esperjenza tal-kandidati;
- minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar relatati mal-COVID-19, kien diffiċli għall-kandidati li jivvjaġġaw lejn iċ-ċentri mediċi magħżula fil-Lussemburgu jew fi Brussell. Sabiex tipprovdi **ċentru tal-ittestjar alternattiv** għar-rekluti prospettivi, l-Aġenzija nediet offerta għal servizzi mediċi fi Strasburgu. Sfortunatament, ma tressqet l-ebda offerta minkejja l-iskadenza estiża.

## Demografija tal-Applikant

Id-*data* demografika dwar l-applikanti tindika li d-**distribuzzjoni tal-ġeneru** — 37 % nisa meta mqabbla ma' 63 % irġiel — tikkorrispondi għal dik tal-industrija tat-teknoloġija akbar. Għall-kandidati impjegati, il-perċentwal huwa kemxejn aktar baxx għan-nisa b'24 % u 76 % għall-irġiel. F'termini ta' distribuzzjoni tal-ġeneru fost il-kandidati li tqiegħdu fil-listi ta' riżerva, hemm differenza statistika żgħira meta mqabbla ma' dawk impjegati, bi 28 % nisa, u 72 % irġiel.

L-Aġenzija ħadet approċċ attiv sabiex **tattira aktar kandidati nisa**, bħall-parteċipazzjoni f'avvenimenti ddedikati għan-nisa fit-teknoloġija jew l-inkoraġġiment tal-membri tal-panel biex jipparteċipaw f'taħriġ iddedikat għall-eliminazzjoni tal-preġudizzji fir-reklutaġġ.

Fir-rigward tad-**distribuzzjoni ġeografika** tal-applikazzjonijiet, l-ogħla ishma skont in-nazzjonalità huma t-Taljan (14.1 %), il-Grieg (13.5 %) u r-Rumen (11.4 %), filwaqt li l-għadd l-aktar baxxi huma fost l-Iżvediż (0.6 %), il-Malti (0.3 %) u d-Daniż (0.2 %).

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li grazzi għall-promozzjoni attiva tal-avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti fl-Istati Membri kollha, wettaqna bidla importanti fid-direzzjoni t-tajba sabiex **nattiraw riżerva varjata ta' kandidati**. Pereżempju, l-għadd ta' applikanti minn pajjiżi rappreżentati żżejjed naqas. Barra minn hekk, din hija l-ewwel sena li fiha l-Aġenzija rċeviet applikazzjonijiet minn ċittadini mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, din hija wkoll l-ewwel sena li fiha l-applikazzjonijiet kienu mill-Istati Membri assoċjati kollha, bl-eċċezzjoni tal-Liechtenstein.

[88] Iż-żewġ pożizzjonijiet previsti fit-tabella tal-persunal għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac u 11 għar-Riformulazzjoni tal-VIS ma setgħux jintużaw għar-reklutaġġ, peress li l-bażijiet legali rispettivi ma ġewx adottati.
[89] Iż-żewġ pożizzjonijiet previsti għar-riformulazzjoni tal-pulizija tas-SIS fis-snin 2021 u 2022 ma kinux awtorizzati peress li l-bażijiet legali rispettivi ma ġewx adottati.

**Kategoriji ta' Persunal**

Il-politika ta' reklutaġġ tal-Aġenzija fir-rigward tal-kategoriji differenti ta' persunal (jiġifieri uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati) hija miġbura fil-qosor fit-taqsimiet li ġejjin.

**Uffiċjali.** L-Aġenzija ma għandhiex pożizzjonijiet permanenti awtorizzati fit-Tabella tal-Persunal tagħha.

**L-aġenti temporanji (AT)** jikkostitwixxu l-persunal statutorju tal-eu-LISA li l-kompiti tagħhom huma relatati mal-mandat tal-Aġenzija u, għalhekk, ma jistgħux jiġu esternalizzati. L-aġenti temporanji jiġu reklutati biex iwettqu attivitajiet ewlenin, jiġifieri, **kompiti operazzjonali, maniġerjali u amministrattivi**. Il-proċeduri kollha ta' reklutaġġ jitwettqu fil-grad irreklamat fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, is-CEOS, u r-regoli ta' implimentazzjoni rispettivi, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-impjieg rilevanti.

Fl-2021, l-eu-LISA rreklutat aġenti temporanji permezz ta' proċeduri ta' selezzjoni kemm interni kif ukoll esterni, kif ukoll permezz ta' listi ta' riżerva eżistenti. S'issa, l-eu-LISA ma nediet l-ebda sejħa ta' reklutaġġ bejn l-aġenziji. Fl-2021, il-gradi tad-dħul għall-aġenti temporanji fit-tul kienu kif ġej: AST 3; AD 5 sa AD 8; AD 9 sa AD 10 (f'każ ta' mobbiltà, eż. rwol tal-Kap tal-Unità); AD 13 (għal Viċi Direttur Eżekuttiv).

Skont il-linji gwida interni tal-eu-LISA dwar it-tiġdid ta' kuntratti[90], l-aġenti temporanji inizjalment jiġu offruti kuntratt b'terminu fiss għal 5 snin, li jiġġedded għal perjodu ieħor li ma jaqbiżx il-5 snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni sussegwenti għal terminu indefinit. It-tiġdid kollu tal-kuntratti jrid jgħaddi minn valutazzjoni komprensiva tal-prestazzjoni u jiddependi mill-prijoritajiet tal-eu-LISA deskritti fl-SPDs u mir-riżorsi baġitarji disponibbli. F'Novembru 2016, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA awtorizza[91] lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jagħti kuntratti indefiniti lill-aġenti temporanji wara l-ewwel terminu kuntrattwali skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli (l-Artikolu 8 tas-CEOS u l-Artikolu 16 tad-deċiżjoni Nru 2015/-166 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ). Fl-2021, l-Aġenzija ġeddet il-kuntratti ta' tliet aġenti temporanji għal terminu indefinit.

Waħda mill-sfidi l-aktar urġenti li l-eu-LISA ilha tindirizza mill-2019 hija d-diffikultà relatata mal-mili ta' pożizzjonijiet ta' aġenti temporanji għal żmien qasir li spiss jiġu rrifjutati mill-kandidati li jintgħażlu minħabba t-tul modest tagħhom. Pereżempju, xi pożizzjonijiet (eż. Interoperabbiltà jew VIS) kienu ppjanati bħala nofs ta' ekwivalenti full-time (FTE) fi proposti leġiżlattivi, li joħolqu kwistjonijiet għar-reklutaġġ u t-tfassil tal-kuntratti. Barra minn hekk, it-twettiq ta' proċeduri ta' selezzjoni separati għal dawn it-tipi ta' pożizzjonijiet huwa kemm ineffiċjenti kif ukoll jiswa ħafna flus.

**L-aġenti kuntrattwali (AK)** normalment jiġu impjegati mill-eu-LISA biex jaħdmu fuq **proġetti speċifiċi għal terminu fiss** biex jimlew il-lakuni matul assenzi fit-tul u biex ikopru temporanjament żieda fl-ammont ta' xogħol għal perjodi limitati. Madankollu, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi għas-sistemi l-ġodda assenjati lill-Aġenzija, jipprevedu li għadd ta' pożizzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali responsabbli minn kompiti tekniċi u/jew operazzjonali jistgħu jitqiesu fit-tul.

Fil-biċċa l-kbira, l-aġenti kuntrattwali jiġu reklutati permezz ta' proċeduri ta' selezzjoni esterni, listi ta' riżerva tal-CAST ipprovduti mill-EPSO jew listi ta' riżerva stabbiliti mill-Aġenzija.

B'mod ġenerali, l-aġenti kuntrattwali jiġu offruti **kuntratti b'terminu fiss** jew b'tul massimu ta' (a) ħames snin, bil-possibbiltà li jiġġeddu darba biss għal perjodu fiss ieħor ta' ħames snin, f'konformità mal-Artikolu 85 tas-CEOS, jew (b) kuntratti ta' sentejn, li jistgħu jiġġeddu wkoll darba biss, mingħajr il-possibbiltà ta' estensjoni ulterjuri. Fl-2021, l-eu-LISA ġeddet il-kuntratti ta' żewġ aġenti kuntrattwali billi tat estensjonijiet għal tul fiss ieħor.

Normalment jiġu offruti kuntratti ta' sena mingħajr il-possibbiltà ta' tiġdid meta jiġu sostitwiti membri tal-persunal b'liv itwal ta' assenza. Madankollu, dan wera li huwa soluzzjoni ineffettiva li tirriżulta fir-rifjut ta' offerti ta' impjieg minn kandidati li jintgħażlu.

Kwalunkwe tiġdid ulterjuri ta' kuntratti ta' impjieg għandu jkun għal perjodu indefinit. B'mod simili għall-aġenti temporanji, it-tiġdid tal-kuntratti jiddependi mill-prijoritajiet tal-eu-LISA u mid-dispożizzjonijiet baġitarji disponibbli. Barra minn hekk, kull tiġdid irid jgħaddi minn valutazzjoni komprensiva tal-prestazzjoni. Madankollu, is-sitwazzjoni tal-aġenti kuntrattwali teħtieġ analiżi ulterjuri, b'mod speċjali meta mqabbla mal-persunal statutorju tal-Aġenzija, jiġifieri, jekk il-pożizzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali għandhomx jitqiesu fit-tul jew jekk jistgħux jinbidlu f'kuntratti ta' aġenti temporanji. Mill-2021, l-Aġenzija se jkollha tkun lesta li ġġedded għadd ta' kuntratti ta' impjieg għal żmien indefinit.

Wara l-adozzjoni tar-regola ta' implimentazzjoni l-ġdida dwar il-persunal kuntrattwali ingaġġat skont l-Artikolu 3a tas-CEOS, l-Aġenzija kellha tadatta l-prattika ta' reklutaġġ tagħha biex tidentifika kandidati li se

[90] Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv Nru 43/2016 tal-31 ta' Mejju 2016.
[91] Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv Nru 43/2016 tal-31 ta' Mejju 2016.

jiġu offruti kuntratti għal terminu indefinit wara proċedura ta' selezzjoni b'suċċess mill-eu-LISA minħabba l-mobbiltà bejn l-aġenziji, jew kandidati li għandhom ikunu eżentati milli jgħaddu minn test bil-miktub.

**L-esperti nazzjonali sekondati (SNE)** jintbagħtu lill-eu-LISA mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE biex iwettqu kompiti speċjalizzati biex jiżguraw li l-operazzjonijiet u s-servizzi tal-Aġenzija jkunu allinjati mill-qrib mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri bħala utenti finali. Għalhekk, l-Aġenzija ma timpjegax esperti nazzjonali sekondati u t-tul tas-sekondar tagħhom huwa ddeterminat mill-ftehim milħuq mal-organizzazzjonijiet emittenti tagħhom. Ir-regoli kollha li jappartjenu għall-esperti nazzjonali sekondati (jiġifieri l-proċeduri ta' selezzjoni, it-tul tas-sekondar, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-benefiċċji u l-ispejjeż, eċċ.) huma rregolati mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-eu-LISA dwar l-esperti nazzjonali sekondati,[92] adottati fl-2012.

## B. Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet

**Tabella 13. Regoli ta' implimentazzjoni fis-seħħ**

| | | Iva | Le | Jekk le, liema regoli ta' implimentazzjoni oħra huma fis-seħħ |
|---|---|---|---|---|
| **Riklassifikazzjoni ta' AT** | Deċiżjoni C ta' Mudell (2015)9560 | iva | | |
| **Riklassifikazzjoni ta' AT** | Deċiżjoni C ta' Mudell (2015)9561 | iva | | |

r-riklassifikazzjoni tal-2021 ġiet konkluża fit-22 ta' Diċembru 2021. Skont id-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar ir-Riklassifikazzjoni ta' Aġenti Temporanji u Aġenti Kuntrattwali fl-2021, total ta' 24 membru tal-persunal ġew riklassifikati wara li sar tqabbil finali tal-merti u b'kont meħud tar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kumitat Konġunt ta' Riklassifikazzjoni, ir-rati ta' multiplikazzjoni għall-gwida tal-ekwivalenza medja tal-karriera kif deskritt fl-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 2016-016 tal-Bord tat-Tmexxija, u d-Deċiżjoni Nru 2016-017 tal-Bord tat-Tmexxija, it-tabella tal-persunal u r-riżorsi baġitarji disponibbli.

Ir-riżultati tar-riklassifikazzjoni (għal kull grad) huma ppreżentati fit-**Tabella 14** u fit-**Tabella 15**.

**Tabella 14. Riklassifikazzjoni ta' persunal temporanju/promozzjoni ta' uffiċjali**

| Gradi | Anzjanità medja fil-grad fost il-persunal riklassifikat | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022**[93] | **Medja reali fuq 5 snin**[94] | **Medja fuq 5 snin (f'konformità mad-Deċiżjoni C(2015)9563)** |
| AD05 | 4.2 | 3.3 | 2 | 2.0 | mhux applikabbli | 2.9 | 2.8 |
| AD06 | 2.4 | 2 | | 2.7 | mhux applikabbli | 2.4 | 2.8 |
| AD07 | | 2.6 | 2.2 | 2.7 | mhux applikabbli | 2.5 | 2.8 |
| AD08 | 2 | 2.3 | 3.7 | 2.0 | mhux applikabbli | 2.5 | 3.0 |
| AD09 | 3.5 | 2 | 2.3 | | mhux applikabbli | 2.6 | 4.0 |
| AD10 | | 2 | 3 | | mhux applikabbli | 2.5 | 4.0 |
| AD11 | 2 | | | | mhux applikabbli | 2.0 | 4.0 |
| AD12 | | | | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 6.7 |
| AD13 | | 2 | | | mhux applikabbli | 2 | 6.7 |

[92] Notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, dokument nru 2012-025 tat-28 ta' Ġunju 2012.
[93] Id-*data* għall-2021 se tkun disponibbli f'Jannar 2022.
[94] Id-*data* għall-2021 se tkun disponibbli f'Jannar 2022. Għalhekk, il-medja ġiet ikkalkolata għas-snin bid-*data* rilevanti.

| Gradi | Anzjanità medja fil-grad fost il-persunal riklassifikat | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AST1 | | | | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 3.0 |
| AST2 | | | | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 3.0 |
| AST3 | 5.3 | 5.5 | | | mhux applikabbli | 5.4 | 3.0 |
| AST4 | 2.3 | 2.6 | 2 | 4.0 | mhux applikabbli | 2.7 | 3.0 |
| AST5 | 2.6 | 4.1 | 3.2 | 3.7 | mhux applikabbli | 3.4 | 4.0 |
| AST6 | 2.3 | 2 | | 5.0 | mhux applikabbli | 3.1 | 4.0 |
| AST7 | | 2 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 2.0 | 4.0 |
| AST8 | | 2 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 2.0 | 4.0 |
| AST9 | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| AST10 Assistent anzjan | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 5 |
| AST/SC1 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 4 |
| AST/SC2 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 5 |
| AST/SC3 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 5.9 |
| AST/SC4 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 6.7 |
| AST/SC5 | | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 8.3 |

**Tabella 15. Riklassifikazzjoni tal-persunal kuntrattwali**

| Grupp ta' funzjonijiet | Grad | Persunal attiv fl-1.01.2020 | Nru ta' membri tal-persunal riklassifikati fl-2021 | Għadd medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati | Għadd medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati skont id-Deċiżjoni C(2015)9561 |
|---|---|---|---|---|---|
| AK IV | 18 | 1 | | | mhux applikabbli |
| | 17 | 1 | | | bejn 6 u 10 snin |
| | 16 | 10 | | | bejn 5 u 7 snin |
| | 15 | 6 | | | bejn 4 u 6 snin |
| | 14 | 30 | 5 | 2 | bejn 3 u 5 snin |
| | 13 | 8 | | | bejn 3 u 5 snin |
| AK III | 11 | 1 | | | bejn 6 u 10 snin |
| | 10 | 10 | | | bejn 5 u 7 snin |
| | 9 | 16 | | | bejn 4 u 6 snin |
| | 8 | | | | bejn 3 u 5 snin |
| AK II | 6 | | | | bejn 6 u 10 snin |
| | 5 | | | | bejn 5 u 7 snin |
| | 4 | | | | bejn 3 u 5 snin |
| AK I | 2 | | | | bejn 6 u 10 snin |
| | 1 | | | | bejn 3 u 5 snin |

## C. Rappreżentanza tal-ġeneru

B'mod ġenerali, l-Aġenzija hija impenjata bis-sħiħ li tiżgura opportunitajiet indaqs għall-applikanti kollha matul il-proċess kollu ta' reklutaġġ, mill-kompożizzjoni tal-panels ta' selezzjoni sal-għadd ta' kandidati intervistati, u fl-aħħar mill-aħħar tagħżel l-aħjar kandidati disponibbli għal kull pożizzjoni abbażi tal-merti tagħhom u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni inkwistjoni.

L-Aġenzija ilha taħdem biex tikseb bilanċ bejn il-ġeneri sa mill-istabbiliment tal-eu-LISA. Il-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prevalenti fis-settur tal-ICT kollu u l-Aġenzija għamlet sforzi konsiderevoli biex iżżid l-għadd ta' applikanti nisa, pereżempju, billi attendiet fieri tal-industrija u ċċirkolat avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti f'fora ddedikati.

Fl-aħħar sentejn, l-eu-LISA osservat xejra pożittiva meta mqabbla mas-snin ta' qabel. Jiġifieri, il-perċentwal tal-persunal femminili tal-Aġenzija żdied b'7 % fl-2019 (u laħaq 29 %, żieda minn 22 % fl-2018), b'1.3 % fl-2020 (għal 30.3 %), u b'0.4 % oħra fl-2021 (għal 30.7 %). Ir-rappreżentanza tal-ġeneri tal-Aġenzija (għal kull kategorija ta' persunal) hija ppreżentata fit-Tabella 16.

**Tabella 16. Rappreżentanza tal-ġeneri għal kull kategorija ta' persunal (fil-31.12.2021)**

| | | Uffiċjal | | Temporanju | | Aġenti Kuntrattwali | | Total Globali | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Persunal | % | Persunal | % | Persunal | % | Persunal | % |
| **Femminili** | Livell ta' Amministratur | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 31 | 16.1 % | 20 | 18.7 % | 51 | 17.0 % |
| | Livell ta' Assistent (AST u AST/SC) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 18 | 9.3 % | 23 | 21.5 % | 41 | 13.7 % |
| | Total | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 49 | 25.4 % | 43 | 40.2 % | 92 | 30.7 % |
| **Maskil** | Livell ta' Amministratur | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 113 | 58.5 % | 44 | 41.1 % | 157 | 52.3 % |
| | Livell ta' Assistent (AST u AST/SC) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 31 | 16.1 % | 20 | 18.7 % | 51 | 17.0 % |
| | Total | mhux applikabbli | mhux applikabbli | 144 | 74.6 % | 64 | 59.8 % | 208 | 69.3 % |
| **TOTAL GLOBALI** | | **mhux applikabbli** | **mhux applikabbli** | **193** | **100 %** | **107** | **100 %** | **300** | **100 %** |

**Tabella 17. L-evoluzzjoni tal-ġeneru fil-livell tal-maniġment medju u superjuri (mill-2017 sal-2021; f'Lulju 2021)**

| | 2017 | | 2021 | |
|---|---|---|---|---|
| | Numru | Perċentwal | Numru | Perċentwal |
| **Maniġers Femminili** | 2 | 25 | 2 | 12.5 |
| **Maniġers Maskili** | 6 | 75 | 14 | 87.5 |

It-Tabella 17 turi tnaqqis fil-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell maniġerjali minħabba li maniġer mara waħda ħalliet l-Aġenzija s-sena ta' qabel u ġiet sostitwita minn maniġer raġel.

Fl-2021, l-Aġenzija nediet inizjattiva msejħa **"Women in Leadership Lab" (WILL)** biex tindirizza l-kwistjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri kemm fil-livell maniġerjali kif ukoll f'dak tal-esperti. L-inizjattiva għandha l-għan li tattira aktar applikanti nisa lejn l-eu-LISA, filwaqt li toffri wkoll sessjonijiet ta' kkowċjar iddedikati għat-talenti interni. L-inizjattiva WILL tinkludi diversi attivitajiet:

- il-promozzjoni tal-eu-LISA bħala post tax-xogħol attraenti (preżentazzjonijiet fl-iskejjel u fl-universitajiet),
- ir-rieżami u l-formulazzjoni mill-ġdid tal-avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti biex isiru aktar inklużivi u jiġu ċċirkolati f'fora ddedikati għall-professjonisti nisa tal-ICT,
- tispira u timmotiva lill-persunal tal-eu-LISA b'webinars online bit-tmexxija tal-Aġenzija,
- l-offerta ta' mentoraġġ u gwida għall-karriera lil kollegi nisa bi prestazzjoni għolja.

Barra minn hekk, l-Aġenzija qed tgħaqqad l-isforzi u tikkondividi l-esperjenza mal-aġenziji l-oħra tal-UE u mal-Kummissjoni Ewropea dwar inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbu l-bilanċ bejn l-ġeneri fi ħdan is-servizz pubbliku tal-UE.

## D. Bilanċ ġeografiku

L-Aġenzija temmen li rappreżentanza ġeografika wiesgħa fost il-persunal tikkontribwixxi għad-diversità tal-kulturi u l-iskambju reċiproku. Fl-2021, il-persunal tal-eu-LISA jinkludi **23 nazzjonalità mill-Istati Membri tal-UE**. It-tqassim tal-persunal tal-eu-LISA skont il-pajjiż ta' oriġini (għal kull Amministratur/AK FG IV u Assistent/AK FG I, II, III) huwa ppreżentat fit-Tabella 18.

**Tabella 18. Bilanċ ġeografiku (fil-31.12.2021)**

| | AD + AK FG IV | | AST/SC- AST + AK FGI/AK FGII/AK FGIII | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nazzjonalità** | Numru | % tat-total tal-persunal fil-kategoriji AD u FG IV | Numru | % tat-total tal-membri tal-persunal fil-kategoriji AST SC/AST u FG I, II , III | Numru | % tal-persunal totali |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0.0 % | 2 | 0.7 % | 2 | 0.7 % |
| Il-Belġju (BE) | 6 | 2.0 % | 4 | 1.3 % | 10 | 3.3 % |
| Il-Bulgarija (BG) | 9 | 3.0 % | 1 | 0.3 % | 10 | 3.3 % |
| Il-Kroazja (HR) | 3 | 1.0 % | 0 | 0.0 % | 3 | 1.0 % |
| Ċipru (CY) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 2 | 0.7 % | 1 | 0.3 % | 3 | 1.0 % |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| L-Estonja (EE) | 7 | 2.3 % | 21 | 7.0 % | 28 | 9.3 % |
| Il-Finlandja (FI) | 2 | 0.7 % | 1 | 0.3 % | 3 | 1.0 % |
| Franza (FR) | 49 | 16.3 % | 14 | 4.7 % | 63 | 21.0 % |
| Il-Ġermanja (DE) | 8 | 2.7 % | 2 | 0.7 % | 10 | 3.3 % |
| Il-Greċja (EL) | 32 | 10.7 % | 8 | 2.7 % | 40 | 13.3 % |
| L-Ungerija (HU) | 5 | 1.7 % | 3 | 1.0 % | 8 | 2.7 % |
| L-Irlanda (IE) | 2 | 0.7 % | 1 | 0.3 % | 3 | 1.0 % |
| L-Italja (IT) | 19 | 6.3 % | 4 | 1.3 % | 23 | 7.7 % |
| Il-Latvja (LV) | 5 | 1.7 % | 3 | 1.0 % | 8 | 2.7 % |
| Il-Litwanja (LT) | 4 | 1.3 % | 3 | 1.0 % | 7 | 2.3 % |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| Malta (MT) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| In-Netherlands (NL) | 4 | 1.3 % | 1 | 0.3 % | 5 | 1.7 % |
| Il-Polonja (PL) | 11 | 3.7 % | 4 | 1.3 % | 15 | 5.0 % |
| Il-Portugall (PT) | 3 | 1.0 % | 3 | 1.0 % | 6 | 2.0 % |
| Ir-Rumanija (RO) | 24 | 8.0 % | 8 | 2.7 % | 32 | 10.7 % |
| Is-Slovakkja (SK) | 3 | 1.0 % | 0 | 0.0 % | 3 | 1.0 % |
| Is-Slovenja (SI) | 1 | 0.3 % | 1 | 0.3 % | 2 | 0.7 % |
| Spanja (ES) | 9 | 3.0 % | 5 | 1.7 % | 14 | 4.7 % |
| L-Iżvezja (SE) | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % | 0 | 0.0 % |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 0.0 % | 2 | 0.7 % | 2 | 0.7 % |
| **TOTAL** | **208** | **69 %** | **92** | **31 %** | **300** | **100 %** |

Meta jitqies li l-lokazzjonijiet ewlenin tal-eu-LISA jinsabu f'**Tallinn, l-Estonja u Strasburgu, Franza**, il-perċentwal għoli ta' persunal Estonjan u Franċiż, sa 30 % tal-persunal fil-lokazzjonijiet rispettivi, ma jitqiesx li jikkostitwixxi distorsjoni sinifikanti fir-rigward tal-bilanċ ġeografiku ġenerali.

Meta mqabbel mal-2020, l-għadd ta' nazzjonalitajiet rappreżentati fl-eu-LISA żdied b'wieħed. Fl-isforzi ta' reklutaġġ tagħha, l-Aġenzija tistinka biex tespandi r-rappreżentanza taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE fost il-persunal. Madankollu, differenza konsiderevoli fil-koeffiċjenti ta' korrezzjoni bejn il-lokazzjonijiet tal-Aġenzija, it-tul qasir tal-kuntratti ta' impjieg, il-limitazzjonijiet fuq it-telexogħol minn barra l-pajjiż, u d-diffikultajiet fir-rilokazzjoni matul il-pandemija, ħolqu sfidi addizzjonali għal dawn l-isforzi.

Il-Franċiżi jikkostitwixxu l-akbar grupp ta' nazzjonalità fl-eu-LISA. Dan huwa prinċipalment minħabba li l-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi ttrasferew parti mill-persunal tal-IT tagħhom lill-Aġenzija meta din ġiet stabbilita oriġinarjament. Dawn il-persuni ngħaqdu mal-eu-LISA permezz tal-proċedura uffiċjali tal-kompetizzjoni għal pożizzjonijiet speċjalizzati ħafna. Maż-żmien u flimkien maż-żieda ġenerali fil-persunal f'dawn l-aħħar sentejn, is-sehem taċ-ċittadini Franċiżi qed jonqos bil-mod kif ippreżentat fit-Tabella 19.

**Tabella 19. Evoluzzjoni tan-nazzjonalità l-aktar rappreżentata fl-Aġenzija (mill-2017 sal-2021)**

| In-nazzjonalità l-aktar rappreżentata | 2017 | | 2021 | |
|---|---|---|---|---|
| | Numru | % | Numru | % |
| Franza (FR) | 39 | 25.5 % | 63 | 21 % |

## E. L-iskejjel

F'konformità mar-Regolament ta' stabbiliment, l-Istati Membri tal-UE li jospitaw l-eu-LISA jridu jipprovdu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija, inkluż skola multilingwi u orjentata lejn l-Ewropa għat-**tfal tal-persunal tal-Aġenzija**, kif ukoll konnessjonijiet tat-trasport xierqa.

Fl-2021, 28 tifel u tifla tal-persunal tal-eu-LISA attendew l-Iskola Ewropea f'Tallinn u 93 fi Strasburgu. Bit-tkabbir kontinwu tal-Aġenzija f'termini ta' għadd ta' persunal, il-baġit għall-**kontribuzzjoni lejn l-Iskejjel Ewropej** qed jiżdied ukoll. Għas-sena skolastika 2020/2021, l-eu-LISA tat kważi EUR 1,396,000, b'hekk kważi rduppjat l-ammont imħallas fis-sena preċedenti. Huwa stmat li għas-sena skolastika 2022/2023, l-Aġenzija jista' jkollha bżonn tikkontribwixxi madwar 1,400,000 biex tkopri l-ispejjeż tal-iskola. Fis-snin li ġejjin, il-kontribuzzjoni għandha tiżdied biss bi ftit u mbagħad tistabbilizza, dment li l-eu-LISA ma tkomplix tikber.

L-għażliet edukattivi disponibbli għat-tfal tal-persunal tal-eu-LISA huma deskritti fit-tabella ta' hawn taħt. Fiż-żewġ lokazzjonijiet, hemm ukoll possibbiltajiet oħrajn għal edukazzjoni li tinkiseb abbażi ta' kurrikulu internazzjonali jew kurrikulu nazzjonali rikonoxxut sewwa fit-taqsimiet internazzjonali tal-iskejjel sekondarji tal-belt u l-kulleġġi internazzjonali.

| Ftehim fis-seħħ mal-Iskejjel Ewropej | f'Tallinn | u fi Strasburgu |
|---|---|---|
| Ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffirmati mal-KE dwar l-iskejjel Ewropej tat-tip I | Iva | Le |
| Ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffirmati mal-KE dwar l-iskejjel Ewropej tat-tip II | Iva | Le |
| Għadd ta' kuntratti għal servizzi fis-seħħ mal-iskejjel internazzjonali: | Ma ġie ffirmat l-ebda ftehim | |
| Deskrizzjoni ta' kwalunkwe soluzzjoni jew azzjoni oħra fis-seħħ: | | |

Fl-2014, l-eu-LISA introduċiet **benefiċċju għall-iskola preprimarja** għall-persunal li t-tfal tiegħu għandhom inqas minn 4 snin u li għalihom l-Iskejjel Ewropej lokali ma jistgħu jipprovdu l-ebda kura. L-iskema ta' appoġġ tippermetti r-rimborż tal-kostijiet tal-indukrar tat-tfal fil-kindergartens jew fl-iskejjel preprimarji li magħhom l-eu-LISA kkonkludiet kuntratti ta' servizz. Din l-inizjattiva ntlaqgħet b'mod pożittiv, anke minn persunal ġdid, u se titkompla fil-futur, speċjalment f'Tallinn. Fi tmiem l-2021, is-servizzi tal-iskola preprimarja ntużaw minn 35 membru tal-persunal.

# Anness VI. Ġestjoni Ambjentali

**L-impatt tal-kwistjonijiet ambjentali fuq il-prestazzjoni organizzazzjonali qed jiżdied kontinwament, u maż-żmien, l-identifikazzjoni sistematika u l-korrezzjoni tan-nuqqasijiet identifikati se jwasslu għal prestazzjoni ambjentali (u organizzazzjonali ġenerali) aħjar. L-Aġenzija hija impenjata li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tagħha billi timplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali interna (EMS) ibbażata fuq il-prinċipji tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew[95].**

Fl-2020, l-Aġenzija introduċiet indikatur tal-prestazzjoni (KPI) ewlieni u ġdid biex tkejjel il-prestazzjoni ambjentali tagħha[96]. L-għan ta' din il-metrika huwa li turi l-progress tal-eu-LISA fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ biex jinkiseb iffrankar tal-enerġija u għall-konformità mal-mira tal-UE għall-2030 għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-linja bażi għall-KPI ambjentali l-ġdid hija s-sitwazzjoni rreġistrata fl-2020. Il-KPI ambjentali huwa espress f'tunnellati metriċi ta' $CO_2$ għal kull persuna u jirrifletti l-impronta tal-karbonju tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha l-għan li tnaqqas l-impronta tal-karbonju u l-produzzjoni tal-iskart tagħha, filwaqt li tnaqqas ukoll il-konsum eċċessiv tal-enerġija, tal-ilma u tal-karta. Għal dak il-għan, l-eu-LISA se tiffoka fuq is-sensibilizzazzjoni tal-persunal permezz ta' komunikazzjoni interna sistematika u, fejn possibbli, kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali. Barra minn hekk, l-eu-LISA se tippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli[97], filwaqt li żżid ukoll l-effiċjenza enerġetika tal-bini tagħha, f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tieni estensjoni tal-bini ppjanata għas-sit tekniku ta' Strasburgu se titwettaq f'konformità mal-istandards ambjentali u tal-effiċjenza enerġetika applikabbli[98].

L-Aġenzija qed taħdem lejn reġistrazzjoni fl-EMAS sal-2024. Għal dak il-għan, l-eu-LISA qed tieħu l-passi li ġejjin:

- l-abbozzar tal-politika ambjentali tal-Aġenzija, (twettiq stmat fi Q4 2022), li tiddeskrivi l-impenji ambjentali tagħha u tispeċifika l-intenzjonijiet u d-direzzjoni ġenerali tagħha f'termini ta' prestazzjoni ambjentali.
- it-twettiq ta' rieżami ambjentali tal-eu-LISA (it-twettiq stmat fi Q1 tal-2023), f'konformità mal-kriterji ta' Prattika Tajba tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-Kummissjoni[99], biex jiġu analizzati l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tagħha abbażi tas-sitt indikaturi li ġejjin[100]: l-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-ilma, il-maniġġar tal-iskart, il-bijodiversità, l-emissjonijiet tal-arja, u l-akkwist ekoloġiku;
- it-tfassil tal-programm ambjentali tal-Aġenzija biex il-politika ambjentali tal-eu-LISA tissarraf f'objettivi azzjonabbli b'indikaturi li jistgħu jitkejlu li jiddeżinjaw ir-responsabbiltajiet u jidentifikaw il-mezzi biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri ambjentali definiti, fi skadenzi definiti (twettiq stmat fl-2023);
- l-implimentazzjoni tal-EMS tal-Aġenzija (adozzjoni stmata fl-2023) biex tinkiseb prestazzjoni ambjentali mtejba. L-EMS se tipprovdi approċċ sistematiku għall-ippjanar, il-monitoraġġ, il-ġbir tad-*data*, il-kejl, l-involviment tal-maniġment superjuri u l-impjegati, il-valutazzjoni u t-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-eu-LISA;
- it-tħejjija tar-rapport ambjentali li jiddeskrivi l-progress tal-eu-LISA f'termini tal-objettivi ambjentali tagħha, li jagħti dettalji kemm tal-azzjonijiet kif ukoll tal-miżuri tal-passat, kif ukoll jistabbilixxi miri għall-futur, segwiti mill-bidu tal-proċess ta' reġistrazzjoni tal-EMAS (stmat fi Q3 2024).

---

[95] Il-Kummissjoni Ewropea — Prijoritajiet 2019-2024 — Patt Ekoloġiku Ewropew https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019–2024/european-green-deal_en
[96] KPI Nru 15: Indikatur ambjentali — Dokument tal-Bord tat-Tmexxija 2020-062
[97] Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.12. 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.
[98] Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, kif inkorporata fil-liġi nazzjonali: Linji Gwida tal-2020 dwar l-Aħjar Prattiki għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija taċ-Ċentru tad-*Data* - ver 11.1.0; ir-regolament Franċiż li ġej RE2020 li jissostitwixxi RT2012; ir-regolament lokali li ġej fi Strasburgu/Eurometropole fil-qafas tal-Istrateġija ACE (Arja — Klima — Enerġija).
[99] Il-Kummissjoni Ewropea — Prattika Tajba tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku https://ec.europa.eu/environment/gpp/case_group_en.htm
[100] Soġġett għal bidla wara l-adozzjoni formali tal-Politika Ambjentali.

**Illustrazzjoni 2. Skeda ġenerali għall-implimentazzjoni tal-EMAS**




| | |
|---|---|
| Environmental review | Rieżami ambjentali |
| Environmental management system | Sistema ta' ġestjoni ambjentali |
| General requirements | Rekwiżiti ġenerali |
| Environmental policy | Politika ambjentali |
| Planning | Ippjanar |
| Implementation and operation | Implimentazzjoni u Tħaddim |
| Checking requirements in place | Rekwiżiti ta' verifika fis-seħħ |
| Internal audit/Management Review | Awditjar intern/Rieżami tal-Ġestjoni |
| EMAS environmental statement | Dikjarazzjoni ambjentali tal-EMAS |
| Verification and Validation | Verifika u Validazzjoni |
| Registration: Competent Body | Reġistrazzjoni: Korp Kompetenti |

Minn hemm' il quddiem, l-Aġenzija se tippreżenta rapporti annwali dwar il-prestazzjoni tal-EMS tagħha, li għandhom jiġu eżaminati u vvalidati minn verifikatur ambjentali indipendenti.[101] Ir-rapporti ambjentali vvalidati se jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni u ppubblikati fuq is-sit web tal-eu-LISA biex juru l-progress li tkun għamlet l-Aġenzija f'termini ta' titjib tal-prestazzjoni ambjentali tagħha.

[101] Il-Kummissjoni Ewropea - Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali https://ec.europa.eu/environment/emas/join_emas/how_does_it_work_step8_en.htm#hdiw

# Anness VII. Politika dwar il-Bini

## Is-sitwazzjoni attwali tal-bini

It-tabella ta’ hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-bini tal-Aġenzija.

| | | Erja tas-superfiċje (f’m²) | | | Kuntratt tal-kiri | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Isem u tip ta’ bini** | **Lokazzjoni** | Spazju għall-uffiċċji | Mhux uffiċċju | Total | KERA (EUR/sena) | Tul tal-kuntratt | Tip | Klawżola ta’ tmiem bikri tal-kuntratt | Kundizzjonijiet mehmuża mal-klawżola ta’ tmiem bikri tal-kuntratt | **Pajjiż ospitanti (għotja jew appoġġ)** |
| **Kwartieri Ġenerali tal-eu-LISA** | Vesilennuki 5, Tallinn, l-Estonja | 1161.4 | 3235.9 | 4397.3 | - | - | - | - | - | Fl-2018, l-Estonja bniet u ttrasferiet il-Kwartieri Ġenerali l-ġodda tal-eu-LISA fi tranżazzjoni mhux ta’ skambju |
| **Ċentru operazzjonali tal-eu-LISA** | 18 Rue de la Faisanderie 67100 Strasburgu, Franza | 2155 | 5687 | 7842 | - | - | - | - | - | Franza tat binjiet sħaħ għal EUR 1 fid-29 ta’ Mejju 2013 |
| **Spazju ta’ uffiċċju temporanju tal-eu-LISA** | PLATON building, 4 Rue Jean Sapidus, 67400 Illkirch-Grafenstaden, Strasburgu, Franza | 2074,40 | - | 2074,40 | 541,107,24 | 6+3 snin | kera | - | - | - |
| **Faċilità ta’ backup tal-eu-LISA** | Ċentru ta’ Backup Federali u Ċentrali Awstrijakk f’Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija | 223 | 403 | 626 | 591,328 | Ftehim Operazzjonali Indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija | kera | - | - | - |
| **Uffiċċju ta’ Kollegament tal-eu-LISA,** | 20 avenue d’Auderghem, 1040 Brussell | 98 (erba’ uffiċċji fit-tieni sular) | - | 98 | 20,433 | sal-31/03/2023 (l-Aġenzija qed teżamina l-għażliet futuri għall-ispazju għall-uffiċċji fi Brussell) | kera | - | - | - |

## Proġetti tal-bini sottomessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

### It-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu

Filwaqt li jitqies li fis-snin li ġejjin ir-rwol ċentrali tal-Aġenzija fil-funzjonament sostenibbli taż-Żona Schengen, flimkien mal-kontribut sostanzjali tagħha għall-operazzjoni effiċjenti tad-dominju tal-ĠAI tal-UE ser ikomplu jikbru, it-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali ta’ Strasburgu tibqa’ proġett ta’ prijorità għolja li ser iwassal għal bosta benefiċċji.

L-aktar importanti:

- se tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-persunal u għall-kuntratturi kollha li jaħdmu fi Strasburgu,
- se tiżgura l-konformità mal-istandards applikabbli tal-effiċjenza enerġetika u ambjentali,
- se tiżgura li l-Aġenzija tkun kapaċi timplimenta u tiġġestixxi sistemi ġodda b’mod effiċjenti, effettiv u ottimali,
- se tiggarantixxi l-kapaċità li tiżgura d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità, l-integrità u l-evoluzzjoni mingħajr interruzzjoni meħtieġa tas-sistemi fdati lill-Aġenzija.

Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-proġett jinkludi l-kostruzzjoni l-bini tat-tieni estensjoni, il-bini tal-elettriku u l-pedamenti adegwati għaċ-ċentru tad-*data* modulari ġdid inkluż. Iċ-ċentru tad-*data* se jitwettaq bi prijorità minħabba ż-żieda urġenti fid-domanda għall-kapaċità tal-informatika.

L-Aġenzija qed tippjana li tikkonkludi d-disinn dettaljat tal-estensjoni sa tmiem l-2024 u tippreżenta l-proġett ta' kostruzzjoni għall-approvazzjoni, l-ewwel lill-Bord tat-Tmexxija u aktar tard lill-Awtorità Baġitarja, bil-ħsieb li tibda l-kostruzzjoni fil-bidu tal-2026. L-Aġenzija tistenna li tlesti t-tieni estensjoni tas-sit tagħha fi Strasburgu fl-2028.

It-tabella li ġejja telenka l-istadji importanti ewlenin li fadal fl-ippjanar aġġornat tal-proġett tat-tieni estensjoni mill-2023 'il quddiem. L-Aġenzija tinnota li l-pjanijiet riveduti għadhom ma ġewx sottomessi lill-Awtorità Baġitarja u għalhekk, fiż-żmien ta' din il-kitba, ma għandhiex il-mezzi meħtieġa biex timplimenta l-proġett. Madankollu, l-Aġenzija tista' tiffinanzja parti(jiet) mill-proġett, direttament relatati maż-żieda fil-kapaċità tal-informatika, bid-dħul miġbur f'konformità mal-Artikolu 46(3)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1726 tal-eu-LISA. Il-bidliet fil-proġett tal-bini se jkunu koperti minn ittra/i ġdida/ġodda ta' preinformazzjoni lill-Awtorità Baġitarja.

| Stadji importanti li fadal | Għandhom jinkisbu s |
|---|---|
| **Sejħa għall-offerti ta' disinn tal-bini inkluż il-kuntratt tad-disinjatur tekniku** | **Q2 2023** |
| **Bidu tal-istudju tad-disinn tekniku** | **Q2 2023** |
| **Disinn iddettaljat konkluż** | Q3 2024 |
| **Approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-proġett ta' kostruzzjoni** | Q4 2024 |
| **Talba tal-Bord tat-Tmexxija lill-Awtorità Baġitarja** | Q4 2024 |
| **Approvazzjoni tal-firma tal-kuntratt mill-Awtorità Baġitarja** | Q1 2025 |
| **Sejħa għall-offerti tal-kostruzzjoni tal-bini (inkluż l-iffirmar tal-kuntratt ta' eżekuzzjoni tax-xogħlijiet)** | Q1 2026 |
| **Bidu tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet** | Q1 2026 |
| **Twettiq tal-bini tal-elettriku u ċentru tad-*data* ġdid** | Q1 2027 |
| **Twettiq tal-bini tat-tieni estensjoni** | Q1 2028 |
| **Aċċettazzjoni tal-kostruzzjoni** | Q1 2028 |

Barra minn hekk, id-distribuzzjoni baġitarja stmata ġiet aġġornata għal:

| 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 415 000 | 506 000 | 1,130,000 | 835 000 | 10,430,000 | 17,115,000 | 3,570,000 | 33,586,000 |

## Soluzzjonijiet temporanji għall-ispazju tal-uffiċċji u għaċ-ċentru tad-*data* fi Strasburgu

Sabiex jittaffew il-kwistjonijiet tal-kapaċità tal-ispazju għall-uffiċċji li jirriżultaw mit-tieni proġett ta' kostruzzjoni ta' estensjoni b'mod kosteffiċjenti, l-Aġenzija kriet bini qrib ħafna tas-sit operazzjonali biex jintuża bħala spazju temporanju għall-uffiċċji.

Barra minn hekk, l-Aġenzija bniet ċentru tad-*data* modulari temporanju fis-sit tekniku eżistenti bħala soluzzjoni effiċjenti u kosteffettiva għall-espansjoni taċ-ċentru tad-*data* eżistenti sakemm l-estensjoni l-ġdida tkun lesta għall-użu. Is-soluzzjoni modulari hija mgħammra bl-infrastruttura meħtieġa għall-operat awtonomu tagħha u twettqet lesta għas-servizz mill-kuntrattur. Iċ-ċentru temporanju tad-*data* huwa konformi tal-anqas mal-istess rekwiżiti ta' sigurtà, sikurezza u tifi tan-nar bħal dawk attwali.

L-użu taċ-ċentru tad-*data* modulari huwa soluzzjoni temporanja li t-tul ta' żmien tiegħu jiddependi mit-tlestija tal-proġett tat-tieni estensjoni. Madankollu, din is-soluzzjoni tista' tintuża wkoll fil-futur biex tiffaċilita rispons aktar flessibbli matul l-estensjonijiet ippjanati u meħtieġa fit-tħaddim tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

Iż-żewġ proġetti waqgħu taħt il-limitu ta' implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti. Barra minn hekk, is-soluzzjoni temporanja għaċ-ċentru tad-*data* mhijiex proġett ta' bini. Minflok, dan huwa servizz, li jfisser li ma kinitx meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità baġitarja.

# Anness VIII. Privileġġi u Immunitajiet

| Privileġġi tal-Persunal Statutorji tal-eu-LISA | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet / status diplomatiku | Edukazzjoni/Kura matul il-jum |
|---|---|---|
| Il-**membri tal-persunal statutorju tal-eu-LISA f'Tallinn**, sakemm ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, se jingħataw rimborż mill-gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul l-ewwel sena minn meta jibdew jassumu d-dmirijiet tagħhom fil-Kwartieri Ġenerali f'Tallinn biex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tagħhom fl-Estonja.<br><br>Il-**membri tal-persunal statutorju tal-eu-LISA f'Tallinn** u l-membri tal-familja li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni | Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12. | Ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn fil-Ħarifa tal-2013, li tipprovdi kurrikulu tat-Tip II fil-livell ta' skola preprimarja u fil-livell ta' edukazzjoni primarja u sekondarja. L-iskola Ewropea f'Tallinn taċċetta tfal mill-età ta' erba' snin. |
| Il-**membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu** u l-membri tal-familja li jiffurmaw parti mill-unità domestika tagħhom huma eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni. Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-SNEs huma wkoll eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża. | Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija tal-UE għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta' Franza, l-Artikolu 13. | Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-eu-LISA billi joffri edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdi l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Barra minn hekk, it-tfal tal-persunal tal-eu-LISA huma żgurati l-ammissjoni fl-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, li toffri programm ta' baċċellerat, rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni konkluż bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta' Strasburgu, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Mejju 2011. |

# Anness IX. Evalwazzjonijiet

### Evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi tal-IT

Fl-2022, qabel l-evalwazzjoni esterna regolari ppjanata għall-2023, f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA, l-Aġenzija għaddiet minn eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva biex tikseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva se jservu bħala input addizzjonali għall-evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni li se ssir fl-2023.

### Evalwazzjonijiet ex ante

Il-proċess ta' evalwazzjoni ex ante jikkostitwixxi parti miċ-ċiklu ta' strateġija u ta' ppjanar operazzjonali tal-eu-LISA. Dan għandu l-għan li jivvaluta l-fattibbiltà ta' proposti ta' proġetti ġodda u l-opportunitajiet li jakkumpanjawhom skont l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija. Fl-istess ħin, iservi wkoll bħala kontroll tal-kwalità billi jipprovdi, minn stadju bikri, il-mekkaniżmu sabiex jiġi vvalutat l-istat ta' tħejjija tad-*data* billi jidentifika lakuni u inkonsistenzi, kif ukoll billi jiskopri n-nonkonformità mal-kriterji tal-kwalità għall-kontenut tad-dokumentazzjoni.

L-applikazzjoni tal-proċess ex ante tirriżulta mir-Regolament ta' Stabbiliment tal-eu-LISA, li jirrikjedi l-użu ta' struttura adegwata ta' ġestjoni tal-proġetti biex tappoġġa l-iżvilupp effiċjenti ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija jistipula li l-attivitajiet u l-proġetti kollha li jirrikjedu nefqa sinifikanti huma soġġetti għal evalwazzjoni ex-ante qabel ma jiġu approvati u inklużi fil-programm ta' ħidma annwali.

L-għan primarju tal-valutazzjoni tal-opportunità huwa li jiġu evalwati r-rilevanza u l-koerenza ta' kull proġett mal-mandat tal-Aġenzija, jiġifieri, l-istatus prijoritarju tiegħu, l-idoneità strateġika, l-istimi tal-baġit u tar-riżorsi, kif ukoll il-benefiċċji. Dan jindika wkoll restrizzjonijiet, riskji u rekwiżiti tal-akkwist, filwaqt li jeżamina wkoll l-aderenza tal-Aġenzija mal-proċessi ta' selezzjoni tal-proġetti u tal-ippjanar annwali.

Biex tiffaċilita dan it-tip ta' evalwazzjonijiet, l-Aġenzija żviluppat il-Politika, il-Proċess u l-Proċedura ta' Evalwazzjoni Ex Ante, u sett ta' kriterji għas-selezzjoni ta' proġetti għall-evalwazzjoni, inkluż mudell aġġornat ta' każ ta' negozju. Filwaqt li qieset li ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni ex ante jieħu sentejn, l-Aġenzija introduċiet approċċ ottimizzat f'żewġ stadji li jinkludi **valutazzjoni tal-opportunità inizjali**, u **valutazzjoni tal-fattibbiltà sussegwenti** fis-sena ta' wara.

Dan l-approċċ ottimizzat jiffaċilita l-proċess ta' evalwazzjoni ex ante billi jiżgura li proġetti ġodda jiġu evalwati biss skont l-informazzjoni disponibbli, filwaqt li jipprovdi wkoll informazzjoni intuwittiva bikrija dwar id-domanda tal-proġett u l-impatt fuq il-portafoll tal-Aġenzija. Dan jippermetti d-determinazzjoni tad-dipendenzi tal-portafoll ta' kull proġett mill-bidu, filwaqt li jiġu aċċertati wkoll kategoriji u prijoritajiet xierqa tal-proġetti biex jiggwidaw l-ippjanar tar-riżorsi.

**Tabella 20. Lista tal-proġetti tal-2023 fil-Kamp ta' applikazzjoni għall-valutazzjoni tal-Opportunitajiet Ex Ante**

| Numru ta' Referenza | Titolu tal-Attività | Daqs | Għan Strateġiku |
|---|---|---|---|
| 1 | Ippjanar tal-Kapaċità tan-Network u Titjib Operazzjonali | Medju | 1 |
| 2 | Stabbiliment, Eżekuzzjoni u Monitoraġġ tal-Flussi tax-xogħol tal-Aġenzija | Medju | 2 |
| 3 | Żvilupp Attiv-Attiv tas-SIS | Kbir | 1 |
| 4 | Għodda tal-ġestjoni tal-kollegament tal-ETIAS MID | Medju | 1 |
| 5 | Implimentazzjoni ta' ambjent VDI | Medju | 1 |
| 6 | Intranet u Extranet ġodda | Medju | 4 |
| 7 | Tfittxija tal-Intrapriża | Żgħir | 4 |
| 8 | Implimentazzjoni ta' sostituzzjoni tal-EOPM | Medju | 1 |

## Evalwazzjonijiet Esterni

Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Istabbiliment, l-eu-LISA għandha ssirilha evalwazzjoni tal-prestazzjoni esterna regolari kull ħames snin. L-evalwazzjoni għandha titwettaq mill-Kummissjoni biex tevalwa l-prestazzjoni tal-Aġenzija meta mqabbla mal-mandat, l-objettivi, il-lokazzjonijiet u l-kompiti tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tanalizza wkoll il-mod u sa liema punt l-eu-LISA tikkontribwixxi għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE. Barra minn hekk, dik l-evalwazzjoni se tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-eu-LISA u l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu. L-evalwazzjoni li jmiss tal-Aġenzija trid titlesta sat-12 ta' Diċembru 2023.

# Anness X. Strateġija għall-Ġestjoni Organizzazzjonali u s-Sistemi ta' Kontroll Intern

## Qafas ta' Kontroll Intern (ICF)

Il-proċess ta' kontroll intern tal-Aġenzija jgħin lill-eu-LISA tilħaq l-objettivi tagħha u ssostni l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja tagħha billi tappoġġa teħid ta' deċiżjonijiet sod u tnaqqas ir-riskji għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi.

F'dan il-kuntest, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA huwa responsabbli:

- mill-implimentazzjoni tal-politika u l-prinċipji ta' kontroll intern tal-Aġenzija, filwaqt li jistabbilixxi wkoll l-istruttura organizzazzjonali u s-sistema ta' kontroll intern f'konformità mal-prinċipji adottati mill-Bord tat-Tmexxija, u
- mit-twettiq tal-valutazzjoni annwali tal-effiċjenza tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA.

L-ICF jikkomplementa r-Regolament Finanzjarju tal-eu-LISA, kif ukoll regoli u regolamenti applikabbli oħra, f'allinjament mal-ogħla standards internazzjonali. Il-prinċipji tal-ICF tal-Aġenzija jieħdu gwida mill-qafas imressaq mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod ġenerali, l-ICF tal-Aġenzija jiżgura l-kisba tal-objettivi li ġejjin:

- l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet,
- l-affidabbiltà tar-rapportar,
- is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni,
- Il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu ta' frodi u irregolaritajiet,
- il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

L-ICF jinkludi l-komponenti li ġejjin: l-ambjent ta' kontroll, il-valutazzjoni tar-riskju, il-kontroll, l-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u l-attivitajiet ta' monitoraġġ. Il-komponenti kollha huma interrelatati u jridu jkunu preżenti u jiffunzjonaw fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni u fl-istadji kollha tal-proċessi tan-negozju (eż. l-iżvilupp tas-sistemi, l-operat, eċċ.) biex il-kontroll intern jitqies effettiv.

L-Aġenzija tfittex kontinwament li ssaħħaħ l-attivitajiet ta' kontroll intern tagħha, speċjalment fl-oqsma fejn il-ħtieġa għal titjib kbir ġiet identifikata matul il-monitoraġġ u l-valutazzjoni. Matul il-valutazzjoni annwali regolari, imwettqa matul l-ewwel trimestru tas-sena, id-*data* minn diversi sorsi ta' *data* tinġabar u tiġi analizzata abbażi ta' kriterji ta' monitoraġġ definiti, inkluż stħarriġ tal-persunal, ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, rapporti tal-awditjar interni u esterni, u dokumentazzjoni rilevanti oħra relatata mal-proċessi tan-negozju tal-Aġenzija. Ir-riżultati tal-valutazzjoni annwali huma ppreżentati fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija (CAAR).

## Riskji Korporattivi

Il-politika tal-ġestjoni tar-riskju tal-Aġenzija ġiet approvata f'April 2020. Skont il-politika, il-Ġestjoni tar-Riskju Korporattiv (CRM) tal-eu-LISA hija komponent ċentrali tal-qafas tar-riskju definit fil-politika, li jiffoka fuq l-organizzazzjoni kollha u l-objettivi tagħha, bi proċess simplifikat u reġistru ddedikat, ir-Reġistru tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi. Hija wkoll parti essenzjali mill-governanza korporattiva, peress li tipprovdi gwida u appoġġ lill-maniġment superjuri tal-Aġenzija għall-kisba tal-objettivi strateġiċi tagħha kif deskritti fil-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.

Ir-riskji jiġu vvalutati u kkonfermati fil-livell korporattiv, abbażi ta' kriterji ta' klassifikazzjoni uniċi u kondiviżi, b'mod kontinwu:

- oġġetti identifikati ġodda jinġabru permezz tal-għodda tal-ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti (PPM) tal-Aġenzija u jiġu kkwalifikati mill-Kapijiet tal-Unità/Dipartiment qabel ma jiġu sottomessi lill-Kumitat tat-Tmexxija għall-inklużjoni fir-Reġistru tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi;
- kull riskju jiġi assenjat sid tar-riskju li jkollu l-kompitu li jiddefinixxi u jżomm pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti sakemm jingħalaq ir-riskju;
- oġġett ta' Livell Korporattiv għandu jiġi assenjat Kap tad-Dipartiment/Kap tal-Unità bħala sid. F'xi każijiet speċifiċi, il-Membri tal-Kumitat tat-Tmexxija jistgħu jiddeċiedu li jassenjaw Kap tas-Settur;
- rapport tal-istatus dwar kull riskju, flimkien mal-kwistjonijiet li jinqalgħu u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti, jiġi ppreżentat lill-Kumitat tat-Tmexxija fuq bażi regolari, ibbażat fuq ir-rieżami tar-riskji residwi u l-impatt tagħhom;
- il-membri kollha tal-persunal għandhom aċċess, fil-modalità Read biss, għall-aġġornament l-aktar reċenti tar-Reġistru tar-Riskji u l-Kwistjonijiet Korporattivi fl-ispazju SharePoint tal-EPMO.

It-Tabella 21 tippreżenta l-lista l-aktar reċenti ta' riskji korporattivi li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament operazzjonali tal-Aġenzija fl-2023 u 'l quddiem, b'sidien tar-riskju assenjati u pjanijiet ta' mitigazzjoni deskritti fit-Tabella 22.

**Tabella 21. Riskji Korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti b'impatt possibbli fuq l-objettivi tal-2023–2025**

| Riskju | Titolu | Deskrizzjoni | Sid tar-Riskju |
|---|---|---|---|
| **Riskju 1** | Il-kapaċità u/jew l-abbiltà tal-Aġenzija li tivverifika l-kuntratti biex tiżgura li ma tintalabx tħallas darbtejn. | Dispożizzjonijiet kuntrattwali u strumenti legali inadegwati jistgħu jwasslu biex l-eu-LISA ma tkunx tista' tittraċċa u tivverifika, eż., jekk l-istess esperti tal-kuntrattur humiex assenjati darbtejn għal żewġ attivitajiet/kuntratti li jikkoinċidu għall-istess perjodu (jiġifieri, ħlas doppju għal riżorsa umana waħda). Il-ħlas doppju għall-istess persuna għall-istess perjodu ta' żmien huwa sinjal ta' twissija għall-frodi u jista' jesponi indirettament lill-eu-LISA għal riskju reputazzjonali. | Unità tat-Twettiq tal-Programmi u tal-Proġetti (PPU) / Settur tal-Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti |
| **Riskju 2** | Il-konformità tal-Aġenzija mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz (FLS) hija kkumplikata minħabba li l-ftehimiet dwar il-livell operazzjonali (OLA) huma ġestiti fl-ekosistema tal-akkwist trasversali fejn il-koordinazzjoni tal-isforz għal proġetti u/jew sistemi tiġi nnegozjata bejn kuntratturi multipli. | Iż-żieda tal-approċċ trasversali għall-akkwist tesponi lill-Aġenzija għar-riskju li ma tkunx tista' teżerċita kontroll adegwat fuq il-kuntratturi fir rigward tal-konformità mal-FLS f'sitwazzjonijiet fejn ix-xogħol, u għalhekk ir-responsabbiltà sottostanti, jinqasam bejn żewġ kuntratturi jew aktar. F'każijiet bħal dawn, il-kuntratti normalment jinnegozjaw u jidħlu f'OLAs separati, filwaqt li l-Aġenzija jista' ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni jew riżorsi meħtieġa biex tindirizza din il-kwistjoni fuq tali skala. | PPU / Settur tal-Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti |
| **Riskju 3** | Sfida biex jiġu ingaġġati riżorsi allinjati mal-ħtiġijiet tal-Aġenzija — hemm riskju li ma tinstabx il-"pożizzjoni t-tajba" allinjata mal-ħtiġijiet tal-Aġenzija fil-proċess ta' reklutaġġ tal-HR. | L-għadd dejjem jikber ta' reklutaġġi flimkien mas-sensibilizzazzjoni limitata ta' pożizzjonijiet vakanti jżid ir-riskju li jintilef ammont sinifikanti ta' ħin u sforz billi jiġu reklutati, ingaġġati u onboarding persuni li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti Minbarra l-isforzi li saru mill-kumitat ta' selezzjoni u mit-tim tar-reklutaġġ, rekluti mhux xierqa jieħdu żmien sinifikanti mill-maniġer kif ukoll minn funzjonijiet oħra fl-indirizzar tal-perjodu ta' prova mingħajr suċċess b'impatt konsiderevoli fuq il-produttività. | Unità tar-Riżorsi Umani (HRU) |
| **Riskju 4** | Trasformazzjoni kulturali bil-mod | Filwaqt li l-organizzazzjoni lestiet il-bidla strutturali, teħtieġ ukoll trasformazzjoni fil-mod kif qed taħdem. Jekk il-ħtieġa identifikata għal bidla kulturali ma sseħħx, ir-riskji huma li:<br>(1) l-Aġenzija mhux se tkun tista' tikkorrispondi għat-tkabbir u l-mandat fdat,<br>(2) l-istruttura nbidlet iżda jibqgħu l-istess mentalità antika u l-mod ta' ħsieb u ħidma,<br>(3) mhux se jkun hemm identità korporattiva/se nitilfu l-okkażjoni li nieħdu l-istess direzzjoni bħala entità waħda. | HRU / Settur tat-Tagħlim u tal-Iżvilupp |
| **Riskju 5** | Infurzar insuffiċjenti tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità (QMS) tal-Aġenzija. | Minkejja s-suċċess inizjali bl-implimentazzjoni tal-QMS għall-Programm Fruntieri Intelliġenti, l-adozzjoni tagħha fil-livell tal-Programmi/Proġetti għadu baxx u għalhekk tista' ma tkunx il-fattur kontributur mistenni għall-eu-LISA biex tippromwovi l-eċċellenza operazzjonali billi tipprovdi soluzzjonijiet u servizzi ta' kwalità għolja lill-Istati Membri, li jistgħu jwaqqfuha milli ssir il-fattur abilitanti ewlieni biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA. | Direttur Eżekuttiv/Settur tal-EPMO |

| Riskju | Titolu | Deskrizzjoni | Sid tar-Riskju |
|---|---|---|---|
| **Riskju 6** | Id-dokumentazzjoni tas-sistema ma tinżammx f'repożitorju ċentrali amministrat mill-eu-LISA | Id-dokumentazzjoni tas-Sistema preċiża, kompluta u aġġornata ma tinżammx f'repożitorju ċentrali amministrat mill-eu-LISA. Dan jikkomplika t-tranżizzjoni bejn wieħed u ħafna mill-kuntrattur eżistenti tal-MWO (manutenzjoni f'ordni ta' ħidma) għad-diversi kuntratturi tax-xenarju kuntrattwali post-silo.<br>L-impatti potenzjali ta' dan ir-riskju jikkonsistu:<br>(1) f'dewmien fit-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa tal-offerta (TTS) u l-għoti ta' kuntratti sussegwenti,<br>(2) f'diffikultà biex jiġi newtralizzat il-vantaġġ komparattiv inerenti tal-kuntrattur eżistenti,<br>(3) f'inqas kontroll fuq il-kuntrattur eżistenti,<br>(4) f'interruzzjoni tas-servizz għall-Istati Membri. | Unità tal-Prodott u l-Istandard / Unità tal-Proġetti u l-Programmi |
| **Riskju 7** | Sitwazzjoni ġeopolitika | Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna kellha impatt fuq is-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ewropa, u żiedet ir-riskji għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dan ir-riskju kiber, speċjalment minn meta l-Parlament Ewropew iddikjara lir-Russja bħala sponsor statali ta' terrur (jiġifieri, ir-rispons ibridu konsegwenti segwa d-dikjarazzjoni fl-istess jum), u x'aktarx li jdum diversi xhur. Atturi oħra tat-theddid x'aktarx li jieħdu vantaġġ minn din l-instabbiltà ġenerali fuq livell internazzjonali (eż. żieda fl-attivitajiet terroristiċi diġà ġiet identifikata fl-aħħar xahar).<br>F'dawn l-aħħar xhur, l-Aġenzija rat żieda fl-attivitajiet ċibernetiċi fis-sistemi korporattivi tagħna. Dawn ġew identifikati bħala parti mit-theddid ibridu li ġej mis-sitwazzjoni ġeopolitika. Meta jitqies li s-sistemi li qed jiġu żviluppati (EES, ETIAS) se jkunu konnessi mal-internet, ix-xenarju tar-riskju tal-organizzazzjoni se jikber b'mod esponenzjali, amplifikat minn żbilanċ fil-livell internazzjonali. Bl-istess mod, l-Aġenzija jeħtieġ li tikkunsidra l-protezzjoni fiżika tas-siti tal-Aġenzija fi Strasburgu u f'Tallinn minħabba li t-theddid ibridu jista' jkun immirat ukoll lejn l-assi tal-IT iżda wkoll lejn in-nies u l-bini/s-siti. L-ispjunaġġ jitqies bħala riskju partikolari.<br>L-impatt ta' attakk b'suċċess fuq l-informazzjoni, in-nies u l-assi fiżiċi tal-eu-LISA jista' jaffettwa direttament is-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE (eż., f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' sistemi tal-IT). | Unità tas-Sigurtà |

**Tabella 22. Riskji korporattivi kkonfermati l-aktar reċenti u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti**

| Riskju | Tip ta' Riskju | Probabbiltà ta' Riskju | Impatt tar-Riskju | Rispons u Pjan ta' azzjoni |
|---|---|---|---|---|
| **Riskju 1** | Theddid | Għoli | Għoli Ħafna | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' Azzjoni**<br>Ir-riskju residwu (jiġifieri, ir-rokna potenzjalment għamja (blind corner) ta' Ħin Kwotat u Mezzi — QTM) jista' jiġi indirizzat billi jinfetaħ "biljett ta' irregolarità" mal-kuntrattur(i) kkonċernat(i) kull darba li kwalunkwe membru tal-persunal tal-Aġenzija jiskopri li l-istess konsulent jiġi skjerat simultanjament f'aktar minn attività/proġett/SC waħda/wieħed għal aktar mill-FTE tiegħu/tagħha. It-tnaqqis fil-pagamenti għandu jirriżulta minn kwalunkwe okkorrenza bħal din (il-ħin tal-persuna kkonċernata jitħallas darba biss). |
| **Riskju 2** | Theddid | Għoli | Għoli Ħafna | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' Azzjoni**<br>L-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija ma tidhirx li hija perfettament adatta biex tindirizza r-riskju ta' ftehimiet fil-livell operazzjonali (OLA) ġestiti b'mod inadegwat. Ladarba jiġu stabbiliti, l-OLAs jeħtieġ li jinżammu u jiġu ġestiti mill-organizzazzjoni miżmuma (jiġifieri internament). Għalhekk, riżorsi adegwati u l-istabbiliment ta' ċentru ta' kompetenza tal-OLA jkunu ideali biex ir-riskju residwu jiġi indirizzat b'mod strateġiku u strutturali. |

| Riskju | Tip ta' Riskju | Probabbiltà ta' Riskju | Impatt tar-Riskju | Rispons u Pjan ta' azzjoni |
|---|---|---|---|---|
| **Riskju 3** | Theddid | Għoli | Għoli Ħafna | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' Azzjoni**<br>Azzjoni fuq żmien qasir:<br>Mekkaniżmi ta' monitoraġġ dwar il-perjodi ta' prova stabbiliti mir-riżorsi umani.<br><br>Azzjonijiet addizzjonali fuq żmien medju u twil:<br>(1) jużaw l-istrateġija tal-akkwist biex jiġu definiti attivitajiet li jistgħu jiġu esternalizzati u jiġi żgurat allinjament aħjar bejn ir-rekwiżiti u l-istrateġija,<br>(2) jaġġornaw il-qafas ta' kompetenza u jintegraw (b'kompetenzi professjonali) fil-proċessi ewlenin tar-riżorsi umani (reklutaġġ, ippjanar tal-forza tax-xogħol, ġestjoni tal-prestazzjoni, żvilupp),<br>(3) iwettqu evalwazzjoni kontinwa tas-servizzi tar-reklutaġġ u tar-riżorsi umani. |
| **Riskju 4** | Theddid | Għoli Ħafna | Għoli | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' Azzjoni**<br>Il-programm ta' trasformazzjoni kulturali mexa 'l quddiem bit-tlestija tal-mappa tal-ambizzjoni kulturali (li tiddeskrivi s-sitwazzjoni "li trid tkun") u bil-finalizzazzjoni tal-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni "kif inhi". Wara, l-eu-LISA se twettaq analiżi tad-distakk biex tiffurmula pjan ta' azzjoni sabiex jitnaqqas dak id-distakk.<br>Madankollu, minħabba nuqqas fil-prestazzjoni tal-kuntrattur, il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet kellhom jiġu internalizzati, u dan wassal għal prijoritizzazzjoni mill-ġdid għal proġetti oħra. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot sfidi addizzjonali, li għamlu l-integrazzjoni ta' parteċipanti ġodda aktar diffiċli. |
| **Riskju 5** | Theddid | Għoli | Għoli Ħafna | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' Azzjoni**<br>(1) Metodoloġija tal-ġestjoni ta' proġetti: is-suġġetti tal-ġestjoni tal-kwalità ġew integrati fil-metodoloġija l-ġdida li għandha tinħareġ mill-EPMO;<br>(2) Integrazzjoni tal-Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità (CMMI): wara l-evalwazzjonijiet tas-CMMI, l-Aġenzija se tiffoka fuq it-tħejjija ta' proposta għall-istabbiliment ta' funzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità (sa tmiem l-2022);<br>(3) Qafas tal-Inġinerija Trasversali (TEF): l-eu-LISA ddefiniet u se timplimenta Pjan Qafas ta' Kwalità, Pjanijiet għall-Kwalità tas-Servizz għal-Lottijiet u l-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-Kwalità għal proġetti speċifiċi;<br>(4) Politika ta' Kwalità: id-dokument ta' politika ġie adottat, u l-eu-LISA tinsab fil-proċess li tistabbilixxi Bord tal-Ġestjoni tal-Kwalità. |
| **Riskju 6** | Theddid | Għoli | Għoli Ħafna | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' Azzjoni**<br>(1) li jiġi stabbilit ir-rwol ta' Uffiċjal tal-Ġestjoni tal-Għarfien, wieħed għal kull sistema,<br>(2) li jissaħħaħ u jiġi kkalibrat il-proċess eżistenti tal-Ġestjoni tal-Għarfien sabiex tiġi indirizzata b'mod xieraq id-dokumentazzjoni tas-sistema li tista' tintuża għall-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa tal-offerta (TTS) u s-sejħiet għall-offerti futuri. |
| **Riskju 7** | Theddid | Għoli | Għoli Ħafna | **Rispons:** Tnaqqis<br>**Pjan ta' azzjoni**<br>(1) Il-ħolqien tat-Task Force bejn ir-Russja u l-Ukrajna biex tissorvelja l-evoluzzjoni tal-kunflitt,<br>(2) livell ogħla ta' monitoraġġ tal-IT korporattiv u s-sistemi ewlenin tan-negozju,<br>(3) il-ħolqien tal-Iskwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters,<br>(4) ikkomunika r-riskju lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiżdied l-għadd ta' persunal allokat għas-Sigurtà. |

## Ġestjoni tar-Riskju fil-Livell tal-Proġetti u tal-Programmi

Il-proġetti kollha ssorveljati mill-eu-LISA jiġu mmonitorjati permezz tas-soluzzjoni tal-Ġestjoni tal-Programmi u tal-Proġetti (PPM) tal-Aġenzija li tirreġistra r-riskji u l-kwistjonijiet ta' kull proġett taħt il-kompiti tal-Maniġer tal-Proġett responsabbli.

Ir-riskji kollha tal-proġetti huma diskussi mill-Bordijiet tal-Programm (PB) rispettivi, element ewlieni tal-governanza interna tal-proġetti u tal-programmi tal-eu-LISA, stabbiliti bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tat-08 ta' Ġunju 2020 u riveduti bid-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tat-30 ta' Mejju 2022. Ir-Riskji ta' Kobor Għoli jintwerew fir-Rapport Sommarju tal-Proġett ta' kull ġimgħa (Dashboard tal-Proġett).

F'termini ta' rapportar estern, ir-riskji kollha huma ppreżentati f'rapporti ta' kull xahar lill-erba' Bordijiet tal-Ġestjoni tal-Programmi tal-eu-LISA, jiġifieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-Interoperabbiltà.

## Strateġija Kontra l-Frodi

L-Istrateġija tal-Aġenzija Kontra l-Frodi ssegwi l-istruttura u l-kontenut issuġġeriti mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) fil-gwida tiegħu għall-iżvilupp ta' strateġiji kontra l-frodi. Il-prinċipji bażiċi li jiggwidaw l-istrateġija tal-eu-LISA kontra l-frodi jinkludu l-etika, l-integrità, it-trasparenza mtejba, il-prevenzjoni tal-frodi, u l-kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati u s-sħab interni u esterni. Il-persunal tal-Aġenzija, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi, u l-kuntratturi esterni kollha huma meħtieġa japplikaw l-ogħla standards ta' onestà u integrità fit-twettiq ta' dmirijiethom. L-Aġenzija ma tittollerax frodi u se tirrapporta, mingħajr dewmien, kwalunkwe każ ta' suspett ta' frodi lill-OLAF, aġenzija tal-UE ddedikata b'kompetenza esklużiva u b'mandat legali biex tinvestiga l-każijiet kollha bħal dawn.

L-Aġenzija se tieħu azzjoni u tadotta l-miżuri kollha kif xieraq, inkluż it-terminazzjoni ta' kuntratti ta' impjiegi, kontra kwalunkwe persuna li tagħmel frodi jew tipprova tagħmel frodi lill-eu-LISA jew assi u riżorsi oħra tal-UE, jew li b'xi mod tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Aġenzija. Fil-każijiet kollha bħal dawn, l-eu-LISA se tikkoopera bis-sħiħ mal-OLAF kif ukoll ma' kwalunkwe awtorità u istituzzjoni rilevanti oħra tal-UE.

L-Aġenzija kontinwament tfittex li ttejjeb il-miżuri preventivi u ta' detezzjoni tagħha kontra l-frodi sabiex tirrispondi malajr għal bidliet sinifikanti li jaffettwaw il-persunal, il-baġit u l-ambjent operattiv tagħha. Għal dak l-għan, l-Aġenzija tagħmel sforz konsiderevoli biex:

- issaħħaħ kultura kontra l-frodi fi ħdan l-Aġenzija,
- tistabbilixxi u żżomm livell għoli ta' etika,
- tiżviluppa l-intelliġenza għall-finijiet tal-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi.

# Anness XI. Pjan għal Għotjiet, Kontribuzzjonijiet jew SLAs

Dan l-Anness mhuwiex applikabbli għall-eu-LISA'

# Anness XII. Strateġija għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali

## Qafas għall-Kooperazzjoni

Il-qafas sottostanti għall-kooperazzjoni tal-eu-LISA ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali u ma’ entitajiet jew korpi rilevanti oħra jirriżulta mir-Regolament ta’ Stabbiliment tal-eu-LISA. Fejn ikun previst minn att legali tal-Unjoni, l-eu-LISA tista’ tistabbilixxi relazzjonijiet ta’ ħidma ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali rregolati mid-dritt internazzjonali pubbliku, kif ukoll ma’ entitajiet jew korpi rilevanti oħra, li huma stabbiliti minn, jew fuq il-bażi ta’ ftehim bejn żewġ pajjiżi jew aktar sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha. Madankollu, tali arranġamenti kollha ta’ ħidma għandhom jitwettqu biss bl-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-objettivi strateġiċi usa’ tal-UE fid-dominju tal-ĠAI, kif ukoll mal-politiki esterni tal-UE.

Il-prinċipji ġenerali li jiggwidaw il-kooperazzjoni ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istabbiliment ta’ tali arranġamenti ta’ ħidma jridu jiġu allinjati mal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-2021-2027 u għalhekk ikollhom l-għan li:

- jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Aġenzija kif stipulat fir-Regolament ta’ Stabbiliment, b’mod partikolari l-implimentazzjoni tal-ETIAS u l-arkitettura tal-interoperabbiltà,
- jappoġġaw il-prijoritajiet tal-UE f’pajjiżi terzi, b’enfasi fuq l-iżvilupp ta’ sistemi tal-IT fuq skala kbira,
- jippromwovu u jespandu r-rwol tal-eu-LISA bħala ċentru emerġenti ta’ eċċellenza permezz tal-iskambju ta’ għarfien u esperjenzi,
- isaħħu l-kapaċitajiet tal-Aġenzija biex tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali.

L-objettivi tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta’ arranġamenti ta’ ħidma possibbli ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali jew ma’ entitajiet rilevanti se jiġu elaborati aktar fl-Istrateġija riveduta u aġġornata tal-Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati għall-perjodu li jmiss, 2023–2027 (peress li l-istrateġija attwali se tintemm fl-2022).

## Kooperazzjoni ma’ Organizzazzjonijiet Internazzjonali u ma’ Pajjiżi Terzi

Fil-bini ta’ relazzjonijiet ta’ ħidma ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali u ma’ pajjiżi terzi, il-fokus tal-Aġenzija huwa ggwidat mir-Regolament ta’ Stabbiliment tal-eu-LISA u mill-qafas legali u mill-prijoritajiet tal-UE fid-dominju tal-ĠAI. Tingħata prijorità lil suġġetti rilevanti għall-iżvilupp effettiv u għall-ġestjoni operazzjonali ta’ sistemi tal-IT fuq skala kbira, bħall-inizjattivi għall-bini tal-kapaċità, l-iskambju ta’ għarfien espert u tal-aħjar prattiki.

Il-livell attwali ta’ involviment ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi jibqa’ limitat għall-kontribut għal proġetti ġestiti mill-Frontex għall-proġett tal-IPA III ma’ pajjiżi magħżula tal-Balkani tal-Punent, li jistgħu jkomplu hekk kif jirċievu mandat mill-Kummissjoni.

Sabiex jiġu implimentati l-obbligi tal-Aġenzija fir-rigward tal-ETIAS u l-arkitettura tal-interoperabbiltà, jista’ jkun meħtieġ li jiġi konkluż arranġament ta’ ħidma mal-Interpol fi żmien debitu, soġġett għall-konklużjoni tan-negozjati dwar il-ftehim ġenerali bejn l-UE u l-Interpol kif ukoll l-approvazzjoni minn qabel sussegwenti mill-Kummissjoni u l-awtorizzazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

# Anness XIII. Rekwiżit Addizzjonali tal-Persunal

**L-Aġenzija identifikat li sal-2024 iridu jimtlew diversi pożizzjonijiet addizzjonali tal-persunal biex jitwettqu l-attivitajiet ippjanati kollha u biex ikun hemm konformità mal-iskeda l-ġdida.**

L-għadd ta' pożizzjonijiet bħal dawn ġie stmat għal 34 FTEs u l-profili rilevanti ġew identifikati. Madankollu, peress li dawn il-karigi ma kinux riflessi fl-LFSs adottati, fil-proċedura ta' konċiljazzjoni dwar il-baġit tal-2023 tal-eu-LISA, l-awtorità baġitarja se tapprova 6 pożizzjonijiet għall-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mas-sigurtà kif ippreżentat fil-Kapitolu 2.2.3 u fit-Tabella 4 fil-Kapitolu 2.3.2 tal-programm ta' ħidma pluriennali.

It-Tabella 23 tiġbor flimkien il-profili ta' pożizzjonijiet addizzjonali mogħtija lit-tabella tal-persunal tal-eu-LISA għall-2023.

**Tabella 23. Pożizzjonijiet addizzjonali mogħtija fl-2023[102]**

| Profil tal-impjieg | Tip ta' tiġdid tal-kuntratt | FTE |
|---|---|---|
| **Uffiċjal tas-Sigurtà** | AT AD 5 | 3 |
| **Uffiċjal Anzjan tas-Sigurtà** | AT AD 7 | 3 |

[102] Soġġetti għall-inklużjoni fit-tabella tal-persunal adottata tal-2023.

# Anness XIV. Lista ta’ Studji u Valutazzjonijiet tal-Impatt relatati mal-SPD 2023–2025

| Sistema | Objettiv | Impatt fuq l-attività fl-SPD 2023–2025 |
|---|---|---|
| **VIS** | Valutazzjoni tal-impatt relatata mal-fattibbiltà tal-integrazzjoni ta’ monitoraġġ intelliġenti fil-VIS. | **Il-valutazzjoni tal-impatt tal-monitoraġġ intelliġenti tal-VIS** għandha l-għan li tivvaluta l-fattibbiltà tal-integrazzjoni tal-monitoraġġ intelliġenti fil-VIS. Il-kamp ta’ applikazzjoni se jinkludi d-definizzjoni tar-rekwiżiti, id-disponibbiltà u l-istat ta’ tħejjija li jiġu introdotti l-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku għat-tbassir tal-inċidenti tal-VIS, u l-possibbiltà li tiġi pprovduta interfaċċa mal-għodda tal-ITSM għall-ġestjoni awtomatika tal-inċidenti u tal-problemi. Din il-valutazzjoni tal-impatt se tappoġġa l-ġestjoni operazzjonali tal-VIS, b’mod partikolari, il-kompitu tal-eu-LISA li tiżgura li l-aħjar teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji, tintuża għall-VIS ċentrali u l-interfaċċa nazzjonali.[103] |
| **ECRIS-TCN** | Valutazzjoni tal-impatt relatata mar-rikonoxximent tal-wiċċ għall-ECRIS-TCN. | **Il-valutazzjoni tal-impatt tar-rikonoxximent tal-wiċċ tal-ECRIS-TCN** se tappoġġa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward il-bidu tar-rikonoxximent awtomatizzat tal-immaġni tal-wiċċ fl-sBMS għad-*data* tal-immaġni tal-wiċċ tal-ECRIS-TCN. Il-kamp ta’ applikazzjoni se jinkludi l-valutazzjoni tal-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-software għar-rikonoxximent tal-wiċċ, kif ukoll id-disponibbiltà u l-istat ta’ tħejjija ta’ dik it-teknoloġija, il-valutazzjoni tad-*data* tal-immaġni tal-wiċċ li għandha oriġina mill-Istati Membri għall-ipproċessar futur tal-sBMS, id-definizzjoni ta’ miri ta’ akkuratezza u ta’ kwalità tad-*data* li jistgħu jinkisbu u li huma realistiċi, il-valutazzjoni tal-impatt tal-introduzzjoni ta’ mudelli tal-immaġni tal-wiċċ tal-ECRIS-TCN u l-funzjonijiet ta’ rikonoxximent fl-sBMS. |

[103] L-Artikolu 26 (1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta’ *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS), ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81.

La l-eu-LISA u l-ebda persuna li taġixxi f'isem l-eu-LISA mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

© eu-LISA, 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-eu-LISA, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mid-dententuri tad-drittijiet rispettivi. L-eu-LISA ma għandhiex id-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

- paġna ta' quddiem: stampa ta' sfond, © Olena — stock.adobe.com.